# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 100

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 64**

**23 ta' Marzu 2021**

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 100/01 Avviż tal-Kummissjoni — Linji gwida għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar l-implimentazzjoni prattika tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti (1) ........ 1

2021/C 100/02 Avviż tal-Kummissjoni — Dokument ta' gwida għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor (1) ........ 16

2021/C 100/03 Avviż tal-Kummissjoni — Gwida dwar l-Artikoli 34-36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (1) ........ 38

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

## Linji gwida għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar l-implimentazzjoni prattika tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 100/01)

### 1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti ([1]) ("ir-Regolament") jintroduċi qafas komprensiv biex jipproteġi lill-konsumaturi minn prodotti mhux sikuri u mhux konformi u biex jipprovdi kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi.

Is-suq uniku tal-UE jagħti lill-operaturi ekonomiċi aċċess għall-konsumaturi u għal utenti finali oħra fl-Istati Membri kollha, dment li dawn u l-prodotti tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti legali tal-UE mmirati biex jipprovdu sikurezza, prestazzjoni ambjentali u interessi pubbliċi oħra. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-UE ([2]) ("awtoritajiet tal-fruntieri") għandhom jivverifikaw u jinfurzaw dawk ir-rekwiżiti. Dan jista' jkun ta' sfida, speċjalment għall-bejgħ mill-bogħod.

Ir-regoli l-ġodda dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodott jenħtieġ li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti. Dawn jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, jiġifieri jipproteġu lin-negozji li jimmanifatturaw prodotti konformi minn kompetizzjoni inġusta. Jevitaw ukoll li l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq iġarrbu kostijiet mhux meħtieġa fl-investigazzjonijiet tagħhom.

Dawn il-linji gwida jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' dispożizzjoni ewlenija tar-Regolament: L-Artikolu 4 dwar il-"kompiti tal-operaturi ekonomiċi rigward prodotti soġġetti għal ċerta leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni" (ara t-taqsima 6). L-Artikolu 4 jirrikjedi essenzjalment li għal ċerti prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE, irid ikun hemm operatur ekonomiku fl-UE li fuq talba jipprovdi lill-awtoritajiet b'informazzjoni jew jieħu ċerta azzjoni. Dan se japplika mis-16 ta' Lulju 2021 (l-Artikolu 44 tar-Regolament).

Dawn il-linji gwida jipprovdu gwida dwar kif l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jimplimentaw l-Artikolu 4:

— It-Taqsima 2 tispjega l-**kamp ta' applikazzjoni** tiegħu u **liema operatur ekonomiku** jenħtieġ li jaġixxi bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 għal prodott partikolari;

— It-Taqsima 3 tiċċara l-**kompiti** tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4; u

— It-Taqsima 4 tipprovdi aktar dettall dwar l-**applikazzjoni prattika** tal-Artikolu 4 skont it-tip ta' operatur ekonomiku li jaġixxi bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4.

Barra minn hekk, peress li l-għan tal-Artikolu 4 huwa li jiffaċilita l-ħidma **tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-fruntieri**, it-Taqsima 5 tistabbilixxi kif l-awtoritajiet jistgħu jagħmlu użu minn dan ir-rekwiżit fil-prattika.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

([2]) jiġifieri l-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament.

Il-linji gwida huma mfassla biex jgħinu lill-operaturi ekonomiċi u lill-awtoritajiet u jiffaċilitaw implimentazzjoni konsistenti. Dawn jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 biss u ma japplikawx għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti mhux koperta minnha, li tista' timponi rekwiżiti simili iżda differenti ([3]). Dawn jirreferu għar-rekwiżiti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni kif japplikaw fid-data tal-adozzjoni ta' din il-gwida. Gwida komprensiva dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni hija disponibbli fil-*Gwida Blu*, li għaliha jirreferu dawn il-linji gwida ([4]). Il-Kummissjoni se taġġorna din il-gwida fid-dawl ta' żviluppi leġiżlattivi ulterjuri f'oqsma oħra, bħal pereżempju l-Att dwar is-Servizzi Diġitali ([5]).

Dan id-dokument huwa maħsub purament bħala dokument ta' gwida — huwa biss it-test tar-Regolament innifsu li għandu forza legali. Il-linji gwida jirriflettu l-fehmiet tal-Kummissjoni Ewropea u għaldaqstant mhumiex legalment vinkolanti. L-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija l-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-fehmiet espressi hawnhekk ma jistgħux jippreġudikaw il-pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. La l-Kummissjoni u lanqas ebda persuna li taġixxi f'isimha mhi responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

## 2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI U APPLIKAZZJONI

### 2.1 Kamp ta' applikazzjoni

Operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 huwa meħtieġ meta prodott:

— *jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' waħda jew aktar mid-Direttivi jew ir-Regolamenti elenkati fl-Artikolu 4(5) jew ta' leġiżlazzjoni oħra li tagħmel referenza espliċita għall-Artikolu 4.* Din il-"leġiżlazzjoni speċifika għas-settur" tkopri s-sikurezza tal-ġugarelli, it-tagħmir elettriku, it-tagħmir tar-radju, il-kompatibbiltà elettromanjetika, ir-restrizzjoni ta' sustanzi perikolużi f'tagħmir elettriku u elettroniku ("RoHS"), prodotti relatati mal-enerġija ("ekodisinn"), apparati tal-gass, prodotti tal-kostruzzjoni, makkinarju, tagħmir ta' barra ("storbju ta' barra"), tagħmir għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi (ATEX), tagħmir ta' pressjoni, reċipjenti sempliċi taħt pressjoni, oġġetti pirotekniċi, dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni, strumenti tal-kejl, strumenti tal-użin mhux awtomatiċi, tagħmir protettiv personali u sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord ([6]) ("drones") ([7]); u

— *jitqiegħed fis-suq tal-UE* ([8]) *– jiġifieri jsir disponibbli (fornut għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq tal-UE waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas) għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni* ([9]) *– fis-16 ta' Lulju 2021 jew wara (l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 44 tar-Regolament).* Il-prodotti offruti għall-bejgħ online, jew b'mezzi oħra ta' bejgħ mill-bogħod, għandhom jitqiesu bħala disponibbli fis-suq jekk l-offerta tkun immirata lejn utenti finali fl-Unjoni. Offerta għall-bejgħ titqies li hija mmirata lejn l-utenti finali fl-UE jekk l-operatur ekonomiku rilevanti jmexxi, bi kwalunkwe mezz, l-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru (l-Artikolu 6 tar-Regolament) (dan huwa ddeterminat każ b'każ fid-dawl ta' fatturi rilevanti bħaż-żoni ġeografiċi li għalihom id-dispaċċ huwa possibbli, il-lingwa (i) użata/i għall-offerta jew għall-ordni, il-mezzi ta' ħlas, eċċ ([10]).).

Għalhekk, operatur ekonomiku li jkollu l-ħsieb li jqiegħed fis-suq tal-UE fis-16 ta' Lulju 2021 jew wara prodott kopert mill-Artikolu 4 għandu l-ewwel jiżgura li jkun hemm operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 fl-UE. Inkella, tali prodotti ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq tal-UE fis-16 ta' Lulju 2021 jew wara.

---

([3]) eż. Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146), li fl-Artikolu 13 tagħha tirrikjedi li l-manifatturi li ma jkunux jinsabu fl-UE jaħtru rappreżentant awtorizzat, u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59), li fl-Artikolu 4 tiegħu jirrikjedi l-ħatra ta' persuna responsabbli fl-UE. Dawn mhumiex koperti mill-Artikolu 4 jew minn dawn il-linji gwida.

([4]) Avviż tal-Kummissjoni — *Il-Gwida Blu dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti 2016* (ĠU C 272, 26.7.2016, p. 1) jew id-dokument suċċessur tiegħu.

([5]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE — (COM(2020) 825 tal-15.12.2020).

([6]) Kif speċifikat fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 tat-12 ta' Marzu 2019 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 1)

([7]) Informazzjoni dwar liema Direttivi jew Regolamenti jistgħu japplikaw għal prodott partikolari hija disponibbli permezz ta' YourEurope; https://europa.eu/youreurope/business/product/product-rules-specifications/index_mt.htm

([8]) Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku jista' jiġi estiż, pereżempju ladarba r-Regolament jiġi inkluż fl-annessi tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, dan se jinkludi l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

([9]) Ara d-definizzjonijiet (1) u (2) fl-Artikolu 3 tar-Regolament.

([10]) Il-Premessa 15 tar-Regolament. Ara l-Gwida Blu għal aktar dettall dwar it-tqegħid fis-suq (eż. fir-rigward taż-żmien, inkluż għal prodotti li għalihom il-manifattura għadha ma tlestietx fiż-żmien tal-offerta, u prodotti għal fieri kummerċjali).

## 2.2 Determinazzjoni tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4

Erba' tipi ta' operaturi ekonomiċi jistgħu jaġixxu bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4:

— Manifattur ([11]) stabbilit fl-UE

— Importatur ([12]) (skont id-definizzjoni stabbilit fl-UE), meta l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni

— Rappreżentant awtorizzat ([13]) (skont id-definizzjoni stabbilit fl-UE) li jkollu mandat bil-miktub mingħand il-manifattur li jaħtar lir-rappreżentant awtorizzat sabiex iwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 4(3) f'isem il-manifattur

— Fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni ([14]) stabbilit fl-UE fejn ma jkun hemm l-ebda manifattur, importatur jew rappreżentant awtorizzat stabbilit fl-Unjoni

It-Taqsima 4 fiha dettalji dwar ir-rwol ta' dawn l-operaturi ekonomiċi skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur u kif dan huwa relatat mal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 4.

Liema operatur ekonomiku jaġixxi bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jiddependi b'mod partikolari mill-katina tal-provvista. Il-Kaxxa 1 tipprovdi gwida qasira dwar dan u hija segwita minn spjegazzjoni ulterjuri.

([11]) Definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament bħala "kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat, u li tikkummerċjalizza dak il-prodott taħt isimha jew it-trademark tagħha".

([12]) Definit fl-Artikolu 3(9) tar-Regolament bħala "kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni".

([13]) Definit fl-Artikolu 3(12) tar-Regolament bħala "kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f'ismu relattivament għal kompiti speċifikati fir-rigward tal-obbligi tal-manifattur skont il-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni jew skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament".

([14]) Definit fl-Artikolu 3(11) tar-Regolament bħala "kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toffri, waqt attività kummerċjali, mill-inqas tnejn mis-servizzi li ġejjin, jiġifieri: dawk ta' ħżin, imballaġġ, indirizzar u dispaċċ, mingħajr ma jkollha s-sjieda tal-prodotti involuti, esklużi s-servizzi postali kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, servizzi tal-konsenja tal-pakketti kif definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kwalunkwe servizz postali jew servizz ta' trasport tal-merkanzija ieħor".

*Kaxxa 1*

**L-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 fi ktajjen tal-provvista differenti**



Pass 1: Jekk il-manifattur (kemm jekk stabbilit fl-UE kif ukoll jekk le) ikun ta mandat bil-miktub lil **rappreżentant awtorizzat** biex iwettaq il-kompiti speċifiċi skont l-Artikolu 4, dak ir-rappreżentant ikun l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4. F'każijiet oħra, dan jiddependi mill-katina tal-provvista.

Pass 2: Prodotti minn manifatturi stabbiliti fl-UE, kemm jekk jinbiegħu online kif ukoll fi ħwienet "tradizzjonali", ġeneralment jitqiegħdu fis-suq mill-manifattur tal-UE ([15]). Għal tali prodotti, il-**manifattur tal-UE** huwa l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 (sakemm dan ma jkunx ħatar rappreżentant awtorizzat għall-kompiti skont l-Artikolu 4).

Pass 3: Prodotti minn manifatturi stabbiliti barra l-UE li jinbiegħu fi ħwienet "tradizzjonali" fl-UE fil-prinċipju jitqiegħdu fis-suq tal-UE minn importatur ([16]). Għal tali prodotti, l-**importatur** huwa l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 (sakemm il-manifattur ma jkunx ħatar rappreżentant awtorizzat għall-kompiti skont l-Artikolu 4). It-Taqsima 4.2 tispjega x'jiġri jekk ikun hemm diversi importaturi għall-istess tip ta' prodott.

Pass 4: Għal prodotti minn manifatturi stabbiliti barra mill-UE offruti għall-bejgħ online (jew permezz ta' bejgħ mill-bogħod ieħor), jista' jkun hemm ukoll importatur, pereżempju offerta tal-prodott għall-bejgħ online stess jew il-bejgħ tiegħu lil distributur li jagħmel dan.

Pass 5: Jekk ma jkun hemm l-ebda importatur iżda *fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni stabbilit fl-UE jkun qed jimmaniġġja l-prodott*, il-**fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni** huwa l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 (sakemm il-manifattur ma jkunx ħatar rappreżentant awtorizzat għall-kompiti skont l-Artikolu 4). Għall-kuntrarju tal-importaturi u tar-rappreżentanti awtorizzati, il-fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni ma jkollhomx awtomatikament konnessjoni formali mal-manifattur li tippermettilhom iwettqu l-kompiti tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4. Għalhekk, dawn se jkollhom jagħmlu arranġamenti ma' operaturi ekonomiċi li lilhom ikunu qed jipprovdu servizzi ta' eżekuzzjoni ("klijenti") biex jiżguraw li l-ewwel jirċievu mingħand il-klijent, jew direttament mingħand il-manifattur, il-mezzi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 (ara t-Taqsima 4.4);

Pass 6: Meta *l-prodott ikun qed jiġi ttrasportat minn barra l-UE direttament lil utent finali fl-UE*, jekk **rappreżentant awtorizzat** ikun ingħata mandat bil-miktub għall-kompiti speċifiċi skont l-Artikolu 4, dan ikun l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4. Jekk il-manifattur ma jkunx ħatar rappreżentant awtorizzat, il-prodott ma jistax jiġi offrut għall-bejgħ lill-utenti finali tal-UE. L-operatur ekonomiku li jkun qed jippjana li joffri l-prodott għall-bejgħ ([17]) lil utenti finali tal-UE se jkollu jiżgura li l-manifattur jaħtar rappreżentant awtorizzat għal dak il-prodott (ara l-Kaxxa 2).

---

([15]) Il-manifattur huwa ddefinit mill-Artikolu 3 tar-Regolament bħala "kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat, u li tikkummerċjalizza dak il-prodott taħt isimha jew it-trademark tagħha". L-importatur huwa ddefinit bħala "kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni". Dan jimplika li jekk il-prodott jiġi mmanifatturat barra mill-UE, iżda kumpanija li tinsab fis-swieq tal-UE tikkumerċjalizzah taħt isimha jew it-trademark tagħha, dik il-kumpanija titqies bħala l-manifattur. U jekk dak il-manifattur iqiegħed il-prodott fis-suq tal-UE, anke jekk l-importazzjoni attwali ssir minn kumpanija oħra, ma jkun hemm l-ebda "importatur" skont it-tifsira tar-Regolament.

([16]) Ħlief meta l-manifattura ssir fl-UE, filwaqt li l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-UE. F'każ bħal dan, ma jkun hemm l-ebda manifattur fl-UE, u lanqas importatur u b'hekk jifdal biss l-għażliet ta' rappreżentant awtorizzat jew ta' fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni bħala operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4.

([17]) Dan ma għandux jiġi konfuż ma' entità li sempliċiment tospita l-offerta għall-bejgħ online; għal dawn, ara t-Taqsima 2.4.

*Kaxxa 2*

**Il-perspettiva ta' operatur ekonomiku bbażat barra mill-UE li qed jippjana li joffri prodotti għall-bejgħ online lill-konsumaturi tal-UE jew lil utenti finali oħra: X'arranġamenti għandi nagħmel għal operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4? (eżempju)**

— L-ewwel nett, ivverifika li l-prodotti huma maħsuba għas-suq tal-UE u jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE. Jekk ikollok xi dubju, ikkuntattja lill-manifattur.

— Jekk dan ikun kif suppost, iċċekkja mal-manifattur jekk diġà ħatarx rappreżentant awtorizzat għal dawn il-prodotti.

— Jekk iva, kun ċert li l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant awtorizzat huma indikati kif meħtieġ (ara t-Taqsima 2.3).

— Jekk le, esplora (f'kooperazzjoni mal-manifattur) il-modi li ġejjin:

  — jekk beħsiebek toffri l-prodotti għall-bejgħ f'post tas-suq online (ara t-Taqsima 2.4), dak il-post tas-suq joffri servizzi ta' rappreżentant awtorizzat jew ta' eżekuzzjoni?

  — jekk diġà tbigħ prodotti li għalihom huwa meħtieġ rappreżentant awtorizzat fl-UE jew entità simili (eż. kożmetiċi, apparat mediku u tagħmir tal-baħar), dik l-entità tkun interessata li tkun rappreżentant awtorizzat għall-prodotti tiegħek koperti mill-Artikolu 4?

  — hemm assoċjazzjonijiet kummerċjali rilevanti li (jista') jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar rappreżentanti awtorizzati eżistenti (peress li għadd ta' manifatturi ta' prodotti koperti mill-Artikolu 4 jista' diġà jkollhom rappreżentant awtorizzat fl-UE)?

— Meta tkun sibt rappreżentant awtorizzat potenzjali, kun ċert li l-manifattur jawtorizzah biex iwettaq il-kompiti meħtieġa (ara t-Taqsimiet 3 u 4.3). Imbagħad kun ċert li l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant huma indikati kif meħtieġ (ara t-Taqsima 2.3).

— Meta fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni għandu jaġixxi bħala operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4, agħmel arranġamenti prattiċi, b'mod partikolari billi tiżgura li dan jirċievi d-dikjarazzjoni ta' konformità/prestazzjoni għall-prodotti inkwistjoni. Imbagħad kun ċert li l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu huma indikati kif meħtieġ (ara t-Taqsima 2.3)

## 2.3 **Informazzjoni dwar l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4**

L-**isem** (jew l-isem kummerċjali/it-trademark reġistrat/a) **u d-dettalji ta' kuntatt** (inkluż l-indirizz postali) tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 iridu jiġu indikati fuq tal-inqas wieħed minn dawn li ġejjin (l-Artikolu 4(4) tar-Regolament):

— il-prodott;

— l-imballaġġ tiegħu, jiġifieri l-imballaġġ tal-bejgħ;

— il-pakkett, jiġifieri l-imballaġġ biex jiffaċilita l-immaniġġjar u t-trasport;

— dokument ta' akkumpanjament, eż. dikjarazzjoni ta' konformità/prestazzjoni ([18]).

NB: Jekk l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 ikun manifattur jew importatur tal-UE, din l-informazzjoni normalment tkun diġà meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur (ara t-Taqsima 4). Dawk ir-rekwiżiti jistgħu jkunu aktar restrittivi fir-rigward tal-post fejn hija indikata l-informazzjoni, u għandhom jiġu rrispettati.

**Indirizz tas-sit web** jista' jingħata flimkien ma', iżda mhux minlfok, indirizz postali (normalment magħmul minn triq/kaxxa postali, numru tal-bini, kodiċi postali u belt). Barra minn hekk, huwa utli li jiġi inkluż indirizz elettroniku u/jew numru tat-telefon biex jiġu ffaċilitati kuntatti rapidi mal-awtoritajiet rilevanti.

([18]) Indikazzjoni fid-dikjarazzjoni doganali (elettronika) mhijiex biżżejjed, peress li din ma takkumpanjax il-prodott fiżikament.

Huwa possibbli li l-ismijiet ta' **diversi operaturi ekonomiċi** u d-dettalji ta' kuntatt jiġu indikati fuq jew mal-prodott. Filwaqt li jista' ma jkun hemm l-ebda rekwiżit espliċitu li dawn ikunu ppreċeduti minn "manifatturat minn", "importat minn", "rappreżentat minn" jew "sodisfatt minn", l-informazzjoni jenħtieġ li ma tqarraqx bl-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Meta r-rwoli tal-operaturi ma jkunux speċifikati, l-awtoritajiet se jkollhom jiddeterminawhom huma stess. Kull operatur ekonomiku jenħtieġ li jkun jista' jagħti prova tar-rwol tiegħu. Ma hemm l-ebda obbligu li jiġu tradotti t-termini bl-Ingliż "manifatturat minn", "importat minn", "rappreżentat minn" jew "sodisfatt minn"; dawn it-termini bl-Ingliż jitqiesu li jinftiehmu faċilment madwar l-UE kollha.

L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 għandhom ikunu preżenti meta l-prodott jiġi ddikjarat għaċ-ċirkolazzjoni libera fid-**dwana** (l-Artikolu 26(1)(d) tar-Regolament). Għalhekk, f'każ li l-prodott ikun immirat għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-UE u ma jkun previst l-ebda proċessar ulterjuri fuq il-prodott wara l-konsenja tiegħu ([19]), l-operaturi ekonomiċi barra mill-UE li joffru prodotti għall-bejgħ jenħtieġ li jiżguraw li dawn jiġu indikati bil-mod deskritt hawn fuq, billi jżiduhom (jew billi jiżguraw li dawn jiġu miżjuda) qabel it-tbaħħir jekk ikun meħtieġ.

## 2.4 Prodotti mibjugħin permezz ta' postijiet tas-suq online

Post tas-suq online huwa tip ta' servizz tal-kummerċ elettroniku fejn il-prodotti jiġu offruti għall-bejgħ minn diversi operaturi ekonomiċi ([20]). Dan jippermetti lill-operaturi ekonomiċi minn naħa, u lill-utenti finali min-naħa l-oħra, jikkonkludu tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' prodotti.

L-Artikolu 4 japplika għal prodotti mibjugħin permezz ta' postijiet tas-suq online.

Dan ma jqiegħed l-ebda obbligu speċifiku fuq il-postijiet tas-suq online fejn dawn ikunu sempliċiment qed jipprovdu servizzi intermedjarji lil bejjiegħa terzi u jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]). Fis-sitwazzjoni fejn post tas-suq online jintermedja l-offerta għall-bejgħ lill-utenti finali tal-UE ta' prodott kopert mill-Artikolu 4 li għalih ma hemm l-ebda operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 ([22]) u jikseb għarfien jew konoxxenza attwali tal-kontenut illegali (eż. permezz ta' avviż preċiż biżżejjed u sostanzjat b'mod adegwat minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq), dak il-post tas-suq online jista' jiddependi biss mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà stabbilita fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31/KE, jekk malli jikseb tali għarfien jew konoxxenza, jaġixxi malajr biex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-kontenut illegali inkwistjoni.

Meta post tas-suq online jkun ukoll manifattur, importatur, rappreżentant awtorizzat jew fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni, dan jista' jkun l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4.

## 3. IL-KOMPITI TAL-OPERATUR EKONOMIKU MSEMMI FL-ARTIKOLU 4

Din it-taqsima tikkategorizza u tipprovdi gwida dwar il-kompiti tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4. Dak l-operatur ekonomiku, speċjalment jekk ikun manifattur jew importatur tal-UE, jista' jkollu diġà obbligi skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur (skont kif jiġi kklassifikat) li jkopru bis-sħiħ jew parzjalment dawk il-kompiti (ara t-Taqsima 4).

L-ewwel nett, skont l-Artikolu 4(3)(a), l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 għandu jwettaq għadd ta' kompiti meta **jaqdi dmirijietu** jew meta jiżdied **prodott ġdid** fil-portafoll tiegħu:

---

([19]) Il-Premessa 53 tar-Regolament tfakkar li l-Artikoli 220, 254, 256, 257 u 258 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1) jipprevedu li l-prodotti li jidħlu fis-suq tal-UE li jirrikjedu proċessar ulterjuri sabiex ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE dwar l-armonizzazzjoni għandhom jitqiegħdu taħt il-proċedura doganali xierqa li tippermetti dan l-ipproċessar mill-importatur.

([20]) L-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1) jiddefinixxi "post tas-suq online" kif ġej: "*fornitur ta' servizz, kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku), li jippermetti lill-konsumaturi u n-negozjanti li jikkonkludu kuntratti ta' bejgħ u servizzi online fis-sit web tal-post tas-suq online*".

([21]) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

([22]) Dan jaqa' taħt "attività jew informazzjoni illegali" msemmija fl-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31/KE, minħabba li jikkonforma mal-Artikolu 4 tar-Regolament.

— jivverifika li tkun tfasslet id-dikjarazzjoni ta' konformità/prestazzjoni u jżommha – il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur kollha koperta mill-Artikolu 4 tirrikjedi tali dikjarazzjonijiet ([23]). Kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni koperta mill-Artikolu 4, dawn għandhom jinżammu għal 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq ([24]). Fejn japplika aktar minn att leġiżlattiv wieħed għal prodott, titfassal dikjarazzjoni waħda ta' konformità għall-atti applikabbli kollha flimkien ([25]); u

— jivverifika li d-dokumentazzjoni teknika tkun tfasslet ([26]) u jiżgura li din tkun tista' ssir disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fuq talba – meta l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 ma jżommx id-dokumentazzjoni nnifisha, dan jimplika l-verifika li d-dokumentazzjoni teżisti u l-kisba ta' assigurazzjonijiet mill-manifattur li dan se jaqsamha fuq talba, jew mal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jew mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq direttament (ara hawn taħt).

It-tieni, skont l-Artikolu 4(3)(c) u (d), meta l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 ikollu raġuni biex jemmen li prodott jippreżenta **riskju** ([27]), dan irid:

— jikkuntattja lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rilevanti. Huwa jenħtieġ li jagħmel dan f'kull Stat Membru li fih il-prodott ikun sar disponibbli ([28]); huwa importanti wkoll li jinfurmahom dwar l-azzjoni korrettiva li ttieħdet jew li tkun se tittieħed; u

— jiżgura li l-azzjoni korrettiva meħtieġa tittieħed minnufih biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità jew, jekk dan ma jkunx possibbli, biex jiġi mmitigat ir-riskju (ara hawn taħt).

Finalment, skont l-Artikolu 4(3)(a), (b) u (d), l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 irid jieħu ċerta azzjoni **meta jintalab** jagħmel dan minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq:

— jipprovdi lil dik l-awtorità bid-dikjarazzjoni ta' konformità/prestazzjoni;

— jipprovdi lill-awtorità bid-dokumentazzjoni teknika jew, fejn l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 ma jżommx din id-dokumentazzjoni, jiżgura li d-dokumentazzjoni teknika tiġi pprovduta lill-awtorità (b'mod partikolari mill-manifattur);

— jipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni oħra biex juri l-konformità tal-prodott (dan jista' jinkludi eż. ċertifikati u deċiżjonijiet minn korp notifikat) b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-awtorità (li għandha tiġi nnegozjata mal-awtorità – din tista' tkun lingwa oħra minbarra l-lingwa(i) nazzjonali);

— jikkoopera mal-awtorità. L-azzjoni meħtieġa se tiddependi mit-talba tal-awtorità, li għandha tkun skont il-prinċipju tal-proporzjonalità (l-Artikolu 14(2) tar-Regolament); u

— jiżgura li l-azzjoni korrettiva meħtieġa tittieħed minnufih biex jiġi rrimedjat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni applikabbli għall-prodott inkwistjoni jew, jekk dan ma jkunx possibbli, biex jiġu mmitigati r-riskji ppreżentati mill-prodott. L-azzjoni tista' tinvolvi li l-prodott isir konformi, jiġi rtirat jew inkella jittieħed lura, kif xieraq ([29]). L-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 ma għandux għalfejn jieħu azzjoni korrettiva jew jimmitiga r-riskju nnifsu jekk dak l-operatur ekonomiku ma jkunx obbligat jagħmel dan skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, iżda jrid jiżgura li tittieħed azzjoni, eż. billi jitlob lill-manifattur iwieġeb għat-talba u jivverifika li jkun għamel dan.

---

([23]) Id-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni għall-prodotti tal-kostruzzjoni; id-dikjarazzjoni ta' konformità għal oħrajn.

([24]) Il-leġiżlazzjoni dwar l-istorbju ta' barra, il-makkinarju, u l-ekodisinn tispeċifika 10 snin mill-aħħar data tal-manifattura.

([25]) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

([26]) Il-leġiżlazzjoni kollha koperta mill-Artikolu 4 tirrikjedi li l-manifattur ifassal id-dokumentazzjoni teknika.

([27]) L-Artikolu 3(19) tar-Regolament jiddefinixxi "prodott li jippreżenta riskju" bħala "prodott li għandu l-potenzjal li jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa u s-sikurezza tal-persuni inġenerali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, il-protezzjoni tal-konsumaturi, l-ambjent, is-sikurezza pubblika u interessi pubbliċi oħra, protetti bil-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni sa ċertu punt li jmur lil hinn minn dak li huwa meqjus bħala raġonevoli u aċċettabbli fir-rigward tal-iskop maħsub tiegħu jew skont il-kundizzjonijiet normali jew prevedibbli b'mod raġonevoli tal-użu tal-prodott ikkonċernat, inkluża d-durata tal-użu u, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti tat-tqegħid tiegħu fis-servizz, tal-installazzjoni tiegħu u tal-manutenzjoni tiegħu".

([28]) Għal informazzjoni ta' kuntatt, ara: https://ec.europa.eu/growth/single-market/goods/building-blocks/market-surveillance/organisation_mt

([29]) Dawn l-għażliet huma speċifikament imsemmija fil-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur għall-manifattur u l-importatur; azzjonijiet korrettivi potenzjali oħra huma elenkati fl-Artikolu 16 tar-Regolament.

L-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jenħtieġ li jaġixxi fi **żmien raġonevoli** jew fi kwalunkwe skadenza stabbilita mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Dan jenħtieġ li jipprovdi d-dikjarazzjoni ta' konformità/prestazzjoni mingħajr dewmien u dokumenti oħra f'perjodu ta' żmien raġonevoli ([30]).

Jekk l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 isib li ma **jistax iwettaq kompitu wieħed jew aktar mill-kompiti tiegħu** minħabba problema fir-relazzjonijiet tiegħu mal-manifattur ([31]) (eż. il-manifattur ma jweġibx għal talba), segwitu xieraq ikun li jfakkar lill-manifattur dwar l-obbligi tiegħu skont il-leġiżlazzjoni tal-UE. Jekk il-problema tippersisti, il-konsegwenza loġika tista' tkun li jieħu l-miżuri meħtieġa biex ma jibqax l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 għall-prodotti inkwistjoni, fuq il-bażi li ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 4. Fi kliem ieħor, fil-każ ta':

— *importatur* – ma setax ikompli jqiegħed il-prodotti fis-suq;

— *rappreżentant awtorizzat – jista' jipprova jtemm ir-relazzjoni tiegħu mal-manifattur;*

— *fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni* – ma setax jibqa' jimmaniġġja l-prodotti, jiġifieri ma jibgħathomx lill-utenti finali.

L-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jista' jiġi **ssanzjonat** ([32]) jekk ma jissodisfax il-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 4. Kwalunkwe penali trid tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva (l-Artikolu 41(2) tar-Regolament). Il-manifattur jibqa' responsabbli għall-konformità tal-prodott mal-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur u (bħal atturi oħra fil-katina tal-provvista) iżomm kwalunkwe obbligu legali li għandu fir-rigward ta' prodotti, garanziji, responsabbiltà għal prodotti difettużi, eċċ. L-Artikolu 4 ma jimponix obbligi legali addizzjonali fil-konfront tal-konsumaturi jew utenti finali oħra.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET PRATTIĊI GĦALL-OPERATURI EKONOMIĊI

Il-kompiti tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 (kif deskritt fl-Artikolu 4) huma l-istess irrispettivament minn liema tip ta' operatur ekonomiku qed iwettaqhom, iżda l-punt sa fejn jikkoinċidu mal-kompiti l-oħra tal-operatur ekonomiku skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur ivarja. L-"obbligi tal-Artikolu 4" kollha japplikaw, irrispettivament minn dak li tirrikjedi l-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur tal-operatur ekonomiku inkwistjoni. Hemm xi differenzi settorjali, iżda l-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni ssegwi mill-qrib id-dispożizzjonijiet legali mudell dwar l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi ([33]). Din it-taqsima tenfasizza d-differenzi li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4.

### 4.1 Manifatturi stabbiliti fl-UE

Manifattur huwa persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat, u li tikkummerċjalizza dak il-prodott taħt isimha jew it-trademark tagħha (l-Artikolu 3 tar-Regolament) ([34]). Jekk stabbilit fl-UE, fil-prinċipju dan huwa l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4, sakemm ma jkunx ħatar rappreżentant awtorizzat għall-kompiti speċifiċi skont l-Artikolu 4.

Il-manifatturi stabbiliti fl-UE diġà għandhom responsabbiltajiet skont leġiżlazzjoni speċifika għas-settur li b'mod ġenerali jikkoinċidu mal-obbligi skont l-Artikolu 4(3) u jmorru lil hinn minnhom. Eċċezzjoni hija li – għall-kuntrarju tal-Artikolu 4 – il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istorbju ta' barra, il-makkinarju u l-ekodisinn ma tobbligahomx espliċitament biex jinfurmaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fejn ikollhom raġuni biex jemmnu li prodott kopert minn tali leġiżlazzjoni jippreżenta riskju. Madankollu, il-manifatturi stabbiliti fl-UE u li huma l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 se jkollhom jagħmlu dan għall-prodotti koperti minn dawn l-atti leġiżlattivi.

([30]) Xi leġiżlazzjoni speċifika għas-settur (eż. dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u l-ekodisinn) fiha dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar il-puntwalità li biha ċerti operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq b'ċerta dokumentazzjoni. Dawn għadhom japplikaw.

([31]) Jew jekk fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni jiġi mfixkel minn problema mal-klijent tiegħu jew bejn il-klijent tiegħu u l-manifattur.

([32]) L-Artikolu 41(1) tar-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali fir-rigward ta' dan u ċerti dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament.

([33]) Kif stabbilit fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE; il-*Gwida Blu* tipprovdi gwida ulterjuri dwar l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi.

([34]) Xi leġiżlazzjoni speċifika għas-settur fiha definizzjoni differenti tal-manifattur. B'mod partikolari, id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10) tħalli barra "jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat".

Il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur tirrikjedi li l-isem/it-trademark u l-indirizz tal-manifattur jiġu indikati fuq il-prodott; madanakollu:

— għal xi setturi, dik l-informazzjoni tista' f'ċerti ċirkostanzi tiġi indikata minflok fuq l-imballaġġ jew f'dokument ta' akkumpanjament;

— il-leġiżlazzjoni tal-ekodisinn ma fiha l-ebda rekwiżit bħal dan;

— minflok, il-leġiżlazzjoni dwar l-istorbju ta' barra u l-makkinarju tirrikjedi li l-isem u l-indirizz jiġu indikati fid-dikjarazzjoni ta' konformità ([35]) (jew fid-dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni, fil-każ ta' makkinarju parzjalment komplut ([36])) u li d-dikjarazzjoni takkumpanja l-prodott ([37]).

Għalhekk, fil-każ eċċezzjonali ta' prodott kopert mil-leġiżlazzjoni tal-ekodisinn iżda mhux mil-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur l-oħra koperta mill-Artikolu 4, l-Artikolu 4 jirrikjedi li l-manifatturi stabbiliti fl-UE u li huma l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jieħdu l-azzjoni addizzjonali li jindikaw isimhom u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

### 4.2 **Importaturi**

Importatur huwa persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-UE li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-UE (l-Artikolu 3 tar-Regolament). Jekk ikun hemm importatur fl-UE, fil-prinċipju dan huwa l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4, sakemm il-manifattur ma jkunx ħatar rappreżentant awtorizzat għall-kompiti speċifiċi skont l-Artikolu 4.

Il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur b'mod ġenerali timponi fuq l-importatur obbligi li jikkoinċidu mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(3) u jmorru lil hinn minnhom ([38]). Għal darb'oħra, eċċezzjoni hija li – għall-kuntrarju tal-Artikolu 4 – il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istorbju ta' barra, il-makkinarju u l-ekodisinn ma tobbligax b'mod espliċitu lill-importaturi biex jinformaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fejn ikollhom raġuni biex jemmnu li prodott kopert minn tali leġiżlazzjoni jippreżenta riskju. Madankollu, l-importaturi ta' prodotti li jaqgħu taħt dik il-leġiżlazzjoni u li huma l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 se jkollhom jagħmlu dan għall-prodotti koperti minn dawn l-atti leġiżlattivi.

Id-dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur dwar l-indikazzjoni tal-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-importatur fuq jew mal-prodott huma fil-biċċa l-kbira l-istess bħal dawk għall-manifattur (ara hawn fuq). Għalhekk, f'każijiet eċċezzjonali biss l-Artikolu 4 jirrikjedi li l-importatur li huwa l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jieħu l-azzjoni addizzjonali li jindika ismu u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu.

Meta diversi importaturi jimmaniġġjaw l-istess tip ta' prodott, kull wieħed minnhom ikun l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 għall-unitajiet li jkun qiegħed fis-suq tal-UE u jkollu jiżgura li ismu jidher fuq jew ma' dawk l-unitajiet, kif meħtieġ. Dan diġà huwa l-każ skont leġiżlazzjoni speċifika għas-settur fejn hemm diversi importaturi għall-istess tip ta' prodott. Għalhekk, prodott individwali jenħtieġ li fil-prinċipju jkollu biss l-isem tal-importatur rilevanti.

### 4.3 **Rappreżentanti awtorizzati**

Rappreżentant awtorizzat huwa persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-UE li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f'ismu relattivament għal kompiti speċifikati fir-rigward tal-obbligi tal-manifattur skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni jew skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/1020 (l-Artikolu 3 tar-Regolament). Jekk manifattur ikun irid li rappreżentant awtorizzat jaġixxi bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4, dan irid jiżgura li l-mandat jinkludi l-kompiti kollha elenkati fl-Artikolu 4(3). Ir-rappreżentant awtorizzat irid ikollu l-mezzi xierqa biex ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament).

([35]) L-Anness II għad-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1) u l-Parti 1.A.1 tal-Anness II għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju u li jħassar id-Direttiva 95/16/KE (riformulazzjoni) (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24), rispettivament.

([36]) Il-Parti 1.B.1 tal-Anness II għad-Direttiva 2006/42/KE

([37]) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/14/KE u l-Artikolu 5(1)(e) tad-Direttiva 2006/42/KE, rispettivament.

([38]) Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istorbju ta' barra (l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/14/KE) u l-makkinarju (l-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2006/42/KE) ma tużax it-terminu "importatur", iżda tirreferi għal "kwalunkwe persuna [oħra] li tqiegħed [il-prodott] fis-suq".

Leġiżlazzjoni speċifika għas-settur ta' spiss tippermetti l-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat ([39]). Meta tittieħed dik l-għażla, ġeneralment dan jirrikjedi li r-rappreżentant jingħata l-mandat li tal-inqas jagħmel dan li ġej:

— iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità/prestazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq għal perjodu speċifikat (ġeneralment 10 snin fil-każ tal-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur koperta mill-Artikolu 4);

— b'segwitu għal talba motivata, jipprovdi lil awtorità nazzjonali kompetenti l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ta' prodott; u

— jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom, fir-rigward ta' kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati minn prodotti ([40]) koperti mill-mandat tiegħu.

Eċċezzjonijiet għal dan jistgħu jinstabu fil-leġiżlazzjoni dwar l-istorbju ta' barra, il-makkinarju u l-ekodisinn, li skontha r-rappreżentant awtorizzat għandu kompiti differenti, eqreb ta' dawk tal-manifattur.

Meta manifattur ikun ħatar rappreżentant awtorizzat skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur u jkun iridu jaġixxi bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4, dan għalhekk ikollu jirrevedi l-mandat tiegħu biex jiżgura li jinkludi l-kompiti kollha elenkati fl-Artikolu 4(3). B'mod partikolari, jista' jkollu jżid kompiti li għandhom jitwettqu meta r-rappreżentant ikollu raġuni biex jemmen li prodott jippreżenta riskju.

Bl-istess mod, meta manifattur ikun qed jippjana li jaħtar rappreżentant awtorizzat bil-għan li jiffaċilita l-konformità mal-Artikolu 4, u meta jkun irid jaħtar rappreżentant awtorizzat fil-qafas tal-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, dan se jkollu jivverifika l-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur applikabbli għal kompiti possibbli flimkien ma' dawk meħtieġa mill-Artikolu 4.

Minbarra l-kompiti elenkati fl-Artikolu 4(3), ir-rappreżentant awtorizzat irid ukoll, fuq talba, jipprovdi lil awtorità tas-sorveljanza tas-suq b'kopja tal-mandat tiegħu f'lingwa tal-UE determinata mill-awtorità (l-Artikolu 5(2) tar-Regolament).

Il-leġiżlazzjoni dwar l-istorbju ta' barra, il-makkinarju u l-prodotti tal-kostruzzjoni tirrikjedi li l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant awtorizzat jiġu indikati fid-dikjarazzjoni ta' konformità/prestazzjoni ([41]) li għandha takkumpanja dawn il-prodotti ([42]). F'ħafna setturi oħra, il-leġiżlazzjoni tirrikjedi li l-manifattur jindika indirizz ta' kuntatt fuq jew mal-prodott; dak l-indirizz jista' jkun dak tar-rappreżentant awtorizzat. Fejn l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' rappreżentant awtorizzat li huwa l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 ikunu għadhom mhumiex indikati fuq jew mal-prodott, l-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq tal-UE jenħtieġ li jiżgura li dawn jiżdiedu kif meħtieġ (għal proċess aktar faċli, huwa jista' jitlob lill-manifattur jagħmel dan b'mod sistematiku).

### 4.4 **Fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni stabbiliti fl-UE**

Fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni huwa persuna fiżika jew ġuridika li toffri mill-inqas tnejn mis-servizzi li ġejjin waqt attività kummerċjali, mingħajr ma jkollha s-sjieda tal-prodotti involuti:

— ħżin;

— imballaġġ;

— indirizzar; u

— dispaċċ.

([39]) Ħlief għal oġġetti pirotekniċi. Madankollu, bis-saħħa tal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament, rappreżentant awtorizzat jista' jinħatar għal oġġetti pirotekniċi; f'dak il-każ, il-kompiti tiegħu se jkunu dawk elenkati fl-Artikolu 4.

([40]) Fil-każ ta' leġiżlazzjoni dwar l-RoHS, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex tiġi żgurata l-konformità (l-Artikolu 8(b) tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88), u fil-każ ta' leġiżlazzjoni dwar id-drones, dwar kwalunkwe azzjoni biex jiġi eliminat in-nuqqas ta' konformità jew ir-riskji tas-sikurezza (l-Artikolu 7(2)(c) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 tat-12 ta' Marzu 2019 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 1)

([41]) L-Anness II tad-Direttiva 2000/14/KE, il-Parti 1.A.1 tal-Anness II tad-Direttiva 2006/42/KE, u l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5), rispettivament.

([42]) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/14/KE, l-Artikolu 5(1)(e) tad-Direttiva 2006/42/KE, u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, rispettivament.

Is-servizzi kwalifikanti ma jinkludux servizzi postali ([43]), servizzi tal-konsenja tal-pakketti ([44]) jew kwalunkwe servizz postali jew tat-trasport tal-merkanzija ieħor (l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni normalment jaħżnu l-prodotti fl-UE, sabiex ikunu jistgħu jitwasslu malajr lill-konsumaturi tal-UE jew lil utenti finali oħra malli jiġu ordnati online. Għaldaqstant, huma jipprovdu servizzi lil operaturi ekonomiċi oħra. Meta jirċievu ordni, huma jippakkjaw il-prodott (sakemm ma jkunx diġà ppakkjat kif suppost għat-trasport), iwaħħlu l-indirizz tal-kunsinna u jibagħtuh, jew billi jgħadduh lil servizz postali, tal-pakketti jew tat-trasport jew billi jwassluh huma stess.

Hemm firxa wiesgħa ta' xenarji operattivi għas-servizzi ta' eżekuzzjoni, iżda kif deskritt hawn dawn imorru lil hinn minn dawk tal-fornituri tas-servizzi postali/tal-pakketti (jiġifieri l-ikklerjar u s-separazzjoni, it-trasport u l-konsenja ta' pakketti). Meta persuna fiżika jew ġuridika toffri kemm servizzi ta' eżekuzzjoni kif ukoll servizzi ta' konsenja postali/tal-pakketti jew tat-trasport tal-merkanzija, l-Artikolu 4 jista' jkun ta' rilevanza biss fir-rigward tal-prodotti mmaniġġjati mis-servizzi ta' eżekuzzjoni tagħha.

Il-fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni stabbiliti fl-UE huma l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 għall-prodotti li jimmaniġġjaw f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda manifattur, importatur jew rappreżentant awtorizzat fl-UE għal dawk il-prodotti. Għalhekk, qabel ma jaqblu li jipprovdu s-servizz ta' eżekuzzjoni għal prodott kopert mill-Artikolu 4, huma jenħtieġ li jivverifikaw mal-klijent tagħhom jekk diġà hemmx wieħed mit-tipi l-oħra ta' operatur ekonomiku fl-UE għal dak il-prodott. Jekk le, dawn se jkunu l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4.

Il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur ma tirreferix għall-fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni. Għalhekk, meta jaġixxu bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4, jeħtieġ li dawn jagħmlu arranġamenti mal-klijenti tagħhom biex jiżguraw li, qabel ma jaqblu li jipprovdu s-servizz, jirċievu mingħand il-klijent, jew direttament mingħand il-manifattur, il-mezzi biex jissodisfaw l-obbligi, b'mod partikolari:

— id-dikjarazzjoni ta' konformità/prestazzjoni għall-prodotti inkwistjoni; u
— l-iżgurar tal-kooperazzjoni biex tgħinhom iwettqu kompiti oħra, bħal:
  — l-għoti ta' dokumentazzjoni teknika; u
  — t-teħid ta' azzjoni korrettiva meta mitlub mill-awtoritajiet.

Il-klijent jenħtieġ li jiżgura li l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur tas-servizz jiġu indikati fuq jew mal-prodott, sakemm il-manifattur ma jkunx diġà għamel dan. Il-klijent jista' jagħmel dan huwa stess jew jitlob lil xi ħadd biex jagħmel dan qabel ma l-prodott jiġi ddikjarat għaċ-ċirkolazzjoni libera fid-dwana (ara t-Taqsima 2.3).

Bħal fil-każ tal-importaturi, jista' jkun hemm diversi fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni għal tip partikolari ta' prodott. Kull wieħed huwa l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 għall-unitajiet li jimmaniġġja, u jrid ikollu ismu u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu fuq jew ma' dawn l-unitajiet.

Il-manifattur jista' jaħtar fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni bħala r-rappreżentant awtorizzat tiegħu. F'każijiet bħal dawn, minflok, il-partijiet ta' dawn il-linji gwida li jikkonċernaw rappreżentanti awtorizzati huma rilevanti.

([43]) Kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).

([44]) Kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 19).

*Kaxxa 3*

**Jien fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni fl-UE – x'għandi nagħmel? (eżempju)**

Lista ta' kontroll prattika tinkludi dan li ġej:

— agħmel il-klijenti eżistenti u potenzjali konxji tal-fatt li, kwalunkwe prodott kopert mill-Artikolu 4 li qed ibigħu jrid ikun marbut ma' operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4. Iddireġihom lejn l-Artikolu 4 u dawn il-linji gwida;

— indika lill-klijenti li inti se tkun l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jekk ma jkun hemm l-ebda manifattur, importatur jew rappreżentant awtorizzat stabbilit fl-UE (jew, jekk inti ma tridx, iċċara dan il-fatt u indika li huma ma jistgħux jużaw is-servizzi ta' eżekuzzjoni tiegħek għal dawk il-prodotti sakemm ma jkunx hemm manifattur, importatur jew rappreżentant awtorizzat fl-UE);

— jekk il-klijenti jkunu jriduk taġixxi bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4, iċċekkja jekk intix diġà qed twettaq dan ir-rwol għall-istess tip ta' prodott għal klijent ieħor – jekk iva, diġà għandek dak kollu li teħtieġ; jekk le, iddeċiedi sa liema punt se torganizza x'għandek bżonn u sa liema punt trid li l-klijent jagħmel dan għalik;

— informa lill-klijenti li jriduk taġixxi bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 x'iridu jagħmlu qabel ma jkunu jistgħu jibdew jużaw is-servizzi ta' eżekuzzjoni tiegħek, eż. ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-manifattur, id-dikjarazzjonijiet ta' konformità/prestazzjoni, eċċ.;

— informa lill-klijenti ladarba jkunu saru l-arranġamenti kollha biex inti taġixxi bħala l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4, sabiex ikunu jistgħu jibdew joffru l-prodotti għall-bejgħ.

## 5. SORVELJANZA TAS-SUQ U KONTROLLI FUQ PRODOTTI LI JIDHLU FIS-SUQ TAL-UE

### 5.1 Sorveljanza tas-suq

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu kontrolli xierqa fuq il-karatteristiċi tal-prodotti fuq skala adegwata (l-Artikolu 11(3) tar-Regolament). Fid-deċiżjoni dwar liema kontrolli għandhom jitwettqu, fuq liema tipi ta' prodotti u fuq liema skala, huma għandhom isegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju (Ibid.) imfassal biex jikseb l-akbar impatt fuq is-suq.

Wara li jiddeċiedu liema prodotti għandhom jikkontrollaw jista' jkollhom bżonn jitolbu **dokumentazzjoni tal-konformità**. L-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jgħinhom jiksbu din l-informazzjoni billi jiffaċilita l-kuntatt u l-kooperazzjoni tagħhom mal-manifattur. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jikkuntattjaw lill-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 direttament anke jekk ikun jinsab fi Stat Membru ieħor ([45]). Dawn jenħtieġ li jkunu speċifiċi dwar it-tip ta' dokumenti li jeħtieġu u l-prodotti li għalihom jeħtieġu dawn id-dokumenti.

Fil-każ ta' bejgħ online jew bejgħ mill-bogħod ieħor fejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jridu jivverifikaw id-dokumentazzjoni tal-konformità mingħajr jew qabel ma jivverifikaw il-prodott, dawn jista' ma jkollhomx l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4. F'każijiet bħal dawn, dawn jistgħu jikkuntattjaw lill-operatur ekonomiku (kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament) li jkun qed joffri l-prodott għall-bejgħ biex jitolbu dan ([46]).

L-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 se jservi bħala kuntatt biex isolvi **mistoqsijiet jew problemi** li jmorru lil hinn mid-dokumentazzjoni (l-Artikolu 4(3)(d) tar-Regolament). F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet jenħtieġ li jagħmluha ċara x'jistennew minnu.

([45]) Jekk awtorità tas-sorveljanza tas-suq ikollha diffikultà biex tagħmel dan, din tista' titlob assistenza minn awtorità fl-Istat Membru l-ieħor permezz tal-proċeduri u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu VI tar-Regolament.

([46]) Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament, l-operaturi ekonomiċi (kif definiti fl-Artikolu 3) għandhom obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rigward ċerti azzjonijiet. Il-Premessa 24 tar-Regolament tiddikjara li dan jinkludi l-għoti ta' informazzjoni ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku b'kompiti rigward prodotti soġġetti għal ċerta leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni meta tintalab mill-awtoritajiet u meta din l-informazzjoni tkun disponibbli għalihom.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jikkuntattjaw lill-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 dwar kwistjoni li hija rilevanti għall-manifattur li l-prodott(i) tiegħu/tagħhom jiġi/u ttrattat(i) minnu, iżda dan ma jaqax speċifikament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4, jiġifieri kwistjoni li tikkonċerna leġiżlazzjoni jew prodotti mhux koperti mill-Artikolu 4. Għalkemm l-Artikolu 4 ma jipprovdix speċifikament għal tali talbiet, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 huwa mħeġġeġ jiffaċilita l-kuntatti bejn l-awtoritajiet u l-manifatturi għal dawn l-għanijiet.

## 5.2 **Kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-UE**

L-awtoritajiet tal-fruntieri għandhom id-dmir li jikkontrollaw il-prodotti li jidħlu fl-UE. Huma jagħmlu dan abbażi ta' analiżi tar-riskju. Meta jwettqu kontrolli fiżiċi fuq prodotti koperti mill-Artikolu 4, huwa rakkomandat li jivverifikaw jekk l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 humiex indikati fuq il-prodott, l-imballaġġ, il-pakkett jew fuq kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament (l-Artikolu 4(4) tar-Regolament). Jekk dan ma jkunx il-każ jew ikollhom raġuni biex jemmnu li għal raġuni oħra l-prodott ma jikkonformax mal-Artikolu 4 ([47]), dawn jenħtieġ li jissospendu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, jinnotifikaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq (l-Artikolu 26 tar-Regolament) u jistennew ir-reazzjoni tagħhom.

## 5.3 **Nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 4**

Minħabba li l-għan tal-Artikolu 4 huwa prinċipalment li jiffaċilita l-kontrolli fuq id-dokumenti ta' konformità, in-nuqqas tal-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 huwa problematiku, peress li jfixkel is-sorveljanza tas-suq. Hija wkoll indikazzjoni li l-prodott jista' ma jkunx maħsub għas-suq tal-UE u/jew jista' ma jikkonformax mar-regoli tal-UE.

Għalhekk, meta matul l-investigazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 huma neqsin, dawn jenħtieġ li jitolbu lill-operatur ekonomiku rilevanti ([48]) jieħu azzjoni korrettiva. Huma għandhom ukoll is-setgħa li jimponu penali (l-Artikolu 14(4)(i) tar-Regolament).

L-istess japplika meta l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jiġu indikati fuq jew ma' prodott, iżda matul l-investigazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet isibu li dawn huma foloz, eż. l-indirizz ma jeżistix jew ma jeżisti l-ebda operatur bħal dan f'dak l-indirizz.

Ir-rekwiżit li jiġu indikati l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 mhuwiex maħsub bħala l-oġġett ewlieni ta' investigazzjoni. Madankollu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jieħdu azzjoni speċifika f'dan il-qasam fil-kuntest tas-sensibilizzazzjoni dwaru, possibbilment permezz ta' azzjonijiet konġunti madwar l-UE.

Kif imsemmi fit-Taqsima 3, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 innifsu jista' jiġi ssanzjonat jekk ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu, u b'mod partikolari jekk ma jikkooperax (l-Artikolu 41(1) tar-Regolament). Kwalunkwe penali għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva (l-Artikolu 41(2) tar-Regolament).

---

([47]) Pereżempju, meta l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4 jiġu indikati fuq jew ma' prodott, iżda matul il-kontroll tagħhom, isibu li dawn huma foloz, eż. l-indirizz ma jeżistix jew ma jeżisti l-ebda operatur bħal dan f'dak l-indirizz.

([48]) Normalment, il-manifattur (sakemm, pereżempju, il-manifattur ma kellux l-intenzjoni li l-prodotti jitqiegħdu fis-suq tal-UE, iżda madankollu operatur ekonomiku ieħor għamel dan). Dan se jkun possibbli biss jekk il-manifattur ikun jista' jiġi identifikat, flimkien mal-informazzjoni ta' kuntatt tiegħu.

6. **IT-TEST TAD-DISPOZIZZJONI**

*Artikolu 4*

**Kompiti tal-operaturi ekonomiċi rigward prodotti soġġetti għal ċerta leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni**

1. Minkejja kwalunkwe obbligu stabbilit fil-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, prodott soġġett għal-leġislazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 jista' jitqiegħed fis-suq biss jekk ikun hemm operatur ekonomiku stabbilit fl-Unjoni li jkun responsabbli għall-kompiti stabbiliti fil-paragrafu 3 fir-rigward ta' dak il-prodott.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 ifisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) manifattur stabbilit fl-Unjoni;

(b) importatur, meta l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni;

(c) rappreżentant awtorizzat li jkollu mandat bil-miktub mingħand il-manifattur li jiddeżinja lir-rappreżentant awtorizzat sabiex iwettaq il-kompiti stabbiliti fil-paragrafu 3 f'isem il-manifattur;

(d) fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni stabbilit fl-Unjoni fir-rigward ta' prodotti mmaniġġjati minnu meta l-ebda operatur ekonomiku ieħor kif imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) ma jkun stabbilit fl-Unjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu tal-operaturi ekonomiċi skont il-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jekk il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni applikabbli għall-prodott tipprevedi dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jew dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u dokumentazzjoni teknika, li tivverifika li d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jew id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika jkunu tfasslu, filwaqt li jżomm id-dikjarazzjoni tal-konformità jew id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-perjodu meħtieġ minn dik il-leġislazzjoni u jiżgura li d-dokumentazzjoni teknika tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dawk l-awtoritajiet, fuq talba;

(b) abbażi ta' talba motivata minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq, jagħti lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità;

(c) meta jkun hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-prodott inkwistjoni jippreżenta riskju, li jinforma lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan;

(d) li jikkoopera mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż b'segwitu għal talba motivata biex jiġi żgurat li tittieħed l-azzjoni korrettiva immedjata meħtieġa biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni applikabbli għall-prodott inkwistjoni, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, biex jiġu mitigati r-riskji ppreżentati minn dak il-prodott, meta jkun meħtieġ li jsir dan mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew fuq inizjattiva tiegħu stess, meta l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li l-prodott inkwistjoni jippreżenta riskju.

4. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi rispettivi tal-operaturi ekonomiċi skont il-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, u d-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz postali, tal-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu indikati fuq il-prodott jew fuq l-imballaġġ ta' dan, fuq il-pakkett jew fid-dokument ta' akkumpanjament.

5. Dan l-Artikolu japplika biss fir-rigward ta' prodotti li huma soġġetti għar-Regolamenti (UE) Nru 305/2011, (UE) 2016/425 u (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2009/48/KE, 2009/125/KE, 2011/65/UE, 2013/29/UE, 2013/53/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

# AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

## Dokument ta' gwida għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 100/02)

**WERREJ**

*Paġna*

1. INTRODUZZJONI ..... 18

2. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT (L-ARTIKOLU 2 TAR-REGOLAMENT) ..... 18

2.1. Merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor ..... 19

2.1.1. Merkanzija ..... 19

2.1.2. Kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor ..... 19

2.2. "Deċiżjonijiet amministrattivi" skont ir-Regolament ..... 19

2.2.1. X'inhi deċiżjoni amministrattiva? ..... 19

2.2.2. L-ewwel kriterju: regoli tekniċi nazzjonali – bażi għal deċiżjoni amministrattiva ..... 20

2.2.3. It-tieni kriterju: l-effett dirett jew indirett tad-deċiżjoni amministrattiva jkun li tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq fl-Istat Membru tad-destinazzjoni ..... 21

2.2.4. Regoli tekniċi nazzjonali u proċeduri ta' awtorizzazzjoni minn qabel ..... 22

2.2.5. Xi każijiet fejn ir-Regolament (UE) 2019/515 ma japplikax ..... 23

3. KIF JIFFUNZJONA R-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU SKONT IR-REGOLAMENT? ..... 23

3.1. Il-kummerċjalizzazzjoni legali tal-merkanzija fl-Istat Membru tal-oriġini ..... 23

3.2. Il-bejgħ tal-merkanzija fi Stat Membru ieħor ..... 23

3.3. Informazzjoni dwar il-valutazzjoni ..... 23

3.4. Id-"dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku" (l-Artikolu 4 tar-Regolament) ..... 23

3.4.1. Il-kontenut u l-istruttura tad-dikjarazzjoni ..... 25

3.4.2. Lingwa tad-dikjarazzjoni ..... 26

3.4.3. Min jista' jfassal id-dikjarazzjoni? ..... 26

3.4.4. X'jiġri jekk id-dikjarazzjoni tkun biss parzjalment kompluta? ..... 26

3.4.5. Kif u meta tista' tintuża d-dikjarazzjoni? ..... 27

3.4.6. Kif għandhom jiġu ppreżentati d-dokumenti ..... 27

3.5. Valutazzjoni mill-awtorità kompetenti (l-Artikolu 5(1) tar-Regolament) ..... 27

3.5.1. Raġunijiet leġittimi ta' interess pubbliku ..... 28

3.5.2. Il-prinċipju tal-proporzjonalità ..... 28

3.6. Sospensjoni temporanja tal-aċċess għas-suq (l-Artikolu 6 tar-Regolament) ..... 30

3.7. Deċiżjoni amministrattiva (l-Artikolu 5(9)-5(13) tar-Regolament) ..... 31

3.8. Notifiki lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn ..... 31

3.9. Rimedji kontra d-deċiżjoni amministrattiva ..... 32

3.10. X'inhu s-SOLVIT ..... 32

3.11. Is-SOLVIT u l-proċedura għas-soluzzjoni tal-problemi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ..... 33

3.12. L-opinjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura għas-soluzzjoni tal-problemi tal-Artikolu 8 tar-Regolament ..... 34

3.13. Ir-rwol tal-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti (l-Artikolu 9 tar-Regolament) ..... 34

3.14. Kooperazzjoni amministrattiva (l-Artikolu 10 tar-Regolament) ..... 35

4. IL-VALUTAZZJONI MINN QABEL TAR-REGOLI TEKNIĊI NAZZJONALI – ID-DIRETTIVA (UE) 2015/1535 U L-KLAWŻOLA TAS-SUQ UNIKU ..... 36

5. IR-RELAZZJONI BEJN IR-REGOLAMENT (UE) 2019/515 U D-DIRETTIVA 2001/95/KE ..... 37

5.1. Miżuri li jikkonċernaw prodotti li jippreżentaw riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi ..... 37

5.2. Miżuri li jikkonċernaw prodotti tal-konsumatur li jippreżentaw riskji oħrajn ..... 37

## 1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor ([1]) ("ir-Regolament") beda japplika fid-19 ta' April 2020 u ssostitwixxa r-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). L-għan tar-Regolament huwa li jsaħħaħ il-funzjonament tas-suq uniku billi jtejjeb l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u billi jneħħi ostakoli mhux ġustifikati għall-kummerċ (l-Artikolu 1(1) tar-Regolament).

L-iskop ta' dan id-dokument ta' gwida huwa li jgħin lin-negozji u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti japplikaw ir-Regolament ([3]). Madankollu, huwa biss it-test tar-Regolament innifsu li għandu forza legali. L-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti").

Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku joħroġ mill-ġurisprudenza tal-Qorti dwar l-Artikoli 34 u 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Ir-Regolament jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku f'każijiet individwali (l-Artikolu 1(2) tar-Regolament).

L-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE japplikaw fin-nuqqas ta' regoli ta' armonizzazzjoni tal-UE li jkopru l-merkanzija jew ċerti aspetti tal-merkanzija.

Skont l-Artikolu 34 tat-TFUE, "ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu pprojbiti bejn l-Istati Membri".

L-Artikolu 36 tat-TFUE jiddikjara dan li ġej.

*Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 34 u 35 inklużi ma għandhomx jeskludu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu meta dawn ikunu ġustifikati abbażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku, sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' persuni jew ta' annimali, jew il-preservazzjoni tal-pjanti; il-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu, dawn il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet ma għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.*

Miżuri restrittivi jistgħu jkunu ġustifikati wkoll minn objettivi oħrajn identifikati mill-ġurisprudenza tal-Qorti (l-hekk imsejħa rekwiżiti obbligatorji).

Abbażi tal-Artikoli 34 u 36, il-Qorti żviluppat il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku:

— l-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu l-bejgħ fit-territorju tagħhom ta' merkanzija li hija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor;

— l-Istati Membri jistgħu jillimitaw jew jiċħdu l-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija li tkun ġiet kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor, fejn tali limitazzjoni jew ċaħda tkun ġustifikata għar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 36 tat-TFUE jew abbażi ta' raġunijiet oħrajn ta' interess pubbliku, rikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti.

## 2. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT (L-ARTIKOLU 2 TAR-REGOLAMENT)

Ir-Regolament japplika għal: 1) merkanzija ta' kwalunkwe tip li hija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor; u 2) deċiżjonijiet amministrattivi li ttieħdu jew li għandhom jittieħdu minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tad-destinazzjoni b'rabta ma' kwalunkwe merkanzija bħal din. Sabiex jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, id-deċiżjonijiet amministrattivi jridu jkunu bbażati fuq regola teknika nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, u jrid ikollhom bħala l-effett dirett jew indirett tagħhom il-limitazzjoni jew iċ-ċaħda tal-aċċess għas-suq fl-Istat Membru tad-destinazzjoni (l-Artikolu 2(1) tar-Regolament).

Id-determinazzjoni ta' jekk il-merkanzija tistax tibbenefika mill-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku mhux dejjem tkun sempliċi. Dan minħabba li l-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE – u għalhekk ir-rikonoxximent reċiproku – japplikaw għal firxa wiesgħa ħafna ta' merkanzija jew aspetti ta' merkanzija li mhumiex koperti b'mod eżawrjenti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni.

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21).

(3) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2017) 787 final) tad-19 ta' Diċembru 2017, *Il-Pakkett dwar il-Prodotti: Insaħħu l-fiduċja fis-suq uniku*, u l-Premessa 5 tar-Regolament.

## 2.1. **Merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor**

### 2.1.1. *Merkanzija*

Ir-Regolament japplika għal merkanzija ta' kwalunkwe tip, inklużi prodotti agrikoli. It-terminu "prodotti agrikoli" jinkludi l-prodotti tas-sajd, kif previst fl-Artikolu 38(1) tat-TFUE (l-Artikolu 2(1) u l-Premessa 12 tar-Regolament).

Ir-Regolament jikkonċerna l-merkanzija li hija soġġetta għall-Artikolu 34 tat-TFUE (l-Artikolu 1(2) tar-Regolament). Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti "huma biss il-prodotti li għandhom valur monetarju u li jistgħu, bħala tali, ikunu s-suġġett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali, li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-moviment liberu tal-merkanzija" ([4]).

### 2.1.2. *Kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor*

Ir-Regolament jikkonċerna merkanzija li hija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor (l-Artikolu 1(2) tar-Regolament).

Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament, merkanzija "kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor" tfisser merkanzija li "tikkonforma mar-regoli rilevanti applikabbli f'dak l-Istat Membru jew li mhi soġġetti għal ebda regola ta' dak it-tip f'dak l-Istat Membru, u titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utenti finali f'dak l-Istat Membru" (l-Artikolu 3(1) tar-Regolament). Dik id-definizzjoni ewlenija tinkludi żewġ kriterji, stabbiliti fiż-żewġ inċiżi ta' hawn taħt.

— **L-ewwel kriterju** huwa li l-merkanzija jew merkanzija ta' dak it-tip trid tikkonforma mar-regoli rilevanti applikabbli fl-Istat Membru tal-oriġini jew ma tridx tkun soġġetta għal regoli bħal dawn f'dak l-Istat Membru. Għalhekk, fin-nuqqas ta' regoli tekniċi nazzjonali rilevanti relatati mal-merkanzija speċifika fl-Istat Membru tal-oriġini, it-tweġiba għall-kwistjoni ta' konformità tal-merkanzija mar-regoli tekniċi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru hija iktar faċli. Meta jkun hemm regoli tekniċi nazzjonali fl-Istat Membru tal-oriġini, l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-merkanzija u r-referenza għad-dritt nazzjonali jistgħu f'xi każijiet ikunu biżżejjed biex juru l-konformità. F'każijiet oħrajn, tista' tkun meħtieġa deċiżjoni dwar awtorizzazzjoni minn qabel. Huwa meħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li l-Istati Membri jistgħu jsegwu sistemi differenti ħafna għall-kontroll tal-merkanzija qabel ma titqiegħed fis-suq (proċeduri ta' awtorizzazzjoni minn qabel) jew wara li titqiegħed fis-suq (sorveljanza tas-suq). Dawn is-sistemi differenti jinkludu sitwazzjonijiet fejn ċerta merkanzija ma tkun regolata xejn u ma jkollhiex għalfejn tikkonforma mar-rekwiżiti legali nazzjonali. Il-fatt li "l-konformità mar-regoli rilevanti" għall-merkanzija hija kkundizzjonata mill-approvazzjoni minn qabel fi Stat Membru wieħed mhux bilfors ifisser li tali approvazzjoni tkun meħtieġa għall-kummerċjalizzazzjoni legali tal-istess merkanzija fi Stat Membru ieħor. Ir-rekwiżiti differenti fl-Istati Membri ma għandhom l-ebda impatt fuq il-kunċett ta' kummerċjalizzazzjoni legali.

— **It-tieni kriterju** tal-kunċett ta' kummerċjalizzazzjoni legali huwa li l-merkanzija tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-utenti finali f'dak l-Istat Membru. L-Artikolu 3(2) tar-Regolament jiddefinixxi "tqegħid fis-suq" bħala "kwalunkwe provvista ta' merkanzija għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas jew mingħajr ħlas". Kwalunkwe dokument li jkun fih: (i) *data* mhux ambigwa biex tiġi identifikata l-merkanzija jew it-tip ta' merkanzija, u biex jiġu identifikati l-fornituri, il-klijenti jew l-utenti finali; u (ii) l-informazzjoni dwar id-data, bħal fattura, jenħtieġ li titqies bħala evidenza meħtieġa u suffiċjenti għall-iskop li jintwera li l-kriterju huwa ssodisfat.

## 2.2. **"Deċiżjonijiet amministrattivi" skont ir-Regolament**

### 2.2.1. *X'inhi deċiżjoni amministrattiva?*

L-Artikolu 2(1) tar-Regolament jispeċifika li r-Regolament japplika għal "deċiżjonijiet amministrattivi" li ttieħdu jew li għandhom jittieħdu minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tad-destinazzjoni b'rabta ma' kwalunkwe merkanzija li hija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor, fejn id-deċiżjoni amministrattiva tissodisfa l-**kriterji** li ġejjin:

(a) il-bażi għad-deċiżjoni amministrattiva tkun regola teknika nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru tad-destinazzjoni; u

(b) l-effett dirett jew indirett tad-deċiżjoni amministrattiva jkun li tillimita jew li tiċħad l-aċċess għas-suq fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

([4]) Is-Sentenza tal-14 ta' April 2011, *Vlaamse Dierenartsenvereniging u Janssens*, il-Kawżi Magħquda C-42/10, C-45/10 u C-57/10, ECLI:EU:C:2011:253, il-paragrafu 68 u l-ġurisprudenza kkwotata hemmhekk.

L-Artikolu 2(1) tar-Regolament jispeċifika wkoll li t-terminu "deċiżjoni amministrattiva" jinkludi kwalunkwe pass amministrattiv li huwa bbażat fuq regola teknika nazzjonali u li għandu l-istess jew sostanzjalment l-istess effett legali bħall-effett imsemmi fil-punt (b).

Dan ifisser li mhuwiex meħtieġ li l-pass amministrattiv ikollu l-isem "deċiżjoni". Dak li huwa importanti huwa jekk din tikkonċernax merkanzija li hija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor u tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet (a) u (b) ta' hawn fuq.

2.2.2. *L-ewwel kriterju: regoli tekniċi nazzjonali — bażi għal deċiżjoni amministrattiva*

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament, għall-iskopijiet tar-Regolament, "regola teknika nazzjonali" hija kwalunkwe dispożizzjoni ta' liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva oħra ta' Stat Membru li jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

a) tkopri merkanzija jew aspetti ta' merkanzija li mhumiex is-suġġett ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE;

b) tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' merkanzija, jew merkanzija ta' tip partikolari f'dak l-Istat Membru, jew inkella tagħmel il-konformità mad-dispożizzjoni obbligatorja, *de facto* jew *de jure*, kull meta l-merkanzija, jew merkanzija ta' tip partikolari, titqiegħed f'dak is-suq; u

c) tagħmel mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin:

— tistabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa tal-merkanzija jew ta' merkanzija ta' tip partikolari, bħal-livelli ta' kwalità, prestazzjoni jew sikurezza tagħhom, jew id-dimensjonijiet tagħhom, inklużi r-rekwiżiti applikabbli għal dik il-merkanzija fir-rigward tal-ismijiet li taħthom tinbiegħ, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi tat-testijiet, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettar u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ([5]);

— għall-iskop tal-protezzjoni tal-konsumaturi jew tal-ambjent, timponi rekwiżiti oħrajn fuq merkanzija jew merkanzija ta' tip partikolari li jaffettwaw iċ-ċiklu tal-ħajja tal-merkanzija wara li din tkun tqiegħdet fis-suq f'dak l-Istat Membru. Dawn jinkludu l-kundizzjonijiet tal-użu, tar-riċiklaġġ, tal-użu mill-ġdid jew tar-rimi, fejn tali kundizzjonijiet jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kompożizzjoni jew in-natura ta' dik il-merkanzija, jew it-tqegħid tagħha fis-suq f'dak l-Istat Membru.

L-Artikolu 2(2)(c) tar-Regolament huwa ispirat mill-Artikolu 1(1)(c) u 1(1)(d) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) (id-"Direttiva dwar it-Trasparenza") u mill-Artikolu 1(2) u 1(3) tal-predeċessur tagħha, id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). Għalhekk, il-ġurisprudenza dwar dawn id-dispożizzjonijiet ([8]) tista' tkun punt ta' referenza utli. Huwa importanti li wieħed jinnota li r-regoli tekniċi soġġetti għad-Direttiva dwar it-Trasparenza li ma jiġux innotifikati fl-istadju tal-abbozz mhumiex infurzabbli kontra individwi ([9]). Il-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza hija deskritta fil-Kapitolu 4 ta' din il-gwida.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-kunċett ta' *regoli li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti t-tqegħid fis-suq ta' merkanzija*, jenħtieġ li nsemmu li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti merkanzija jistgħu jitqiesu bħala ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija, billi dawn jinfluwenzaw l-imġiba tal-konsumaturi. Il-konsumaturi mhux se jixtru merkanzija li ma jkunux jistgħu jużaw. It-tliet inċiżi ta' hawn taħt jiddiskutu xi eżempji speċifiċi ta' din il-ġurisprudenza.

([5]) Dan il-punt ikopri wkoll: (i) il-metodi u l-proċessi tal-produzzjoni li jintużaw fir-rigward tal-prodotti agrikoli msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 38(1) tat-TFUE; (ii) il-metodi u l-proċessi tal-produzzjoni li jintużaw fir-rigward tal-prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali; u (iii) il-metodi u l-proċessi tal-produzzjoni relatati ma' prodotti oħrajn, fejn dawn ikollhom effett fuq il-karatteristiċi tagħhom (ara l-Artikolu 2(3) tar-Regolament).

([6]) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

([7]) Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

([8]) Ara, pereżempju, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2016, *M. u S.*, C-303/15 ECLI:EU:C:2016:771; is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, *Berlington*, C-98/14, ECLI:EU:C:2015:386; is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, *Fortuna u Oħrajn*, il-Kawżi Magħquda C-213/11, C-214/11 u C-217/11, ECLI:EU:C:2012:495; is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ellenika*, C-65/05 ECLI:EU:C:2006:673; is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, *Schwibbert*, C-20/05, ECLI:EU:C:2007:652; is-sentenza tal-21 ta' April 2005, *Lindberg*, C-267/03 ECLI:EU:C:2005:246; is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, *Van Gennip u Oħrajn*, C-137/17, ECLI:EU:C:2018:771.

([9]) Is-sentenza tat-30 ta' April 1996, *CIA Security v Signalson*, C-194/94, ECLI:EU:C:1996:172.

— Pereżempju, fis-sentenza tagħha fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, il-Qorti sostniet li projbizzjoni fuq l-użu ta' muturi li jirmonkaw karrijiet tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet. Dan japplika sal-punt li l-effett tal-projbizzjoni huwa li tfixkel l-aċċess għas-suq inkwistjoni għal karrijiet maħsuba speċifikament għall-muturi, sa fejn din ikollha influwenza konsiderevoli fuq l-imġiba tal-konsumaturi u tipprevjeni l-eżistenza ta' domanda fis-suq inkwistjoni għal karrijiet bħal dawn ([10]). Il-konsumaturi, konxji li mhumiex permessi jużaw il-mutur tagħhom b'karru maħsub apposta għalih, prattikament ma għandhom l-ebda interess li jixtru dak il-karru ([11]).

— Bl-istess mod, fil-kawża *Mickelsson*, li kienet tikkonċerna r-regolamenti nazzjonali għad-deżinjazzjoni ta' ilmijiet navigabbli u passaġġi fuq l-ilma, il-Qorti qalet li r-restrizzjoni fuq l-użu ta' prodott impost minn dawk ir-regolamenti fit-territorju ta' Stat Membru jista' jkollha, skont il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, influwenza konsiderevoli fuq l-imġiba tal-konsumaturi. Min-naħa tagħha, din tista' taffettwa l-aċċess ta' dak il-prodott għas-suq ta' dak l-Istat Membru ([12]). Il-konsumaturi, konxji li l-użu permess minn tali regolamenti huwa limitat ħafna, għandhom biss interess limitat fix-xiri ta' dak il-prodott ([13]). F'dak ir-rigward, il-Qorti sostniet li, fejn ir-regolamenti nazzjonali għad-deżinjazzjoni ta' ilmijiet navigabbli u passaġġi fuq l-ilma jkollhom l-effett li jimpedixxu lill-utenti ta' inġenji tal-ilma personali milli jużawhom għall-iskopijiet speċifiċi u inerenti li għalihom kienu maħsuba jew li jillimitaw ħafna l-użu tagħhom, tali regolamenti għandhom l-effett li jfixklu l-aċċess għas-suq domestiku inkwistjoni għal dik il-merkanzija u, għalhekk, jikkostitwixxu miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet ([14]).

— Il-Qorti qieset ukoll bħala kuntrarja għall-Artikolu 34 tat-TFUE l-projbizzjoni tat-twaħħil ta' films ikkuluriti mat-twieqi ta' vetturi bil-mutur, filwaqt li ddikjarat, fost l-oħrajn, li klijenti, kummerċjanti jew individwi potenzjali prattikament ma jkollhom l-ebda interess li jixtru films bħal dawn, konxji li t-twaħħil tagħhom mal-windscreen u t-twieqi flimkien mas-sits tal-passiġġieri f'vetturi bil-mutur huwa pprojbit ([15]).

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li r-Regolament ma japplikax għal deċiżjonijiet amministrattivi bbażati fuq tipi oħrajn ta' miżuri li huma soġġetti għall-Artikolu 34 tat-TFUE, iżda li ma jikkostitwux regoli tekniċi nazzjonali, bħal speċifikazzjonijiet tekniċi mfassla għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku jew ir-rekwiżiti għall-użu tal-lingwa/i uffiċjali fl-Istat Membru inkwistjoni (il-Premessa 10 tar-Regolament).

Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-arranġamenti tal-bejgħ jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE biss bil-kundizzjoni li jintroduċu diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini tal-prodotti, fil-liġi jew fil-fatt ([16]).

### 2.2.3. *It-tieni kriterju: l-effett dirett jew indirett tad-deċiżjoni amministrattiva jkun li tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq fl-Istat Membru tad-destinazzjoni*

Kif iddikjarat fit-Taqsima 2.2.1, l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament jirrikjedi li "l-effett dirett jew indirett tad-deċiżjoni amministrattiva jkun li tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq fl-Istat Membru tad-destinazzjoni".

F'*Dassonville* ([17]), il-Qorti ddikjarat li "kull leġiżlazzjoni kummerċjali tal-Istati Membri li tista' tostakola, direttament jew indirettament, realment jew potenzjalment, il-kummerċ intra-[UE] għandha tiġi kkunsidrata bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi".

Eżempju tajjeb ta' deċiżjonijiet amministrattivi bl-effett dirett li jillimitaw jew jiċħdu l-aċċess għas-suq jista' jkun ta' dawk li jiċħdu l-aċċess għall-ġojjellerija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor abbażi li ma għandhomx karatteristika distintiva jew li l-karatteristika distintiva mhijiex rikonoxxuta fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Ir-rikonoxximent reċiproku sikwit jaffaċċa sfidi fil-qasam tal-metalli prezzjużi.

([10]) Is-sentenza tal-10 ta' Frar 2009, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-110/05, ECLI:EU:C:2009:66, il-punti 56-58.
([11]) Is-sentenza tal-10 ta' Frar 2009, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-110/05, ECLI:EU:C:2009:66, il-punt 57.
([12]) Is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, *Mickelsson*, C-142/05, ECLI:EU:C:2009:336, il-punt 26.
([13]) Is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, *Mickelsson*, C-142/05, ECLI:EU:C:2009:336, il-punt 27.
([14]) Is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009*Mickelsson*, C-142/05, ECLI:EU:C:2009:336, il-punt 28.
([15]) Is-sentenza tal-10 ta' April 2008, *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Portugiża*, C-265/06, ECLI:EU:C:2008:210, il-punt 33.
([16]) Is-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, *Keck u Mithouard*, il-Kawżi Magħquda C-267/91 u C-268/91, ECLI:EU:C:1993:905, il-punti 16 u 17. Għal iktar informazzjoni dwar l-arranġamenti tal-bejgħ, ara l-*Gwida għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw il-moviment liberu tal-merkanzija, 2010*, it-Taqsima 3.1.10.
([17]) Is-sentenza tal-11 ta' Lulju 1974, *Procureur du Roi v Benoît u Gustave Dassonville*, Il-Kawża 8-74, ECLI:EU:C:1974:82.

Il-Kawża C-525/14 *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka* kienet tikkonċerna r-rifjut tar-Repubblika Ċeka li tirrikonoxxi l-karatteristiċi distintivi ta' WaarborgHolland, uffiċċju tal-assaġġ indipendenti stabbilit fin-Netherlands b'ferghat f'pajjiżi terzi, u konsegwentement ir-rekwiżit li l-metalli prezzjużi inkwistjoni jiġu mmarkati b'karatteristika distintiva Ċeka addizzjonali. Il-Qorti sostniet li bis-saħħa ta' dik il-prattika, il-metalli prezzjużi mmarkati bil-karatteristiċi distintivi WaarborgHolland minn uffiċċju tal-assaġġ fin-Netherlands jistgħu jiġu kummerċjalizzati fit-territorju taċ-Ċekja biss wara li jkunu ġew soġġetti għal kontroll u mmarkar bil-karatteristiċi distintivi addizzjonali fiċ-Ċekja. Il-kontroll u l-immarkar bil-karatteristiċi distintivi addizzjonali jistgħu jagħmlu l-importazzjoni ta' dawk il-prodotti fit-territorju taċ-Ċekja minn Stati Membri oħrajn iktar diffiċli u għalja. Għalhekk, il-prattika hija meqjusa bħala pprojbita mill-Artikolu 34 tat-TFUE b'rabta mal-karatteristiċi distintivi mwaħħla fin-Netherlands u mhux f'ferghat ta' pajjiżi terzi.

Fir-rigward tal-**effett indirett** tad-deċiżjonijiet amministrattivi, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li huwa biżżejjed li d-deċiżjoni amministrattiva *tista' tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq* fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Deċiżjoni jkollha effett indirett jekk minnha nnifisha la tillimita u lanqas tiċħad l-aċċess għas-suq, iżda minn tal-inqas tkun kapaċi tagħmel dan, skont iċ-ċirkostanzi u l-perċezzjonijiet fattwali prevalenti fl-Istat Membru ([18]).

Deċiżjonijiet li jkollhom biss effett indirett fuq il-kummerċ intra-UE jenħtieġ li jkunu distinti b'mod ċar minn deċiżjonijiet li *l-effetti tagħhom ikunu indiretti wisq biex ikollhom xi effett*. Tabilħaqq, il-Qorti kkunsidrat, f'ċerti kawżi ([19]), li l-effetti restrittivi li miżura jista' jkollha fuq il-moviment liberu tal-merkanzija huma *inċerti u indiretti wisq* sabiex l-obbligu li hija tistabbilixxi jitqies bħala ta' natura li jfixkel il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE.

Madankollu, jekk miżura *tkopri biss parti mit-territorju nazzjonali*, iżda jkollha effett dirett jew indirett fuq il-moviment liberu tal-merkanzija, *titqies bħala restrizzjoni* anke jekk tkun ġeografikament limitata.

Pereżempju, fil-kawża *Ditlev Bluhme* ([20]), il-leġiżlazzjoni Daniża pprojbiet iż-żamma tan-naħal fil-gżira ta' Læsø, għajr dawk tas-sottospeċijiet tan-naħal kannella ta' Læsø sabiex tipproteġi lil dawn tal-aħħar mill-estinzjoni. Minkejja li l-miżura kienet fis-seħħ f'din il-gżira relattivament żgħira fid-Danimarka, il-Qorti kkonkludiet li projbizzjoni fuq l-importazzjoni tirrappreżenta miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva u "ma tinbidilx mill-fatt li l-miżura inkwistjoni tapplika biss għal parti mit-territorju nazzjonali" ([21]). Il-Qorti rrifjutat l-argument li projbizzjoni tal-importazzjonijiet ta' prodotti (tipi oħrajn ta' naħal) li hija limitata għal parti mit-territorju tista' tiġi eżentata għal raġunijiet *de minimis* minħabba li taffettwa biss b'mod insinifikanti l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, ġie kkonstatat li l-miżura kienet ġustifikata abbażi tal-Artikolu 36 tat-Trattat minħabba li l-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-annimali minn mindu feġġet it-theddida tal-għajbien tan-naħal kannella ta' Læsø kienet bla dubju ġenwina jekk dawn ikunu tgħammru ma' naħal dehbi minħabba n-natura reċessiva tal-ġeni tan-naħal kannella.

### 2.2.4. *Regoli tekniċi nazzjonali u proċeduri ta' awtorizzazzjoni minn qabel*

Id-dritt nazzjonali xi drabi jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel, qabel ma l-merkanzija titqiegħed fis-suq. Proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel tfisser proċedura amministrattiva skont il-liġi ta' Stat Membru li biha l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tkun meħtieġa, abbażi ta' applikazzjoni minn operatur ekonomiku, li tagħti l-approvazzjoni formali tagħha qabel ma l-merkanzija tkun tista' titqiegħed fis-suq ta' dak l-Istat Membru (l-Artikolu 3(7) tar-Regolament).

Proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel fiha nnifisha ma tikkostitwix regola teknika nazzjonali għall-iskopijiet tar-Regolament (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament). Għalhekk, id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti li jillimitaw jew jiċħdu l-aċċess għas-suq esklużivament minħabba li l-merkanzija ma jkollhiex awtorizzazzjoni valida minn qabel huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (il-Premessa 11 tar-Regolament).

Madankollu, deċiżjoni li tiġi miċħuda l-awtorizzazzjoni minn qabel abbażi ta' regola teknika nazzjonali għandha titqies bħala deċiżjoni amministrattiva li għaliha japplika r-Regolament, jekk dik id-deċiżjoni tissodisfa r-rekwiżiti l-oħrajn tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament). Dan ifisser li meta r-regola nazzjonali li tistabbilixxi l-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel tagħti effett lil regola teknika nazzjonali, kwalunkwe deċiżjoni li tiġi miċħuda l-awtorizzazzjoni minn qabel abbażi ta' regola teknika nazzjonali tikkostitwixxi deċiżjoni amministrattiva skont ir-Regolament. B'hekk, l-applikant jista' jibbenefika mill-protezzjoni proċedurali li jipprovdi r-Regolament (il-Premessa 11 tar-Regolament).

---

([18]) Is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, *Budějovický Budvar, národní podnik,* C-478/07, ECLI:EU:C:2009:521, il-punti 81-82.
([19]) Is-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, *Peralta,* C-379/92, ECLI:EU:C:1994:296, il-punt 24.
([20]) Is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 1998 *Ditlev Bluhme,* C-67/97, ECLI:EU:C:1998:584, il-punti19-20.
([21]) *Ibidem*, il-punt 20.

2.2.5. *Xi każijiet fejn ir-Regolament (UE) 2019/515 ma japplikax*

Ir-Regolament ma japplikax għal deċiżjonijiet ta' natura ġudizzjarja meħuda minn qrati jew tribunali nazzjonali (l-Artikolu 2(5)(a) tar-Regolament). Dan jikkonċerna d-deċiżjonijiet ta' qrati jew tribunali nazzjonali li jivvalutaw il-legalità ta' każijiet fejn merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru partikolari ma tingħatax aċċess għas-suq fi Stat Membru ieħor (il-Premessa 14 tar-Regolament).

Barra minn hekk, ir-Regolament ma japplikax għal deċiżjonijiet ta' natura ġudizzjarja meħuda mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi waqt l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reat kriminali fir-rigward tat-terminoloġija, is-simboli jew kwalunkwe referenza materjali għal organizzazzjonijiet mhux kostituzzjonali jew kriminali jew reati ta' natura razzista, diskriminatorja jew ksenofobika (l-Artikolu 2(5)(b) tar-Regolament).

## 3. KIF JIFFUNZJONA R-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU SKONT IR-REGOLAMENT?

### 3.1. Il-kummerċjalizzazzjoni legali tal-merkanzija fl-Istat Membru tal-oriġini

Meta l-merkanzija tiġi kummerċjalizzata fi Stat Membru ieħor fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi l-ewwel jiżguraw li l-merkanzija tkun konformi mar-regoli (jew ma tkunx soġġetta għal xi regoli bħal dawn) tal-Istat Membru tal-oriġini li japplikaw dakinhar li l-merkanzija titqiegħed fis-suq fl-Istat Membru tad-destinazzjoni u titqiegħed disponibbli għall-utenti finali fl-Istat Membru tal-oriġini. Jekk il-merkanzija tiġi kummerċjalizzata legalment fl-Istat Membru tal-oriġini, imbagħad l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jirreferu għall-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.

### 3.2. Il-bejgħ tal-merkanzija fi Stat Membru ieħor

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament jgħid dan li ġej.

*L-operatur ekonomiku għandu jitħalla jqiegħed il-merkanzija fis-suq fl-Istat Membru tad-destinazzjoni waqt li l-awtorità kompetenti twettaq il-valutazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u jista' jibqa' jagħmel dan għajr jekk l-opertur ekonomiku jirċievi deċiżjoni amministrattiva li tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq għal dik il-merkanzija. Dan il-paragrafu ma għandux japplika meta l-valutazzjoni titwettaq fil-qafas ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel, jew meta l-awtorità kompetenti tissospendi temporanjament it-tqegħid fis-suq tal-merkanzija li hija soġġetta għal dik il-valutazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6.*

Dan ifisser li ladarba l-kundizzjonijiet tat-Taqsima 3.1 ta' hawn fuq jiġu ssodisfati, bħala prinċipju, l-operatur ekonomiku jista' jagħmel il-merkanzija disponibbli fis-suq fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-operatur ekonomiku jivverifika jekk hemmx proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Jekk il-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, l-operatur ekonomiku jrid japplika għal din l-awtorizzazzjoni qabel ma l-merkanzija titqiegħed f'dak is-suq. Il-merkanzija ma tistax titqiegħed fis-suq minnufih fejn tapplika proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel, jew fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tissospendi temporanjament it-tqegħid fis-suq tal-merkanzija li hija soġġetta għall-valutazzjoni tagħha.

### 3.3. Informazzjoni dwar il-valutazzjoni

Jekk awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jkollha l-ħsieb, bħala parti mill-implimentazzjoni ta' regola teknika nazzjonali, li tivvaluta merkanzija li hija soġġetta għar-Regolament, l-operatur ekonomiku jrid jiġi infurmat mingħajr dewmien li tali valutazzjoni tkun inbdiet (l-Artikolu 5(1) tar-Regolament). B'mod partikolari, l-awtorità kompetenti trid tinforma lill-operatur ekonomiku dwar: (i) il-merkanzija soġġetta għal dik il-valutazzjoni; (ii) ir-regola teknika nazzjonali jew il-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel applikabbli; u (iii) il-possibbiltà li l-awtorità kompetenti tiġi pprovduta b'dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku (l-Artikolu 5(2) tar-Regolament).

### 3.4. Id-"dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku" (l-Artikolu 4 tar-Regolament)

Ir-Regolament jippermetti lill-produttur, lill-importatur jew lid-distributur ifassal dikjarazzjoni volontarja (jew "awtodikjarazzjoni") tal-kummerċjalizzazzjoni legali tal-merkanzija għall-iskopijiet tar-rikonoxximent reċiproku ("dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku"). Din id-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tgħin lin-negozji juru li l-merkanzija hija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor. Fl-istess ħin, tgħin lill-awtoritajiet kompetenti fil-proċedura ta' valutazzjoni tal-merkanzija skont l-Artikolu 5 tar-Regolament u tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni trid tinforma lill-operatur ekonomiku jekk ikollha l-ħsieb li tivvaluta jekk merkanzija speċifika hijiex legalment kummerċjalizzata fi Stat Membru ieħor (l-Artikolu 5(1) tar-Regolament). Ir-Regolament jiżgura li l-proċedura tkun inqas oneruża għall-operatur ekonomiku meta dan jagħżel id-dikjarazzjoni.

**Jekk tiġi pprovduta dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, l-awtorità kompetenti ma għandha titlob l-ebda informazzjoni u prova addizzjonali lil hinn minn dawk preskritti mir-Regolament sabiex tivverifika jekk il-merkanzija hijiex kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor (l-Artikolu 5(4) tar-Regolament).

Jenħtieġ li d-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tkun akkumpanjata mill-evidenza ta' sostenn meħtieġa biex tiġi vverifikata l-informazzjoni li tinsab fiha (l-Artikolu 5(4)(a) tar-Regolament).

L-użu tad-dikjarazzjoni volontarja ma jwaqqafx lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni milli: (i) jivvalutaw il-merkanzija biex jistabbilixxu jekk l-interessi pubbliċi leġittimi koperti mir-regola teknika nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru tagħhom humiex protetti b'mod adegwat fid-dawl tal-karatteristiċi tal-merkanzija inkwistjoni; jew (ii) jieħdu deċiżjonijiet amministrattivi li jillimitaw jew jiċħdu l-aċċess għas-suq, diment li dawn id-deċiżjonijiet ikunu ġustifikati.

Jenħtieġ li d-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tinkludi dejjem fiha informazzjoni preċiża u sħiħa dwar il-merkanzija (il-Premessa 19 tar-Regolament). Jenħtieġ li din tinżamm aġġornata sabiex tirrifletti l-bidliet, pereżempju l-bidliet fir-regoli tekniċi nazzjonali rilevanti (il-Premessa 19 u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament).

Il-bidliet fir-regoli nazzjonali jistgħu jeħtieġu wkoll bidliet fil-merkanzija. Jekk il-merkanzija speċifika tkun konformi mar-rekwiżiti tekniċi emendati, jenħtieġ li l-merkanzija ma tinbidilx. Madankollu, jekk il-merkanzija ma tibqax konformi mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru fejn il-merkanzija tkun kummerċjalizzata legalment bħala konsegwenza tal-emendi ta' dawk ir-regoli, il-merkanzija tkun trid tiġi mmodifikata biex tikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn tkun ġiet kummerċjalizzata legalment. L-operatur ekonomiku responsabbli għall-kontenut u l-preċiżjoni tad-dikjarazzjoni huwa dak li jiffirma l-parti rilevanti tad-dikjarazzjoni (l-Artikolu 4(2) tar-Regolament).

**L-operaturi ekonomiċi jistgħu jagħżlu li ma jipprovdux id-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku**. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operaturi ekonomiċi biex jipprovdu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni fi żmien mill-inqas 15-il jum tax-xogħol wara t-talba (l-Artikolu 5(5) u (6) tar-Regolament). Il-Kummissjoni tqis li, għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba u ċertezza legali, jenħtieġ li din it-talba għal dokumentazzjoni u informazzjoni tkun bil-miktub. Jenħtieġ li d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li awtorità kompetenti tista' titlob ikunu meħtieġa għall-valutazzjoni: (i) tal-karatteristiċi tal-merkanzija jew tat-tip ta' merkanzija inkwistjoni; u (ii) tal-kummerċjalizzazzjoni legali tal-merkanzija fi Stat Membru ieħor (l-Artikolu 5(5) tar-Regolament). Madankollu, f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ma jitolbux aktar milli jkun meħtieġ biex juru l-karatteristiċi tal-merkanzija u li l-merkanzija ġiet kummerċjalizzata legalment. F'dak is-sens, ir-rekwiżit li operatur ekonomiku jikseb ċertifikat ta' kummerċjalizzazzjoni legali maħruġ minn ministeru jew korp amministrattiv ieħor fl-Istat Membru tal-oriġini jista' jkun eżempju ta' talba sproporzjonata għal evidenza ta' sostenn.

Fir-rigward tar-rapporti tat-testijiet jew taċ-ċertifikati maħruġa minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-Artikolu 5(8) tar-Regolament jiddikjara dan li ġej.

*Meta jkunu qegħdin iwettqu valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-destinazzjoni għandhom iqisu b'mod debitu l-kontenut tar-rapporti tat-testijiet jew taċ-ċertifikati maħruġa minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu ġew ipprovduti minn kwalunkwe operatur ekonomiku bħala parti mill-valutazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-destinazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw rapporti ta' testijiet jew ċertifikati li jkunu nħarġu minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat għall-qasam xieraq tal-attività ta' valutazzjoni tal-konformità skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 għal raġunijiet relatati mal-kompetenza ta' dak il-korp.*

Dan ifisser li meta operatur ekonomiku jkun ipprovda ċertifikati minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat għall-qasam xieraq tal-valutazzjoni tal-konformità skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [22], ma jenħtieġx li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni titlob ċertifikati minn korp ieħor ta' valutazzjoni tal-konformità biss abbażi li jkollha dubji dwar il-kompetenza tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità li jkun ħareġ iċ-ċertifikati.

---

[22] Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

3.4.1. *Il-kontenut u l-istruttura tad-dikjarazzjoni*

L-anness tar-Regolament jistabbilixxi l-istruttura tad-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku, li jenħtieġ li dejjem ikun fiha l-informazzjoni kollha speċifikata fl-anness (l-Artikolu 4(1) tar-Regolament).

Id-dikjarazzjoni hija maqsuma f'żewġ partijiet, li t-tnejn li huma jservu objettiv speċifiku.

— Il-Parti I tipprovdi informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-merkanzija jew tat-tip ta' merkanzija u dwar ir-regoli speċifiċi fl-Istat Membru fejn il-merkanzija tiġi kummerċjalizzata legalment.

— Il-Parti II tipprovdi informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija jew tat-tip ta' merkanzija fl-Istat Membru tal-oriġini. L-evidenza ta' sostenn għall-informazzjoni f'din il-parti tista', fost l-oħrajn, tieħu l-forma ta' fattura, dokument b'evidenza ta' bejgħ, rekords tat-taxxa, reġistrazzjonijiet, liċenzji, notifiki lil/minn awtoritajiet, ċertifikazzjonijiet, jew siltiet minn rekords pubbliċi.

**Dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku għall-iskopijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**Parti I**

1. Identifikatur uniku għall-merkanzija jew għat-tip ta' merkanzija: … [*Nota: daħħal in-numru ta' identifikazzjoni tal-merkanzija jew markatur ta' referenza ieħor li jidentifika b'mod uniku l-merkanzija jew it-tip ta' merkanzija*]

2. L-isem u l-indirizz tal-operatur ekonomiku: … [*Nota: daħħal l-isem u l-indirizz tal-firmatarju tal-Parti I tad-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku: il-produttur u, fejn applikabbli, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, jew l-importatur, jew id-distributur*]

3. Deskrizzjoni tal-merkanzija jew tat-tip ta' merkanzija soġġetta għad-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku: … *[Nota: jenħtieġ li d-deskrizzjoni tkun biżżejjed biex tippermetti li l-merkanzija tiġi identifikata għal raġunijiet ta' traċċabbiltà. Tista' tkun akkumpanjata minn ritratt, fejn xieraq*]

4. Dikjarazzjoni u informazzjoni dwar il-legalità tal-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija jew ta' dak it-tip ta' merkanzija

4.1. Il-merkanzija jew it-tip ta' merkanzija deskritti hawn fuq, inklużi l-karatteristiċi tagħhom, jikkonformaw mar-regoli li ġejjin applikabbli fi … [*Nota: identifika l-Istat Membru li fih il-merkanzija jew dak it-tip ta' merkanzija huma ddikjarati li huma kummerċjalizzati legalment*]: … [*Nota: daħħal it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni uffiċjali, f'kull każ, tar-regoli rilevanti applikabbli f'dak l-Istat Membru u referenza tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni jekk il-merkanzija kienet soġġetta għal proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel*],

jew

il-merkanzija jew it-tip ta' merkanzija deskritti hawn fuq mhuma soġġetti għall-ebda regola rilevanti fi … [*Nota: identifika l-Istat Membru fejn huwa sostnut li l-merkanzija jew ta' merkanzija ta' dak it-tip hija kummerċjalizzata legalment*].

4.2. Referenza tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli għall-merkanzija jew għal dak it-tip ta' merkanzija, jew referenza tar-rapporti tat-testijiet għal kwalunkwe test imwettaq minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità, inklużi l-isem u l-indirizz ta' dak il-korp (jekk tkun twettqet proċedura bħal din jew jekk ikunu saru tali testijiet): …

5. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meqjusa rilevanti għal valutazzjoni ta' jekk il-merkanzija jew merkanzija ta' dak it-tip hijiex kummerċjalizzata legalment fl-Istat Membru indikat fil-punt 4.1: …

6. Din il-parti tad-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tfasslet taħt ir-responsabbiltà unika tal-operatur ekonomiku identifikat taħt il-punt 2.

Iffirmata għal u f'isem:

(il-post u d-data):

(isem, kariga) (firma):

**Parti II**

7. Dikjarazzjoni u informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija jew ta' merkanzija ta' dak it-tip

7.1. Il-merkanzija jew dak it-tip ta' merkanzija deskritti fil-Parti I jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti finali fis-suq fl-Istat Membru indikat fil-punt 4.1.

7.2. Informazzjoni li l-merkanzija jew dak it-tip ta' merkanzija jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti finali fl-Istat Membru indikat fil-punt 4.1, inklużi dettalji tad-data meta l-merkanzija tqiegħdet għall-ewwel darba għad-dispożizzjoni tal-utenti finali fis-suq f'dak l-Istat Membru: …

8. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meqjusa rilevanti għal valutazzjoni ta' jekk il-merkanzija jew merkanzija ta' dak it-tip hijiex kummerċjalizzata legalment fl-Istat Membru indikat fil-punt 4.1: …

9. Din il-parti tad-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tfasslet taħt ir-responsabbiltà unika ta' … [*Nota: daħħal l-isem u l-indirizz tal-firmatarju tal-Parti II tad-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku: il-produttur u, fejn applikabbli, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, jew l-importatur, jew id-distributur*]

Iffirmata għal u f'isem:

(il-post u d-data):

(isem, kariga) (firma):

### 3.4.2. *Lingwa tad-dikjarazzjoni*

Il-lingwa tad-dikjarazzjoni trid tkun waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE. Madankollu, jekk id-dikjarazzjoni tkun b'lingwa oħra għajr il-lingwi meħtieġa mill-Istat Membru tad-destinazzjoni, l-operatur ekonomiku jrid jittraduċi d-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku f'lingwa meħtieġa mill-Istat Membru tad-destinazzjoni (l-Artikolu 4(1), is-sitt subparagrafu, tar-Regolament).

### 3.4.3. *Min jista' jfassal id-dikjarazzjoni?*

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jikkonċernaw id-dikjarazzjoni jiżguraw il-bilanċ meħtieġ bejn: (i) li l-operaturi ekonomiċi kollha jingħataw il-possibbiltà li jfasslu d-dikjarazzjoni; u (ii) li l-operatur ekonomiku rispettiv jassumi r-responsabbiltà għad-dikjarazzjoni jew għall-partijiet tad-dikjarazzjoni li huwa jfassal.

Il-produttur tal-merkanzija, jew tal-merkanzija ta' tip partikolari, huwa fl-aħjar pożizzjoni biex ifassal id-dikjarazzjoni volontarja. Il-produttur jista' wkoll jagħti mandat lil rappreżentant awtorizzat biex ifassal id-dikjarazzjoni f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament). L-importatur jew id-distributur jista' wkoll ifassal id-dikjarazzjoni jekk ikun jista' jipprovdi l-evidenza meħtieġa biex jivverifika l-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni (il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament).

Il-produttur (jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, jekk jingħata s-setgħa li jagħmel dan) jista' jimla biss l-informazzjoni fil-Parti I tad-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku (eż. it-tip, id-deskrizzjoni, il-karatteristiċi tal-merkanzija, ir-regola applikabbli, jekk ikun hemm, fl-Istat Membru fejn il-merkanzija tiġi ddikjarata li hija kummerċjalizzata legalment, il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità jew ir-rapporti tat-testijiet imwettqa, eċċ.). F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-informazzjoni fil-Parti II tad-dikjarazzjoni timtela mill-importatur jew mid-distributur (ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament).

L-operaturi ekonomiċi li jiffirmaw id-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku – jew parti minnha – huma responsabbli għall-kontenut u l-preċiżjoni tal-informazzjoni li jipprovdu fid-dikjarazzjoni. Huma responsabbli f'konformità mad-dritt nazzjonali u, meta d-dikjarazzjoni tkun trid tiġi tradotta, huma responsabbli għall-korrettezza tal-informazzjoni li jittraduċu (l-Artikolu 4(2) tar-Regolament).

L-operaturi ekonomiċi jridu jiżguraw ukoll li d-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tinżamm aġġornata f'kull ħin sabiex tkun tirrifletti kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni li jkunu pprovdew (l-Artikolu 4(3) tar-Regolament).

### 3.4.4. *X'jiġri jekk id-dikjarazzjoni tkun biss parzjalment kompluta?*

Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament, id-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku trid issegwi l-istruttura stabbilita fil-Partijiet I u II tal-anness u jkun fiha *l-informazzjoni kollha speċifikata fl-anness.*

Għalhekk, jekk id-dikjarazzjoni ma tkunx kompluta minħabba li ma jkunx fiha l-elementi kollha meħtieġa, jenħtieġ li titqies bħala invalida għall-iskop tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament. B'riżultat ta' dan, japplikaw l-Artikolu 5(5) u 5(6) tar-Regolament u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tista' titlob l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni. Jenħtieġ li l-operatur ekonomiku jingħata mill-inqas 15-il jum tax-xogħol biex jikkonforma wara t-talba biex jippreżenta d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni.

3.4.5. *Kif u meta tista' tintuża d-dikjarazzjoni?*

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni trid tinforma lill-operatur ekonomiku kkonċernat "mingħajr dewmien" meta jkollha l-ħsieb li tivvaluta jekk il-merkanzija hijiex kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor u, jekk iva, jekk l-interessi pubbliċi leġittimi koperti mir-regola teknika nazzjonali applikabbli tal-Istat Membru tad-destinazzjoni humiex protetti b'mod adegwat (l-Artikolu 5(1) tar-Regolament).

Fl-istess ħin, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tindika:

— il-merkanzija li hija soġġetta għall-valutazzjoni;

— ir-regola teknika applikabbli jew il-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel;

— il-possibbiltà li tiġi pprovduta dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku.

L-operatur ekonomiku jista' jagħżel li jippreżenta dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku bl-evidenza ta' sostenn meħtieġa biex jivverifika l-informazzjoni li tinsab fiha. Dan ikun inqas oneruż għall-operatur ekonomiku minħabba li l-awtorità kompetenti ma jenħtieġ li titlob l-ebda informazzjoni jew dokumentazzjoni oħra mill-ebda operatur ekonomiku biex turi li l-merkanzija hija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor (l-Artikolu 5(4) tar-Regolament).

3.4.6. *Kif għandhom jiġu ppreżentati d-dokumenti*

Id-dikjarazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jiġu ppreżentati f'limitu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn 15-il jum tax-xogħol wara t-talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni (l-Artikolu 5(6) tar-Regolament). Il-preżentazzjoni tista' ssir f'forma stampata jew b'mezz elettroniku jew issir disponibbli online skont ir-rekwiżiti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni (l-Artikolu 4(4) tar-Regolament).

## 3.5. **Valutazzjoni mill-awtorità kompetenti (l-Artikolu 5(1) tar-Regolament)**

Awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tista' tivvaluta l-merkanzija biex tistabbilixxi:

— jekk il-merkanzija jew il-merkanzija ta' dak it-tip hijiex kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor;

— u, jekk ikun il-każ, jekk l-interessi pubbliċi leġittimi koperti mir-regola teknika nazzjonali applikabbli tal-Istat Membru tad-destinazzjoni humiex protetti b'mod adegwat, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-merkanzija inkwistjoni.

L-aċċess għas-suq tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tal-merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor jista' jiġi limitat jew miċħud biss meta:

1) ir-regola teknika nazzjonali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jkollha objettiv leġittimu ta' interess pubbliku, u

2) l-limitazzjoni jew iċ-ċaħda tal-aċċess tkun **proporzjonata**, li jfisser li l-miżura tkun **xierqa** biex tiżgura li jintlaħaq l-objettiv u **meħtieġa** (ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv).

Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet amministrattivi li jillimitaw jew jiċħdu l-aċċess għas-suq fir-rigward ta' merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor ma jkunux ibbażati fuq is-sempliċi fatt li l-merkanzija li tkun qed tiġi vvalutata li tissodisfa l-objettiv pubbliku leġittimu li jrid jintlaħaq mill-Istat Membru b'mod differenti mill-mod kif il-merkanzija f'dak l-Istat Membru tissodisfa dak l-objettiv (il-Premessa 5 tar-Regolament). Xi jfisser li l-merkanzija tissodisfa l-objettiv pubbliku leġittimu b'mod differenti? Dan ifisser li l-merkanzija tista' tilħaq l-objettiv li jkun irid jilħaq il-leġiżlatur nazzjonali anke jekk, pereżempju, tkun ġiet ittestjata b'metodi ta' ttestjar fl-Istat Membru tal-oriġini li huma differenti mill-metodu preskritt fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

3.5.1. *Raġunijiet leġittimi ta' interess pubbliku*

Skont l-Artikolu 36 tat-TFUE, l-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE ma jipprevjenux il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet jew il-merkanzija fi tranżitu ġġustifikati għal raġunijiet ta': (i) moralità pubblika, (ii) politika pubblika jew sigurtà pubblika; (iii) il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti; (iv) il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali li għandhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew (v) il-protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu, tali projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ma jridux jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Minbarra r-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 36 tat-TFUE, hemm "raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku" jew "rekwiżiti obbligatorji" ([23]) żviluppati mill-Qorti. Fil-kawża *Cassis de Dijon* ([24]), il-Qorti spjegat li ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija li jirriżulta minn disparitajiet bejn il-liġijiet nazzjonali relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija jrid jiġi aċċettat diment li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala meħtieġa biex jissodisfaw rekwiżiti obbligatorji li jirrigwardjaw b'mod partikolari l-effettività tas-superviżjoni fiskali, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, il-ġustizzja tat-tranżazzjonijiet kummerċjali u l-protezzjoni tal-konsumatur. Il-Qorti tista' tirrikonoxxi raġunijiet oħrajn ta' ġustifikazzjoni. Pereżempju, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali (pereżempju, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' għaqda tad-dimostranti ([25])), il-protezzjoni tal-konsumatur ([26]), il-protezzjoni tat-tfal ([27]) jew il-ħarsien tal-ambjent ([28]).

Iktar informazzjoni dwar raġunijiet leġittimi ta' interess pubbliku hija pprovduta fil-*Gwida għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw il-moviment liberu tal-merkanzija* ([29]).

3.5.2. *Il-prinċipju tal-proporzjonalità*

Id-deċiżjoni trid tkun konformi **mal-prinċipju tal-proporzjonalità**. Dan ifisser li d-deċiżjoni amministrattiva trid tkun xierqa għall-iskop li jintlaħaq l-objettiv li jrid jintlaħaq u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

Fil-Kawża C-320/03, *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija*, il-Qorti ddikjarat li "sabiex jiġi stabbilit jekk tali restrizzjoni hijiex proporzjonata, filwaqt li jitqies l-għan leġittimu li jrid jintlaħaq f'dan il-każ, jiġifieri l-ħarsien tal-ambjent, jeħtieġ li jiġi ddeterminat jekk huwiex meħtieġ u xieraq sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq l-objettiv awtorizzat" ([30]).

Il-proporzjonalità tar-regola teknika nazzjonali hija l-bażi biex tintwera l-proporzjonalità tad-deċiżjoni amministrattiva bbażata fuq dik ir-regola. Madankollu, il-mezz li bih trid tintwera l-proporzjonalità tad-deċiżjoni amministrattiva jeħtieġ li jkun stabbilit abbażi ta' każ b'każ (il-Premessa 27 tar-Regolament).

Il-*Gwida għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw il-moviment liberu tal-merkanzija* fiha informazzjoni utli dwar it-test tal-proporzjonalità.

Il-paragrafi ta' hawn taħt isemmu xi eżempji tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

a) Il-miżura hija xierqa biex tiżgura li jintlaħaq l-objettiv maħsub?

Il-Qorti vvalutat **l-adegwatezza** tal-miżuri biex jintlaħaq l-objettiv fil-kawżi li ġejjin, fost l-oħrajn ([31]).

---

([23]) Il-Qorti sejħitilhom "rekwiżiti obbligatorji" fil-kawża *Cassis de Dijon*.

([24]) Is-sentenza tal-20 ta' Frar 1979, *Rewe-Zentral AG v Bundesmonopolverwaltung für Branntwein*, il-Kawża 120/78 ECLI:EU:C:1979:42, il-punt 13.

([25]) Is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2003, *Schmidberger*, C-112/00, ECLI:EU:C:2003:333: "restrizzjoni tal-kummerċ tal-merkanzija bejn l-Istati Membri hija ġġustifikata mill-interess leġittimu fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, f'dan il-każ il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' għaqda tad-dimostranti".

([26]) Is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka*, C-525/14, ECLI:EU:C:2016:714.

([27]) Is-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, *Dynamic Medien Vertriebs GmbH v Avides Media AG*, C-244/06, ECLI:EU:C:2008:85: il-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' kartuns Ġappuniżi msejħa "Anime" f'format ta' DVD jew kasett tal-vidjo mir-Renju Unit lejn il-Ġermanja minħabba li ma kellhomx tikketta minn dik l-awtorità li tindika l-età minn meta jistgħu jiġu segwiti l-kartuns, bil-protezzjoni tat-tfal tkun bażi ġustifikata għall-projbizzjoni.

([28]) Is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, *Ålands Vindkraft AB v Energimyndigheten*, C-573/12, ECLI:EU:C:2014:2037; is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2005, *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija*, C-320/03, ECLI:EU:C:2005:684.

([29]) Il-Gwida għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw il-moviment liberu tal-merkanzija, 2010, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/a5396a42-cbc8-4cd9-8b12-b769140091cd

([30]) Is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2005, *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija*, C-320/03, ECLI:EU:C:2005:684, il-punt 85.

([31]) Għal iktar informazzjoni, ara l-Gwida għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw il-moviment liberu tal-merkanzija, 2010, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/a5396a42-cbc8-4cd9-8b12-b769140091cd.

— Fil-kawża *Ålands Vindkraft* il-Qorti enfasizzat li l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli għall-produzzjoni tal-elettriku huwa utli għall-ħarsien tal-ambjent diment li jikkontribwixxi għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li huma fost il-kawżi ewlenin tat-tibdil fil-klima li l-UE u l-Istati Membri tagħha wiegħdu li jiġġieldu ([32]).

— Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (karrijiet), il-Qorti sostniet li projbizzjoni fuq l-użu ta' muturi li jirmonkaw il-karrijiet hija xierqa għall-iskop li tiġi żgurata s-sikurezza fit-toroq ([33]).

— Fil-kawża *Dynamic Medien*, il-Qorti ddeċidiet li ma hemm l-ebda dubju li l-projbizzjoni tal-bejgħ u t-trasferiment permezz ta' ordni bil-posta ta' mezzi għall-ħażna tal-immaġini li ma ġewx eżaminati u kklassifikati mill-awtorità kompetenti għall-iskop tal-protezzjoni taż-żgħażagħ u li ma għandhomx tikketta minn dik l-awtorità li tindika l-età minn meta jistgħu jiġu segwiti tikkostitwixxi miżura xierqa biex tipproteġi lit-tfal minn informazzjoni u materjali ta' dannu għall-benesseri tagħhom ([34]).

## b) Il-miżura hija meħtieġa biex jintlaħaq dak l-objettiv?

Id-deċiżjoni amministrattiva tkun proporzjonata jekk tkun mhux biss xierqa, iżda wkoll **meħtieġa** biex jintlaħaq l-objettiv leġittimu. F'din il-parti tal-valutazzjoni, il-mistoqsija li jenħtieġ li tiġi kkunsidrata hija: id-deċiżjoni amministrattiva tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv leġittimu? Jekk ikun hemm mezzi inqas restrittivi biex jintlaħaq l-istess objettiv, mela d-deċiżjoni amministrattiva tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ. L-eżempji ta' hawn taħt juru liema mistoqsijiet jenħtieġ li jsiru biex tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' deċiżjoni amministrattiva.

— Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka*, il-Qorti indikat li, b'konnessjoni mal-ġlieda kontra l-frodi biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri huma intitolati li jqisu li l-immarkar bil-karatteristiċi distintivi li jsir fit-territorju ta' pajjiżi terzi ma joffrix livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi ekwivalenti għall-immarkar bil-karatteristiċi distintivi li jsir minn korpi indipendenti fit-territorju tal-Istati Membri (ħlief meta l-Istat Membru tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, li jkollu sistema ekwivalenti ta' mmarkar bil-karatteristiċi distintivi, iwettaq kontrolli tal-merkanzija u r-riżultati jissodisfaw ir-rekwiżit ta' dak l-Istat Membru ([35])). Madankollu, il-Qorti kkonstatat li l-miżura ma kinitx proporzjonata mal-objettiv li kellu jintlaħaq, minħabba li l-istess objettiv seta' jintlaħaq permezz ta' miżuri alternattivi inqas restrittivi. L-ewwel nett, l-awtoritajiet Ċeki setgħu jitolbu evidenza dokumentarja mill-importatur biex juru l-post fuq il-merkanzija fejn sar l-immarkar bil-karatteristiċi distintivi inkwistjoni u, skont il-każ, il-post fejn il-metalli prezzjużi kkonċernati tqiegħdu f'ċirkolazzjoni libera u ġew kummerċjalizzati legalment fl-UE. It-tieni nett, l-awtoritajiet Ċeki setgħu llimitaw ir-rifjut li jirrikonoxxu l-immarkar bil-karatteristiċi distintivi ta' WaarborgHolland biss għaċ-ċirkostanzi li fihom kontroll addizzjonali tal-metalli prezzjużi mill-awtoritajiet Ċeki huwa fil-fatt iġġustifikat mill-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari f'każijiet ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ([36]).

— Fil-kawża *Ålands Vindkraft*, park eoliku li jinsab fil-Finlandja kien irrifjutat l-għoti mill-Iżvezja ta' ċertifikati tal-elettriku minħabba li tali ċertifikati kienu riżervati biss għal installazzjonijiet ekoloġiċi tal-produzzjoni tal-elettriku li jinsabu fl-Iżvezja. Madankollu, il-Qorti kkonstatat li l-miżura kienet proporzjonata, filwaqt li spjegat li ma deherx li l-Iżvezja aġixxiet bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità sempliċiment billi rriżervat skema ta' appoġġ bl-użu ta' ċertifikati ekoloġiċi esklużivament għall-elettriku ekoloġiku prodott fit-territorju nazzjonali. L-Istati Membri għandhom mira nazzjonali obbligatorja għall-enerġija rinnovabbli (is-sehem ġust tal-isforz tagħhom) u l-uniku elettriku li jistgħu jgħoddu fir-rigward ta' din il-mira huwa dak prodott fl-installazzjonijiet tagħhom. B'riżultat ta' dan, l-Iżvezja setgħet b'mod leġittimu tqis li tali limitazzjoni territorjali ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv — skont kemm id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]) kif ukoll l-iskema nazzjonali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva — li jiżdiedu l-produzzjoni u, indirettament, il-konsum tal-elettriku ekoloġiku fl-Unjoni Ewropea ([38]).

([32]) Is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, *Ålands Vindkraft AB v Energimyndigheten*, C-573/12, ECLI:EU:C:2014:2037, il-punt 78.
([33]) Is-sentenza tal-10 ta' Frar 2009, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-110/05, ECLI:EU:C:2009:66, il-punt 64.
([34]) Is-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, *Dynamic Medien Vertriebs GmbH v Avides Media AG*, C-244/06, ECLI:EU:C:2008:85, il-punt 47.
([35]) Is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka*, C-525/14, ECLI:EU:C:2016:714, il-punti 54 u 55.
([36]) Is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka*, C-525/14, ECLI:EU:C:2016:714, il-punti 65 u 66.
([37]) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).
([38]) Is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, *Ålands Vindkraft AB v Energimyndigheten*, C-573/12, ECLI:EU:C:2014:2037, il-punt 104.

— Fil-kawża *Dynamic Medien*, il-Qorti vvalutat in-neċessità tal-miżura kif ġej: sa fejn kien ikkonċernat il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-projbizzjoni, il-liġi dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ ma tipprekludix il-forom kollha ta' kummerċjalizzazzjoni ta' midja mhux ivverifikata għall-ħażna tal-immaġini. Mid-deċiżjoni jidher ċar li huwa permessibbli li jiġu importati u mibjugħa tali mezzi għall-ħażna tal-immaġini lil persuni adulti permezz ta' mezzi ta' distribuzzjoni li jinvolvu kuntatt personali bejn il-fornitur u x-xerrej, li b'hekk jiżgura li t-tfal ma jkollhomx aċċess għall-mezzi għall-ħażna tal-immaġini kkonċernati. Fid-dawl ta' dawk il-fatturi, jidher li r-regoli inkwistjoni fil-proċedimenti ewlenin ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li jrid jintlaħaq mill-Istat Membru kkonċernat ([39]).

— Fil-Kawża C-265/06, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża*, il-Qorti kkonstatat li l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-iżgurar tas-sikurezza fit-toroq jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet prevalenti fl-interess pubbliku li kapaċi jiġġustifikaw xkiel għall-moviment liberu tal-merkanzija. Għalkemm il-projbizzjoni tat-twaħħil ta' film ikkulurit mat-twieqi ta' vetturi tal-passiġġieri jew tal-merkanzija "tidher, fil-fatt, li x'aktarx tiffaċilita tali spezzjoni u, għalhekk, li hija adatta sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-ġlieda kontra l-kriminalità u l-iżgurar tas-sikurezza fit-toroq, minn dan ma jirriżultax li din hija neċessarja sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi jew li ma jeżistux mezzi inqas restrittivi oħrajn sabiex isir dan" ([40]). Il-ħtieġa tal-projbizzjoni kompliet tiddgħajjef meta l-awtoritajiet ammettew li vetturi bil-mutur immuntati mill-bidu bi twieqi kkuluriti fil-limiti stipulati mid-Direttiva tal-Kunsill 92/22/KEE ([41]) huma permessi fit-territorju tagħhom. Barra minn hekk, hemm firxa wiesgħa ta' films ikkuluriti (minn film trasparenti għal film li huwa kważi opak) li jfisser li mill-inqas xi films, jiġifieri dawk bi grad suffiċjenti ta' trasparenza, jippermettu l-ispezzjoni viżwali mixtieqa tal-vetturi bil-mutur minn ġewwa. Għalhekk, il-Qorti kkonkludiet li l-projbizzjoni ta' films ikkuluriti fil-vetturi kienet eċċessiva u, għalhekk, sproporzjonata fir-rigward tal-objettivi li jridu jintlaħqu ([42]).

## 3.6. Sospensjoni temporanja tal-aċċess għas-suq (l-Artikolu 6 tar-Regolament)

Meta awtorità kompetenti ta' Stat Membru tad-destinazzjoni tkun qed tivvaluta l-merkanzija qabel ma tiddeċiedi jekk għandhiex tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq jew le, jenħtieġ li dik l-awtorità ma tkunx tista' tieħu deċiżjonijiet li tissospendi l-aċċess għas-suq, ħlief meta jkun meħtieġ intervent rapidu biex jiġi evitat dannu għas-sikurezza jew għas-saħħa tal-persuni, biex jiġi evitat dannu għall-ambjent, jew biex jiġi evitat li l-merkanzija ssir disponibbli f'każijiet fejn it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' tali merkanzija jkun ġeneralment ipprojbit għal raġunijiet ta' moralità pubblika jew ta' sigurtà pubblika, inkluża, pereżempju, il-prevenzjoni tal-kriminalità (il-Premessa 29 tar-Regolament).

F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament, meta jwettqu valutazzjoni tal-merkanzija, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jistgħu jissospendu temporanjament it-tqegħid fis-suq ta' dik il-merkanzija f'dak l-Istat Membru biss jekk:

a) f'kundizzjonijiet normali jew raġonevolment prevedibbli ta' użu, il-merkanzija joħolqu riskju serju għas-sikurezza jew is-saħħa tal-persuni jew għall-ambjent, inkluż wieħed fejn l-effetti ma jkunux immedjati, li jirrikjedi intervent rapidu mill-awtorità kompetenti; jew

b) it-tqegħid tal-merkanzija, jew ta' merkanzija ta' dak it-tip, fis-suq ta' dak l-Istat Membru jkun ġeneralment ipprojbit f'dak l-Istat Membru għal raġunijiet ta' moralità pubblika jew ta' sigurtà pubblika.

Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tissospendi temporanjament l-aċċess għas-suq, jenħtieġ li tinnotifika immedjatament lill-operatur ekonomiku kkonċernat, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn (l-Artikolu 6(2) tar-Regolament). Jekk ir-raġuni għas-sospensjoni temporanja tkun li, *f'kundizzjonijiet normali jew raġonevolment prevedibbli ta' użu, il-merkanzija joħolqu riskju serju għas-sikurezza jew is-saħħa tal-persuni jew għall-ambjent, inkluż wieħed fejn l-effetti ma jkunux immedjati, li jirrikjedi intervent rapidu mill-awtorità kompetenti,* in-notifika trid tkun akkumpanjata minn ġustifikazzjoni teknika jew xjentifika dettaljata li turi għaliex il-każ jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-punt (l-Artikolu 6(2) tar-Regolament).

([39]) Is-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, *Dynamic Medien Vertriebs GmbH v Avides Media AG*, C-244/06, ECLI:EU:C:2008:85, il-punt 48.
([40]) Is-sentenza tal-10 ta' April 2008, *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Portugiża*, C-265/06, ECLI:EU:C:2008:210, il-punti 38-41.
([41]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/22/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar it-tqegħid tal-ħġieġ tas-sigurtà fit-twieqi u l-materjali tal-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi fuq vetturi bil-mutur u fuq it-trailers tagħhom (ĠU L 129, 14.5.1992, p. 11).
([42]) Is-sentenza tal-10 ta' April 2008, *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Portugiża*, C-265/06, ECLI:EU:C:2008:210, il-punti 38-48.

### 3.7. **Deċiżjoni amministrattiva (l-Artikolu 5(9)-5(13) tar-Regolament)**

Meta titlesta valutazzjoni tal-merkanzija, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tista' tiddeċiedi li tieħu deċiżjoni amministrattiva fir-rigward tal-merkanzija li tkun ivvalutat (l-Artikolu 5(9) tar-Regolament).

Kif issemma qabel, ir-rikonoxximent reċiproku mhuwiex prinċipju assolut. Madankollu, hija meħtieġa ġustifikazzjoni tajba għal kwalunkwe eċċezzjoni għal dan il-prinċipju. L-aċċess għas-suq għall-merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor ma jistax ikun limitat jew miċħud biss abbażi li r-regoli nazzjonali jistabbilixxu rekwiżiti differenti għall-merkanzija kkonċernata. Jekk ikun hemm raġuni ġenwina li tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq, trid tingħata ġustifikazzjoni għal kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

Sa issa, id-deċiżjonijiet amministrattivi rari stabbilew ir-raġunijiet għal-limitazzjoni jew għaċ-ċaħda tal-aċċess għas-suq għal merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor.

L-Artikoli 5(10)–5(12) tar-Regolament jelenkaw il-kategoriji ta' informazzjoni li jenħtieġ li jiġu pprovduti fid-deċiżjoni amministrattiva.

Id-deċiżjoni amministrattiva trid tinkludi *r-raġunijiet* għad-deċiżjoni, li jridu jiġu stabbiliti b'mod dettaljat u raġunat biżżejjed sabiex tiġi ffaċilitata valutazzjoni tal-kompatibbiltà tagħha mal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u mar-rekwiżiti tar-Regolament (l-Artikolu 5(10) tar-Regolament). B'mod partikolari, id-deċiżjoni amministrattiva trid tinkludi l-informazzjoni li ġejja (l-Artikolu 5(11) tar-Regolament):

a) ir-regola teknika nazzjonali li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni amministrattiva;

b) ir-raġunijiet leġittimi ta' interess pubbliku li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tar-regola teknika nazzjonali li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni amministrattiva;

c) l-evidenza teknika jew xjentifika kkunsidrata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, inkluż, fejn applikabbli, kwalunkwe bidla rilevanti fl-aktar teknoloġija avvanzata li tkun seħħet minn meta daħlet fis-seħħ ir-regola teknika nazzjonali;

d) sommarju tal-argumenti (jekk ikun hemm) imressqa mill-operatur ekonomiku kkonċernat li huma rilevanti għall-valutazzjoni ta' jekk il-merkanzija ġietx kummerċjalizzata legalment u jekk l-interessi pubbliċi leġittimi koperti mir-regola teknika nazzjonali applikabbli tal-Istat Membru tad-destinazzjoni humiex protetti b'mod adegwat, wara li jitqiesu l-karatteristiċi tal-merkanzija inkwistjoni;

e) l-evidenza li turi li d-deċiżjoni amministrattiva hija xierqa għall-iskop li jintlaħaq l-objettiv li jkun irid jintlaħaq u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

Għall-iskopijiet tal-Artikolu 5(11) tar-Regolament, "raġunijiet leġittimi ta' interess pubbliku" huma definiti bħala kwalunkwe waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 36 tat-TFUE jew kwalunkwe raġuni prevalenti oħra ta' interess pubbliku (l-Artikolu 3(14) tar-Regolament) ([43]).

Id-deċiżjoni amministrattiva trid tispeċifika r-rimedji disponibbli skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u l-limiti ta' żmien applikabbli għal dawk ir-rimedji. Jenħtieġ li tinkludi wkoll referenza għall-fatt li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jagħmlu użu minn SOLVIT u mill-proċedura l-ġdida għas-soluzzjoni tal-problemi (l-Artikolu 5(12) tar-Regolament, ara wkoll it-Taqsima 3.10).

Id-deċiżjoni amministrattiva li tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq trid tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku. Id-deċiżjoni ma għandhiex tidħol fis-seħħ qabel ma tkun ġiet innotifikata lill-operatur ekonomiku (l-Artikoli 5(9) u 5(13) tar-Regolament).

### 3.8. **Notifiki lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn**

L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar:

— is-sospensjonijiet temporanji (l-Artikolu 6(2) tar-Regolament);

— id-deċiżjonijiet amministrattivi (l-Artikolu 5(9) tar-Regolament).

Għall-iskopijiet tal-Artikolu 5(9) u tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament, jenħtieġ li tintuża s-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) (l-Artikolu 11(1) tar-Regolament).

Il-Kummissjoni trid tuża l-informazzjoni disponibbli fl-ICSMS għall-evalwazzjoni futura tar-Regolament (l-Artikolu 14(2) tar-Regolament).

([43]) Ara wkoll it-Taqsima 3.5.1.

Is-sospensjonijiet temporanji jridu jiġu nnotifikati minnufih permezz tal-ICSMS lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn (l-Artikolu 6(2) tar-Regolament).

Id-deċiżjonijiet amministrattivi jridu jiġu nnotifikati permezz tal-ICSMS lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn mhux iktar tard minn 20 jum tax-xogħol wara li tittieħed id-deċiżjoni (l-Artikolu 5(9) tar-Regolament).

Jenħtieġ li s-sospensjoni temporanja jew id-deċiżjoni amministrattiva nnotifikata tittella' fl-ICSMS.

Fit-teorija, jekk miżura nnotifikata permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Rapida (RAPEX) ([44]) jew tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) ([45]) tkun tikkonċerna merkanzija li mhijiex koperta mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni u li qed tiġi kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik il-miżura tiġi nnotifikata wkoll skont ir-Regolament, bl-użu tas-sistema ICSMS.

Ir-Regolament huwa maħsub biex jeħles lill-Istati Membri mill-piż ta' notifiki doppji f'każijiet fejn miżura tkun teħtieġ notifika taħt żewġ sistemi. Għalhekk, l-Artikolu 7 jiddikjara li jekk deċiżjoni amministrattiva jew sospensjoni temporanja tkun ukoll miżura li trid tiġi nnotifikata permezz ta' RAPEX jew RASFF, "ma għandhiex tkun meħtieġa notifika separata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn skont dan ir-Regolament" jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: a) in-notifika permezz ta' RAPEX jew RASFF tindika li n-notifika sservi wkoll bħala notifika skont ir-Regolament (UE) 2019/515, u b) tiġi pprovduta l-evidenza ta' sostenn li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/515.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni hija responsabbli biex ittella' d-dokumenti meħtieġa skont ir-Regolament. Kif imsemmi hawn fuq, dawn id-dokumenti huma d-deċiżjoni amministrattiva u s-sospensjoni temporanja (akkumpanjati mill-ġustifikazzjoni teknika jew xjentifika dettaljata f'każijiet fejn tkun ibbażata fuq riskju serju għas-sikurezza jew għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent).

### 3.9. **Rimedji kontra d-deċiżjoni amministrattiva**

Kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tad-destinazzjoni skont ir-Regolament trid tispeċifika r-rimedji disponibbli skont id-dritt nazzjonali u l-iskadenzi għall-użu ta' dawk ir-rimedji (l-Artikolu 5(12) tar-Regolament u l-Premessa 35 tar-Regolament), sabiex operatur ekonomiku jkun jista' jappella jew iressaq proċedimenti kontra d-deċiżjoni. L-għażliet disponibbli għall-kontestazzjoni ta' tali deċiżjonijiet jiddependu fuq ir-rimedji pprovduti mid-dritt nazzjonali (istanza amministrattiva ta' appell, qrati nazzjonali, tribunali jew istanzi oħrajn ta' appell). B'mod ġenerali, is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali jipprovdu, direttament jew wara appell amministrattiv, il-possibbiltà li jitressaq appell quddiem qorti jew tribunal kontra d-deċiżjoni amministrattiva tal-awtorità kompetenti biex jiġi limitat jew miċħud l-aċċess għas-suq.

L-Artikolu 8 tar-Regolament jintroduċi proċedura ġdida għas-soluzzjoni tal-problemi biex jiġi pprovdut rimedju effettiv u terġa' tiġi stabbilita l-fiduċja fir-rikonoxximent reċiproku. Din il-proċedura l-ġdida hija fdata lin-network tas-SOLVIT.

### 3.10. **X'inhu s-SOLVIT**

Is-SOLVIT huwa network eżistenti ta' ċentri stabbiliti mill-Istati Membri li għandu l-għan li jwassal soluzzjonijiet rapidi, effettivi u informali għall-problemi li jiltaqgħu magħhom l-individwi u n-negozji meta d-drittijiet tagħhom tal-UE fis-suq uniku jkunu qed jiġu miċħuda mill-awtoritajiet pubbliċi, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/461/UE dwar il-prinċipji li jirregolaw is-SOLVIT ([46]).

Is-SOLVIT huwa mekkaniżmu informali u mhux ġudizzjarju għas-soluzzjoni tal-problemi li jipprovdi alternattiva għall-proċedimenti tal-qorti. Jipprovdi soluzzjonijiet prattiċi għall-individwi u n-negozji li qed jesperjenzaw diffikultajiet f'sitwazzjonijiet transfruntiera assoċjati mas-suq uniku u kkawżati minn awtorità pubblika. Is-SOLVIT huwa mingħajr ħlas u jiġi pprovdut mill-amministrazzjoni nazzjonali f'kull Stat Membru tal-UE, kif ukoll fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja. Il-prinċipji li jirregolaw l-operat tiegħu huma stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/461/UE, li tiddikjara li kull Stat Membru għandu jipprovdi lil ċentru tas-SOLVIT b'riżorsi suffiċjenti biex jiżgura li jkun jista' jieħu sehem fin-network ([47]).

Il-proċedura tas-SOLVIT tista' tiġi attivata minn operaturi ekonomiċi affettwati minn deċiżjoni amministrattiva. Ir-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE ma tistabbilixxi l-ebda limitu ta' żmien għat-tnedija tal-proċedura tas-SOLVIT. Madankollu, jekk l-operaturi ekonomiċi jiddeċiedu li jużaw is-SOLVIT, huwa rakkomandabbli li jippreżentaw id-deċiżjoni

([44]) F'konformità mad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

([45]) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([46]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/461/UE tas-17 ta' Settembru 2013 dwar il-prinċipji li jirregolaw is-SOLVITO(ĠU L 249, 19.9.2013, p. 10).

([47]) It-Taqsima IV, il-punt 2 tar-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE.

amministrattiva lis-SOLVIT kmieni kemm jista' jkun. Billi s-SOLVIT huwa mekkaniżmu informali, ir-rikors għall-proċedura tas-SOLVIT ma jissospendi l-ebda skadenza formali għall-preżentazzjoni ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju, u lanqas ma jissostitwixxi tali appelli. Jekk, matul proċedura tas-SOLVIT li tkun għaddejja, operatur ekonomiku jressaq appell ġudizzjarju, hija prattika normali li ċ-ċentru tas-SOLVIT jiġi nnotifikat. Iċ-ċentru tas-SOLVIT iwaqqaf il-proċedura tas-SOLVIT u l-mandat taċ-ċentru tas-SOLVIT jintemm ([48]).

Fejn is-sistemi nazzjonali jipprevedu l-possibbiltà ta' appell amministrattiv kontra d-deċiżjoni amministrattiva tal-awtorità kompetenti biex tillimita jew tiċħad l-aċċess għas-suq quddiem l-awtorità responsabbli għas-superviżjoni ta' dik l-awtorità kompetenti (skont is-sistema applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat), xi awtoritajiet jiddeċiedu li jwaqqfu l-proċedura temporanjament jekk tkun għaddejja proċedura tas-SOLVIT għas-soluzzjoni tal-problemi. Dan jippermetti lill-awtorità superviżorja tqis il-proċess tas-SOLVIT.

Il-każijiet kollha tas-SOLVIT jiġu ttrattati minn żewġ ċentri tas-SOLVIT, iċ-ċentru domestiku u ċ-ċentru ewlieni ([49]). Iċ-ċentru domestiku tipikament ikun fl-Istat Membru tal-ilmentatur, filwaqt li ċ-ċentru ewlieni jkun fl-Istat Membru tal-awtorità li dwarha jkun sar ilment. Iċ-ċentru domestiku huwa responsabbli biex jagħmel valutazzjoni legali tal-problema u jipprepara l-każ qabel ma jippreżentah liċ-ċentru tas-SOLVIT tal-awtorità li dwarha jkun sar ilment ([50]). Iċ-ċentru ewlieni huwa responsabbli biex isib soluzzjonijiet għall-applikanti, inkluża kjarifika tad-dritt tal-UE applikabbli, u jenħtieġ li jinforma regolarment liċ-ċentru domestiku dwar kif qed jipprogressa l-ilment ([51]).

Iċ-ċentri tas-SOLVIT jużaw sistema online sigura għat-trattament tal-każijiet ([52]). Dan jirriżulta f'komunikazzjoni effiċjenti u jwassal għal trasparenza sħiħa. Il-Kummissjoni għandha aċċess għas-sistema, timmonitorja l-kwalità tat-trattament tal-każijiet, u toffri assistenza u kjarifiki f'każijiet kumplessi.

### 3.11. **Is-SOLVIT u l-proċedura għas-soluzzjoni tal-problemi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament**

Il-proċedura tas-SOLVIT deskritta fir-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE u l-proċedura speċjali għas-soluzzjoni tal-problemi prevista mill-Artikolu 8 tar-Regolament huma differenti. Id-differenza ewlenija f'dawn il-proċeduri hija l-possibbiltà li ċ-ċentri tas-SOLVIT jitolbu lill-Kummissjoni toħroġ opinjoni.

Il-proċedura tas-SOLVIT deskritta fir-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE ma tipprovdi l-ebda possibbiltà li ċ-ċentri tas-SOLVIT jitolbu lill-Kummissjoni tagħti opinjoni. Madankollu, l-Artikolu 8(1) tar-Regolament jistabbilixxi li fejn operatur ekonomiku jkun beda proċedura tas-SOLVIT, iċ-ċentru domestiku jew iċ-ċentru ewlieni jista' jitlob lill-Kummissjoni tagħti opinjoni biex tgħin fis-soluzzjoni tal-każ. Din il-proċedura speċifika tapplika biss f'każijiet fejn l-awtoritajiet ikunu ħarġu deċiżjoni amministrattiva f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament. Tinkludi l-possibbiltà li ċentru tas-SOLVIT jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta jekk id-deċiżjoni amministrattiva hijiex kompatibbli mal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u mar-rekwiżiti tar-Regolament (l-Artikolu 8(1) u 8(2) tar-Regolament). Il-proċedura għas-soluzzjoni tal-problemi skont ir-Regolament tinvolvi skadenzi itwal mill-proċedura tas-soltu tas-SOLVIT, sabiex il-Kummissjoni tingħata biżżejjed żmien biex toħroġ l-opinjoni.

([48]) It-Taqsima III, il-punt 6 tar-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE.
([49]) It-Taqsima V.A, il-punt 1 tar-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE.
([50]) It-Taqsima V.B, il-punt 2 tar-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE.
([51]) It-Taqsima V.C, il-punt 2 tar-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE.
([52]) Il-bażi tad-*data* online tas-SOLVIT hija modulu awtonomu fis-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern. Minħabba din l-integrazzjoni teknika, ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE (ir-"Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1) dwar l-ipproċessar ta' *data* personali u ta' informazzjoni kunfidenzjali japplikaw ukoll għall-proċeduri tas-SOLVIT. Ir-Rakkomandazzjoni tas-SOLVIT tispeċifika wkoll ċerti aspetti tal-ipproċessar tad-*data* personali fis-SOLVIT, f'konformità mar-Regolament tal-IMI.

Sabiex l-operaturi ekonomiċi jsiru konxji tad-disponibbiltà tal-proċedura speċifika għas-soluzzjoni tal-problemi tar-Regolament, id-deċiżjonijiet amministrattivi kollha maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali skont ir-Regolament iridu jinkludu referenza għall-possibbiltà li l-operaturi ekonomiċi jużaw is-SOLVIT u l-proċedura għas-soluzzjoni tal-problemi stabbilita mill-Artikolu 8 tar-Regolament (l-Artikolu 5(12) tar-Regolament; ara wkoll it-Taqsima 3.7). Pereżempju, id-deċiżjoni amministrattiva tista' tinkludi paragrafu bħal dan li ġej.

"Tista' tippreżenta din id-deċiżjoni lis-SOLVIT, skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Rakkomandazzjoni 2013/461/UE. Iċ-ċentru domestiku jew iċ-ċentru ewlieni jista' jitlob lill-Kummissjoni tagħti opinjoni sabiex tgħin fis-soluzzjoni tal-każ, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/515."

Is-SOLVIT dejjem kien disponibbli għall-operaturi ekonomiċi li jiffaċċaw problemi fis-suq uniku. Problemi oħrajn assoċjati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija fi Stat Membru ieħor, bħan-nuqqas ta' tweġiba mill-awtorità kompetenti, jew ir-rifjut li tinħareġ deċiżjoni, se jkomplu jiġu ttrattati mis-SOLVIT bil-mod tas-soltu. Madankollu, problemi bħal dawn mhux se jiskattaw il-proċedura speċifika għas-soluzzjoni tal-problemi stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament.

## 3.12. **L-opinjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura għas-soluzzjoni tal-problemi tal-Artikolu 8 tar-Regolament**

Meta l-approċċ informali tas-SOLVIT ifalli u jibqgħu dubji dwar il-kompatibbiltà tad-deċiżjoni amministrattiva mal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, kwalunkwe wieħed miċ-ċentri tas-SOLVIT involuti jista' jitlob lill-Kummissjoni toħroġ opinjoni (l-Artikolu 8(1) tar-Regolament). L-iskop tal-opinjoni tal-Kummissjoni hu li tkun tista' tivvaluta jekk id-deċiżjoni amministrattiva nazzjonali hijiex kompatibbli mal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u mar-rekwiżiti tar-Regolament (l-Artikolu 8(2) tar-Regolament). Fost l-oħrajn, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra d-dokumenti u l-informazzjoni pprovduti bħala parti mill-proċedura tas-SOLVIT. Tista' titlob informazzjoni jew dokumenti addizzjonali permezz taċ-ċentru tas-SOLVIT rilevanti (l-Artikolu 8(3) tar-Regolament).

Fi żmien 45 jum tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba għal opinjoni (li ma tinkludix iż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti addizzjonali msemmija hawn fuq), il-Kummissjoni trid tlesti l-valutazzjoni tagħha u toħroġ opinjoni (l-Artikolu 8(4) tar-Regolament). Jenħtieġ li din l-opinjoni tindirizza biss il-kwistjoni ta' jekk id-deċiżjoni amministrattiva hijiex kompatibbli mal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u mar-rekwiżiti tar-Regolament (l-Artikolu 8(2) tar-Regolament). Fejn ikun xieraq, jenħtieġ li l-opinjoni tidentifika kwalunkwe tħassib li jrid jiġi indirizzat fil-każ tas-SOLVIT jew tagħmel rakkomandazzjonijiet li jistgħu jgħinu biex jissolva l-każ (l-Artikolu 8(4) tar-Regolament). L-opinjoni tal-Kummissjoni trid titqies waqt il-proċedura tas-SOLVIT (l-Artikolu 8(6) tar-Regolament).

Il-Kummissjoni tikkomunika l-opinjoni tagħha permezz taċ-ċentru tas-SOLVIT rilevanti lill-operatur ekonomiku kkonċernat u lill-awtoritajiet kompetenti. Tinnotifika wkoll l-opinjoni lill-Istati Membri kollha permezz tal-ICSMS (l-Artikolu 8(6) tar-Regolament). L-operatur ekonomiku jista' jagħmel użu mill-opinjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament u jagħmilha disponibbli għal kwalunkwe parti terza rilevanti.

Jekk il-Kummissjoni tiġi infurmata li l-każ issolva matul il-perjodu ta' valutazzjoni, il-Kummissjoni mhijiex meħtieġa li toħroġ opinjoni (l-Artikolu 8(5) tar-Regolament).

Il-fatt li l-Kummissjoni toħroġ opinjoni ma jaffettwax is-setgħat tagħha skont l-Artikolu 258 tat-TFUE (il-Premessa 40 tar-Regolament).

## 3.13. **Ir-rwol tal-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti (l-Artikolu 9 tar-Regolament)**

Ir-Regolament jagħmilha ħafna iktar faċli minn qabel li l-merkanzija mhux koperta mir-regoli tal-UE dwar l-armonizzazzjoni tiġi kkummerċjalizzata fi Stati Membri oħrajn, iżda jagħti wkoll iktar responsabbiltà lill-operaturi ekonomiċi. Iridu jkunu konxji tar-regoli nazzjonali rilevanti mhux biss fl-Istat Membru fejn jikkummerċjalizzaw il-merkanzija tagħhom legalment, iżda wkoll fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, pereżempju jekk hemmx proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

Sabiex ikun żgurat li l-operaturi ekonomiċi ma jitħallewx għal rashom fil-ġbir ta' informazzjoni relatata mal-prodott fl-Istati Membri, ir-Regolament jiffaċilita l-ġbir ta' din l-informazzjoni permezz ta' Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti. Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament, il-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti jridu jipprovdu s-servizzi tagħhom

f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([53]) (ir-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika). Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti jkollhom tagħmir u riżorsi adegwati (l-Artikolu 9(1) u l-Premessa 42 tar-Regolament) sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol importanti tagħhom fl-iffaċilitar tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-operaturi ekonomiċi.

Il-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti jridu jipprovdu informazzjoni online dwar (l-Artikolu 9(2) tar-Regolament):

a) il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u l-applikazzjoni tar-Regolament fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom, inkluża informazzjoni dwar il-proċedura ta' valutazzjoni tal-merkanzija skont l-Artikolu 5 tar-Regolament;

b) id-dettalji ta' kuntatt dirett tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tagħhom, inklużi d-dettalji tal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tar-regoli tekniċi nazzjonali applikabbli fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom;

c) ir-rimedji u l-proċeduri disponibbli fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom fil-każ ta' tilwima bejn l-awtorità kompetenti u operatur ekonomiku, inkluża l-proċedura għas-soluzzjoni tal-problemi stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament.

Għalkemm il-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti huma responsabbli biex jagħmlu l-iktar *data* importanti disponibbli fuq is-siti web tagħhom (ara l-Artikolu 9(2) u l-Premessa 42 tar-Regolament), jistgħu wkoll jiġu kkuntattjati direttament mill-operaturi ekonomiċi jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u jridu jipprovdu iktar informazzjoni fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievu talba (l-Artikolu 9(3) u 9(4) tar-Regolament). Iridu jipprovdu din l-informazzjoni ulterjuri mingħajr ħlas (l-Artikolu 9(5) tar-Regolament). Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti jwettqu kompiti assoċjati mal-għoti ta' kwalunkwe informazzjoni relatata mal-prodott, inklużi kopji elettroniċi tar-regoli tekniċi nazzjonali, jew aċċess online għalihom, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li jirregolaw id-distribuzzjoni tar-regoli tekniċi nazzjonali (il-Premessa 42 tar-Regolament).

L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu wkoll jikkuntattjaw lill-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti jew lill-awtoritajiet minn Stat Membru ieħor (pereżempju, l-Istat Membru tal-oriġini/l-ewwel kummerċjalizzazzjoni legali) u jitolbuhom informazzjoni biex jivverifikaw id-*data* pprovduta mill-operaturi ekonomiċi matul il-valutazzjoni tal-merkanzija (ara l-Artikoli 5, 9 u 10(3) tar-Regolament). Il-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti jistgħu jintużaw ukoll biex jiffaċilitaw il-kuntatti bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti (l-Artikolu 10(3) tar-Regolament).

Madankollu, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti ma jintalbux jipprovdu kopji tal-istandards li huma soġġetti għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-korpi jew l-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni (il-Premessa 42 tar-Regolament), jew aċċess online għalihom.

L-Artikolu 10 tar-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar il-kooperazzjoni amministrattiva li jippreskrivu l-iktar oqsma importanti li fihom hija meħtieġa l-kooperazzjoni effiċjenti tal-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti u l-awtoritajiet nazzjonali.

### 3.14. **Kooperazzjoni amministrattiva (l-Artikolu 10 tar-Regolament)**

Ir-Regolament isaħħaħ il-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti bħala wieħed mill-mezzi ewlenin ta' komunikazzjoni għar-rikonoxximent reċiproku u jtejjeb il-komunikazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti.

Waħda mill-forom ta' kooperazzjoni amministrattiva previsti mir-Regolament hija l-iskambju ta' uffiċjali fost l-Istati Membri u l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ u programmi ta' sensibilizzazzjoni komuni għall-awtoritajiet u n-negozji (l-Artikolu 10(1)(c) tar-Regolament). Il-Kummissjoni tiżgura l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti, filwaqt li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet (l-Artikoli 10(1) u 10(2) tar-Regolament).

Il-kooperazzjoni amministrattiva hija partikolarment importanti fil-valutazzjoni tal-merkanzija. Permezz tas-sistema ICSMS, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tad-destinazzjoni jistgħu jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ewwel kummerċjalizzazzjoni legali jekk ikollhom bżonn jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-operatur ekonomiku (l-Artikolu 5(7) tar-Regolament). Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwieġbu tali talbiet fi żmien 15-il jum tax-xogħol bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-verifika tad-*data* u d-dokumenti pprovduti mill-operatur ekonomiku matul il-valutazzjoni tal-merkanzija kkonċernata (l-Artikolu 10(3) tar-Regolament).

---

([53]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

Il-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw il-kuntatti bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti fil-limitu ta' żmien ta' 15-il jum tax-xogħol biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba (l-Artikolu 10(3) tar-Regolament).

## 4. IL-VALUTAZZJONI MINN QABEL TAR-REGOLI TEKNIĊI NAZZJONALI — ID-DIRETTIVA (UE) 2015/1535 U L-KLAWŻOLA TAS-SUQ UNIKU

Id-Direttiva (UE) 2015/1535 hija għodda importanti għall-prevenzjoni ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ għal prodotti li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni, jew li huma koperti biss parzjalment minn din il-leġiżlazzjoni. Din tgħin biex ikun żgurat rikonoxximent reċiproku akbar u aħjar billi tesiġi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe abbozz ta' regolamenti tekniċi għal prodotti u servizzi tas-soċjetà tal-informatika qabel ma jiġu ppromulgati fid-dritt nazzjonali.

Id-Direttiva (UE) 2015/1535 u r-Regolament japplikaw fi stadji differenti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' regolament tekniku. Flimkien, jiżguraw li r-regolamenti nazzjonali ma joħolqux ostakoli mhux ġustifikati għall-kummerċ fi kwalunkwe punt fiċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

Il-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw ir-regolamenti tekniċi għal prodotti u servizzi tas-soċjetà tal-informatika li l-Istati Membri individwali qed jippjanaw li jadottaw. Tipprevjeni l-ħolqien ta' ostakoli tekniċi ġodda għall-kummerċ billi tiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u mal-prinċipji tas-suq intern. Il-proċedura tippermetti wkoll lin-negozji u lil partijiet ikkonċernati oħrajn jikkummentaw dwar l-abbozzi nnotifikati fil-bażi tad-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni tar-Regolament Tekniku (TRIS).

Karatteristika kritika tal-proċedura hija l-konsegwenzi legali tan-nuqqas ta' konformità. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-194/94 ([54]), stabbiliet il-prinċipju li n-nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' notifika (l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2015/1535) iwassal biex ir-regolamenti tekniċi kkonċernati ma jkunux applikabbli, sabiex b'hekk ma jkunux infurzabbli kontra individwi.

Il-Qorti ddeċidiet li d-Direttiva (UE) 2015/1535 trid tiġi interpretata bħala waħda li għandha effett dirett, li jfisser li jenħtieġ li l-individwi jkunu jistgħu jserrħu fuqha direttament f'kawżi quddiem qrati nazzjonali li fihom huma jkunu kontra l-awtoritajiet kompetenti. Iddeċidiet ukoll li d-dritt nazzjonali ma kienx applikabbli minħabba li ma kienx ġie nnotifikat. Il-Qorti ddikjarat li jekk ir-regolamenti mhux innotifikati jibqgħu infurzabbli, dan ifixkel l-objettiv u l-iskop tad-Direttiva, u jħajjar lill-Istati Membri biex ma jinnotifikawx. Is-sentenza fil-Kawża C-194/94 kellha implikazzjonijiet kbar għall-impatt tad-Direttiva (UE) 2015/1535. Essenzjalment, dan ifisser li l-kumpaniji ma jistgħux jiġu mġiegħla jikkonformaw mar-regoli tekniċi nazzjonali li ma jkunux ġew innotifikati.

Madankollu, il-fatt li regolament tekniku jkun ġie nnotifikat ma jfissirx li l-applikazzjoni tiegħu bilfors tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Regola teknika nnotifikata xorta tista' taffettwa l-moviment liberu tal-merkanzija, skont kif l-awtoritajiet nazzjonali japplikaw ir-regola. Huwa hawnhekk fejn jidħol fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/515 dwar ir-rikonoxximent reċiproku, sabiex ikun żgurat li r-regola tiġi applikata b'mod korrett abbażi ta' każ b'każ, b'mod li jikkonforma mal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku.

Sabiex issir sensibilizzazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet u l-operaturi ekonomiċi nazzjonali tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jipprevedu "klawżoli dwar is-suq uniku" ċari u mhux ambigwi fir-regoli tekniċi nazzjonali tagħhom (il-Premessa 16 tar-Regolament), bil-ħsieb li jnaqqsu r-riskju li dawn ir-regoli joħolqu ostakoli regolatorji għall-kummerċ ([55]), kif ukoll jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' dak il-prinċipju. Fil-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, il-Kummissjoni tirrakkomanda regolarment, fejn xieraq, li l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat jinkludu l-klawżola tas-suq uniku fl-abbozz innotifikat, kif stabbilit f'*Il-Pakkett dwar il-Prodotti: Insaħħu l-fiduċja fis-suq uniku* ([56]). Din li ġejja hija verżjoni ċċarata iktar tal-klawżola.

*Il-prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fit-Turkija, jew li joriġinaw u jkunu legalment kummerċjalizzati fil-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE huma preżunti kompatibbli ma' dawn ir-regoli. L-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli hija soġġetta għar-Regolament (UE) 2019/515 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor.*

([54]) Is-sentenza tat-30 ta' April 1996, *CIA Security v Signalson*, C-194/94, ECLI:EU:C:1996:172. Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2000, *Unilever*, C-443/98, ECLI:EU:C:2000:496, u s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, *Proċedimenti kriminali kontra X*, C-390/18, ECLI:EU:C:2019:1112.

([55]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-tħaddim tad-Direttiva (UE) 2015/1535 mill-2014 sal-2015 (COM(2017) 788 final, p. 5).

([56]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2017, *Il-Pakkett dwar il-Prodotti: Insaħħu l-fiduċja fis-suq uniku* (COM(2017) 787 final).

## 5. IR-RELAZZJONI BEJN IR-REGOLAMENT (UE) 2019/515 U D-DIRETTIVA 2001/95/KE

Id-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ([57]) ("id-DSĠP") tispeċifika li prodotti siguri biss jistgħu jitqiegħdu fis-suq (l-Artikolu 3 tad-DSĠP) u tistabbilixxi l-obbligi tas-sigurtà tal-prodotti tal-produtturi u tad-distributuri. Din tagħti d-dritt lill-awtoritajiet kompetenti jipprojbixxu kwalunkwe prodott perikoluż jew jadottaw kwalunkwe miżura xierqa oħra (l-Artikolu 8 tad-DSĠP).

Id-DSĠP tapplika għall-prodotti tal-konsumatur, jiġifieri dawk li huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni (fejn dik il-leġiżlazzjoni ma jkun fiha l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv bħal fid-Direttiva 2001/95/KE) u dawk li mhumiex soġġetti għall-armonizzazzjoni tal-UE (l-Artikoli 1(2) u 2(a) tad-DSĠP).

Ir-Regolament japplika kemm għall-prodotti tal-konsumatur kif ukoll għal dawk mhux tal-konsumatur jew għal aspetti ta' prodotti li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni.

### 5.1. Miżuri li jikkonċernaw prodotti li jippreżentaw riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi

Id-DSĠP tiddeskrivi l-proċedura sabiex l-awtoritajiet kompetenti japplikaw miżuri xierqa jekk il-prodotti jippreżentaw riskju, bħall-miżuri msemmija fl-Artikolu 8(1)(b) sa 8(1)(f) tad-DSGP. L-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) sa 8(1)(f) u tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/95/KE (ara l-Artikolu 2(6) tar-Regolament).

### 5.2. Miżuri li jikkonċernaw prodotti tal-konsumatur li jippreżentaw riskji oħrajn

Fir-rigward tal-prodotti tal-konsumatur, ir-Regolament japplika meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkollhom l-intenzjoni li jillimitaw jew jiċħdu l-aċċess għas-suq għal prodott tal-konsumatur li ma jkunx kopert mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni, legalment kummerċjalizzat fi Stat Membru ieħor, abbażi ta' regola teknika nazzjonali u għal raġunijiet oħrajn għajr riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta dawn l-awtoritajiet iwaqqfu prodott, għalkemm ma jkunx ta' riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, milli jiġi kummerċjalizzat għal raġunijiet ambjentali.

---

([57]) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

## AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

## Gwida dwar l-Artikoli 34-36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

## (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 100/03)

**DAĦLA**

Il-pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku (minn hawn 'il quddiem "il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infurzar") ([1]), adottat f'Marzu 2020, iqiegħed is-suq uniku u l-infurzar tiegħu fil-qalba tiegħu. Sabiex tittejjeb il-konformità u tiġi evitata s-segmentazzjoni tas-suq, l-Azzjoni Nru 1 tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infurzar tipprevedi li l-Kummissjoni se tipprovdi għodod ta' gwida iktar speċifiċi għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-partijiet ikkonċernati. Tipprevedi wkoll l-aġġornament tal-Gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 34-36 tat-TFUE.

Għalhekk, f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni aġġornat din il-Gwida. Dan id-dokument għandu l-għan li jiffaċilita l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija, isaħħaħ l-infurzar, u jikkontribwixxi għall-benefiċċji li s-Suq Intern għall-merkanzija jista' jwassal għan-negozji u għall-konsumaturi tal-UE. Għandu l-għan li jipprovdi fehim aħjar tal-applikazzjoni tal-Artikoli 34-36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fid-dawl tal-iktar ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) f'dan il-qasam. Għandu wkoll l-għan li jsaħħaħ l-applikazzjoni koerenti tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija fis-Suq Intern kollu, filwaqt li jgħin biex jiġi indirizzat kwalunkwe ostaklu li fadal u jipprevjeni li jitfaċċaw ostakli ġodda.

Din il-gwida tibni fuq l-edizzjoni preċedenti tal-2009 ([2]) u tinkorpora l-iktar ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE tal-aħħar ħdax-il sena biex jiġi żgurat li tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva u aġġornata lejn l-applikazzjoni tal-Artikoli 34 sa 36 tat-TFUE. Madankollu, għalkemm tiġbor fil-qosor il-ġurisprudenza rilevanti u tipprovdi kummentarju supplimentari, ma tistax titqies eżawrjenti. Il-gwida mhijiex dokument legalment vinkolanti.

Il-leġiżlazzjoni u d-deċiżjonijiet tal-UE msemmija f'din il-gwida jinsabu fil-*Eurlex* ([3]), u s-sentenzi tal-Qorti huma disponibbli wkoll fuq il-paġna web tal-QĠUE ([4]).

([1]) COM(2020) 94, 10.3.2020.

([2]) Gwida dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw il-moviment liberu tal-merkanzija (2010).

([3]) http://eur-lex.europa.eu/mt/index.htm.

([4]) http://curia.europa.eu/juris/recherche.jsf?language=mt. Ta' min jinnota li l-gwida tuża n-numerazzjoni tat-TFUE anke meta tirreferi għal sentenzi tal-Qorti mogħtija skont it-Trattat tal-KE.

**WERREJ**

*Paġna*

1. IR-RWOL U L-IMPORTANZA TAL-MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA FIS-SUQ INTERN ..... 41
2. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAT-TRATTAT ..... 41
3. IL-KAMP TA’ APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 34 TAT-TFUE ..... 42
3.1. Kundizzjonijiet ġenerali ..... 42
3.1.1. Qasam mhux armonizzat ..... 42
3.1.2. Tifsira ta’ “merkanzija” ..... 42
3.1.3. Destinatarji ..... 43
3.1.4. Miżuri attivi u passivi ..... 44
3.2. Kamp ta’ applikazzjoni territorjali ..... 45
3.3. Kummerċ transfruntier ..... 45
3.4. Tipi ta’ restrizzjonijiet skont l-Artikolu 34 tat-TFUE ..... 46
3.4.1. Restrizzjonijiet kwantitattivi ..... 46
3.4.2. Miżuri b’effett ekwivalenti ..... 46
3.4.2.1. Restrizzjonijiet fuq l-użu ..... 47
3.4.2.2. Arranġamenti ta’ bejgħ diskriminatorji ..... 48
3.5. Il-prinċipju ta’ Rikonoxximent Reċiproku ..... 49
4. IT-TIPI TA’ MIŻURI ..... 51
4.1. Dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mal-att ta’ importazzjoni (liċenzji tal-importazzjoni, spezzjonijiet u kontrolli) ..... 51
4.2. Obbligi li jinħatar rappreżentant jew li jiġu pprovduti faċilitajiet ta’ ħżin fl-Istat Membru tal-importazzjoni ..... 51
4.3. Projbizzjonijiet nazzjonali fuq prodotti/sustanzi speċifiċi ..... 52
4.4. Miżuri dwar il-prezzijiet ..... 53
4.5. Proċeduri ta’ awtorizzazzjoni ..... 55
4.5.1. Approvazzjoni tat-tip ..... 55
4.5.2. Reġistrazzjoni tal-karozzi ..... 56
4.6. Restrizzjonijiet fuq ir-reklamar ..... 56
4.7. Regolamenti tekniċi li fihom rekwiżiti dwar il-preżentazzjoni tal-merkanzija (piż, kompożizzjoni, preżentazzjoni, tikkettar, forma, daqs, imballaġġ) ..... 57
4.8. Indikazzjonijiet tal-oriġini, marki tal-kwalità, inċitament għax-xiri ta’ prodotti nazzjonali ..... 58
4.9. Restrizzjonijiet fuq il-bejgħ mill-bogħod (bejgħ fuq l-internet, bejgħ bil-korrispondenza, eċċ.) ..... 59
4.10. Obbligi ta’ depożitu ..... 59
4.11. Rimborż u importazzjonijiet paralleli ..... 60
4.12. Obbligu li tintuża l-lingwa nazzjonali ..... 62
4.13. Restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta’ merkanzija għall-użu personali ..... 62
5. IL-PRODOTTI AGRIKOLI ..... 63
6. IR-RESTRIZZJONIJIET FUQ L-ESPORTAZZJONI (L-ARTIKOLU 35 TAT-TFUE) ..... 64
6.1. Definizzjoni ta’ “Esportazzjonijiet” ..... 64
6.2. Restrizzjonijiet kwantitattivi u miżuri b’effett ekwivalenti ..... 64

7. IL-ĠUSTIFIKAZZJONIJIET GĦAR-RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-KUMMERĊ ..... 66

7.1. L-Artikolu 36 tat-TFUE ..... 66

7.1.1. Moralità, ordni u sigurtà pubbliċi ..... 67

7.1.2. Protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti (il-prinċipju ta' prekawzjoni) ..... 68

7.1.3. Protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku ..... 69

7.1.4. Protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali ..... 69

7.2. Rekwiżiti obbligatorji ..... 71

7.2.1. Protezzjoni tal-ambjent ..... 72

7.2.2. Protezzjoni tal-konsumatur ..... 73

7.2.3. Rekwiżiti obbligatorji oħra ..... 73

7.3. Test tal-proporzjonalità ..... 74

7.4. Oneru tal-provi ..... 76

8. IR-RELAZZJONI MA' LIBERTAJIET U ARTIKOLI OĦRAJN TAT-TRATTAT RIGWARD IL-MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA ..... 76

8.1. Libertajiet fundamentali ..... 76

8.1.1. L-Artikolu 45 tat-TFUE – Il-moviment liberu tal-ħaddiema ..... 76

8.1.2. L-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE – Il-libertà tal-istabbiliment u li jiġu pprovduti servizzi ..... 77

8.1.3. L-Artikoli 63 tat-TFUE et seq. – Il-moviment liberu tal-kapital u tal-pagamenti ..... 79

8.2. Artikoli rilevanti oħra tat-Trattat ..... 79

8.2.1. L-Artikolu 18 tat-TFUE – In-nondiskriminazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza ..... 79

8.2.2. L-Artikoli 28 u 30 tat-TFUE – L-unjoni doganali ..... 80

8.2.3. L-Artikolu 37 tat-TFUE – Il-monopolji tal-Istat ..... 80

8.2.4. L-Artikolu 107 tat-TFUE – L-għajnuniet mill-Istat ..... 82

8.2.5. L-Artikolu 110 tat-TFUE – Id-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa ..... 83

8.2.6. L-Artikolu 351 tat-TFUE ..... 84

9. L-INFURZAR TAL-ARTIKOLI 34 U 35 TAT-TFUE ..... 84

9.1. Effett dirett – infurzar privat ..... 84

9.2. SOLVIT ..... 84

9.3. Proċeduri ta' ksur skont l-Artikoli 258 u 260 tat-TFUE ..... 85

9.3.1. Proċedura ta' ksur ..... 85

9.3.2. Ilmenti ..... 85

10. L-ISTRUMENTI RELATATI TAD-DRITT SEKONDARJU ..... 86

10.1. Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika ..... 86

10.2. Ir-Regolament (UE) 2019/515 – Ir-Regolament dwar ir-"Rikonoxximent Reċiproku" ..... 87

10.3. Ir-Regolament (KE) Nru 2679/98 – Ir-Regolament "dwar il-frawli" ..... 87

## 1. IR-RWOL U L-IMPORTANZA TAL-MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA FIS-SUQ INTERN

Is-suq intern huwa wieħed mill-ikbar kisbiet tal-UE. Jinsab fil-qalba tal-proġett Ewropew, xpruna t-tkabbir ekonomiku f'dawn l-aħħar deċennji, u wassal benefiċċji konkreti għall-konsumaturi u għan-negozji Ewropej. Suq uniku li jiffunzjona tajjeb isir saħansitra iktar essenzjali matul kriżijiet sanitarji bħall-pandemija tal-COVID-19. Permezz tiegħu l-prodotti jiċċirkolaw liberament, filwaqt li jiżgura d-disponibbiltà tagħhom u li jaslu għand dawk li huma l-iktar fil-bżonn fl-UE.

L-integrità tas-suq uniku hija wkoll għodda meħtieġa biex l-irkupru kollettiv jirranka għall-ekonomiji tal-Istati Membri kollha. F'dan ir-rigward, is-suq intern ma jippermettix biss li ċ-ċittadini tal-UE jgawdu minn għażla usa' ta' prodotti, iżda joffri wkoll suq domestiku kbir lill-operaturi ekonomiċi tal-UE, li jistimola l-kummerċ u l-kompetizzjoni, filwaqt li jtejjeb l-effiċjenza.

Is-suq intern tal-lum jagħmilha faċli biex il-prodotti jinxtraw u jinbiegħu fis-27 Stat Membru tal-UE b'popolazzjoni totali ta' iktar minn 450 miljun persuna u jwassal biex il-konsumaturi jkollhom għażla wiesgħa ta' prodotti. Fl-istess ħin, il-moviment liberu tal-merkanzija huwa ta' benefiċċju għan-negozju, peress li madwar 75 % tal-kummerċ intra-UE jsir fil-qasam tal-merkanzija. Is-suq uniku Ewropew jgħin lin-negozji tal-UE jibnu pjattaforma b'saħħitha f'ambjent miftuħ, divers u kompetittiv. Din is-saħħa tkattar it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE u lin-negozji Ewropej tagħtihom ir-riżorsi li jeħtieġu sabiex jirnexxu fis-suq globali. Għalhekk, suq intern għall-merkanzija li jiffunzjona tajjeb huwa element kritiku għall-prosperità attwali u futura tal-UE f'ekonomija globalizzata ([5]).

Minn perspettiva legali, il-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija kien element ewlieni fil-ħolqien u fl-iżvilupp tas-suq intern. L-Artikoli 34 sa 36 tat-TFUE jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-prinċipju billi jipprojbixxu restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq il-kummerċ intra-UE. Madankollu, huma applikabbli biss f'oqsma mhux armonizzati.

Il-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni hija magħmula minn regolamenti u minn direttivi tal-UE li għandhom l-għan li joħolqu regoli komuni li jkunu applikabbli fl-Istati Membri kollha. Filwaqt li r-regolamenti huma direttament applikabbli u atti vinkolanti li jridu jiġu applikati fl-intier tagħhom fl-UE kollha, id-direttivi huma atti li jistabbilixxu biss għan li l-Istati Membri kollha jridu jilħqu. Il-leġiżlazzjoni armonizzata speċifikat it-tifsira tas-suq intern f'ħafna oqsma u b'hekk inkwadrat il-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija f'termini konkreti għal prodotti speċifiċi. Madankollu, il-funzjoni fundamentali tal-prinċipji tat-Trattat bħala ankra ewlenija u xibka ta' sikurezza għas-suq intern baqgħet l-istess.

Il-moviment liberu tal-merkanzija llum jinkorpora ħafna politiki u jimxi ħarir f'suq uniku responsabbli li jiggarantixxi aċċess faċli għal prodotti ta' kwalità għolja, flimkien ma' livell għoli ta' protezzjoni ta' interessi pubbliċi oħra.

## 2. ID-DISPOZIZZJONIJIET TAT-TRATTAT

Id-dispożizzjonijiet ewlenin tat-Trattat li jirregolaw il-moviment liberu tal-merkanzija huma:

— l-Artikolu 34 tat-TFUE, li jirrigwarda l-importazzjonijiet intra-UE u li jipprojbixxi "restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura b'effett ekwivalenti" bejn l-Istati Membri; Dan jiddikjara li "*Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura b'effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri*".

— l-Artikolu 35 tat-TFUE, li jirrigwarda l-esportazzjonijiet minn Stat Membru għal ieħor u b'mod simili jipprojbixxi "restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti". Dan jiddikjara li; "*Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni u kull miżura b'effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri*".

— l-Artikolu 36 tat-TFUE, li jipprevedi derogi għal-libertajiet tas-suq intern tal-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE li huma ġustifikati għal ċerti raġunijiet speċifiċi. Dan jiddikjara li: "*Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 34 u 35 inklużi ma għandhomx jeskludu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, esportazzjoni jew tranżitu meta dawn ikunu ġustifikati abbażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku, sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' bnedmin, annimali jew pjanti; il-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ma għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.*

([5]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Is-Suq Uniku f'dinja li qiegħda tinbidel – Assi uniku li jeħtieġ impenn politiku mġedded (COM (2018) 772 final).

Fl-Artikolu 37 tat-TFUE wkoll, il-kapitolu tat-Trattat dwar il-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi bejn l-Istati Membri fih regoli dwar l-aġġustament tal-monopolji tal-Istat ta' natura kummerċjali. Ir-rwol u r-rabta tiegħu mal-Artikoli 34-36 tat-TFUE huma deskritti fil-qosor fil-Kapitolu 6 ta' din il-gwida, li jkopri wkoll artikoli oħra tat-Trattat.

## 3. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 34 TAT-TFUE

### 3.1. Kundizzjonijiet ġenerali

#### 3.1.1. *Qasam mhux armonizzat*

Filwaqt li l-Artikoli 34-36 tat-TFUE jistabbilixxu l-bażi għall-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija, dawn mhumiex l-uniku metodu ta' kejl legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali mar-regoli tas-suq intern. Dawn l-artikoli tat-Trattati japplikaw meta prodott partikolari ma jkunx kopert mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni jew ikun kopert parzjalment biss mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni. Dan ikun il-każ jekk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' prodott partikolari jew il-kundizzjonijiet ta' bejgħ tiegħu jkunu soġġetti għal armonizzazzjoni permezz ta' direttivi jew regolamenti adottati mill-UE. Għalhekk, ir-regola ewlenija hi li meta kwistjoni tkun is-suġġett ta' armonizzazzjoni eżawrjenti fil-livell tal-UE, kwalunkwe miżura nazzjonali relatata magħha trid tiġi vvalutata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dik il-miżura ta' armonizzazzjoni u mhux fid-dawl tad-dritt primarju ([6]). Madankollu, f'każijiet ta' traspożizzjoni mhux korretta ta' leġiżlazzjoni sekondarja li jkollha l-għan li tneħħi l-ostakoli għas-suq intern, l-individwi li jkunu ġarrbu danni minn tali traspożizzjoni mhux korretta jistgħu joqogħdu fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija biex l-Istat Membru tagħhom ikun responsabbli għal ksur tad-dritt tal-UE ([7]).

Għaldaqstant, meta leġiżlazzjoni sekondarja tkun rilevanti, kwalunkwe miżura nazzjonali li tkun marbuta magħha trid tiġi vvalutata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' armonizzazzjoni ([8]). Dan huwa dovut għall-fatt li l-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni tista' tinftiehem bħala sostanzjar tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija billi tistabbilixxi drittijiet u dmirijiet reali li jridu jiġu osservati fil-każ ta' prodotti speċifiċi.

Dan jidher fil-Kawża C-292/12 *Ragn-Sells*, li kienet tikkonċerna ċerti dokumenti ta' kuntratti mfassla minn muniċipalità matul proċedura għall-għoti ta' konċessjoni ta' servizzi għall-ġbir u għat-trasport ta' skart prodott fit-territorju tiegħu. Il-Qorti ddikjarat li peress li r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeġġi ta' skart ([9]) għandu l-għan li jipprovdi sett armonizzat ta' proċeduri li permezz tiegħu jistgħu jiġu limitati l-movimenti ta' skart sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent, ma kienx meħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-miżura nazzjonali kinitx konformi mal-Artikoli 34 tat-TFUE sa 36 tat-TFUE ([10]). Anke wara diversi għexieren ta' snin ta' attivitajiet iddedikati min-naħa tal-leġiżlatur tal-UE sabiex jipprovdi sistema ta' regoli armonizzati, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija ma sarux żejda; il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għadu notevoli. Mhuwiex rari li ċerti oqsma ma jkunux armonizzati affattu jew ikunu soġġetti biss għal armonizzazzjoni parzjali. Meta ma tkunx tista' tiġi identifikata leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni jew din ma tkunx eżawrjenti, japplikaw l-Artikoli 34-36 tat-TFUE. F'dan ir-rigward, l-artikoli tat-Trattat jaġixxu bħala xibka ta' sikurezza, u jiggarantixxu li kwalunkwe ostakolu għall-kummerċ fis-suq intern ikun jista' jiġi skrutinizzat fir-rigward tal-kompatibbiltà tiegħu mad-dritt tal-UE.

#### 3.1.2. *Tifsira ta' "merkanzija"*

L-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE jinkorporaw l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' merkanzija u ta' prodotti ta' kwalunkwe tip. Kwalunkwe merkanzija tista' tkun koperta mill-artikoli tat-Trattat, diment li jkollha valur ekonomiku: "b'merkanzija, skont it-tifsira tat-Trattat, iridu jkunu mifhuma prodotti li jistgħu jiġu evalwati fi flus u li jistgħu, bħala tali, ikunu soġġetti għal tranżazzjonijiet kummerċjali" ([11]).

---

([6]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-573/12 *Ålands Vindkraft* [2014] EU:C:2014:2037, il-punt 57 u l-Kawża C-242/17 *L.E.G.O* [2018] ECLI: EU:C:2018:804, il-punt 52.
([7]) Il-Kawża C-445/06 *Danske Slagterier vs Bundesrepublik Deutschland* [2009] ECLI:EU:C:2009:178, il-punt 26.
([8]) Il-Kawża C-309/02 *Radlberger Spitz* [2004] ECLI:EU:C:2004:799, il-punt 53.
([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).
([10]) Il-Kawża C-292/12 *Ragn-Sells* [2013] ECLI:EU:C:2013:820, il-punti 49-50.
([11]) Il-Kawża 7/68 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1968] ECLI:EU:C:1968:51.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat fil-ġurisprudenza tagħha d-deżinjazzjoni xierqa ta' prodotti partikolari. Pereżempju, l-opri tal-arti jridu jitqiesu bħala merkanzija ([12]). Il-muniti li ma għadhomx fiċ-ċirkolazzjoni bħala valuta, kif ukoll il-karti tal-flus u l-bearer cheques jaqgħu bl-istess mod taħt id-definizzjoni ta' merkanzija ([13]); għalkemm id-donazzjonijiet *in natura* ma jaqgħux taħt din id-definizzjoni ([14]). L-iskart irid jitqies bħala merkanzija, irrispettivament mill-kapaċità tiegħu li jiġi rriċiklat jew li jerġa' jintuża ([15]). L-elettriku ([16]) u l-gass naturali ([17]) wkoll jitqiesu bħala merkanzija, u bl-istess mod id-demm tal-bniedem, il-plażma u l-prodotti mediċinali derivati minnhom ([18]).

Madankollu, huwa importanti li ssir distinzjoni legali bejn merkanzija u servizzi skont il-libertajiet tat-Trattat ([19]). Pereżempju, filwaqt li l-ħut huwa ċertament merkanzija, id-drittijiet tas-sajd u l-permessi tas-sajd mhumiex neċessarjament koperti mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija. Jikkostitwixxu pjuttost "provvista ta' servizz" skont it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat b'rabta mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ([20]). Jekk miżura tal-Istat taffettwa kemm il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll il-moviment liberu tal-merkanzija, il-Qorti tista' teżamina l-miżura b'rabta maż-żewġ libertajiet. Pereżempju, fil-Kawża 591/17 *L-Awstrija vs Il-Ġermanja* dwar ħlas għall-użu tal-infrastruttura u l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur għal vetturi rreġistrati fil-Ġermanja, il-Qorti kkunsidratha fid-dawl tal-Artikolu 34 tat-TFUE u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 tat-TFUE. Barra minn hekk, ikkunsidrat il-każ fir-rigward tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 18 tat-TFUE u l-Artikolu 92 tat-TFUE li jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fil-qasam tat-trasport ([21]).

### 3.1.3. *Destinatarji*

L-Artikoli 34-36 tat-TFUE jittrattaw miżuri meħuda mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew interpretati b'mod wiesa' li jorbtu mhux biss lill-awtoritajiet nazzjonali, iżda anke lill-awtoritajiet l-oħra kollha ta' pajjiż, inkluż l-awtoritajiet lokali u reġjonali ([22]), kif ukoll il-korpi ġudizzjarji jew amministrattivi ta' Stat Membru ([23]). Dan evidentement ikopri miżuri meħuda mill-korpi kollha stabbiliti bid-dritt pubbliku bħala "korpi pubbliċi". Barra minn hekk, l-Artikoli 34-36 tat-TFUE jistgħu japplikaw għal miżuri meħuda minn atturi mhux statali jew minn korpi oħra stabbiliti bid-dritt privat, diment li jissodisfaw ċerti funzjonijiet sovrani jew inkella l-attivitajiet tagħhom jistgħu jkunu attribwiti lill-Istat. Tabilħaqq, miżuri meħuda minn korp professjonali li jkun ingħata setgħat regolatorji u dixxiplinari mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tal-professjoni tiegħu jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE ([24]).

L-istess japplika għal attivitajiet ta' korpi stabbiliti bid-dritt privat iżda li ġew stabbiliti skont il-liġi, prinċipalment iffinanzjati mill-Gvern jew b'kontribuzzjoni obbligatorja minn impriżi f'ċertu settur u/jew minn fejn il-membri jinħatru mill-awtoritajiet pubbliċi jew ikunu ssorveljati minnhom u jistgħu għalhekk jiġu attribwiti lill-Istat ([25]). Fi *Fra.bo*, il-Qorti kkonstatat li l-Artikolu 34 tat-TFUE japplika b'mod orizzontali għal korp taċ-ċertifikazzjoni tad-dritt privat. Il-prodotti ċċertifikati minn dan il-korp ġew ikkunsidrati mill-awtoritajiet nazzjonali bħala konformi mad-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, bis-saħħa ta' din il-kompetenza *miksuba de facto*, il-korp taċ-ċertifikazzjoni kellu s-setgħa li jirregola d-dħul tal-prodotti, f'dan il-każ fittings tar-ram, fis-suq Ġermaniż ([26]). Il-Qorti rrikonoxxiet li dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula minn uffiċjal tal-Istat, minkejja li ma jkunx fihom saħħa legali, huma attribwibbli lil Stat Membru u jistgħu jikkostitwixxu ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija. B'mod speċifiku, każijiet bħal dawn iseħħu jekk id-destinatarji tad-dikjarazzjonijiet jistgħu raġonevolment jissupponu li dawn huma pożizzjonijiet meħuda mill-uffiċjal bl-awtorità tal-uffiċċju tiegħu ([27]).

([12]) Il-Kawża 7/68 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1968] ECLI:EU:C:1968:51; il-Kawża 7/78 *R. vs Thompson, Johnson u Woodiwiss* [1978] ECLI:EU:C:1978:209.
([13]) Il-Kawża C-358/93 *Bordessa* [1995] ECLI:EU:C:1995:54.
([14]) Il-Kawża C-318/07 *Persche*, [2009] ECLI:EU:C:2009:33, il-punt 29.
([15]) Il-Kawża C-2/90, *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [1982] ECLI:EU:C:1992:310, il-punti 23-28.
([16]) Il-Kawża C-393/92 *Il-Muniċipalità ta' Almelo u oħrajn vs NV Energiebedrijf Ijsselmij* [1994] ECLI:EU:C:1994:171.
([17]) Il-Kawża C-159/94 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1997] ECLI:EU:C:1997:501.
([18]) Il-Kawża C-421/09 *Humanplasma GmbH vs Ir-Repubblika tal-Awstrija* [2010] ECLI:EU:C:2010:760, il-punti 27-30, kif ikkonfermat fil-Kawża C-296/15 *Medisanus* [2017] ECLI:EU:C:2017:431, il-punt 53.
([19]) Ara t-Taqsima 7.1.2 għal informazzjoni addizzjonali dwar ir-rabta bejn l-Artikoli 34-36 u 56 tat-TFUE.
([20]) Il-Kawża C-97/98 *Peter Jägerskiöld vs Torolf Gustafsson* [1999] ECLI:EU:C:1999:515.
([21]) Il-Kawża C-591/17 *L-Awstrija vs Il-Ġermanja* [2019] ECLI:EU:C:2019:504, il-punti 39-40.
([22]) Il-Kawża C-1/90 *Aragonesa de Publicidad vs Departamento de sanidad* [1991] ECLI:EU:C:1991:327.
([23]) Il-Kawża 434/85 *Allen & Hanburys* [1988] ECLI:EU:C:1988:109, il-punt 25; il-Kawża C-227/06 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* ECLI:EU:C:2008:160, il-punt 37.
([24]) Ara l-Kawżi Magħquda 266/87 u 267/87 *R vs Royal Pharmaceutical Society of Great Britain* [1989] ECLI:EU:C:1989:205; il-Kawża C-292/92 *Hünermund* [1993] ECLI:EU:C:1993:932.
([25]) Ara l-Kawża 249/81 *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* (Buy Irish) [1982] ECLI:EU:C:1982:402; il-Kawża 222/82 *Apple and Pear Development Council* [1983] ECLI:EU:C:1983:370; il-Kawża C-325/00 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2002] ECLI:EU:C:2002:633; il-Kawża C-227/06 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [2008] ECLI:EU:C:2008:160.
([26]) Il-Kawża C-171/11 *Fra.bo Spa vs Deutsche Vereinigung des Gas und Wasserfaches eV (DVGW) — Technisch Wissenschaftlicher Verein* [2012] ECLI:EU:C:2012:453, il-punti 31-32.
([27]) Il-Kawża C-470/03 *AGM-Cosmet SRl* [2007] ECLI:EU:C:2007:213.

Għalkemm it-terminu “Stat Membru” ġie interpretat b’mod wiesa’, ġeneralment ma japplikax għal miżuri “purament” privati, jew għal miżuri meħuda minn individwi jew kumpaniji privati, peress li dawn mhumiex attribwibbli lill-Istat. Madankollu, fil-Kawża 265/95 *Il-Kummissjoni vs Franza*, il-Qorti kkunsidrat in-nuqqas ta’ Franza li tieħu l-miżuri meħtieġa u proporzjonati kollha biex tipprevjeni azzjonijiet li jwasslu għal danni li jkunu meħuda minn individwi privati, f’dan il-każ il-bdiewa Franċiżi li kienu għamlu sabotaġġ tal-merkanzija agrikola importata, bħala ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-TFUE ([28]). Għalkemm ir-restrizzjoni seħħet bħala riżultat tal-azzjonijiet ta’ individwi, instab li Stat Membru kiser id-dritt tal-UE peress li ma ħax biżżejjed miżuri biex jipproteġi l-moviment liberu ta’ din il-merkanzija.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 34 tat-TFUE ġie applikat ukoll għall-miżuri meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE. Madankollu, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju, il-korp leġiżlattiv tal-UE jrid jingħata setgħa diskrezzjonali wiesgħa. B’riżultat ta’ dan, il-legalità ta’ miżura meħuda minn istituzzjoni tal-UE tista’ tiġi kkontestata biss jekk ikun jidher ċar li l-miżura ma tkunx xierqa, fir-rigward tal-objettiv li l-istituzzjoni kompetenti tixtieq tilħaq ([29]).

### 3.1.4. *Miżuri attivi u passivi*

L-applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE, spiss ikkaratterizzata bħala dritt għad-difiża, għal miżuri nazzjonali li jxekklu l-kummerċ transfruntier neċessarjament tippresupponi attività min-naħa ta’ Stat. B’riżultat ta’ dan, il-miżuri li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE jikkonsistu primarjament minn dispożizzjonijiet vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Madankollu, miżuri mhux vinkolanti jistgħu jikkostitwixxu wkoll ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE ([30]). Dan huwa l-każ ta’ prattiki amministrattivi li jistgħu joħolqu ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija jekk din ikollha ċertu livell ta’ konsistenza u ta’ ġeneralità ([31]).

Eżempji ta’ prattiki amministrattivi kkunsidrati bħala miżuri b’effett ekwivalenti mill-Qorti tal-Ġustizzja jinkludu: rifjut sistematiku li tingħata approvazzjoni tat-tip għall-magni ta’ affrankament postali, li kellu natura protezzjonista u diskriminatorja ([32]); il-klassifikazzjoni b’mod sistematiku bħala prodotti mediċinali skont il-funzjoni u, fin-nuqqas ta’ awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, l-irtirar mis-suq ta’ prodotti bbażati fuq ħxejjex aromatiċi mediċinali li jiġu prodotti jew ikkummerċjalizzati legalment bħala supplimenti tal-ikel jew prodotti djetetiċi fi Stati Membri oħra ([33]); il-klassifikazzjoni b’mod awtomatiku ta’ preparati tal-vitamini bħala “prodotti mediċinali” wara li jiġu prodotti jew ikkummerċjalizzati legalment bħala supplimenti tal-ikel fl-Istati Membri l-oħra fejn ikun fihom tliet darbiet iktar vitamini ([34]); u l-ħtieġa li l-oġġetti tal-ikel arrikkiti li jiġu prodotti jew ikkummerċjalizzati legalment fi Stati Membri oħra jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fid-Danimarka biss jekk jintwera li dan l-arrikkiment bin-nutrijenti jissodisfa ħtieġa tal-popolazzjoni Daniża ([35]).

Fid-dawl tal-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tat-TFUE, li jeżiġi li jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw l-issodisfar tal-obbligi tat-Trattat u l-“*effet utile*” tad-dritt tal-UE, il-Qorti kkonstatat li l-Artikolu 34 tat-TFUE jipprojbixxi mhux biss azzjoni mill-Istat li tammonta għal ksur, iżda anke nuqqas ta’ azzjoni. Dan jista’ jirriżulta meta Stat Membru jżomm lura milli jadotta l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija, u l-ostakolu speċifiku jista’ wkoll jirriżulta minn azzjoni minn individwi privati. Fil-Kawża C-265/95, Franza nżammet responsabbli għal azzjonijiet ta’ bdiewa nazzjonali li ppruvaw jirrestrinġu l-importazzjoni ta’ merkanzija agrikola minn Stati Membri ġirien billi pprevjenew l-interċettazzjoni ta’ trakkijiet li kienu jittrasportaw din il-merkanzija jew billi qerdu l-merkanzija mgħobbija tagħhom. In-nuqqas ta’ intervent mill-awtoritajiet nazzjonali kontra dawn l-atti tqies bħala ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE, minħabba li l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw il-moviment liberu tal-prodotti fit-territorju tagħhom billi jieħdu l-miżuri meħtieġa u xierqa bl-iskop ta’ prevenzjoni ta’ kwalunkwe restrizzjoni minħabba l-atti ta’ individwi privati ([36]).

([28]) Il-Kawża C-265/95 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1997] ECLI:EU:C:1997:595.

([29]) Il-Kawżi Magħquda C-154/04 u C-155/04 *Alliance for Natural Health* [2004] ECLI:EU:C:2004:848, il-punti 47 u 52.

([30]) Il-Kawża 249/81 *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* (Buy Irish) [1982] ECLI:EU:C:1982:402; il-Kawża C-227/06 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [2008] ECLI:EU:C:2008:160.

([31]) Il-Kawża 21/84 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1985] ECLI:EU:C:1985:184; il-Kawża C-387/99 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2004] ECLI:EU:C:2004:235, il-punt 42; il-Kawża C-88/07 *Il-Kummissjoni vs Spanja* [2009] ECLI:EU:C:2009:123; il-Kawża C-192/01 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2003] ECLI:EU:C:2003:492, il-punt 40.

([32]) Il-Kawża 21/84 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1985] ECLI:EU:C:1985:184, il-punti 11-15.

([33]) Il-Kawża C-88/07 *Il-Kummissjoni vs Spanja* [2009] ECLI:EU:C:2009:123, il-punti 54-66, 116.

([34]) Il-Kawża C-387/99 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2004] ECLI:EU:C:2004:235, il-punt 83.

([35]) Il-Kawża C-192/01 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2003] ECLI:EU:C:2003:492, il-punt 40.

([36]) Il-Kawża C-265/95 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1997] ECLI:EU:C:1997:595, il-punt 31; ara wkoll il-Kawża C-112/00 *Schmidberger* [2003] ECLI:EU:C:2003:333, il-punt 60, speċjalment dwar il-ġustifikazzjonijiet possibbli (il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-għaqda).

Barra minn hekk, l-Artikolu 34 tat-TFUE jista' joħloq obbligu ta' riżultat. Dan id-dmir jinkiser jekk Stat Membru ma jilħaqx l-objettivi minħabba l-inattività tiegħu jew attività insuffiċjenti. Fil-Kawża C-309/02, pereżempju, il-Qorti kkonstatat f'deċiżjoni preliminari li r-regoli Ġermaniżi kienu kontra l-Artikolu 34 tat-TFUE peress li l-Ġermanja naqset milli tiżgura li l-partijiet privati setgħu jipparteċipaw b'mod effettiv f'sistema ta' teħid lura obbligatorja Ġermaniża għall-imballaġġ tax-xorb unidirezzjonali ([37]).

## 3.2. Kamp ta' applikazzjoni territorjali

L-obbligu li jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 34-36 tat-TFUE japplika għall-Istati Membri kollha tal-UE. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat jistgħu japplikaw għal territorji Ewropej li r-relazzjonijiet esterni tagħhom ikunu r-responsabbiltà ta' Stat Membru u għal territorji extra-Ewropej li jiddependu jew b'xi mod ieħor ikunu assoċjati ma' Stat Membru ([38]).

Għal rendikont dettaljat tat-territorji li għalihom japplika l-Artikolu 34 tat-TFUE, ara l-Anness ta' din il-gwida.

Fir-rigward tal-pajjiżi tal-EFTA li huma partijiet kontraenti għall-Ftehim ŻEE u t-Turkija, id-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet speċifiċi u mhux dawk tat-TFUE jirregolaw il-kummerċ tal-merkanzija bejn dawn il-pajjiżi u l-Istati Membri. Għalhekk, il-prodotti msemmija fl-Artikolu 8(3) tal-Ftehim ŻEE u li joriġinaw fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja jgawdu minn moviment liberu fl-UE bis-saħħa tal-Artikolu 11 tal-Ftehim ŻEE. Il-prodotti industrijali li joriġinaw mit-Turkija jgawdu minn moviment liberu fl-UE bis-saħħa tal-Artikoli 5 sa 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali ([39]).

## 3.3. Kummerċ transfruntier

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE huwa limitat għal ostakoli għall-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għalhekk, biex każ jiġi evalwat skont din id-dispożizzjoni huwa meħtieġ element transfruntier. Miżuri purament nazzjonali, li jaffettwaw biss il-merkanzija domestika, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 34-36 tat-TFUE. Sabiex miżura tissodisfa r-rekwiżit transfruntier, huwa biżżejjed li din tkun kapaċi li tfixkel b'mod indirett jew inkella li potenzjalment tfixkel il-kummerċ intra-UE ([40]).

Teorikament, l-element transfruntier meħtieġ fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jittrattaw il-prodotti domestiċi tagħhom b'mod inqas favorevoli mill-prodotti importati ("diskriminazzjoni inversa"), għalkemm dan mhux probabbli li jseħħ fil-prattika. Għalkemm l-Artikolu 34 tat-TFUE huwa applikabbli meta prodott domestiku jiġi importat mill-ġdid, jew iħalli l-Istat Membru iżda jiġi importat lura ([41]), dan ma japplikax f'każijiet li fihom l-iskop uniku ta' importazzjoni mill-ġdid ikun li jiġu evitati r-regoli domestiċi ([42]).

Ir-rekwiżit transfruntier jista' jiġi ssodisfat ukoll jekk il-prodott ikun qiegħed sempliċement fi tranżitu fl-Istat Membru inkwistjoni. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 36 tat-TFUE jirreferi b'mod ċar għar-restrizzjonijiet fuq "merkanzija fi tranżitu" bħala koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE.

Il-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija japplika għall-prodotti li joriġinaw fl-Istati Membri u dawk minn pajjiżi terzi f'ċirkolazzjoni libera fl-Istati Membri. L-Artikolu 29 tat-TFUE jistabbilixxi li l-prodotti li ġejjin minn pajjiżi terzi jitqiesu li jiċċirkolaw liberament fi Stat Membru diment li l-formalitajiet tal-importazzjoni jkunu ġew imħarsa u jkunu ġew imposti d-dazji doganali rilevanti. Fil-Kawża C-30/01 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, il-Qorti kkonfermat li skont l-Artikolu 29(2) tat-TFUE, il-miżuri meħuda bl-iskop ta' kummerċ intra-UE japplikaw bl-istess mod għall-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri u dawk li joriġinaw minn pajjiżi terzi ([43]).

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, miżura nazzjonali ma taqax barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni fl-Artikoli 34-35 tat-TFUE biss għaliex it-tfixkil li toħloq ikun żgħir u għaliex ikun possibbli li l-prodotti jiġu kkummerċjalizzati b'modi oħra ([44]). Anke jekk miżura tkun ta' importanza ekonomika relattivament minuri, tkun applikabbli biss għal parti ġeografika limitata ħafna tat-territorju nazzjonali ([45]) jew taffettwa biss numru limitat ta' importazzjonijiet/esportazzjonijiet jew ta' operaturi ekonomiċi, din tista' tikkostitwixxi miżura pprojbita li jkollha effett ekwivalenti.

([37]) Il-Kawża C-309/02 *Radlberger Spitz* [2004] ECLI:EU:C:2004:799, il-punt 80.
([38]) Ara l-Artikolu 355 tat-TFUE.
([39]) ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1.
([40]) Il-Kawża 8/74 *Dassonville* [1974] ECLI:EU:C:1974:82, il-punt 5.
([41]) Il-Kawża 78/70 *Deutsche Grammophon vs Metro* [1971] ECLI:EU:C:1971:59.
([42]) Il-Kawża 229/83 *Leclerc vs Au Ble Vert* [1985] ECLI:EU:C:1985:1.
([43]) Il-Kawża C-30/01 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit* [2003] ECLI:EU:C:2003:489, il-punti 49-54.
([44]) Il-Kawża 177/82 *Van de Haar* [1984] ECLI:EU:C:1984:144; il-Kawża 269/83 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1985] ECLI:EU:C:1985:115; il-Kawża 103/84 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1986] ECLI:EU:C:1986:229.
([45]) Il-Kawża C-67/97 *Ditlev Blühme* [1998] ECLI:EU:C:1998:584.

Madankollu, minn dawn ta’ hawn fuq jistgħu jiġu distinti miżuri tal-Istat li jkunu inċerti u indiretti wisq biex ikollhom effett restrittiv fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri ([46]). Fil-Kawża C-297/05, pereżempju, il-Qorti kkunsidrat li formalità amministrattiva min-Netherlands li kienet tinvolvi l-identifikazzjoni ta’ vetturi importati fil-pajjiż qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom “x’aktarx li ma jkollha l-ebda effett dissważiv fuq l-importazzjoni ta’ vettura fin-Netherlands jew twassal biex l-importazzjoni tal-vetturi tkun inqas attraenti” ([47]). Għalhekk, din il-miżura kienet taqa’ barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE.

## 3.4. Tipi ta’ restrizzjonijiet skont l-Artikolu 34 tat-TFUE

### 3.4.1. *Restrizzjonijiet kwantitattivi*

Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi ġew iddefiniti bħala miżuri li jammontaw għal restrizzjoni totali jew parzjali fuq l-importazzjonijiet jew fuq il-merkanzija fi tranżitu ([48]). Eżempji ta’ miżuri bħal dawn jinkludu projbizzjoni totali fuq l-importazzjonijiet jew sistema ta’ kwoti ([49]). Fi kliem ieħor, ir-restrizzjonijiet kwantitattivi japplikaw meta ċerti limiti massimi ta’ importazzjoni jew ta’ esportazzjoni jkunu ntlaħqu. Madankollu, huma biss il-kwoti nontariffarji li jaqgħu taħt l-Artikolu 34 tat-TFUE, peress li l-kwoti tariffarji huma koperti mill-Artikolu 30 tat-TFUE, li jipprojbixxi d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u l-imposti b’effett ekwivalenti.

Restrizzjoni kwantitattiva tista’ tkun ibbażata fuq dispożizzjonijiet statutorji jew sempliċement fuq prattika amministrattiva. Għalhekk, anke sistema ta’ kwoti diskreta jew moħbija taqa’ taħt l-Artikolu 34 tat-TFUE.

### 3.4.2. *Miżuri b’effett ekwivalenti*

It-terminu “miżura b’effett ekwivalenti” għandu kamp ta’ applikazzjoni ferm usa’ minn restrizzjoni kwantitattiva. Filwaqt li mhuwiex faċli li wieħed jasal għal linja diviżorja eżatta bejn ir-restrizzjonijiet kwantitattivi u l-miżuri b’effett ekwivalenti, dan mhuwiex ta’ wisq importanza prattika minħabba li r-regoli japplikaw bl-istess mod għar-restrizzjonijiet kwantitattivi hekk kif jagħmlu għal miżuri b’effett ekwivalenti.

F’*Dassonville*, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet interpretazzjoni dwar it-tifsira u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-miżuri b’effett ekwivalenti ([50]):

“Ir-regoli kummerċjali kollha promulgati mill-Istati Membri li jistgħu jfixklu, direttament jew indirettament, realment jew potenzjalment, il-kummerċ intra-Komunitarju jridu jiġu kkunsidrati bħala miżuri b’effett ekwivalenti għar-restrizzjonijiet kwantitattivi.”

Din id-definizzjoni ġiet ikkonfermata f’ġurisprudenza sussegwenti b’varjazzjonijiet minuri. It-terminu “regoli kummerċjali” normalment ma jidhirx illum il-ġurnata, peress li l-formula *Dassonville* fil-fatt mhijiex limitata għar-regoli kummerċjali iżda tħaddan ukoll, pereżempju, ir-regolamenti tekniċi u anke l-atti mhux vinkolanti.

Fil-kawża *Dassonville*, il-Qorti enfasizzat li l-iktar element importanti li jiddetermina jekk miżura nazzjonali taqax taħt l-Artikolu 34 tat-TFUE huwa l-effett tagħha (…*kapaċi tfixkel, direttament jew indirettament, realment jew potenzjalment…)* ([51]). Konsegwentement, ma hemmx bżonn element diskriminatorju biex miżura nazzjonali tkun koperta mill-Artikolu 34 tat-TFUE.

Id-deċiżjoni storika tal-Qorti f’*Cassis de Dijon* ([52]) ikkonfermat dan l-approċċ. Billi rrikonoxxiet li d-differenzi bejn ir-regoli nazzjonali tal-Istati Membri jistgħu jxekklu l-kummerċ tal-merkanzija, il-Qorti kkonfermat li l-Artikolu 34 tat-TFUE jista’ wkoll ikopri miżuri nazzjonali li japplikaw b’mod ugwali għall-merkanzija domestika u għal dik importata. F’dan il-każ, l-Istati Membri jistgħu jagħtu deroga billi jirrikorru mhux biss għall-Artikolu 36 tat-TFUE iżda anke għar-rekwiżiti obbligatorji, kunċett li ġie stabbilit għall-ewwel darba f’din id-deċiżjoni.

([46]) Il-Kawża C-379/92 *Peralta* [1994] ECLI:EU:C:1994:296; il-Kawża C-44/98 *BASF* [1999] ECLI:EU:C:1999:440. Ara wkoll C-20/03 *Burmanjer* [2005] ECLI:EU:C:2005:307.

([47]) Il-Kawża C-297/05 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2007] ECLI:EU:C:2007:531, il-punt 63.

([48]) Il-Kawża 2/73 *Riseria Luigi Geddo vs Ente Nationale Risi* [1973] ECLI:EU:C:1973:89.

([49]) Il-Kawża 13/68 *Salgoil SpA vs Il-Ministeru Taljan tal-Kummerċ Barrani* [1968] ECLI:EU:C:1968:54.

([50]) il-Kawża 8/74 *Dassonville* [1974] ECLI:EU:C:1974:82. Bħala sfond storiku, ara wkoll id-Direttiva tal-Kummissjoni 70/50/KEE tat-22 ta’ Diċembru 1969 ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33(7), dwar it-tneħħija ta’ miżuri b’effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u li mhumiex koperti minn dispożizzjonijiet oħra adottati skont it-Trattat tal-KEE (ĠU L 13, 19.1.1970, p. 29).

([51]) Il-Kawża 8/74 Dassonville [1974] ECLI:EU:C:1974:82, il-punt 5.

([52]) Il-Kawża 120/78 *Rewe Zentrale vs Bundesmonopolverwaltung für Branntwein* [1979] ECLI:EU:C:1979:42.

Fil-qosor, l-Artikolu 34 tat-TFUE japplika għal miżuri nazzjonali li jiddiskriminaw kontra merkanzija importata (l-hekk imsejħa miżuri applikabbli b'mod distint) u għal miżuri nazzjonali li fid-dritt jidhru li japplikaw b'mod ugwali kemm għall-merkanzija domestika kif ukoll għal dik importata, iżda fil-fatt jimponu piż addizzjonali fuq l-importazzjonijiet (l-hekk imsejħa miżuri applikabbli mingħajr distinzjoni) ([53]). Dan il-piż jirriżulta mill-fatt li huwa meħtieġ li l-merkanzija importata tikkonforma ma' żewġ settijiet ta' regoli – dawk stabbiliti mill-Istat Membru tal-manifattura, u dawk stabbiliti fl-Istat Membru tal-importazzjoni.

Sussegwentement, il-miżuri b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva bdew jinkludu wkoll kwalunkwe miżura oħra li kapaċi xxekkel l-aċċess għas-suq ([54]). F'dan ir-rigward, il-Qorti ddikjarat dan li ġej fil-Kawża *Il-Kummissjoni vs Spanja* ([55]): "huwa ċar mill-ġurisprudenza li miżura, anke jekk ma għandhiex l-iskop jew l-effett li tittratta prodotti minn Stati Membri oħra b'mod inqas favorevoli, hija inkluża fil-kunċett ta' miżura ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tat-TFUE jekk ixxekkel l-aċċess għas-suq ta' Stat Membru ta' merkanzija li toriġina minn Stati Membri oħra."

Is-suppożizzjoni li tenfasizza l-hekk imsejjaħ test tal-aċċess għas-suq hija li l-kundizzjonijiet tal-aċċess huma kemxejn iktar diffiċli għall-prodotti importati. Ħafna drabi, il-Qorti tagħmel enfasi fuq il-valutazzjoni ta' jekk il-miżura kkonċernata jistax ikollha influwenza konsiderevoli fuq l-imġiba tal-konsumaturi billi x-xiri ta' prodott importat tagħmlu inqas attraenti ([56]).

Għalhekk, id-definizzjoni ta' miżuri b'effett ekwivalenti hija wiesgħa u qed tevolvi b'mod kostanti. Pereżempju, il-Qorti sostniet fil-Kawża C-591/17 *L-Awstrija vs Il-Ġermanja* li imposta għall-użu tal-infrastruttura u l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur għal vetturi rreġistrati fil-Ġermanja setgħu jirrestrinġu l-aċċess għas-suq Ġermaniż ta' merkanzija minn Stati Membri oħra u għalhekk kienu jikkostitwixxu restrizzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija. Indikat li anke jekk l-imposta għall-użu tal-infrastruttura ma ġietx imposta fuq merkanzija li tinġarr *per se*, xorta waħda setgħet taffettwa l-merkanzija li titwassal permezz ta' vetturi tal-passiġġieri li jiżnu sa 3,5 tunnellati u li jkunu rreġistrati fi Stat Membru ieħor li mhuwiex il-Ġermanja ([57]).

Eżempju ieħor tan-natura dinamika tal-kunċett ta' miżura b'effett ekwivalenti huwa l-Kawża C-573/12 *Ålands Vindkraft*, li kienet tikkonċerna skema ta' appoġġ nazzjonali għall-elettriku ekoloġiku. Iċ-ċertifikati taħt l-iskema ngħataw biss lill-produtturi Żvediżi tal-enerġija rinnovabbli, anke jekk l-elettriku li pprovdew jew li użaw seta' kien jinkludi l-elettriku importat. Il-Qorti sostniet li tali skema tista' xxekkel minn tal-inqas b'mod indirett u potenzjali l-importazzjonijiet ta' elettriku (ekoloġiku) minn Stati Membri oħra. Il-Qorti indikat li n-nuqqas minn Stat Membru li jadotta miżuri adegwati biex jiġu evitati ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija li jkunu nħolqu għandu l-istess probabbiltà li jostakola l-kummerċ intra-UE daqs att pożittiv. Għalhekk, il-Qorti sostniet li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjonijiet ([58]).

#### 3.4.2.1. Restrizzjonijiet fuq l-użu

Pjuttost reċentement ġiet żviluppata kategorija waħda ta' restrizzjonijiet fil-ġurisprudenza tal-Qorti: ir-restrizzjonijiet fuq l-użu. Dawn ir-restrizzjonijiet huma kkaratterizzati bħala regoli nazzjonali li jippermettu l-bejgħ ta' prodott filwaqt li jirrestrinġu l-użu tiegħu sa ċertu punt. Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu jistgħu jinkludu restrizzjonijiet relatati mal-iskop jew mal-metodu tal-użu partikolari, mal-kuntest jew mal-ħin tal-użu, mal-firxa tal-użu jew mat-tipi ta' użu. Tali miżuri jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jikkostitwixxu miżuri b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva.

Hemm tliet kawżi li jistgħu jissemmew f'dan ir-rigward. L-ewwel nett, *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* ([59]), li kienet tikkonċerna liġi Portugiża li tipprojbixxi t-twaħħil ta' films ikkuluriti fuq il-ħġieġ tal-vetturi bil-mutur. Il-Kummissjoni argumentat li kwalunkwe klijent, kummerċjant jew individwu potenzjali ma jixtrix tali film peress li kien jaf li ma setax iwaħħlu mat-

([53]) Eżempji ta' miżuri b'effett ekwivalenti jinkludu rekwiżiti ta' kompożizzjoni jew kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-prodott, li jillimitaw il-mezzi ta' distribuzzjoni u li jagħtu preferenza lill-merkanzija domestika.

([54]) Ara, *inter alia*, il-Kawża C-110/05 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2009], ECLI:EU:C:2009:66, il-punt 37, il-Kawża C-456/10 *ANETT* [2012], ECLI:EU:C:2012:241 u l-Kawża C-148/15 *Deutsche Parkinson Vereinigung*, [2016], ECLI:EU:C:2016:776.

([55]) Il-Kawża C-428/12 *Il-Kummissjoni vs Spanja* [2014], ECLI:EU:C:2014:218, il-punt 29.

([56]) Il-Kawża C-110/05 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2009], ECLI:EU:C:2009:66, il-punt 56.

([57]) Il-Kawża C-591/17 *L-Awstrija vs Il-Ġermanja* [2019] ECLI:EU:C:2019:504, il-punti 125-134.

([58]) Il-Kawża C-573/12 *Ålands Vindkraft* [2014] ECLI:EU:C:2014:2037, il-punti 67-75, 82 u 119. Madankollu, il-Qorti kkunsidrat li l-miżura inkwistjoni kienet ġustifikata abbażi tal-objettiv tal-promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-produzzjoni tal-elettriku

([59]) Il-Kawża C-265/06 Il-Kummissjoni vs Il-Portugall [2008] ECLI:EU:C:2008:210.

tieqa tal-vetturi bil-mutur ([60]). Il-Qorti dehret li aċċettat dan l-argument u sostniet li "…il-klijenti, il-kummerċjanti jew l-individwi potenzjali prattikament ma għandhom l-ebda interess li jixtruhom peress li jafu li huwa pprojbit li jwaħħlu dan il-film fuq il-windscreen u fuq il-ħġieġ ta' ħdejn il-postijiet tal-passiġġieri fil-vetturi bil-mutur." ([61]) B'riżultat ta' dan, waslet għall-konklużjoni li l-Portugall kien qed jikser l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 34 tat-TFUE.

It-tieni, fil-Kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* ([62]), il-kwistjoni kienet dwar jekk l-Italja, billi kellha regoli li jipprojbixxu l-irmonk ta' trejlers minn muturi, naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 34 tat-TFUE. Sa fejn kienu kkonċernati t-trejlers li kienu maħsuba speċifikament biex jiġu rmunkati minn muturi, il-Qorti sostniet li l-possibbiltà li jintużaw b'modi oħra minbarra bil-muturi kienet limitata, u li l-konsumaturi, li kienu jafu li ma jistgħux jużaw il-mutur tagħhom bi trejler iddisinjat speċifikament għalih, prattikament ma kellhomx interess jixtru trejler bħal dan ([63]). B'riżultat ta' dan, il-projbizzjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE.

Fl-aħħar nett, il-Kawża *Mickelsson u Roos* ([64]) kienet tirrigwarda rinviju għal deċiżjoni preliminari li qajmet il-kwistjoni dwar jekk l-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE jipprekludux ir-regoli Żvediżi dwar l-użu tal-inġenji tal-ilma personali. Skont ir-regolamenti Żvediżi, l-użu ta' dawn l-inġenji fuq ilmijiet li ma kinux passaġġi fuq l-ilma navigabbli ġenerali u fuq ilmijiet li fuqhom il-bord amministrattiv tal-kontea ma jagħtix permess għall-użu tagħhom kien ipprojbit u punibbli b'multa. Il-Qorti ddikjarat li meta tali regoli jkollhom l-effett li jipprevjenu lill-utenti ta' inġenji tal-ilma personali milli jużawhom għall-skopijiet speċifiċi u inerenti li għalihom kienu maħsuba jew li jirrestrinġu ħafna l-użu tagħhom, dawn ikollhom l-effett li jxekklu l-aċċess għas-suq domestiku għal dik il-merkanzija. Peress li l-possibbiltajiet reali għall-użu ta' inġenji tal-ilma personali fl-Iżvezja kienu biss marġinali, ir-regoli nazzjonali kienu jikkostitwixxu miżuri b'effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi ([65]). Madankollu, il-Qorti sostniet li r-regoli nazzjonali setgħu jkunu ġustifikati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tal-ambjent jekk ikun hemm konformità ma' ċerti rekwiżiti addizzjonali ([66]). Fil-Kawża *Sandström*, il-Qorti kompliet tispeċifika l-kundizzjonijiet li fuqhom tista' tkun permessa projbizzjoni għall-użu ta' inġenji tal-ilma personali fuq ilmijiet oħra għajr il-passaġġi fuq l-ilma ddeżinjati ([67]).

Kif muri hawn fuq, il-valutazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-użu hija rregolata wkoll bit-test tal-aċċess għas-suq. Minbarra li tivvaluta l-effetti tal-miżura fuq is-suq, il-Qorti tivvaluta wkoll l-effetti li l-miżura jista' jkollha fuq l-imġiba tal-konsumatur. Jista' jiġi spjegat fil-qosor li l-miżuri li jimponu projbizzjoni totali fuq l-użu ta' prodott speċifiku, li jimpedixxu l-użu tiegħu għall-skopijiet speċifiċi u inerenti li għalihom kien maħsub, jew li jirrestrinġu ħafna l-użu tiegħu, jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE.

### 3.4.2.2. Arranġamenti ta' bejgħ diskriminatorji

Kważi għoxrin sena wara l-Kawża *Dassonville*, il-Qorti kkonstatat li kien meħtieġ li tirrevedi l-ġurisprudenza tagħha dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' "miżuri b'effett ekwivalenti" skont l-Artikolu 34 tat-TFUE. Għalhekk, il-Qorti ħolqot il-kunċett ta' arranġamenti ta' bejgħ fis-sentenza storika *Keck u Mithouard*, li kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni Franċiża li tipprojbixxi l-bejgħ mill-ġdid b'telf ([68]). Iddikjarat li "l-applikazzjoni għal prodotti minn Stati Membri oħra ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jirrestrinġu jew li jipprojbixxu ċerti arranġamenti ta' bejgħ mhijiex tali li xxekkel direttament jew indirettament, realment jew potenzjalment, il-kummerċ bejn l-Istati Membri skont it-tifsira tas-sentenza *Dassonville*, diment li:

1. Dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw għall-kummerċjanti rilevanti kollha li joperaw fit-territorju nazzjonali, u;

2. Jaffettwaw bl-istess mod, fid-dritt u fil-fatt, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti domestiċi u ta' dawk minn Stati Membri oħra." ([69])

Ir-regoli li jistipulaw ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-merkanzija jkomplu jiġu ttrattati skont il-Kawża *Cassis de Dijon* u, għalhekk, jitqiesu bħala li jaqgħu *per se* fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE. B'kuntrast ma' dan, l-arranġamenti ta' bejgħ jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE biss bil-kundizzjoni li l-parti li tinvoka ksur tista' tagħti prova li huma jintroduċu diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini tal-prodotti, fid-dritt jew fil-fatt.

([60]) *Ibid*, il-punt 15.
([61]) *Ibid*, il-punt 33.
([62]) Il-Kawża C-110/05 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2009] ECLI:EU:C:2009:66.
([63]) Il-Kawża C-110/05 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2009] ECLI:EU:C:2009:66, il-punt 57.
([64]) Il-Kawża C-142/05 *Mickelsson u Roos* [2009] ECLI:EU:C:2009:336.
([65]) Il-Kawża C-142/05 *Mickelsson u Roos* [2009] ECLI:EU:C:2009:336, il-punt 28.
([66]) Il-Kawża C-142/05 *Mickelsson u Roos* [2009] ECLI:EU:C:2009:336, il-punti 39-40. F'dan ir-rigward, ara wkoll il-Kawża C-433/05 *Sandström* [2010] ECLI:EU:C:2010:184.
([67]) Il-Kawża C-433/05 *Sandström* [2010] ECLI:EU:C:2010:184, il-punt 40. Din il-Kawża hija wkoll eżempju ta' approċċ orjentat lejn il-proċess rigward il-proporzjonalità, mibni fuq il-valutazzjoni tal-Qorti fil-Kawża *Mickelsson*.
([68]) Il-Kawżi Magħquda C-267/91 u C-268/91 *Keck u Mithouard* [1993] ECLI:EU:C:1993:905.
([69]) Il-Kawżi Magħquda C-267/91 u C-268/91 *Keck u Mithouard* [1993] ECLI:EU:C:1993:905, il-punt 16.

Fil-Kawża C-591/17 *Ir-Repubbhlika tal-Awstrija*, il-Qorti ddeskriviet l-arranġamenti ta' bejgħ bħala regoli nazzjonali li jikkonċernaw "arranġamenti li bihom dawn il-prodotti jistgħu jinbiegħu" ([70]). Għaldaqstant, l-arranġamenti ta' bejgħ jinkludu miżuri relatati mal-kundizzjonijiet u mal-metodi tal-kummerċjalizzazzjoni (ara t-Taqsima 4.6.) ([71]), il-ħin tal-bejgħ tal-merkanzija ([72]), il-post tal-bejgħ tal-merkanzija jew ir-restrizzjonijiet rigward min jista' jbigħ il-merkanzija ([73]), kif ukoll f'xi każijiet miżuri li huma relatati mal-ipprezzar tal-prodotti (ara t-Taqsima 4.4.) ([74]). Huwa relattivament iktar faċli li wieħed jifhem it-tipi ta' miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-karatteristiċi tal-prodotti milli t-tipi ta' miżuri li jikkostitwixxu arranġamenti ta' bejgħ. Miżuri li jikkonċernaw il-karatteristiċi ta' prodott jistgħu jkunu, pereżempju, miżuri li jirrigwardaw l-għamla, id-daqs, il-piż, il-kompożizzjoni, il-preżentazzjoni jew l-identifikazzjoni tiegħu (ara t-Taqsima 4.7.).

Bħala eżempju ta' dawn ta' hawn fuq: il-Qorti sostniet fil-Kawża *Alfa Vita* ([75]) li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li għamlet il-bejgħ ta' prodotti "bake-off" soġġetti għall-istess rekwiżiti bħal dawk applikabbli għall-proċedura sħiħa ta' manifattura u ta' kummerċjalizzazzjoni għal ħobż tradizzjonali u għal prodotti tal-forn kienet tmur kontra l-Artikolu 34 tat-TFUE u ma setgħetx titqies bħala arranġament ta' bejgħ. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni billi bbażat ruħha fuq il-fatt li r-rekwiżit li l-bejjiegħa tal-prodotti "bake-off" jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha imposti fuq il-furnara tradizzjonali ma kienx iqis in-natura speċifika ta' dawn il-prodotti u kien jinvolvi kostijiet addizzjonali, u b'hekk il-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti kienet tkun iktar diffiċli ([76]).

Ċerti proċeduri jew obbligi li ma għandhomx x'jaqsmu mal-prodott jew mal-imballaġġ tiegħu xorta waħda jistgħu jitqiesu bħala arranġamenti ta' bejgħ kif muri fil-Kawża *Sapod Audic u Eco-Emballages* ([77]). Il-miżura nazzjonali inkwistjoni kienet tipprevedi li kwalunkwe produttur jew importatur kien obbligat jikkontribwixxi jew jorganizza r-rimi tal-iskart mill-imballaġġ kollu tiegħu. Il-Qorti indikat li l-miżura kienet timponi biss "obbligu ġenerali li jiġi identifikat l-imballaġġ miġbur għar-rimi minn impriża approvata" ([78]). Għalhekk, il-Qorti sostniet li "l-obbligu impost minn dik id-dispożizzjoni ma kienx relatat *per se* mal-prodott jew mal-imballaġġ tiegħu u, għalhekk, minnu nnifsu, ma kienx jikkostitwixxi regola li tistabbilixxi rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-merkanzija, bħal rekwiżiti li jikkonċernaw it-tikkettar jew l-imballaġġ tagħhom" ([79]). B'riżultat ta' dan, jista' jitqies bħala arranġament ta' bejgħ.

Bħala rikapitolazzjoni, l-arranġamenti ta' bejgħ huma miżuri li huma assoċjati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija iktar milli mal-karatteristiċi tal-merkanzija ([80]), u li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE f'każ li jkunu jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fis-sentenza *Keck* kif spjegat hawn fuq.

## 3.5. **Il-prinċipju ta' Rikonoxximent Reċiproku**

L-ostakoli tekniċi għall-moviment liberu tal-merkanzija jistgħu jseħħu meta l-awtoritajiet nazzjonali japplikaw regoli nazzjonali li jistipulaw rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati minn merkanzija kkummerċjalizzata legalment fi Stati Membri oħra. Il-merkanzija "kkummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor" hija l-merkanzija jew merkanzija ta' dak it-tip li tikkonforma mar-regoli rilevanti applikabbli f'dak l-Istat Membru jew li mhux soġġetta għal xi regola bħal dik f'dak l-Istat Membru, u li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utenti finali f'dak l-Istat Membru. Jekk ir-regoli nazzjonali ma jimplimentawx leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE, dawn jikkostitwixxu ostakoli tekniċi li għalihom japplikaw l-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE, anke jekk dawk ir-regoli japplikaw mingħajr distinzjoni għall-prodotti kollha.

---

([70]) Il-Kawża C-591/17, *Ir-Repubblika tal-Awstrija* [2019] ECLI:EU:C:2019:504, il-punt 129.

([71]) Ara l-Kawża C-412/93 *Leclerc-Siplec* [1995] ECLI:EU:C:1995:26, il-punt 22 u l-Kawża C-6/98 *ARD* [1999] ECLI:EU:C:1999:532, il-punt 46.

([72]) Ara, pereżempju, il-Kawżi C-401/92 u C-402/92 *Tankstation 't Heukske u Boermans* [1994] ECLI:EU:C:1994:220, il-punt 14 u l-Kawżi Magħquda C-69/93 u C-258/93 *Punto Casa* [1994] ECLI:EU:C:1994:226.

([73]) Ara l-Kawża C-391/92 *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* [1995] ECLI:EU:C:1995:199, il-punt 15.

([74]) Ara l-Kawża C-63/94 *Belgapom* [1995] ECLI:EU:C:1995:270 u l-Kawża C-221/15 *Etablissements Fr. Colruyt NV* [2016] ECLI:EU:C:2016:704, il-punt 37.

([75]) Il-Kawżi Magħquda C-158/04 u C-159/04 *Alfa Vita* [2006] ECLI:EU:C:2006:562.

([76]) *Ibid*, il-punti 18-19.

([77]) Il-Kawża C-159/00 *Sapod Audic u Eco-Emballages* [2002] ECLI:EU:C:2002:343.

([78]) *Ibid*, il-punt 71. Kieku kellha tiġi interpretata bħala li timponi obbligu li tiġi applikata marka jew tikketta, allura l-miżura tkun tikkostitwixxi regolament tekniku skont it-tifsira tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37). F'każ bħal dan, l-individwu jista' jinvoka n-nuqqas ta' notifika ta' dik id-dispożizzjoni nazzjonali. Imbagħad tkun il-qorti nazzjonali li trid tirrifjuta milli tapplika dik id-dispożizzjoni.

([79]) Il-Kawża C-159/00 *Sapod Audic u Eco-Emballages* [2002] ECLI:EU:C:2002:343, il-punt 72.

([80]) Ara l-Kawża C-71/02 *Karner* [2004] ECLI:EU:C:2004:181 (projbizzjoni ta' referenza li tindika li l-merkanzija ġejja minn patrimonju insolventi); il-Kawża C-441/04 *A-Punkt* [2006] ECLI:EU:C:2006:141 (sitwazzjoni fl-għatba tal-bieb) u wkoll raġunament simili fil-Kawża C-20/03 *Burmanjer* [2005] ECLI:EU:C:2005:307.

Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ġie stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti. Fis-sentenza *Cassis de Dijon* ([81]), il-Qorti stabbiliet li fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni, ir-regoli nazzjonali li jistabbilixxu rekwiżiti (bħal dawk relatati mad-deżinjazzjoni, mal-forma, mad-daqs, mal-piż, mal-kompożizzjoni, mal-preżentazzjoni, mat-tikkettar, mal-imballaġġ) li jridu jiġu ssodisfati minn merkanzija li tiġi minn Stati Membri oħra fejn tkun immanifatturata u kkummerċjalizzata legalment, jirrappreżentaw ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija u jikkostitwixxu miżuri b'effett ekwivalenti pprojbiti mill-Artikolu 34 tat-TFUE.

Skont il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, jekk negozju jkun qed ibigħ legalment prodott fi Stat Membru wieħed, f'konformità mar-regoli tekniċi nazzjonali applikabbli ta' dak l-Istat Membru, dan għandu jkun jista' jbigħu fi Stati Membri oħra mingħajr ma jkollu jadattah għar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru tal-importazzjoni.

Għalhekk, fil-prinċipju, l-Istati Membri tad-destinazzjoni ma jistgħux jirrestrinġu jew jiċħdu l-kummerċjalizzazzjoni ta' merkanzija li ma tkunx soġġetta għal armonizzazzjoni tal-UE u li tkun ikkummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor, anke jekk tkun ġiet immanifatturata skont regoli tekniċi u tal-kwalità li jkunu differenti minn dawk li jridu jiġu ssodisfati mill-prodotti domestiċi. L-istess japplika jekk ma jkunx hemm regoli tekniċi applikabbli għal dak il-prodott fl-Istat Membru ta' oriġini.

Madankollu, il-prinċipju mhuwiex assolut: restrizzjoni tista' tkun iġġustifikata minn objettiv ta' interess pubbliku.

B'konsegwenza ta' dan, ir-rikonoxximent reċiproku ma għandux jitqies li jinvolvi standards tas-saħħa, tal-ambjent jew tas-sikurezza iktar baxxi, jew li jillimita l-kapaċitajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-awtoritajiet nazzjonali, iżda iktar bħala bilanċ għaqli bejn il-moviment liberu tal-merkanzija u l-objettivi ta' interess pubbliku. L-Istati Membri jridu jaderixxu mal-prinċipju biss jekk l-interessi pubbliċi leġittimi koperti mir-regola teknika nazzjonali applikabbli tagħhom ikunu protetti b'mod adegwat.

L-eċċezzjonijiet għall-moviment liberu tal-merkanzija jridu jiġu interpretati b'mod strett ([82]). L-ostakoli huma ġustifikati biss jekk il-miżuri nazzjonali jkunu meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti obbligatorji jew kwalunkwe wieħed mill-interessi elenkati fl-Artikolu 36 tat-TFUE u jkunu proporzjonati għall-objettiv leġittimu li jrid jintlaħaq. Dan huwa miġbur fil-qosor f'sentenza reċenti tal-Qorti, li tirrigwarda r-rifjut tar-rikonoxximent ta' ċerti karatteristiċi distintivi, kif ġej:

"Għalhekk, l-ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija li jirriżultaw, fl-assenza ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, mill-applikazzjoni, minn Stat Membru, għal merkanzija li tkun ġejja minn Stati Membri oħra, fejn tkun ġiet mmanifatturata u kkummerċjalizzata skont il-liġi, ta' regoli dwar ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati minn tali merkanzija, anke jekk dawn ir-regoli japplikaw mingħajr distinzjoni għall-prodotti kollha, jikkostitwixxu miżuri b'effett ekwivalenti pprojbiti mill-Artikolu 34 tat-TFUE, sakemm din l-applikazzjoni ma tkunx tista' tiġi ġġustifikata minn objettiv ta' interess pubbliku li jista' jipprevali fuq ir-rekwiżiti tal-moviment liberu tal-merkanzija." ([83])

Fl-istess kawża, il-Qorti nnotat ukoll li l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ma jistax japplika għall-kummerċ fl-UE ta' merkanzija li toriġina minn pajjiżi terzi u f'ċirkolazzjoni libera meta, qabel ma tiġi esportata lejn Stat Membru ieħor għajr dak li fih tkun f'ċirkolazzjoni libera, ma tkunx ġiet ikkummerċjalizzata legalment fit-territorju ta' Stat Membru ([84]).

Għalhekk, fil-qosor, huwa possibbli li jkun hemm eċċezzjonijiet għall-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li japplika fil-qasam mhux armonizzat:

(1) Ir-regola ġenerali hija li l-prodotti legalment ikkummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor igawdu d-dritt għal moviment liberu, u;

(2) Ir-regola ġenerali ma tapplikax jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jista' jagħti prova li huwa essenzjali li jimponi r-regoli tekniċi tiegħu stess fuq il-prodotti kkonċernati abbażi tar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 36 tat-TFUE jew fir-rekwiżiti obbligatorji żviluppati fil-ġurisprudenza tal-Qorti, soġġetti għall-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

([81]) Il-Kawża 120/78 *Rewe Zentrale vs Bundesmonopolverwaltung für Branntwein* [1979] ECLI:EU:C:1979:42. Filwaqt li fil-bidu, il-prinċipju ma ssemmiex espressament fil-ġurisprudenza tal-Qorti, issa huwa rikonoxxut kompletament (ara pereżempju l-Kawża C-110/05 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2009] ECLI:EU:C:2009:66, il-punt 34, u l-Kawża C-385/10 *Elenca* [2012] ECLI:EU:C:2012:634, il-punt 23).

([82]) Il-Kawża C-111/89 *Staat der Nederlanden vs P. Bakker Hillegom BV* [1990] ECLI:EU:C:1990:177, il-punt 8.

([83]) Il-Kawża C-525/14 *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka* [2016] ECLI:EU:C:2016:714, il-punt 35.

([84]) Il-Kawża C-525/14 *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka* [2016] ECLI:EU:C:2016:714, il-punt 39.

Mid-19 ta' April 2020 japplika r-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill il-ġdid dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kkummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor ([85]). Dan jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor ([86]).

## 4. IT-TIPI TA' MIZURI

Il-miżuri b'effett ekwivalenti skont l-Artikolu 34 tat-TFUE jieħdu varjetà ta' forom u għamliet differenti. Xi drabi jkunu miżuri diretti ħafna li jimmiraw speċifikament lejn l-importazzjonijiet jew li jippermettu trattament preferenzjali ta' merkanzija domestika, u xi drabi jkunu effett sekondarju mhux mistenni ta' deċiżjonijiet ta' politika ġenerali. F'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, ċerti tipi ta' miżuri tfaċċaw ripetutament fil-ġurisprudenza u fl-applikazzjoni prattika tal-Artikoli 34-36 tat-TFUE fil-proċeduri ta' ksur. Diversi minnhom huma deskritti hawn taħt.

### 4.1. Dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mal-att ta' importazzjoni (liċenzji tal-importazzjoni, spezzjonijiet u kontrolli)

Il-miżuri nazzjonali marbuta direttament mal-att ta' importazzjoni ta' prodotti minn Stati Membri oħra jistgħu jwasslu biex l-importazzjonijiet ikunu iktar impenjattivi u, għalhekk, regolarment jitqiesu bħala miżuri b'effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi li jmorru kontra l-Artikolu 34 tat-TFUE. L-obbligu li tinkiseb liċenzja tal-importazzjoni qabel ma tiġi importata l-merkanzija huwa eżempju ċar f'dan ir-rigward. Minħabba li proċessi formali ta' dan it-tip jistgħu jikkawżaw dewmien, anke meta l-liċenzji jingħataw awtomatikament u l-Istat Membru kkonċernat jidher li ma jirriżervax id-dritt li ma joħroġx liċenzja, tali obbligu jista' jikser l-Artikolu 34 tat-TFUE ([87]).

L-ispezzjonijiet u l-kontrolli, bħal kontrolli veterinarji, sanitarji, fitosanitarji u oħrajn, inkluż kontrolli doganali fuq l-importazzjonijiet (u l-esportazzjonijiet), huma kkunsidrati bħala miżuri b'effett ekwivalenti skont it-tifsira tal-Artikoli 34 u 35 rispettivament ([88]). Spezzjonijiet bħal dawn x'aktarx li l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet jagħmluhom iktar diffiċli jew għaljin, bħala riżultat tad-dewmien inerenti fil-proċedura ta' spezzjoni u tal-kostijiet addizzjonali tat-trasport li kummerċjant jista' jġarrab minħabba fihom.

L-istabbiliment tas-suq intern fl-1 ta' Jannar 1993 essenzjalment elimina l-kontrolli rikorrenti fil-fruntieri għat-trasferiment tal-merkanzija. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Istati Membri ma jistgħux iwettqu kontrolli fil-fruntieri tagħhom sakemm ma jkunux parti minn sistema ġenerali ta' kontrolli li sseħħ b'mod simili ġewwa t-territorju nazzjonali u/jew sakemm ma jkunux imwettqa bħala kontrolli fuq il-post. Madankollu, irrispettivament minn fejn iseħħu tali kontrolli, jekk dawn jammontaw għal spezzjoni sistematika tal-prodotti importati, dawn xorta jitqiesu bħala miżuri b'effett ekwivalenti ([89]). Jistgħu jkunu ġustifikati biss f'każijiet eċċezzjonali, jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet rigorużi ([90]).

### 4.2. Obbligi li jinħatar rappreżentant jew li jiġu pprovduti faċilitajiet ta' ħżin fl-Istat Membru tal-importazzjoni

Il-Qorti kkonstatat li l-obbligu ta' importatur li jkollu post tan-negozju fl-Istat Membru tad-destinazzjoni tal-merkanzija jikser direttament l-Artikoli dwar il-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq intern. Il-Qorti sostniet li billi jeżiġi li l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jġarrbu l-kost ta' stabbiliment ta' rappreżentant fl-Istat Membru tal-importazzjoni, dan l-obbligu jagħmilha diffiċli, jekk mhux impossibbli, sabiex ċerti impriżi, b'mod partikolari impriżi żgħar jew ta' daqs medju, jidħlu fis-suq ta' dak l-Istat Membru ([91]). Anke obbligu li jinħatar rappreżentant jew aġent jew li jkollhom stabbiliment sekondarju, uffiċċju jew faċilità ta' ħżin fl-Istat Membru importatur ġeneralment imur kontra l-Artikolu 34 tat-TFUE.

---

([85]) Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1).

([86]) Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati ma' l-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21). Għad-dettalji ara l-punt 8.3 ta' din il-gwida.

([87]) Il-Kawżi Magħquda 51-54/71 *International Fruit Company vs Produktschap voor Groenten en Fruit* [1971] ECLI:EU:C:1971:128; il-Kawża C-54/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja* [2007] ECLI:EU:C:2007:168, il-punt 31.

([88]) Il-Kawża 4/75 *Rewe Zentralfinanz vs Landwirtschaftskammer* [1975] ECLI:EU:C:1975:98.

([89]) Il-Kawża C-272/95 *Dt. Milchkontor II* [1997] ECLI:EU:C:1997:191.

([90]) Il-Kawża C-28/09 *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* [2011] ECLI:EU:C:2011:854, il-punt 119.

([91]) Il-Kawża 155/82 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [1983] ECLI:EU:C:1983:53, il-punt 7.

Xi Stati Membri ppruvaw jiġġustifikaw tali rekwiżiti billi argumentaw li huma meħtieġa biex jiżguraw l-infurzar xieraq tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fl-interess pubbliku, inkluż ir-responsabbiltà kriminali f'xi każijiet. Il-Qorti rrifjutat dan l-argument. Sostniet li għalkemm kull Stat Membru huwa intitolat jieħu miżuri xierqa fit-territorju tiegħu sabiex jiżgura l-protezzjoni tal-ordni pubbliku, dawn il-miżuri jkunu ġustifikati biss jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Irid jiġi stabbilit li dawn il-miżuri jkunu meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati raġunijiet leġittimi ta' interess ġenerali u li dawn ma jistgħux jinkisbu b'mezzi li jirrestrinġu inqas il-moviment liberu tal-merkanzija ([92]). Il-Qorti sostniet li "[g]ħalkemm pieni kriminali jista' jkollhom effett dissważiv fir-rigward tal-imġiba li huma jissanzjonaw, dak l-effett mhuwiex iggarantit u, fi kwalunkwe każ, mhuwiex imsaħħaħ…unikament minħabba l-preżenza fit-territorju nazzjonali ta' persuna li tista' tirrappreżenta legalment lill-manifattur" ([93]). Għalhekk, mill-perspettiva tal-objettivi ta' interess pubbliku, ir-rekwiżit li rappreżentant ikun stabbilit fit-territorju nazzjonali ma jipprovdix salvagwardji addizzjonali suffiċjenti sabiex jiġġustifika eċċezzjoni għall-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 34 tat-TFUE.

Ir-rekwiżiti nazzjonali li jirregolaw l-istokkjar jew il-ħżin ta' merkanzija importata wkoll jistgħu jiksru l-Artikolu 34 tat-TFUE jekk dawn il-miżuri jaffettwaw il-merkanzija importata b'mod diskriminatorju meta mqabbel ma' prodotti domestiċi. Dan ikun jinkludi kwalunkwe regola li tipprojbixxi, li tillimita jew li teħtieġ l-istokkjar ta' merkanzija importata biss. Miżura nazzjonali li teħtieġ li spirti importati bbażati fuq l-inbid jinħażnu għal mill-inqas sitt xhur sabiex jikkwalifikaw għal ċerti deżinjazzjonijiet ta' kwalità tqieset mill-Qorti li tikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva ([94]).

Ostakoli simili għall-kummerċ tal-merkanzija jistgħu jinħolqu minn kwalunkwe regola nazzjonali li tirrestrinġi totalment jew parzjalment l-użu ta' faċilitajiet ta' stokkjar għal prodotti domestiċi biss, jew li tagħmel l-istokkjar ta' prodotti importati soġġett għal kundizzjonijiet li jkunu differenti minn dawk meħtieġa għall-prodotti domestiċi u li jkunu iktar diffiċli biex jiġu ssodisfati. Konsegwentement, miżura nazzjonali li tiġġeġ l-istokkjar ta' prodotti mmanifatturati domestikament tista' toħloq ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija skont l-Artikolu 34 tat-TFUE.

### 4.3. Projbizzjonijiet nazzjonali fuq prodotti/sustanzi speċifiċi

Projbizzjoni fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott speċifiku jew ta' sustanza speċifika hija l-iktar miżura restrittiva li Stat Membru jista' jadotta mill-perspettiva tal-moviment liberu tal-merkanzija. Il-maġġoranza tal-merkanzija fil-mira ta' projbizzjonijiet nazzjonali huma oġġetti tal-ikel, bħal vitamini u supplimenti tal-ikel oħra ([95]) u sustanzi kimiċi ([96]).

Il-ġustifikazzjonijiet li jiġu invokati l-iktar mill-Istati Membri għal dawn il-miżuri stretti huma l-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti skont l-Artikolu 36 tat-TFUE, u r-rekwiżiti obbligatorji żviluppati fil-ġurisprudenza tal-Qorti, bħall-protezzjoni tal-ambjent. Dawn ir-raġunijiet ġustifikatorji spiss jiġu kkombinati. Stat Membru li jimponi projbizzjoni nazzjonali fuq prodott/sustanza jrid juri li l-miżura tkun meħtieġa u, meta jkun xieraq, li l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti inkwistjoni tippreżenta riskju serju, pereżempju, għas-saħħa pubblika u li dawk ir-regoli jkunu konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità ([97]). Dan jinkludi li tiġi pprovduta l-evidenza rilevanti kollha, bħal *data* teknika, xjentifika, statistika jew nutrizzjonali ([98]). Fil-Kawża *Humanplasma*, filwaqt li l-objettiv tal-projbizzjoni kien li jiġu żgurati l-kwalità u s-sikurezza tad-demm u tal-komponenti tad-demm, u għaldaqstant is-saħħa pubblika, din il-miżura tqieset li tmur lil hinn minn dak li kien meħtieġ ([99]).

Barra minn hekk, Stat Membru għandu l-oneru li juri li l-għan iddikjarat ma jistax jinkiseb b'xi mezz ieħor li jkollu effett inqas restrittiv fuq il-kummerċ intra-UE ([100]). Pereżempju, fir-rigward ta' projbizzjoni Franċiża fuq iż-żieda ta' kafeina fix-xorb 'il fuq minn ċertu limitu, il-Qorti sostniet li "tikkettar xieraq, li jinforma lill-konsumaturi dwar in-natura, l-ingredjenti u l-karatteristiċi ta' prodotti ffortifikati, jista' jippermetti lill-konsumaturi li jkollhom riskju ta' konsum eċċessiv ta' nutrijent

([92]) *Ibid*, il-punt 12. Ara wkoll il-Kawża C-12/02 *Grilli* [2003] ECLI:EU:C:2003:538, il-punti 48 u 49; il-Kawża C-193/94 *Skanavi u Chryssanthakopoulos* [1996] ECLI:EU:C:1996:70, il-punti 36 sa 38.
([93]) Il-Kawża 155/82 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [1983] ECLI:EU:C:1983:53, il-punt 15.
([94]) Il-Kawża 13/78 *Eggers vs Freie Hansestadt Bremen* [1978] ECLI:EU:C:1978:182.
([95]) Il-Kawża 174/82 *Officier van Justitie vs Sandoz* [1983] ECLI:EU:C:1983:213; il-Kawża C-24/00 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2004] ECLI:EU:C:2004:70; il-Kawża C-420/01 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2003] ECLI:EU:C:2003:363; il-Kawża C-192/01 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2003] ECLI:EU:C:2003:492; il-Kawża C-41/02 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2004] ECLI:EU:C:2004:762; il-Kawża C-319/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2007] ECLI:EU:C:2007:678.
([96]) Il-Kawża C-473/98 *Kemikalieinspektionen vs Toolex-Alpha AB* [2000] ECLI:EU:C:2000:379.
([97]) Il-Kawża C-421/09 *Humanplasma GmbH vs Ir-Repubblika tal-Awstrija* [2010] ECLI:EU:C:2010:760, il-punt 45.
([98]) Il-Kawża C-270/02 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2004] ECLI:EU:C:2004:78.
([99]) Il-Kawża C-421/09 *Humanplasma GmbH vs Ir-Repubblika tal-Awstrija* [2010] ECLI:EU:C:2010:760, il-punt 45.
([100]) Il-Kawża 104/75 *De Peijper* [1976] ECLI:EU:C:1976:67.

miżjud ma' dawk il-prodotti jiddeċiedu għalihom infushom jekk jużawhomx" ([101]). Għalhekk, il-Qorti kkonstatat li l-projbizzjoni fuq iż-żieda ta' kafeina 'l fuq minn ċertu limitu ma kinitx il-miżura li kienet l-inqas restrittiva disponibbli u għalhekk mhux meħtieġa sabiex jinkiseb l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur.

Il-Kawża *Danish Vitamins* ([102]) kienet tikkonċerna l-prattika amministrattiva Daniża li tipprojbixxi l-arrikkiment ta' oġġetti tal-ikel b'vitamini u b'minerali jekk ma jkunx jista' jintwera li dan l-arrikkiment jissodisfa ħtieġa tal-popolazzjoni tad-Danimarka. Il-Qorti inizjalment qablet li hija d-Danimarka stess li għandha tiddeċiedi dwar il-livell maħsub tagħha ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bniedem, fid-dawl tal-applikabbiltà tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Madankollu, il-Qorti rrimarkat li l-awtoritajiet tad-Danimarka kellhom l-oneru tal-provi "li juru, f'kull każ, fid-dawl tad-drawwiet nutrizzjonali nazzjonali u fid-dawl tar-riżultati tar-riċerka xjentifika internazzjonali, li r-regoli tagħhom huma meħtieġa biex jagħtu protezzjoni effettiva lill-interessi msemmija" u "li l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti inkwistjoni tippreżenta riskju reali għas-saħħa pubblika" ([103]). Fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti kkonkludiet li l-miżura ma kinitx ġustifikata abbażi ta' "riskju reali għas-saħħa pubblika", li kien ikun jirrikjedi valutazzjoni dettaljata abbażi ta' każ b'każ tal-effetti taż-żieda ta' minerali u ta' vitamini fl-oġġetti tal-ikel ([104]).

B'mod ġenerali, il-Qorti ħadet approċċ restrittiv għal miżuri ta' dan it-tip. Madankollu, f'oqsma fejn hemm nuqqas ta' ċertezza xjentifika dwar l-impatt ta' prodott jew ta' sustanza fuq is-saħħa pubblika jew fuq l-ambjent, pereżempju, kien iktar diffiċli għall-Qorti li tirrifjuta projbizzjonijiet bħal dawn ([105]). F'dawn il-każijiet, l-hekk imsejjaħ prinċipju ta' prekawzjoni jkollu wkoll rwol importanti fil-valutazzjoni ġenerali tal-każ mill-Qorti ([106]).

Jistgħu jitfaċċaw ukoll sitwazzjonijiet f'każijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika fejn l-Istati Membri ma jipprojbixxux iż-żieda ta' prodott jew ta' sustanza li jkunu awtorizzati fi Stat Membru ieħor, iżda sempliċement jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel għaż-żieda tagħhom. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri jikkonformaw biss mal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-UE jekk dawn il-proċeduri jkunu aċċessibbli u jistgħu jitlestew f'perjodu ta' żmien raġonevoli u jekk il-projbizzjoni ta' prodott tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati nazzjonali. Din il-proċedura trid tkun espressament prevista f'miżura ta' applikazzjoni ġenerali li torbot lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru. Il-karatteristiċi ta' din il-"proċedura ssimplifikata" ġew stabbiliti mill-Qorti fil-Kawża C-344/90 ([107]).

## 4.4. Miżuri dwar il-prezzijiet

Għalkemm it-Trattat ma fihx dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tar-regolamenti nazzjonali dwar il-kontrolli tal-prezzijiet, il-Qorti applikat diversi drabi l-Artikolu 34 tat-TFUE għar-regolamenti nazzjonali dwar il-kontroll tal-prezzijiet.

Dawn ir-regolamenti jkopru għadd ta' miżuri: il-prezzijiet minimi u massimi, l-iffriżar tal-prezzijiet, il-marġni tal-profitt minimi u massimi u ż-żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid.

*Prezzijiet minimi*: Prezz minimu ffissat b'ammont speċifiku, għalkemm applikabbli mingħajr distinzjoni għal prodotti domestiċi u importati, jista' jirrestrinġi l-importazzjonijiet billi jipprevjeni li l-prezz tal-kost iktar baxx tagħhom jiġi rifless fil-prezz tal-bejgħ bl-imnut. Dan jimpedixxi lill-importaturi milli jużaw il-vantaġġ kompetittiv tagħhom u għalhekk huwa miżura b'effett ekwivalenti skont l-Artikolu 34 tat-TFUE, għaliex il-konsumatur ma jistax jieħu vantaġġ minn dan il-prezz ([108]). Madankollu, il-prezzijiet minimi jistgħu jiġu rregolati fil-livell tal-UE, bħal pereżempju, b'leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi prezzijiet minimi għat-tabakk, li għandhom jiġu kkunsidrati fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat ([109]).

Fil-Kawża C-221/15 *Colruyt*, li kienet tikkonċerna l-ipprezzar tal-prodotti tat-tabakk fil-Belġju, il-Qorti sostniet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-bejjiegħa bl-imnut milli jbigħu prodotti tat-tabakk bi prezz unitarju iktar baxx mill-prezz indikat mill-manifattur jew mill-importatur imwaħħal fuq il-prodott, sa fejn dak il-prezz ikun ġie stabbilit

([101]) Il-Kawża C-24/00 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2004] ECLI:EU:C:2004:70, il-punt 75.
([102]) Il-Kawża C-192/01 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2003] ECLI:EU:C:2003:492.
([103]) Il-Kawża C-192/01 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2003] ECLI:EU:C:2003:492, il-punt 46.
([104]) *Ibid*, il-punt 56.
([105]) Il-Kawża C-473/98 *Kemikalieinspektionen vs Toolex-Alpha AB* [2000] ECLI:EU:C:2000:379; il-Kawża C-24/00 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2004] ECLI:EU:C:2004:70.
([106]) Ara wkoll il-punt 7.1.2.
([107]) Il-Kawża C-344/90 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1992] ECLI:EU:C:1992:328.
([108]) Il-Kawża 231/83 *Cullet* [1985] ECLI:EU:C:1985:29; il-Kawża 82/77 *Van Tiggele* [1978] ECLI:EU:C:1978:10.
([109]) ĠU L 176, 5.7.2011, p. 24.

b'mod liberu minn dan tal-aħħar, mhijiex prekluża skont l-Artikolu 34 tat-TFUE ([110]). Hawnhekk, il-Qorti kkonstatat li l-ipprezzar minimu tal-prodotti tat-tabakk jikkostitwixxi ċertu arranġament ta' bejgħ li japplika għall-kummerċjanti rilevanti kollha li joperaw fit-territorju nazzjonali u li ma jimpedixxix l-aċċess għas-suq Belġjan tal-prodotti tat-tabakk minn Stat Membru ieħor iktar milli jimpedixxi l-aċċess tal-prodotti tat-tabakk domestiċi.

Fil-Kawża *Scottish Whiskey Association*, il-Qorti kkunsidrat jekk il-gvern Skoċċiż kisirx l-Artikolu 34 tat-TFUE meta impona prezzijiet minimi għal kull unità ta' alkoħol. Il-miżuri kienu maħsuba biex jeliminaw l-alkoħol bi prezz baxx ħafna mis-suq u kellhom ikunu ġustifikati minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Il-Qorti kkonstatat li l-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali "tipprevjeni li l-prezz tal-produzzjoni inferjuri tal-prodotti importati jkun jista' jinċidi fuq il-prezz tal-bejgħ lill-konsumatur" kien jikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti ([111]).

*Prezzijiet massimi*: Qabel il-Kawża *Keck*, il-Qorti sostniet li għalkemm prezz massimu li huwa applikabbli mingħajr distinzjoni għal prodotti domestiċi u għal prodotti importati ma jikkostitwixxix fih innifsu miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva, jista' jkollu tali effett jekk ikun stabbilit f'livell li jagħmel il-bejgħ tal-prodott importat impossibbli jew inkella iktar diffiċli mill-kontroparti domestika tiegħu. Dan jista' jneħħi kwalunkwe vantaġġ kompetittiv tal-merkanzija importata u/jew, jekk il-prezz massimu stabbilit ikun baxx wisq, jaf ma jqisx il-kostijiet tat-trasport imġarrba minn importatur ([112]).

*Iffriżar tal-prezzijiet*: Bl-istess mod, qabel id-deċiżjoni *Keck* (ara t-Taqsima 3.4.2.2.), il-Qorti kkunsidrat fil-ġurisprudenza bikrija tagħha li l-iffriżar tal-prezzijiet li japplika b'mod ugwali għal prodotti nazzjonali u għal prodotti importati fih innifsu ma jammontax għal miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva. Madankollu, dawn jistgħu jipproduċu effett *de facto* bħal dan jekk il-prezzijiet jiġu ffissati f'livell tali li l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti importati ssir impossibbli jew inkella iktar diffiċli minn dik tal-prodotti domestiċi ([113]). Dan ikun il-każ jekk l-importaturi jkunu jistgħu jikkummerċjalizzaw il-prodotti importati b'telf biss.

*Marġni ta' profitt minimi u massimi:* Dawn huma marġni li huma stabbiliti għal ammont speċifiku iktar milli bħala perċentwal tal-prezz tal-kost. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-UE qabel il-Kawża *Keck*, dawn mhux neċessarjament jikkostitwixxu miżura b'effett ekwivalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tat-TFUE. L-istess ikun japplika għal marġni ta' profitt fiss għall-bejgħ bl-imnut, li jkun proporzjon tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut liberament iddeterminat mill-manifattur, minn tal-inqas meta jikkostitwixxi remunerazzjoni adegwata għall-bejjiegħ bl-imnut. Madankollu, marġni ta' profitt massimu li jkun iffissat b'ammont wieħed applikabbli kemm għall-prodotti domestiċi kif ukoll għall-importazzjonijiet, iżda li ma jqisx il-kost tal-importazzjoni, jaqa' taħt l-Artikolu 34 tat-TFUE ([114]).

Wara l-Kawża *Keck*, jidher li l-Qorti spiss ikkunsidrat li r-regolamenti nazzjonali dwar il-kontroll tal-prezzijiet jidħlu fil-kunċett ta' "arranġamenti ta' bejgħ" ([115]). F'dan ir-rigward, dawn jistgħu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE jekk ċerti kundizzjonijiet jiġu ssodisfati. Il-fatt li l-"kontrolli tal-prezzijiet" jistgħu jikkostitwixxu "arranġamenti ta' bejgħ" huwa kkonfermat fil-Kawża *Belgapom*, meta l-leġiżlazzjoni Belġjana li tipprojbixxi l-bejgħ b'telf u l-bejgħ li jipproduċi biss marġni ta' profitt baxx ħafna tqieset li ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE ([116]).

Madankollu, fil-Kawża *LIBRO* iktar reċenti, il-Qorti inizjalment ikklassifikat regola li tipprojbixxi lill-importaturi ta' kotba bil-Ġermaniż milli jiffissaw prezz iktar baxx mill-prezz bl-imnut iffissat/rakkomandat mill-pubblikatur bħala ċertu arranġament ta' bejgħ kif definit fil-Kawża *Keck*. Madankollu, ikkonkludiet li r-regola kienet fil-fatt miżura b'effett ekwivalenti, peress li ħolqot regolament distint li kien jittratta prodotti minn Stati Membri oħra b'mod inqas favorevoli ([117]).

Fil-Kawża *Deutsche Parkinson Vereinigung*, il-Qorti applikat approċċ ta' aċċess għas-suq fl-eżami tagħha ta' sistema ta' ffissar tal-prezzijiet għall-bejgħ mill-ispiżeriji ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li jkunu disponibbli biss b'riċetta medika, mingħajr ma rreferiet direttament għall-Kawża *Keck* fis-sentenza tagħha. Wara li qabblet l-impatt tal-iffissar tal-

([110]) Il-Kawża C-221/15 *Colruyt* [2016] ECLI:EU:C:2016:704, il-punt 41.

([111]) Il-Kawża C-333/14 *Scottish Whiskey Association u Ohrajn vs The Lord Advocate u The Advocate General of Scotland* [2015] ECLI:EU:C:2015:845, il-punt 50.

([112]) Il-Kawża 65/75 *Tasca* [1976] ECLI:EU:C:1976:30; il-Kawża 88-90/75 *SADAM* [1976] ECLI:EU:C:1976:32; il-Kawża 181/82 *Roussel* [1983] ECLI:EU:C:1983:352; il-Kawża 13/77 *GB-INNO vs ATAB* [1977] ECLI:EU:C:1977:185.

([113]) Il-Kawża 16-20/79 *Danis* [1979] ECLI:EU:C:1979:248.

([114]) Il-Kawża 116/84 *Roelstrate* [1985] ECLI:EU:C:1985:237; il-Kawża 188/86 *Lefevre* [1987] ECLI:EU:C:1987:327.

([115]) Għal iktar informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' bejgħ ara t-Taqsima 3.4.2.2.

([116]) Il-Kawża C-63/94 *Belgapom vs ITM u Vocarex* [1995] ECLI:EU:C:1995:270.

([117]) Il-Kawża C-531/07 *Fachverband der Buch- und Medienwirtschaft vs LIBRO* [2009] ECLI:EU:C:2009:276.

prezzijiet fuq l-ispiżeriji stabbiliti fil-Ġermanja u fi Stati Membri oħra, fl-aħħar mill-aħħar ikkonstatat li din is-sistema kienet miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjonijiet ([118]). Ġie kkonstatat li l-ispiżeriji tal-bejgħ bil-korrispondenza kellhom kapaċità limitata li jikkompetu ma' spiżeriji tradizzjonali f'termini ta' servizzi, u għalhekk primarjament ikkompetew abbażi tal-prezzijiet, u b'riżultat ta' dan, kienu iktar affettwati mill-iffissar tal-prezzijiet. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Qorti rreferiet għall-Kawża *DocMorris*, li tikkonċerna leġiżlazzjoni Ġermaniża li tipprojbixxi l-bejgħ ta' prodotti mediċinali barra mill-ispiżeriji u, b'hekk, online, li kienet applikat il-Kawża *Keck* fir-raġunament tagħha ([119]).

Kif spjegat iktar 'il fuq, fil-Kawża *Scottish Whiskey Association*, il-Qorti kkonkludiet li l-ipprezzar minimu kien jikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti abbażi tat-test tal-aċċess għas-suq, mingħajr ma rreferiet espressament għall-Kawża *Keck*. Ir-raġunament tagħha kien li "l-fatt li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni… tipprevjeni li l-prezz tal-kost orħos ta' prodotti importati jiġi rifless fil-prezz tal-bejgħ lill-konsumatur ifisser, *fih innifsu*, li dik il-leġiżlazzjoni kapaċi xxekkel l-aċċess" ([120]).

## 4.5. **Proċeduri ta' awtorizzazzjoni**

Is-sistemi nazzjonali li jissoġġettaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija għal awtorizzazzjoni minn qabel jirrestrinġu l-aċċess għas-suq tal-Istat Membru tal-importazzjoni u għaldaqstant jitqiesu li joħolqu miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tat-TFUE ([121]). Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet numru ta' kundizzjonijiet li fihom tali awtorizzazzjoni minn qabel tista' tkun ġustifikata ([122]):

— Trid tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji li jiġu kkomunikati bil-quddiem lill-impriżi kkonċernati, b'tali mod li jiċċirkoskrivu l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, sabiex ma tintużax b'mod arbitrarju;

— Din essenzjalment ma għandhiex tidduplika l-kontrolli li jkunu diġà twettqu fil-kuntest ta' proċeduri oħra, jew fl-istess Stat Membru jew fi Stat Membru ieħor;

— Proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel tkun meħtieġa biss meta l-kontroll sussegwenti irid jitqies bħala li jkun tard wisq biex ikun ġenwinament effettiv u jkun jista' jilħaq l-għan mixtieq;

— Il-proċedura ma għandhiex, minħabba t-tul ta' żmien tagħha jew il-kostijiet sproporzjonati tagħha, tkun tali li tiskoraġġixxi lill-operaturi kkonċernati milli jsegwu l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħhom;

— Il-proċedura ma tistax tkun teħtieġ analiżijiet tekniċi fejn dawn ikunu diġà twettqu fi Stat Membru ieħor u dawk ir-riżultati jkunu disponibbli ([123]).

### 4.5.1. *Approvazzjoni tat-tip*

Ir-rekwiżiti dwar l-approvazzjoni tat-tip jiddefinixxu minn qabel il-kundizzjonijiet regolatorji, tekniċi u ta' sikurezza li prodott irid jissodisfa. Għaldaqstant, l-approvazzjoni tat-tip mhijiex limitata għal industrija partikolari, minħabba li tali rekwiżiti jeżistu għal prodotti li jvarjaw ħafna bħal tagħmir marittimu, mowbajls, karozzi tal-passiġġieri u tagħmir mediku.

Ġeneralment, l-approvazzjoni tat-tip tkun meħtieġa qabel ma prodott ikun jista' jitqiegħed fis-suq. Il-konformità mar-rekwiżiti dwar l-approvazzjoni tat-tip spiss tkun iddenotata minn markatura fuq il-prodott. Il-markatura CE, pereżempju, tikkonferma l-konformità ma' tali rekwiżiti permezz ta' awtodikjarazzjoni tal-manifattur jew permezz ta' ċertifikazzjoni minn parti terza.

Filwaqt li r-rekwiżiti komuni dwar l-approvazzjoni tat-tip fl-UE kollha normalment jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fis-suq intern, l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali f'oqsma mhux armonizzati jaf toħloq ostakoli għall-kummerċ tal-merkanzija. Barra minn hekk, standards nazzjonali diverġenti tal-prodotti jagħmluha diffiċli għall-manifatturi biex jikkummerċjalizzaw l-istess prodott fi Stati Membri differenti u jistgħu jwasslu għal kostijiet ogħla relatati mal-konformità. Għaldaqstant, l-obbligi li jeħtieġu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali qabel it-tqegħid tal-prodotti fis-suq iridu jitqiesu bħala miżuri b'effett ekwivalenti ([124]).

([118]) Il-Kawża C-148/15 *Deutsche Parkinson Vereinigung* [2016] ECLI:EU:C:2016:394, il-punti 23-27.
([119]) Il-Kawża C-322/01 *DocMorris* [2003] ECLI:EU:C:2003:664, il-punt 6
([120]) Il-Kawża C-333/14 *Scottish Whiskey Association* [2015] ECLI:EU:C:2015:845, il-punt 32. (enfasi miżjuda)
([121]) Ara pereżempju l-Kawża C-254/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [2007] ECLI:EU:C:2007:319; il-Kawża C-432/03 *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* [2005] ECLI:EU:C:2005:669, il-punt 41; il-Kawża C-249/07 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2008] ECLI:EU:C:2008:683, il-punt 26.
([122]) Il-Kawża C-390/99 *Canal Satélite Digital* [2002] ECLI:EU:C:2002:34; il-Kawża C-333/08 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2010] ECLI:EU:C:2010:44; il-Kawża C-423/13 *Vilniaus Energija* [2014] ECLI:EU:C:2014:2186.
([123]) Il-Kawża C-423/13 *Vilniaus Energija* [2014] ECLI:EU:C:2014:2186, il-punt 55.
([124]) Il-Kawża 21/84 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1985] ECLI:EU:C:1985:184.

Abbażi ta' ġustifikazzjonijiet relatati mas-saħħa jew mas-sikurezza, Stat Membru jista' jkun intitolat jirrikjedi li prodott li jkun diġà rċieva approvazzjoni fi Stat Membru ieħor jgħaddi minn proċedura ġdida ta' eżami u ta' approvazzjoni. Madankollu, f'każijiet bħal dawn l-Istat Membru tal-importazzjoni jrid iqis it-testijiet jew il-kontrolli mwettqa fl-Istat(i) Membru/i tal-esportazzjoni li jipprovdu garanziji jew protezzjoni ekwivalenti ([125]).

Fil-Kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* ([126]), impriża ġiet miċħuda l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-korp ta' superviżjoni għall-installazzjoni ta' pajpijiet tal-polietilen importati, għar-raġuni li dawn il-pajpijiet ma kinux ġew approvati mill-korp ta' ttestjar nazzjonali. Iċ-ċertifikati tal-impriża li ma kinux rikonoxxuti nħarġu minn istitut ta' ttestjar Taljan. Il-Qorti sostniet li l-awtoritajiet, f'dan il-każ dawk tal-Portugall, kienu meħtieġa jqisu ċ-ċertifikati maħruġa mill-korpi ta' ċertifikazzjoni ta' Stat Membru ieħor, speċjalment jekk dawk il-korpi jkunu awtorizzati mill-Istat Membru għal dan l-iskop. Peress li l-awtoritajiet Portugiżi ma kellhomx biżżejjed informazzjoni sabiex jivverifikaw iċ-ċertifikati inkwistjoni, setgħu kisbu dan il-materjal mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-esportazzjoni. Huwa meħtieġ approċċ proattiv min-naħa tal-korp nazzjonali li ssirlu applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għar-rikonoxximent ta' prodott.

### 4.5.2. *Reġistrazzjoni tal-karozzi*

Ġeneralment, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, hemm tliet stadji differenti fil-proċess tal-ksib ta' reġistrazzjoni għal vettura bil-mutur. L-ewwel nett, il-karatteristiċi tekniċi tal-vettura bil-mutur iridu jkunu approvati, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet permezz tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Madankollu, xi tipi ta' vetturi bil-mutur għadhom soġġetti għal proċeduri ta' approvazzjoni nazzjonali. It-tieni, isiru t-testijiet ta' kontroll tekniku ta' vetturi użati, li l-objettiv tagħhom ikun li jiġi vverifikat li l-vettura bil-mutur speċifika tinsab fi stat tajjeb ta' tiswija fil-ħin tar-reġistrazzjoni. Fl-aħħar nett, il-vettura bil-mutur tiġi rreġistrata, u dan jawtorizza d-dħul tagħha fis-servizz fit-toroq, jidentifika l-vettura bil-mutur ikkonċernata u jinħareġ numru ta' reġistrazzjoni għaliha.

Il-Qorti ttrattat ukoll ir-rifjut ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur li kellha t-tagħmir tal-istering tagħha, inkluż il-pożizzjoni tal-istering, fuq in-naħa tal-lemin. Fil-Kawżi C-61/12 u C-639/11 sostniet li tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet, fir-rigward tal-effett tagħha li xxekkel l-aċċess għas-suq għal vetturi b'tagħmir tal-istering fuq il-lemin, li jkunu legalment immanifatturati u rreġistrati fi Stat Membru ieħor. Il-Qorti ddikjarat li tali rekwiżit ma kienx meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tas-sikurezza fit-toroq ([127]).

## 4.6. **Restrizzjonijiet fuq ir-reklamar**

Ir-rwol tar-reklamar huwa primordjali għad-dħul fis-suq, speċjalment għal prodotti kkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor. Ir-rwol importanti tar-reklamar biex prodott minn Stat Membru jitħalla jidħol f'suq ġdid fi Stat Membru ieħor ġie rikonoxxut mill-Avukati Ġenerali ([128]) u mill-Qorti tal-Ġustizzja ([129]). L-għan u l-effett tar-reklamar huwa li, fost l-oħrajn, jipperswadi lill-konsumaturi jibdlu minn ditta għal oħra jew jixtru prodotti ġodda.

Qabel il-Kawża *Keck* (ara t-Taqsima 3.4.2.2.), il-Qorti spiss sostniet li miżuri nazzjonali li jimponu restrizzjonijiet fuq ir-reklamar kienu koperti mill-Artikolu 34 tat-TFUE. Kawża bħal din kienet il-Kawża *Oosthoek*, li kienet tikkonċerna projbizzjoni fuq l-offerta jew fuq l-għoti ta' rigali b'xejn għal skopijiet ta' promozzjoni tal-bejgħ. Il-Qorti sostniet li "leġiżlazzjoni li tirrestrinġi jew li tipprojbixxi ċerti forom ta' reklamar u ċerti mezzi ta' promozzjoni tal-bejgħ tista', għalkemm ma taffettwax direttament l-importazzjonijiet, tkun tali li tirrestrinġi l-volum tagħhom minħabba li taffettwa l-opportunitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti importati." ([130]) Madankollu, wara l-Kawża *Keck*, il-Qorti f'xi aspetti dehret li adottat approċċ differenti (rigward it-trattament tar-restrizzjonijiet fuq ir-reklamar bħala arranġamenti ta' bejgħ). Minkejja dan, il-miżuri marbuta mar-reklamar li jidher li jaqgħu fil-kategorija ta' arranġamenti ta' bejgħ huma trattati bħala regoli marbuta ma' prodotti fejn jidher li dawn jaffettwaw il-kundizzjonijiet li l-merkanzija trid tissodisfa ([131]).

([125]) Il-Kawża C-455/01 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2003] ECLI:EU:C:2003:551.

([126]) Il-Kawża C-432/03 *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* [2005] ECLI:EU:C:2005:514.

([127]) Il-Kawża C-61/12 *Il-Kummissjoni vs Il-Litwanja* [2014], ECLI:EU:C:2014:172, il-punti 57 u 69. Ara wkoll il-Kawża C-639/11 *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja* [2014] ECLI:EU:C:2014:173.

([128]) Ara pereżempju l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża C-412/93 *Leclerc-Siplec* [1995] ECLI:EU:C:1995:26 u l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-Kawża C-239/02 *Douwe Egberts* [2004] ECLI:EU:C:2004:445.

([129]) Ara pereżempju l-Kawżi Magħquda C-34/95 u C-36/95 *De Agostini* [1997] ECLI:EU:C:1997:344.

([130]) Il-Kawża 286/81 *Oosthoek* [1982] ECLI:EU:C:1982:438, il-punt 15. Ara wkoll il-Kawżi ta' qabel *Keck*: il-Kawża 362/88 *GB-INNO* [1990] ECLI:EU:C:1990:102 u l-Kawża C-1/90 *Aragonesa* [1991] ECLI:EU:C:1991:327.

([131]) Il-Kawża C-470/93 *Mars* [1995] ECLI:EU:C:1995:224, il-punt 13 (il-miżura tirrikjedi kostijiet addizzjonali għall-imballaġġ u għar-reklamar). Ara wkoll il-Kawża C-368/95 *Familiapress* [1997] ECLI:EU:C:1997:325, il-punt 11.

Għalhekk, l-approċċ tas-soltu segwit mill-Qorti llum jidher li huwa li restrizzjonijiet fuq ir-reklamar u l-promozzjoni jridu jitqiesu bħala arranġamenti ta' bejgħ u, jekk ma jkunux diskriminatorji, dawn ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE ([132]). Madankollu, jekk il-miżura kkonċernata tkun diskriminatorja, din tkun taqa' taħt l-Artikolu 34 tat-TFUE. Għalhekk, ir-restrizzjonijiet nazzjonali fuq ir-reklamar li jagħmlu l-bejgħ ta' merkanzija minn Stati Membri oħra iktar diffiċli mill-bejgħ ta' merkanzija domestika jistgħu jikkostitwixxu miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva. Il-Qorti sostniet ukoll pereżempju li "projbizzjoni assoluta tar-reklamar tal-karatteristiċi ta' prodott" ([133]) tista' timpedixxi l-aċċess għas-suq ta' prodotti minn Stati Membri oħra iktar milli timpedixxi l-aċċess minn prodotti domestiċi, li l-konsumaturi jkunu iktar familjari magħhom ([134]).

Kif jidher hawn fuq, il-Qorti jidher li torbot il-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjoni ma' diskriminazzjoni. Fi kliem ieħor, jekk ir-restrizzjoni tkun totali, wieħed jassumi li jista' jkollha impatt akbar fuq il-prodotti importati ([135]) u, jekk tkun parzjali, li tista' taffettwa l-prodotti domestiċi u importati bl-istess mod ([136]). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti fil-Kawżi *Dior* ([137]) u *Gourmet* ([138]) indikat li xi *projbizzjonijiet fuq ir-reklamar* mhux neċessarjament jaffettwaw iktar lill-importazzjonijiet milli lill-merkanzija nazzjonali.

Il-Qorti enfasizzat ukoll li r-restrizzjonijiet fuq ir-reklamar fuq l-internet ma jaffettwawx il-bejgħ ta' merkanzija nazzjonali, f'dan il-każ prodotti mediċinali nazzjonali, bl-istess mod kif jaffettwaw il-bejgħ ta' prodotti mediċinali li joriġinaw minn Stati Membri oħra (il-Kawża C-322/01 *Deutscher Apothekerverband*). Għalhekk, ir-restrizzjonijiet fuq l-internet jistgħu jirrappreżentaw ostakolu kopert mill-Artikolu 34 tat-TFUE.

## 4.7. Regolamenti tekniċi li fihom rekwiżiti dwar il-preżentazzjoni tal-merkanzija (piż, kompożizzjoni, preżentazzjoni, tikkettar, forma, daqs, imballaġġ)

Ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-prodotti importati rigward il-forma, id-daqs, il-kompożizzjoni tal-piż, il-preżentazzjoni, l-identifikazzjoni jew il-ħruġ tagħhom jistgħu jġiegħlu lill-manifatturi u lill-importaturi jadattaw il-prodotti inkwistjoni għar-regoli fis-seħħ fl-Istat Membru li fih ikunu kkummerċjalizzati, pereżempju billi jimmodifikaw it-tikkettar ta' prodotti importati ([139]). Fis-sentenza tagħha fil-Kawża 27/80 *Fietje* ([140]), il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-estensjoni minn Stat Membru ta' dispożizzjoni li tipprojbixxi l-bejgħ ta' ċertu xorb alkoħoliku b'deskrizzjoni differenti minn dik preskritta mid-dritt nazzjonali għal xarbiet importati minn Stati Membri oħra, u li b'hekk ikun meħtieġ li tinbidel it-tikketta li taħtha x-xarba importata tkun ikkummerċjalizzata legalment fl-Istat Membru tal-esportazzjoni, trid titqies bħala miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva, li hija pprojbita mill-Artikolu 34 tat-TFUE.

Minħabba li r-rekwiżiti rigward il-preżentazzjoni tal-merkanzija huma marbutin direttament mal-prodott innifsu, mhumiex meqjusa bħala arranġamenti ta' bejgħ. Minflok, dawn jitqiesu bħala miżuri b'effett ekwivalenti skont l-Artikolu 34 tat-TFUE ([141]).

Il-miżuri li ġejjin, pereżempju, tqiesu li jmorru kontra l-Artikolu 34 tat-TFUE:

— Rekwiżit rigoruż għal prodotti tal-kostruzzjoni mhux armonizzati li titwaħħlilhom markatura CE ([142]);

— Rekwiżit għall-marġerina li tinbiegħ f'imballaġġ kubiku biex wieħed ikun jista' jiddistingwiha mill-butir ([143]);

([132]) Ara l-Kawża C-292/92 *Hünermund* [1993] ECLI:EU:C:1993:932 (projbizzjoni fuq ir-reklamar ta' prodotti "parafarmaċewtiċi" barra mill-ispiżeriji) u l-Kawża C-412/93 *Leclerc-Siplec* [1995] ECLI:EU:C:1995:26 (restrizzjoni tar-reklamar fuq it-televiżjoni); Ara l-Kawżi Magħquda C-34/95 u C-36/95 *De Agostini* [1997] ECLI:EU:C:1997:344; il-Kawża C-405/98 *Gourmet* [2001] ECLI:EU:C:2001:135.

([133]) Il-Kawża C-239/02 *Douwe Egberts* [2004] ECLI:EU:C:2004:445, il-punt 53.

([134]) Fir-rigward tad-diskriminazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi domestiċi u l-operaturi ekonomiċi ta' Stati Membri oħra, ara l-Kawża C-322/01 *DocMorris* [2003] ECLI:EU:C:2003:664, il-punt 74, u l-Kawża C-254/98 *Heimdienst* [2000] ECLI:EU:C:2000:12, il-punt 26. Ara wkoll il-Kawżi 87/85 u 88/85 *Legia u Gyselinx* [1986] ECLI:EU:C:1986:215, il-punt 15, u l-Kawża C-189/95 *Franzén* [1997] ECLI:EU:C:1997:504, il-punt 71.

([135]) F'dan il-kuntest, ara l-Kawża C-405/98 *Gourmet* [2001] ECLI:EU:C:2001:135; il-Kawżi C-34/95 u C-36/95 *De Agostini* [1997] ECLI:EU:C:1997:344 u l-Kawża C-239/02 *Douwe Egberts* [2004] ECLI:EU:C:2004:445 (li jipprojbixxu referenzi għal "traqqiq" u "rakkomandazzjonijiet, attestazzjonijiet, dikjarazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet ta' approvazzjoni mediċi").

([136]) F'dan il-kuntest, ara l-Kawża C-292/92 *Hünermund* [1993] ECLI:EU:C:1993:932 u l-Kawża C-71/02 *Karner* [2004] ECLI:EU:C:2004:181 (li jipprojbixxu referenzi għall-fatt li l-merkanzija tkun ġejja minn patrimonju insolventi).

([137]) Il-Kawża C-337/95 *Dior* [1997] ECLI:EU:C:1997:517.

([138]) Il-Kawża C-405/98 *Gourmet* [2001] ECLI:EU:C:2001:135.

([139]) Il-Kawża C-33/97 *Colim* [1999] ECLI:EU:C:1999:274, il-punt 37 u l-Kawża C-416/00 *Morellato* [2003] ECLI:EU:C:2003:475, il-punti 29 u 30; il-Kawża C-217/99 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [2000] ECLI:EU:C:2000:638, il-punt 17.

([140]) Il-Kawża 27/80 *Fietje* ECLI:EU:C:1980:293, il-punt 15.

([141]) Il-Kawża C-385/10 *Elenca Srl vs Ministero dell'Interno* [2012] ECLI:EU:C:2012:634.

([142]) *Ibid*.

([143]) Il-Kawża 261/81 *Rau vs De Smedt* [1982] ECLI:EU:C:1982:382.

— Projbizzjoni minn Stat Membru fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta’ oġġetti magħmula minn metalli prezzjużi mingħajr il-karatteristiċi distintivi (nazzjonali uffiċjali) meħtieġa ([144]);

— Projbizzjoni fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta’ vidjos u ta’ DVDs permezz tal-bejgħ bil-korrispondenza u l-bejgħ online li ma jkollhomx tikketta tal-limitu tal-età li tikkorrispondi għal deċiżjoni ta’ klassifikazzjoni minn awtorità reġjonali ogħla jew minn korp nazzjonali ta’ awtoregolamentazzjoni ([145]).

### 4.8. **Indikazzjonijiet tal-oriġini, marki tal-kwalità, inċitament għax-xiri ta’ prodotti nazzjonali**

Ir-regoli nazzjonali li jeħtieġu l-indikazzjoni tal-oriġini tal-prodott fuq il-prodott jew it-tikkettar tiegħu jikkostitwixxu miżura b’effett ekwivalenti li tmur kontra l-Artikolu 34 TFUE.

Il-Qorti ddeċidiet li r-regoli nazzjonali dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-oriġini jistgħu jinkoraġġixxu lill-konsumaturi jixtru prodotti nazzjonali għad-detriment ta’ prodotti ekwivalenti li joriġinaw fi Stati Membri oħra ([146]). Skont il-Qorti, tali regoli għandhom l-effett li jagħmlu l-kummerċjalizzazzjoni fi Stat Membru ta’ merkanzija simili prodotta fi Stati Membri oħra iktar diffiċli, u jnaqqsu r-ritmu tal-interpenetrazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea billi jpoġġu fi żvantaġġ il-bejgħ ta’ merkanzija prodotta b’riżultat ta’ diviżjoni tax-xogħol bejn l-Istati Membri ([147]). Il-Qorti enfasizzat ukoll li jista’ jkun fl-interess tal-operatur ekonomiku li jindika huwa stess l-oriġini tal-prodotti tiegħu, mingħajr ma jkun imġiegħel jagħmel dan. F’dan il-każ, il-konsumaturi jistgħu jiġu protetti minn indikazzjonijiet ta’ oriġini foloz jew qarrieqa li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli eżistenti li jipprojbixxu tali mġiba ([148]).

Bl-istess mod il-Qorti ddeċidiet li l-iskemi tal-kwalità stabbiliti fid-dritt nazzjonali u relatati mal-oriġini tal-prodott jista’ jkollhom effett simili. Anke jekk tali skema tal-kwalità partikolari tkun volontarja, ma jfissirx li din ma tibqax miżura b’effett ekwivalenti, jekk l-użu ta’ dik id-deżinjazzjoni jippromwovi jew x’aktarx li jippromwovi l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott ikkonċernat meta mqabbel ma’ prodotti li ma jibbenefikawx mill-użu tiegħu ([149]).

Il-Qorti sostniet ukoll li l-Istati Membri għandhom is-setgħa li jistabbilixxu skemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli kkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom u li jużaw deżinjazzjonijiet tal-kwalità soġġetti għall-konformità ma’ tali skemi. Madankollu, tali skemi u deżinjazzjonijiet jistgħu ma jkunux marbuta ma’ rekwiżit li l-proċess ta’ produzzjoni għall-prodotti inkwistjoni jitwettaq fil-pajjiż iżda għandhom ikunu jiddependu biss mill-eżistenza ta’ karatteristiċi oġġettivi intrinsiċi li jagħtu lill-prodotti l-kwalità meħtieġa skont il-liġi ([150]). Għalhekk, tali skema trid tkun aċċessibbli għal kwalunkwe produttur fl-Unjoni jew għal kwalunkwe operatur potenzjali ieħor tal-Unjoni li l-prodotti tiegħu jissodisfaw ir-rekwiżiti. Kwalunkwe rekwiżit li jimpedixxi l-aċċessibbiltà għal din l-iskema għal prodotti minn Stati Membri oħra għandu jiġi evitat minħabba li jista’ jiffaċilita l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti ta’ oriġini domestika għad-detriment ta’ prodotti importati ([151]).

Il-Qorti aċċettat skemi tal-kwalità stipulati fid-dritt nazzjonali meta dawn jippermettu l-importazzjoni ta’ prodotti minn Stati Membri oħra taħt id-deżinjazzjonijiet li jkollhom, anke jekk ikunu simili, komparabbli jew identiċi għad-deżinjazzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ([152]).

Kampanja promozzjonali mmexxija mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u li tinvolvi t-tikkettar tal-kwalità u/jew tal-oriġini bl-istess mod tikkostitwixxi miżura b’effett ekwivalenti skont l-Artikolu 34 tat-TFUE. L-iktar kawża magħrufa ta’ tali inċitament biex jinxtraw prodotti nazzjonali kienet il-kawża *Buy Irish* ([153]), li kienet tinvolvi kampanja fuq skala kbira li tħeġġeġ ix-xiri ta’ merkanzija nazzjonali. Il-Qorti sostniet ukoll li skema stabbilita mill-awtoritajiet sabiex tippromwovi d-distribuzzjoni ta’ xi prodotti magħmula f’ċertu pajjiż jew reġjun, tista’ bl-istess mod tħeġġeġ lill-konsumaturi jixtru dawn il-prodotti bl-esklużjoni ta’ prodotti importati ([154]).

---

([144]) Il-Kawża C-30/99 *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* [2001] ECLI:EU:C:2001:346; il-Kawża C-525/14 *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka* [2016] ECLI:EU:C:2016:714; Ara wkoll il-Kawża C-481/12 *UAB Juvelta vs VĮ Lietuvos prabavimo rūmai* [2014] ECLI:EU:C:2014:11.

([145]) Il-Kawża C-244/06 *Dynamic Medien Vertriebs GmbH vs Avides Media AG* [2008] ECLI:EU:C:2008:85; madankollu, f’din is-sentenza l-ostakolu għall-kummerċ kien ikkunsidrat bħala ġustifikat minħabba raġunijiet ta’ protezzjoni ta’ minorenni.

([146]) Ara, pereżempju, il-Kawża 207/83 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit* [1985] ECLI:EU:C:1985:161, il-punt 17.

([147]) Ara l-Kawża C-95/14 *UNIC u Uni.co.pel* [2015] ECLI:EU:C:2015:492, il-punt 44.

([148]) Ara l-Kawża 207/83 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit* [1985] ECLI:EU:C:1985:161, il-punt 21

([149]) Ara l-Kawża C-325/00 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2002] ECLI:EU:C:2002:633, il-punt 24, u l-Kawża C-255/03 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* ECLI:EU:C:2004:378

([150]) Ara l-Kawża 13/78 *Eggers* ECLI:EU:C:1978:182, il-punti 24-25.

([151]) Ara s-sentenza tal-Qorti fil-Kawżi Magħquda C-321/94 sa C-324/94 *Pistre u oħrajn*, ECLI:EU:C:1997:229, il-punt 45.

([152]) Il-Kawża C-169/17 *Asociación Nacional de Productores de Ganado Porcino* [2018] ECLI:EU:C:2018:440, il-punti 24-28 u l-ġurisprudenza kkwotata.

([153]) Il-Kawża 249/81 *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* [1982] ECLI:EU:C:1982:402.

([154]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-325/00 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2002] ECLI:EU:C:2002:633, il-Kawża C-6/02 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2003] ECLI:EU:C:2003:136. Il-Kawżi Magħquda C-204/12 sa C-208/12 *Essent Belgium* [2014] ECLI:EU:C:2014:2192, il-punti 88, 90-95 u 116. Ara wkoll C-573/12 *Ålands Vindkraft* [2014] ECLI:EU:C:2014:2037.

### 4.9. **Restrizzjonijiet fuq il-bejgħ mill-bogħod (bejgħ fuq l-internet, bejgħ bil-korrispondenza, eċċ.)**

Bl-avvanz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, il-merkanzija kulma jmur qed tiġi kkummerċjalizzata fis-suq intern permezz tal-internet. Għalhekk, l-għadd ta' kawżi marbuta ma' tranżazzjonijiet fuq l-internet li jinvolvu t-trasferiment ta' merkanzija minn Stat Membru għal ieħor imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja żdied.

Id-domandi li tressqu quddiem il-Qorti fil-Kawża *DocMorris* ([155]) kienu tqajmu fi proċedimenti nazzjonali li jikkonċernaw il-bejgħ fuq l-internet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fi Stat Membru differenti minn dak li fih ġiet stabbilita l-Kawża*DocMorris*. Id-dritt Ġermaniż dak iż-żmien kien jipprojbixxi l-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti mediċinali li setgħu jinbiegħu biss fl-ispiżeriji.

L-ewwel domanda li tressqet mill-qorti nazzjonali kienet dwar jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE fil-każ li prodotti mediċinali awtorizzati, li l-bejgħ tagħhom kien ristrett għall-ispiżeriji fl-Istat Membru kkonċernat, ma jistgħux jiġu importati kummerċjalment bil-korrispondenza permezz ta' spiżeriji approvati fi Stati Membri oħra b'rispons għal ordni individwali li ssir fuq l-internet.

Il-Qorti bdiet billi ttrattat din ir-restrizzjoni nazzjonali bħala arranġament ta' bejgħ, li seta' kien qed jikser l-Artikolu 34 jekk kien diskriminatorju. L-ewwel, bl-istess mod bħall-Kawża *De Agostini* (rigward: l-importanza tar-reklamar għall-bejgħ tal-prodott inkwistjoni) ([156]), il-Qorti enfasizzat l-importanza tal-internet għall-bejgħ ta' prodott. Imbagħad spjegat kif tali projbizzjoni diretta hija iktar ta' ostakolu għall-ispiżeriji barra mill-Ġermanja milli għal dawk lokali. Għalhekk, il-miżura kienet qed tikser l-Artikolu 34 tat-TFUE.

B'mod iktar speċifiku, il-Qorti sostniet li għall-ispiżeriji li mhumiex stabbiliti fil-Ġermanja, l-internet jipprovdi mod iktar sinifikanti biex jiksbu "aċċess dirett" għas-suq Ġermaniż ([157]). Il-Qorti spjegat li projbizzjoni li jkollha impatt akbar fuq spiżeriji stabbiliti barra mill-Ġermanja tista' timpedixxi l-aċċess għas-suq għal prodotti minn Stati Membri oħra iktar milli timpedixxi l-aċċess għall-prodotti domestiċi.

Fil-Kawża *Ker-Optika* ([158]), li kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza l-bejgħ ta' lentijiet tal-kuntatt biss fi ħwienet tal-provvisti mediċi, il-Qorti kkonfermat li billi pprojbixxiet il-bejgħ tagħhom online, il-miżura nazzjonali kisret id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([159]) u l-Artikoli 34-36 tat-TFUE għall-projbizzjoni tal-konsenja sussegwenti tal-lentijiet tal-kuntatt lill-klijenti.

Is-sentenza *Visnapuu* iktar reċenti kienet tirrigwarda l-Att tal-Finlandja dwar l-Alkoħol, li skontu bejjiegħ stabbilit fi Stat Membru ieħor irid ikollu liċenzja tal-bejgħ bl-imnut sabiex jimporta xorb alkoħoliku bil-ħsieb li jbigħu bl-imnut dan ix-xorb lill-konsumaturi li jirresjedu fil-Finlandja. Il-Qorti sostniet li r-rekwiżit li wieħed ikollu liċenzja tal-bejgħ bl-imnut sabiex jimporta xorb alkoħoliku jipprevjeni lill-kummerċjanti stabbiliti fi Stati Membri oħra milli jimportaw liberament ix-xorb alkoħoliku fil-Finlandja, u għalhekk jikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tat-TFUE. Madankollu, sostniet ukoll li l-Artikoli 34 tat-TFUE u 36 tat-TFUE ma jipprekludux tali leġiżlazzjoni, diment li tkun xierqa sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-objettiv ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ordni pubbliku ([160]).

### 4.10. **Obbligi ta' depożitu**

Fid-deċennji li għaddew, is-sistemi ta' depożitu u ta' ritorn, speċjalment fis-settur tax-xorb, taw lok għal diskussjonijiet fid-dawl tal-leġiżlazzjoni ambjentali u tar-regoli tas-suq intern. Għall-operaturi involuti f'diversi Stati Membri, tali sistemi spiss jagħmluha diffiċli biex jinbiegħ l-istess prodott fl-istess imballaġġ fi Stati Membri differenti. Minflok, il-produtturi u l-importaturi huma meħtieġa jadattaw l-imballaġġ skont il-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru individwali, li normalment iwassal

---

([155]) Il-Kawża C-322/01 DocMorris [2003] ECLI:EU:C:2003:664.

([156]) Il-Kawżi Magħquda C-34/95 u C-36/95 *De Agostini* [1997] ECLI:EU:C:1997:344, il-punti 43-44. L-Avukat Ġenerali Geelhoed (il-Kawża C-239/02 *Douwe Egberts* [2004] ECLI:EU:C:2004:445, il-punt 68) jikkontesta dan ir-raġunament bir-raġunament tal-Qorti fil-Kawża C-292/92 *Hünermund* ([1993] ECLI:EU:C:1993:932) u fil-Kawża C-412/93 *Leclerc-Siplec* ([1995] ECLI:EU:C:1995:26). Huwa argumenta li l-projbizzjonijiet fuq ir-reklamar fl-aħħar żewġ Kawżi kienu limitati fl-iskala. Indika li l-Qorti fl-aħħar żewġ Kawżi tat importanza lill-fatt li r-restrizzjonijiet inkwistjoni ma affettwawx l-opportunitajiet għal kummerċjanti oħra biex jirreklamaw il-prodotti kkonċernati b'mezzi oħra. Fi kliem ieħor, "il-funzjoni li r-reklamar kien iwettaq fir-rigward tal-ksib tal-aċċess għas-suq għall-prodotti kkonċernati baqgħet intatta."

([157]) Il-Kawża C-322/01 *DocMorris* [2003] ECLI:EU:C:2003:664, il-punt 74.

([158]) Il-Kawża C-108/09 *Ker-Optika* [2010] ECLI:EU:C:2010:725, il-punti 43-44.

([159]) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

([160]) Il-Kawża C-198/14 *Visnapuu* [2015] ECLI:EU:C:2015:751, il-punti 99, 102, 208 u 129.

għal kostijiet addizzjonali. L-effett ta' tali sistemi, jiġifieri d-diviżjoni tas-swieq, ħafna drabi jmur kontra l-idea ta' suq tassew intern. Għalhekk, ir-rekwiżiti nazzjonali f'dan is-sens jistgħu jitqiesu bħala ostakolu għall-kummerċ skont l-Artikolu 34 tat-TFUE. Irrispettivament minn dan, l-iskemi ta' depożitu jistgħu jiġu ġustifikati minħabba raġunijiet relatati mal-protezzjoni tal-ambjent.

F'żewġ sentenzi tal-bidu tas-snin 2000 li jikkonċernaw is-sistema Ġermaniża ta' depożitu obbligatorju għall-imballaġġ tax-xorb li ma jistax jerġa' jintuża, il-Qorti kkonfermat li fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri huma intitolati li jagħżlu bejn sistema ta' depożitu u ta' ritorn, sistema globali ta' ġbir tal-imballaġġ jew kombinazzjoni taż-żewġ sistemi ([161]).

Illum, l-iskemi ta' depożitu huma parzjalment koperti mil-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni, jiġifieri d-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ([162]). Madankollu, mill-2020, ma hemm fis-seħħ l-ebda skema ta' depożitu li tkopri l-Unjoni kollha. Meta dispożizzjoni nazzjonali ma tkunx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi rilevanti, għandha tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tagħha mal-Artikoli 34-36 tat-TFUE.

## 4.11. **Rimborż u importazzjonijiet paralleli**

*Rimborż:* Id-dritt tal-UE ma jnaqqasx mis-setgħa tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom ([163]); Fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE, il-liġijiet ta' kull Stat Membru jiddeterminaw iċ-ċirkostanzi li fihom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Madankollu, dawk il-liġijiet jistgħu jaffettwaw il-possibbiltajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u mbagħad jistgħu jinfluwenzaw l-ambitu għall-importazzjoni. Konsegwentement, deċiżjoni nazzjonali dwar ir-rimborż għal prodotti farmaċewtiċi jista' jkollha impatt negattiv fuq l-importazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, jirriżulta mis-sentenza *Duphar* li d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jirregolaw ir-rimborż ta' apparati mediċi fil-qafas tal-iskema nazzjonali tal-kura tas-saħħa jistgħu jkunu kompatibbli mal-Artikolu 34 tat-TFUE, diment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Id-determinazzjoni tal-prodotti soġġetti għar-rimborż u dawk li huma esklużi ma tistax tinvolvi diskriminazzjoni rigward l-oriġini tal-prodotti u trid issir abbażi ta' kriterji oġġettivi u verifikabbli. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli li l-lista ta' prodotti rimborżati tiġi emendata kull meta l-konformità mal-kriterji speċifikati tkun teħtieġ hekk. Il-"kriterji oġġettivi u verifikabbli" msemmija mill-Qorti jistgħu jikkonċernaw l-eżistenza fis-suq ta' prodotti oħrajn li jiswew inqas u li jkollhom l-istess effett terapewtiku, il-fatt li l-oġġetti inkwistjoni jkunu kkummerċjalizzati liberament mingħajr il-ħtieġa ta' xi riċetta medika, jew il-fatt li l-prodotti jkunu esklużi mir-rimborż minħabba raġunijiet ta' natura farmakoterapewtika ġustifikati fid-dawl tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

Ir-regoli proċedurali għall-istabbiliment tad-deċiżjonijiet nazzjonali dwar ir-rimborż ġew speċifikati bid-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fl-ambitu tas-sistemi nazzjonali tal-assigurazzjoni tas-saħħa ([164]).

Fil-Kawża *Decker* ([165]), il-Qorti kkonstatat li r-regoli nazzjonali li skonthom ir-rimborż tal-kost ta' prodotti mediċi huwa soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru meta jinxtraw prodotti fi Stat Membru ieħor, jikkostitwixxu restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-merkanzija skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tat-TFUE. F'dan il-każ, peress li dawn iħeġġu lill-persuni assigurati jixtru dawn il-prodotti fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom u mhux fi Stat Membru ieħor, u għalhekk jistgħu jrażżnu l-importazzjoni ta' prodotti fi Stati Membri oħra.

([161]) Il-Kawża C-463/01 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2004] ECLI:EU:C:2004:797; il-Kawża C-309/02 *Radlberger Spitz* [2004] ECLI:EU:C:2004:799.
([162]) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.
([163]) Ara l-Kawża 238/82 *Duphar* [1984] ECLI:EU:C:1984:45 u l-Kawża C-70/95 *Sodemare u Oħrajn* [1997] ECLI:EU:C:1997:301.
([164]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa (ĠU L 40, 11.2.1989, p. 8).
([165]) Il-Kawża C-120/95 *Decker* [1998] ECLI:EU:C:1998:167.

*Importazzjonijiet Paralleli:* Il-kummerċ parallel tal-prodotti huwa forma legali ta' kummerċ fis-suq intern. Huwa "parallel" fis-sens li jinvolvi prodotti li jkollhom l-istess deskrizzjoni iżda jkunu ġejjin minn lott differenti minn prodotti kkummerċjalizzati permezz tan-networks tad-distribuzzjoni tal-manifatturi jew tal-fornituri oriġinali, iżda jseħħ 'il barra minn dawk in-networks (spiss flimkien magħhom). Il-kummerċ parallel iseħħ bħala riżultat tad-diverġenza fil-prezzijiet tal-prodotti farmaċewtiċi ([166]) jew tal-pestiċidi ([167]), eż. meta l-Istati Membri jistabbilixxu jew b'mezzi oħra jikkontrollaw il-prezz tal-prodotti li jinbiegħu fis-swieq rispettivi tagħhom. Il-kummerċ parallel joħloq fil-prinċipju kompetizzjoni sana u tnaqqis fil-prezzijiet għall-konsumaturi u huwa konsegwenza diretta tal-iżvilupp tas-suq intern, li jiggarantixxi l-moviment liberu tal-merkanzija u jipprevjeni l-kompartimentalizzazzjoni tas-swieq nazzjonali ([168]).

Għalkemm is-sikurezza u l-kummerċjalizzazzjoni inizjali tal-prodotti mediċinali huma rregolati permezz tal-leġiżlazzjoni tal-UE, il-prinċipji rigward il-legalità tal-kummerċ parallel ta' dawn il-prodotti ħarġu minn sentenzi tal-Qorti bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija ([169]).

L-importaturi paralleli ma jistgħux ikunu meħtieġa jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħal dawk applikabbli għall-operaturi ekonomiċi li japplikaw għall-ewwel darba għal awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, diment li ma tiddgħajjifx il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem ([170]). Meta l-informazzjoni meħtieġa għall-iskopijiet tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika tkun diġà disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni bħala riżultat tal-ewwel kummerċjalizzazzjoni ta' prodott f'dan l-Istat Membru, prodott importat b'mod parallel ikun soġġett għal liċenzja mogħtija abbażi ta' proċedura "ssimplifikata" b'mod proporzjonali (meta mqabbla ma' proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni), diment li:

— **Il-prodott importat ikun ingħata awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni fl-Istat Membru ta' oriġini**, u irrispettivament mill-iskadenza ta' dik l-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, b'mod partikolari meta l-awtorizzazzjoni ta' referenza tiskadi minħabba raġunijiet oħra li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, jiġifieri abbażi biss tax-xewqa tad-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' referenza ([171]), u;

— **Il-prodott importat ikun essenzjalment simili għal prodott li diġà jkun irċieva awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni**, li jfisser li ż-żewġ prodotti ma jkollhomx għalfejn ikunu identiċi f'kull rigward iżda għandhom minn tal-inqas ikunu ġew manifatturati skont l-istess formulazzjoni, bl-użu tal-istess ingredjent attiv, u jkollhom ukoll l-istess effetti terapewtiċi ([172]). Għalhekk, ir-rifjut li tinħareġ awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ma jistax jiġi ġustifikat abbażi tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika jekk dan ir-rifjut ikun ibbażat biss fuq il-fatt li ż-żewġ prodotti mediċinali ma jkollhomx l-istess oriġini ([173]).

Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jirrifjutaw li jagħtu liċenzja tal-importazzjoni parallela unikament minħabba raġunijiet marbuta mal-assenza ta' dokumentazzjoni relatata mal-prodott mediċinali soġġett għal importazzjoni parallela, jekk ikollhom mezzi leġiżlattivi u amministrattivi disponibbli biex jiksbu d-dokumentazzjoni inkwistjoni ([174]). Lanqas ma jistgħu jirrifjutaw, fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji, liċenzja tal-importazzjoni parallela għal dawk li jixtiequ jimpurtaw għall-użu fil-farm tal-istokk tagħhom stess ([175]).

Barra minn hekk, jeħtieġ li l-kummerċ parallel ikun distint mill-importazzjoni mill-ġdid. Fil-każ ta' prodotti farmaċewtiċi, pereżempju, dan ifisser tranżazzjonijiet li permezz tagħhom il-prodotti mediċinali jiġu importati fi Stat Membru li fih ikunu awtorizzati, wara li jkunu nkisbu minn spiżerija fi Stat Membru ieħor minn bejjiegħ bl-ingrossa fl-Istat Membru tal-importazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti sostniet li prodott manifatturat fi Stat Membru li jiġi esportat u li wara jiġi

([166]) Il-Kawża C-201/94 *Smith&Nephew* [1996] ECLI:EU:C:1996:432.
([167]) Il-Kawża C-100/96 *British Agrochemicals* [1999] ECLI:EU:C:1999:129; il-Kawża C-201/06 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2008] ECLI:EU:C:2008:104, il-punt 33.
([168]) Il-Kawża C-44/01 *Pippig Augenoptik v Hartlauer* [2003] ECLI:EU:C:2003:205, il-punt 63.
([169]) Il-Kawża 104/75 *De Peijper* [1976] ECLI:EU:C:1976:67.
([170]) Il-Kawża C-94/98 *Rhône-Poulenc Rorer u May & Baker,* [1999] ECLI:EU:C:1999:614, il-punt 40.
([171]) Il-Kawża C-172/00 *Ferring* [2002] ECLI:EU:C:2002:474.
([172]) Il-Kawża C-201/94 *Smith&Nephew,* [1996] ECLI:EU:C:1996:432, il-Kawża C-94/98 *Rhone Poulenc* [1999] ECLI:EU:C:1999:614.
([173]) Il-Kawża C-112/02, *Kolpharma* [2004] ECLI:EU:C:2004:208, il-punti 15-18.
([174]) Il-Kawża 104/75 *De Peijper* [1976] ECLI:EU:C:1976:67, il-Kawża C-201/94 *Smith&Nephew* [1996] ECLI:EU:C:1996:432, il-Kawża C-387/18 *Delfarma* [2019] ECLI:EU:C:2019:556.
([175]) Il-Kawża C-114/15 *Audace* [2016] ECLI:EU:C:2016:813.

importat mill-ġdid f'dan l-Istat Membru jikkostitwixxi prodott importat bl-istess mod bħal prodott manifatturat fi Stat Membru ieħor ([176]). Madankollu, il-Qorti indikat li dawn il-konstatazzjonijiet ma japplikawx jekk jiġi stabbilit li l-prodotti kkonċernati ġew esportati bl-iskop uniku ta' importazzjoni mill-ġdid sabiex tiġi evitata leġiżlazzjoni bħal dik li qed tiġi kkunsidrata ([177]).

## 4.12. Obbligu li tintuża l-lingwa nazzjonali

Ir-rekwiżiti lingwistiċi imposti f'oqsma mhux armonizzati jistgħu wkoll jikkostitwixxu ostakolu għall-kummerċ intra-UE f'każ li dawn jirriżultaw f'piż addizzjonali fuq prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Għalhekk, dawn jistgħu jiġu pprojbiti skont l-Artikolu 34 tat-TFUE meta l-prodotti li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra jkollhom jingħataw tikkettar differenti, li jirriżulta f'kostijiet addizzjonali tal-imballaġġ ([178]). Madankollu, f'xi każijiet jista' jkun meħtieġ li tintuża lingwa nazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jifhmu faċilment l-informazzjoni dwar il-prodott inkwistjoni ([179]).

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża *Yannick Geffroy* ([180]), il-Qorti ddeċidiet li l-Artikolu 34 tat-TFUE "jrid jiġi interpretat li jipprekludi regola nazzjonali [...] milli teżiġi l-użu ta' lingwa speċifika għat-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel, mingħajr ma tippermetti l-possibbiltà li tintuża lingwa oħra li tinftiehem faċilment mix-xerrejja jew li tiggarantixxi li x-xerrej jiġi informat b'mezzi oħra".

Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-lingwa li faċilment tinftiehem mill-konsumaturi, il-Qorti ddikjarat fil-Kawża *Piageme* ([181]) li jistgħu jitqiesu diversi fatturi bħax-"xebh possibbli ta' kliem b'lingwi differenti, l-għarfien mifrux fost il-popolazzjoni kkonċernata ta' iktar minn lingwa waħda, jew l-eżistenza ta' ċirkostanzi speċjali bħal kampanja ta' reklamar fuq firxa wiesgħa jew distribuzzjoni mifruxa tal-prodott, diment li jkun jista' jiġi stabbilit li l-konsumatur ikun qed jingħata biżżejjed informazzjoni".

Konsegwentement, mill-prinċipju ġenerali tal-proporzjonalità jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali li jirrikjedu li ċertu informazzjoni fir-rigward ta' prodotti domestiċi jew importati trid tingħata b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-konsumatur. Madankollu, il-miżura nazzjonali inkwistjoni ma tridx teskludi l-possibbiltà li jintużaw mezzi oħra biex il-konsumaturi jiġu infurmati, bħal disinji, simboli u pittogrammi ([182]). Fl-aħħar nett, miżura trid tkun ristretta għall-informazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat jagħmilha obbligatorja u li għaliha l-użu ta' mezzi oħra minbarra t-traduzzjoni ma jkunx adattat biex jipprovdi lill-konsumaturi bl-informazzjoni xierqa.

## 4.13. Restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' merkanzija għall-użu personali

L-Artikolu 34 tat-TFUE mhux biss jagħti lill-kumpaniji d-dritt li jimportaw merkanzija għal skopijiet kummerċjali, iżda jagħti wkoll id-dritt lill-individwi li jimportaw merkanzija għall-użu personali kif muri fil-Kawża *Schumacher* ([183]). Ir-restrizzjonijiet fir-rigward tal-importazzjoni ta' merkanzija għall-użu personali huma relatati l-iktar ma' prodotti marbuta ma'

([176]) Il-Kawża C-322/01 *DocMorris* [2003] ECLI:EU:C:2003:664, il-punt 127. Ara f'dan is-sens il-Kawża C-229/83 *Leclerc u oħrajn* [1985] ECLI:EU:C:1985:1, il-punt 26, u l-Kawża C-240/95 *Schmit* [1996] ECLI:EU:C:1996:259, il-punt 10.

([177]) Il-Kawża C-322/01 *DocMorris* [2003] ECLI:EU:C:2003:664, il-punt 129.

([178]) Il-Kawża C-33/97 *Colim vs Bigg's Continent Noord* [1999] ECLI:EU:C:1999:274.

([179]) F'dan ir-rigward, ara wkoll:
- id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64),
- id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29),
- id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12),
- kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

([180]) Il-Kawża C-366/98 *Yannick Geffroy* [2000] ECLI:EU:C:2000:430, il-punt 28.

([181]) Il-Kawża C-85/94 *Piageme vs Peeters* [1995] ECLI:EU:C:1995:312.

([182]) Il-Kawża C-33/97 *Colim vs Bigg's Continent Noord* [1999] ECLI:EU:C:1999:274, il-punti 41-43.

([183]) Il-Kawża 215/87 *Schumacher* [1989] ECLI:EU:C:1989:111.

riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, bħall-alkoħol, it-tabakk u l-mediċini. Fil-Kawża *Schumacher*, individwu privat ordna preparat mediċinali minn Franza għall-użu personali tiegħu. Madankollu, l-awtoritajiet doganali fil-Ġermanja, fejn l-individwu kien qed jirresjedi, irrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni għall-prodott inkwistjoni.

Il-qorti nazzjonali staqsiet jekk leġiżlazzjoni li tipprojbixxi lil individwu privat milli jimporta għall-użu personali tiegħu preparat mediċinali li kien awtorizzat fl-Istat Membru tal-importazzjoni, kien disponibbli hemmhekk mingħajr riċetta, u li kien inxtara minn spiżerija fi Stat Membru ieħor, kinitx tmur kontra l-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE. Il-Qorti sostniet li tali leġiżlazzjoni kienet tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE, li ma setax ikun ġustifikat minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. Spjegat li x-xiri ta' preparati mediċinali minn spiżerija ta' Stat Membru ieħor kien jipprovdi garanzija ta' sikurezza ekwivalenti għal dik ta' spiżerija domestika.

Madankollu, kif intwera fil-Kawża *Escalier Bonnarel* ([184]), individwi privati li jimportaw merkanzija għall-użu fil-proprjetà tagħhom stess jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal ċerti obbligi applikabbli għall-importaturi għal skopijiet kummerċjali. F'dan il-każ, inbdew proċedimenti kriminali kontra żewġ individwi li ġew akkużati li kellhom fil-pussess tagħhom, u li kien biħsiebhom jużaw, prodotti ta' pestiċidi ddisinjati għall-użu agrikolu u li ma kellhomx awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni. L-akkużati sostnew li r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni nazzjonali ma setgħux jiġu applikati għall-bdiewa li kienu qed jimportaw prodotti għall-iskopijiet tagħhom stess. Il-Qorti sostniet li l-Istati Membri huma obbligati jissottomettu l-importazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fit-territorju tagħhom għal proċedura ta' eżami, li tista' tieħu l-forma ta' proċedura "ssimplifikata", li l-iskop tagħha huwa li tivverifika jekk prodott jirrikjedix awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew jekk għandhomx jiġu ttrattati daqslikieku diġà ġew awtorizzat fl-Istat Membru tal-importazzjoni ([185]). Il-Qorti indikat li l-prinċipji ta' hawn fuq japplikaw irrispettivament mill-iskop tal-importazzjoni.

## 5. **IL-PRODOTTI AGRIKOLI**

Ta' min jinnota li l-prodotti agrikoli huma fil-qalba tad-deċiżjonijiet tal-Qorti rigward is-suq intern. Dan il-punt jindirizza xi kwistjonijiet speċifiċi relatati ma' dawn il-prodotti. Il-punt tat-tluq tagħna jista' jinstab fl-Artikolu 38(2) tat-TFUE li jiddikjara li, ħlief meta jkun previst mod ieħor fl-Artikoli 39 sa 44 tat-TFUE, ir-regoli stipulati għall-istabbiliment tas-suq intern għandhom japplikaw għall-prodotti agrikoli (dawn il-prodotti huma ddefiniti fl-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni u huma elenkati fl-Anness I tat-TFUE).

Kwistjoni li kienet is-suġġett ta' sentenzi reċenti tal-Qorti tikkonċerna l-punt sa fejn l-Istati Membri jistgħu jilleġiżlaw f'oqsma koperti minn organizzazzjoni komuni tas-suq. Il-Qorti sostniet li skont il-politika agrikola komuni, kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 4(2)(d) tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom setgħat leġiżlattivi li jippermettulhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sal-punt li l-Unjoni Ewropea ma tkunx eżerċitat il-kompetenza tagħha ([186]).

Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza stabbilita, meta jkun hemm regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq f'settur partikolari, l-Istati Membri huma obbligati li ma jieħdu l-ebda miżura li tista' ddgħajfu jew toħloq eċċezzjonijiet għalih. Ir-regoli li jinterferixxu mal-funzjonament tajjeb ta' organizzazzjoni komuni tas-suq huma wkoll inkompatibbli ma' tali organizzazzjoni komuni, anke jekk is-suġġett inkwistjoni ma kienx irregolat b'mod eżawrjenti minnha ([187]).

Fir-rigward tal-iffissar ta' prezz minimu għal kull unità ta' alkoħol għall-bejgħ bl-imnut tal-inbejjed, fin-nuqqas ta' mekkaniżmu tal-ipprezzar, il-formazzjoni libera tal-prezzijiet tal-bejgħ abbażi ta' kompetizzjoni ġusta hija komponent tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli ([188]) u tikkostitwixxi l-espressjoni tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva ([189]).

([184]) Il-Kawżi C-260/06 u C-261/06 *Escalier Bonnarel* [2007] ECLI:EU:C:2007:659.
([185]) *Ibid*, il-punt 32.
([186]) Il-Kawża C-373/11 *Panellinios Sindesmos Viomikhanion Metapoiisis Kapnou* [2013] ECLI:EU:C:2013:567, il-punt 26.
([187]) Il-Kawża C-283/03 *Kuipers*, [2005] ECLI:EU:C:2005:314, il-punt 37 u l-ġurisprudenza kkwotata.
([188]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).
([189]) Il-Kawża C-333/14 *Scotch Whisky Association u Oħrajn* [2015] ECLI:EU:C:2015:845, il-punt 20.

Minkejja dan, l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq ma tipprevjenix lill-Istati Membri milli japplikaw regoli nazzjonali bil-ħsieb li jilħqu objettiv li jirrigwarda l-interess ġenerali għajr dawk koperti minn dik l-organizzazzjoni komuni tas-suq, anke jekk dawk ir-regoli jista' jkollhom effett fuq il-funzjonament tas-suq komuni fis-settur ikkonċernat ([190]).

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża *Scotch Whiskey*, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli jrid jiġi interpretat li ma jipprekludix miżura nazzjonali li timponi prezz minimu għal kull unità ta' alkoħol għall-bejgħ bl-imnut tal-inbejjed, diment li dik il-miżura tkun fil-fatt mezz xieraq sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bniedem u li, fid-dawl tal-objettivi tal-politika agrikola komuni u tal-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, ma tmurx lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħaq dak l-objettiv tal-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bniedem.

Fil-Kawża C-2/18, il-Qorti sostniet li bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 148 tiegħu, l-Unjoni Ewropea ma eżerċitatx b'mod eżawrjenti l-kompetenza tagħha fil-qasam tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet għal kuntratt għall-konsenja tal-ħalib mhux ipproċessat. Għaldaqstant, dak ir-Regolament ma jistax jiġi interpretat li jipprojbixxi lill-Istati Membri, fil-prinċipju, milli jadottaw miżuri f'dak il-qasam ([191]).

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li ma jistax jiġi stabbilit mir-referenzi għal ċerti prattiki żleali li l-objettiv tal-ġlieda kontra l-prattiki żleali li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni trid tilħaq huwa kopert bir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, speċjalment peress li tali prattiki mhumiex imsemmija fl-intier tagħhom, u lanqas ma huma rregolati jew saħansitra identifikati f'dak ir-Regolament ([192]). Il-Qorti sostniet li dan ir-rieżami tal-proporzjonalità jrid isir billi jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari, l-objettivi tal-politika agrikola komuni u l-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-suq, li jeħtieġ li dawk l-objettivi jiġu bbilanċjati mal-objettiv li trid tilħaq il-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri li tiġġieled kontra prattiki kummerċjali żleali ([193]).

F'dan il-każ, il-Qorti kkonkludiet li r-regoli inkwistjoni ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi li jridu jilħqu. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika qorti b'għarfien dirett tal-kwistjoni mressqa quddiemha, li trid tiddetermina jekk il-miżuri adottati għall-ġlieda kontra prattiki kummerċjali żleali bit-tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar tal-produtturi tal-ħalib li ma jappartjenux għal organizzazzjoni tal-produtturi tal-ħalib rikonoxxuta u, b'hekk, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp vijabbli tal-produzzjoni u li jiggarantixxu kundizzjonijiet ugwali għall-produtturi tal-ħalib bil-limitazzjoni tal-prinċipju ta' libertà ta' negozjar tal-prezzijiet, ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju ([194]).

## 6. IR-RESTRIZZJONIJIET FUQ L-ESPORTAZZJONI (L-ARTIKOLU 35 TAT-TFUE)

L-Artikolu 35 tat-TFUE jiddikjara "Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni u kull miżura b'effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri".

### 6.1. Definizzjoni ta' "Esportazzjonijiet"

Fil-kuntest tal-Artikolu 35 tat-TFUE, it-terminu "esportazzjonijiet" jirreferi għall-kummerċ bejn l-Istati Membri, jiġifieri l-esportazzjonijiet minn Stat Membru għal ieħor. Ma japplikax għall-esportazzjonijiet lejn pajjiż 'il barra mill-UE.

### 6.2. Restrizzjonijiet kwantitattivi u miżuri b'effett ekwivalenti

Għalkemm l-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE jużaw kliem simili ħafna, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet b'mod distint. Essenzjalment, l-Artikolu 35 tat-TFUE japplika biss għal miżuri li jiddiskriminaw kontra l-merkanzija. Dan il-prinċipju ġie stabbilit fil-Kawża *Groenveld* ([195]), li fiha l-Qorti ddikjarat li l-Artikolu 35 tat-TFUE "jikkonċerna miżuri nazzjonali li jkollhom bħala l-objettiv jew l-effett speċifiku tagħhom ir-restrizzjoni ta' mudelli ta'

([190]) *Ibid*, il-punt 26 u l-ġurisprudenza kkwotata.
([191]) Il-Kawża C-2/18, *Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė* [2019] ECLI:EU:2019:962, il-punt 45.
([192]) *Ibid*, il-punt 49.
([193]) *Ibid*, il-punt 57.
([194]) *Ibid*, il-punt 69.
([195]) Il-Kawża 15/79 *P. B. Groenveld BV vs Produktschap voor Vee en Vlees* [1979] ECLI:EU:C:1979:253.

esportazzjonijiet u b'hekk l-istabbiliment ta' differenza fit-trattament bejn il-kummerċ domestiku ta' Stat Membru u l-kummerċ ta' esportazzjoni tiegħu". Jekk dan jipprovdi "vantaġġ partikolari għall-produzzjoni nazzjonali jew għas-suq domestiku tal-Istat inkwistjoni għad-detriment tal-produzzjoni jew tal-kummerċ ta' Stati Membri oħra", allura jopera l-Artikolu 35 tat-TFUE ([196]).

Hemm diversi raġunijiet għall-interpretazzjoni stretta mill-Qorti tal-Artikolu 35 tat-TFUE meta mqabbla mal-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 34 tat-TFUE. Fil-każ ta' importazzjonijiet, il-miżuri nondiskriminatorji jistgħu jixħtu piż doppju fuq l-importaturi jekk iridu jikkonformaw mar-regoli f'pajjiżhom stess u fil-pajjiż tal-importazzjoni. Għalhekk, tali miżuri jitqiesu bħala li jaqgħu b'mod ġust taħt id-dritt tal-UE li jipproteġi s-suq intern. B'kuntrast, dan mhuwiex il-każ għall-esportaturi, li sempliċement isegwu r-regoli stabbiliti għas-suq domestiku. It-tieni, jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35 tat-TFUE jkun wiesa' wisq, dan jista' jinkorpora restrizzjonijiet li ma jkollhom l-ebda effett fuq il-kummerċ intra-UE.

Fil-Kawża *Rioja*, id-differenza fit-trattament irriżultat minn kundizzjonijiet aħjar ta' manifattura jew ta' kummerċ għall-kumpaniji domestiċi ([197]). Fil-Kawża *Parma*, dan seħħ billi nkiseb vantaġġ speċjali għall-impriżi li jinsabu fir-reġjun ta' produzzjoni. L-użu tad-denominazzjoni protetta "Prosciutto di Parma" għall-perżut ikkummerċjalizzat imqatta' f'fetet kien soġġett għall-kundizzjoni li l-operazzjonijiet ta' tfettit u ta' imballaġġ isiru fir-reġjun ta' produzzjoni ([198]). Dawn il-benefiċċji għas-suq domestiku jwasslu għal żvantaġġi kompetittivi għan-negozji stabbiliti fi Stati Membri oħra minħabba kostijiet addizzjonali li jistgħu jseħħu jew minħabba d-diffikultà li jinkisbu ċerti prodotti meħtieġa biex jidħlu f'kompetizzjoni mas-suq domestiku.

F'uħud mill-iktar deċiżjonijiet reċenti tagħha rigward l-Artikolu 35 tat-TFUE, il-Qorti introduċiet approċċ alternattiv għall-aħħar rekwiżit tat-test tal-Kawża *Groenveld* ("a skapitu tal-produzzjoni jew tal-kummerċ ta' Stati Membri oħra") ([199]). Fil-Kawża *Gysbrechts* ([200]), il-Qorti ttrattat il-leġiżlazzjoni Belġjana li tipprojbixxi lill-bejjiegħ milli jitlob kwalunkwe pagament bil-quddiem jew fil-perjodu ta' "rtirar" ta' sebat ijiem li matulu l-konsumatur ikun jista' jirtira minn kuntratt mill-bogħod. F'din is-sentenza, il-Qorti kkonfermat id-definizzjoni stabbilita fil-Kawża *Groenveld*. Minkejja dan, irraġunat li, għalkemm il-projbizzjoni fuq li wieħed jirċievi pagamenti bil-quddiem hija applikabbli għall-kummerċjanti kollha attivi fit-territorju nazzjonali, l-effett reali tagħha ġeneralment ikun akbar fuq il-bejgħ transfruntier li jsir direttament lill-konsumaturi, u għalhekk fuq merkanzija li titlaq mis-suq tal-Istat Membru tal-esportazzjoni milli fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' merkanzija fis-suq domestiku ta' dak l-Istat Membru. Huwa interessanti li f'dan il-każ, l-effetti tal-ostakolu primarjament xekklu l-attivitajiet ta' kummerċ ta' kumpaniji stabbiliti fl-Istat Membru tal-esportazzjoni u mhux fl-Istat Membru tad-destinazzjoni ([201]).

L-approċċ fil-Kawża *Gysbrechts* ġie approvat fil-Kawża *New Valmar*, fejn kien meħtieġ li l-impriżi li kellhom sede fit-territorju ta' Stat Membru kienu meħtieġa jfasslu l-fatturi kollha li jirrigwardaw it-tranżazzjonijiet transfruntiera esklużivament bil-lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat. Jekk le, il-fatturi kkonċernati jiġu ddikjarati nulli u bla effett mill-qrati nazzjonali fuq

([196]) Il-Kawża 15/79 *P. B. Groenveld BV vs Produktschap voor Vee en Vlees* [1979] ECLI:EU:C:1979:253, il-punt 7. Ara wkoll il-Kawża C-12/02 *Marco Grilli* [2003] ECLI:EU:C:2003:538, il-punt 41.

([197]) Il-Kawżi C-47/90 *Delhaize vs Promalvin* [1992] ECLI:EU:C:1992:250 (f'dan il-każ, il-Qorti ħalliet barra r-rekwiżit li jiġi pprovdut vantaġġ partikolari għall-produzzjoni nazzjonali fir-raġunament tagħha, anke jekk din kienet manifestament preżenti fil-fatti). Madankollu, fis-sentenza sussegwenti tal-Qorti fil-Kawża C-388/95 *Ir-Renju tal-Belġju vs Ir-Renju ta' Spanja* [2000] ECLI:EU:C:2000:244, il-Qorti sostniet li r-rekwiżit inkwistjoni (fil-fatt rekwiżit ta' bbottiljar fir-reġjun għall-inbid b'denominazzjoni ta' oriġini protetta) irid jitqies li huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju minkejja l-effetti restrittivi tiegħu fuq il-kummerċ jekk jintwera li huwa neċessarju u proporzjonat u li jkun jista' jżomm ir-reputazzjoni konsiderevoli li għandha b'mod inkontestabbli d-"denominación de origen calificada" ta' Rioja. Il-Qorti sostniet li dan kien tabilħaqq il-każ essenzjalment minħabba li l-operaturi fir-reġjun għandhom l-għarfien espert essenzjali sabiex ikunu jistgħu jwettqu operazzjonijiet kumplessi ta' bbottiljar. L-istess raġunament ġie applikat għall-kontrolli mwettqa fir-reġjun. Barra minn hekk, it-trasport tal-inbid bil-kwantità barra mir-reġjun jinvolvi riskji ta' deterjorament fil-kwalità minħabba l-ossidazzjoni.

([198]) Il-Kawża C-108/01 *Consorzio del Prosciutto di Parma* [2003] ECLI:EU:C:2003:296. Madankollu, il-Qorti sostniet f'dak il-każ li kundizzjoni bħal dik inkwistjoni fil-proċedimenti ewlenin (it-tfettit u l-imballaġġ iridu jitwettqu fir-reġjun) trid titqies li hija kompatibbli mad-dritt tal-UE, minkejja l-effetti restrittivi tagħha fuq il-kummerċ, jekk jintwera li hija meħtieġa u proporzjonata u kapaċi tissalvagwardja l-kwalità tal-prodott inkwistjoni, filwaqt li tiggarantixxi l-oriġini tiegħu jew tiżgura l-kontroll tal-ispeċifikazzjoni ta' dik l-IĠP (ara l-punt 66 tas-sentenza). Il-Qorti kienet tal-fehma li dan ikun il-każ b'mod partikolari meta l-proċedura stabbilita fl-ispeċifikazzjoni tattribwixxi t-twettiq ta' kontrolli sistematiċi u bir-reqqa lil esperti li jkollhom għarfien speċjalista dwar il-karatteristiċi tal-prodotti inkwistjoni u, għaldaqstant, ma tantx huwa konċepibbli li tali kontrolli jistgħu jiġu introdotti b'mod effettiv fi Stati Membri oħra (ara l-punt 75). Ara wkoll f'dak is-sens il-Kawża C-469/00 *Ravil vs Bellon* [2003] ECLI:EU:C:2003:295. Dan l-approċċ kien ġie kkonfermat fil-Kawża C-367/17 *EA u Oħrajn* [2018] ECLI:EU:C:2018:1025 kif ukoll fil-Kawża C-569/18 *Caseificio Cirigliana* [2019] ECLI:EU:C:2019:873 (ara l-punt 39).

([199]) Il-Kawża 155/80 *Oebel* [1981] ECLI:EU:C:1981:177; il-Kawża C-388/95 *Ir-Renju tal-Belġju vs Ir-Renju ta' Spanja* [2000] ECLI:EU:C:2000:244, il-punt 41.

([200]) Il-Kawża C-205/07 *Gysbrechts and Santurel Inter* [2008] ECLI:EU:C:2008:730.

([201]) *Ibid*, il-punti 40-43; il-Kawża C-169/17 *Asociación Nacional de Productores de Ganado Porcino* [2018] *ECLI:EU:C:2018:440*, il-punt 29.

inizjattiva proprja tagħhom. Hawnhekk, il-kriterju primarju għall-Qorti deher li kien jekk l-effett reali ta' miżura kienx akbar fuq merkanzija li titlaq mis-suq tal-Istat Membru tal-esportazzjoni ([202]). Il-Qorti sostniet li tali restrizzjoni tabilħaqq kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35 tat-TFUE. Għalkemm l-objettiv tal-miżura li tippromwovi u li tinkoraġġixxi l-użu ta' waħda mil-lingwi uffiċjali ta' Stat Membru huwa objettiv leġittimu, minkejja dan il-miżura ma tqisitx proporzjonata ([203]).

Il-Qorti segwiet l-istess approċċ fis-sentenza *Hidroelectrica*, fejn il-miżuri nazzjonali li jipprijoritizzaw il-provvista tal-elettriku fis-suq nazzjonali tqiesu bħala miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 35 TFUE, minħabba effett akbar fuq l-esportazzjonijiet tal-elettriku ([204]).

Fis-sentenza *VIPA* reċenti, li kienet tikkonċerna l-leġiżlazzjoni Ungeriża li tipprekludi l-għoti ta' prodotti mediċinali esklużivament bir-riċetta fl-Ungerija abbażi ta' ordnijiet minn professjonisti tal-kura tas-saħħa fi Stati Membri oħra, il-Qorti ddikjarat saħansitra li għal effetti restrittivi minuri, diment li la jkunu indiretti u lanqas inċerti wisq, biżżejjed li juru l-eżistenza ta' miżura b'effett ekwivalenti skont l-Artikolu 35 tat-TFUE ([205]).

## 7. IL-GUSTIFIKAZZJONIJIET GHAR-RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-KUMMERC

Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi tista' tiġi ġustifikata abbażi ta' waħda mir-raġunijiet ta' interess pubbliku stabbiliti fl-Artikolu 36 tat-TFUE (ara t-Taqsima 7.1) jew b'rekwiżiti obbligatorji (ara t-Taqsima 7.2).

Fi kwalunkwe każ, id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali trid tkun xierqa sabiex tiżgura li jintlaħaq l-objettiv li jrid jintlaħaq u ma tistax tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dan jintlaħaq (ara t-Taqsima 7.3).

### 7.1. L-Artikolu 36 tat-TFUE

L-Artikolu 36 tat-TFUE jelenka d-difiżi li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri biex jiġġustifikaw miżuri nazzjonali li jimpedixxu l-kummerċ transfruntier: "Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 34 u 35 inklużi ma għandhomx jeskludu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, esportazzjoni jew tranżitu meta dawn ikunu ġustifikati abbażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku, sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' bnedmin, annimali jew pjanti; il-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali."

Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti tipprevedi l-hekk imsejħa "rekwiżiti obbligatorji" (eż. il-protezzjoni ambjentali) li Stat Membru jista' juża wkoll biex jiddefendi l-miżuri nazzjonali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta din il-lista ta' derogi fl-Artikolu 36 tat-TFUE b'mod ristrett, u kollha jikkonċernaw interessi mhux ekonomiċi ([206]). Barra minn hekk, kwalunkwe miżura trid tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. L-oneru tal-provi sabiex jiġu ġustifikati l-miżuri adottati skont l-Artikolu 36 tat-TFUE jaqa' fuq l-Istat Membru ([207]). Madankollu, meta Stat Membru jipprovdi ġustifikazzjonijiet konvinċenti, imbagħad ikun f'idejn il-Kummissjoni li turi li l-miżuri meħuda mhumiex xierqa f'dak il-każ partikolari ([208]).

L-Artikolu 36 tat-TFUE ma jistax jiġi invokat biex jiġġustifika devjazzjonijiet mil-leġiżlazzjoni armonizzata tal-UE ([209]). Madankollu, fejn ma hemmx armonizzazzjoni tal-UE, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddefinixxu l-livelli ta' protezzjoni tagħhom stess. Fil-każ ta' armonizzazzjoni parzjali, il-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni stess ħafna drabi tawtorizza espliċitament lill-Istati Membri biex iżommu jew jadottaw miżuri iktar stretti diment li dawn ikunu kompatibbli mat-Trattat. F'każijiet bħal dawn, il-Qorti jkollha tevalwa d-dispożizzjonijiet inkwistjoni skont l-Artikolu 36 tat-TFUE.

([202]) Il-Kawża C-15/15 *New Valmar* [2016] ECLI: EU:C:2016:464, il-punt 36. Ara wkoll il-Kawża C-169/17 *Asociación Nacional de Productores de Ganado Porcino* [2018] ECLI:EU:C:2018:440, il-punt 29.
([203]) Il-Kawża C-15/15 *New Valmar* [2016] ECLI:EU:C:2016:464, il-punti 47, 50-56.
([204]) Il-Kawża C-648/18 *Hidroelectrica* [2020] ECLI:EU:C:2020:723, il-punt 33
([205]) Il-Kawża C-222/18 *VIPA* [2019] ECLI:EU:C:2019:751, il-punt 62.
([206]) Il-Kawża 120/95 *Decker* [1998] ECLI:EU:C:1998:167; il-Kawża C-72/83 *Campus Oil* [1984] ECLI:EU:C:1984:256.
([207]) Il-Kawża 251/78 *Denkavit Futtermittel vs Il-Ministru tal-Agrikoltura* [1979] ECLI:EU:C:1979:252.
([208]) Il-Kawża C-55/99 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2000] ECLI:EU:C:2000:693.
([209]) Il-Kawża C-473/98 *Kemikalieinspektionen vs Toolex Alpha* [2000] ECLI:EU:C:2000:379; il-Kawża 5/77 *Tadeschi vs Denkavit* [1977] ECLI: EU:C:1977:144.

Anke jekk miżura tkun ġustifikabbli skont l-Artikolu 36 tat-TFUE, din ma tridx "tikkostitwixxi la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri". It-tieni parti tal-Artikolu 36 tat-TFUE hija maħsuba biex tevita abbuż min-naħa tal-Istati Membri. Kif iddikjarat il-Qorti, "il-funzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu [36] hija li tipprevjeni li r-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ abbażi tar-raġunijiet imsemmija fl-ewwel sentenza jitbiegħdu mill-iskop proprju tagħhom u li jintużaw b'tali mod li tinħoloq diskriminazzjoni fir-rigward ta' merkanzija li toriġina minn Stati Membri oħra jew li jiġu protetti indirettament ċerti prodotti nazzjonali" ([210]), jiġifieri li jiġu adottati miżuri protezzjonisti.

Oriġinarjament, ġie kkunsidrat li miżuri applikabbli b'mod distint jistgħu jiġu ġustifikati biss abbażi tal-Artikolu 36 tat-TFUE, filwaqt li miżuri applikabbli mingħajr distinzjoni jistgħu jiġu ġustifikati wkoll abbażi ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti obbligatorji. Madankollu, il-klassifikazzjoni bejn miżuri applikabbli b'mod distint u mingħajr distinzjoni mhijiex rilevanti daqs qabel.

#### 7.1.1. *Moralità, ordni u sigurtà pubbliċi*

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprojbixxu prodott minħabba raġunijiet ta' **moralità**. Filwaqt li huwa f'idejn kull Stat Membru li jistabbilixxi l-istandards li jippermettu li l-merkanzija tikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-moralità, trid tiġi eżerċitata diskrezzjoni f'konformità mal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-UE. Pereżempju, kwalunkwe projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom tkun ristretta iżda mhux ipprojbita tkun diskriminatorja u tikser id-dispożizzjonijiet dwar il-"moviment liberu tal-merkanzija". Il-biċċa l-kbira tal-każijiet li fihom il-Qorti aċċettat il-ġustifikazzjoni għall-moralità pubblika kienu jikkonċernaw oġġetti oxxeni u indeċenti ([211]). F'Kawżi l-oħra fejn kienet invokata l-moralità pubblika, instabu ġustifikazzjonijiet relatati oħra, bħall-interess pubbliku fil-każijiet tal-logħob tal-azzard ([212]) jew il-protezzjoni tal-minorenni fil-każ tal-immarkar ta' vidjows u ta' DVDs ([213]).

L-**ordni pubbliku** huwa interpretat b'mod rigoruż ħafna mill-Qorti tal-Ġustizzja u rarament irnexxielu jitqies bħala raġuni għal deroga skont l-Artikolu 36 tat-TFUE. Pereżempju, dan ma jirnexxilux jitqies jekk ikun maħsub bħala klawżola ta' salvagwardja ġenerali jew biex iservi biss għal għanijiet ekonomiċi protezzjonisti. Fejn tkun tapplika deroga alternattiva skont l-Artikolu 36 tat-TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha t-tendenza li tuża l-alternattiva jew li tikkombina ġustifikazzjoni tal-ordni pubbliku ma' ġustifikazzjonijiet oħra possibbli ([214]). Il-ġustifikazzjoni tal-ordni pubbliku waħedha ġiet aċċettata f'każ eċċezzjonali wieħed, fejn Stat Membru rrestringa l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' muniti tad-deheb tal-kollezzjonisti. Il-Qorti sostniet li dik il-miżura kienet ġustifikata minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku peress li kienet tirriżulta mill-ħtieġa li jiġi protett id-dritt tal-izzekkar tal-muniti, li tradizzjonalment jitqies li jinvolvi l-interessi fundamentali tal-Istat ([215]).

Il-ġustifikazzjoni tas-**sigurtà pubblika** ġiet avvanzata f'qasam speċifiku, jiġifieri s-suq tal-enerġija tal-UE, għalkemm deċiżjoni għandha tkun limitata għall-fatti preċiżi tal-każijiet individwali u ma jkollhiex applikabbiltà wiesgħa. Fil-Kawża *Campus Oil*, Stat Membru ordna lill-importaturi tal-petrol jixtru sa 35 % tar-rekwiżiti tal-petrol tagħhom minn kumpanija tal-petrol nazzjonali bi prezzijiet iffissati mill-gvern. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li kien ċar li l-miżura kienet protezzjonista u li kienet tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE. Madankollu, din tqieset bħala ġustifikata minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, jiġifieri biex tinżamm raffinerija taż-żejt vijabbli biex tiġi ssodisfata l-provvista fi żminijiet ta' kriżi ([216]). Il-Qorti aċċettat ukoll l-iżgurar tal-provvista tal-enerġija bħala raġuni ta' sigurtà pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 36 TFUE fil-Kawża *Hidroelectrica* ([217]).

---

([210]) Il-Kawża 34/79 *Henn u Darby* [1979] ECLI:EU:C:1979:295, il-punt 21, kif ukoll il-Kawżi Magħquda C-1/90 u C-176/90 *Aragonesa de Publicidad Exterior u Publivía* [1991] ECLI:EU:C:1991:327, il-punt 20.

([211]) Il-Kawża 121/85 *Conegate vs Customs and Excise Commissioners* [1986] ECLI:EU:C:1986:114; il-Kawża 34/79 *R* v *Henn u Darby* [1979] ECLI:EU:C:1979:295.

([212]) Il-Kawża C-275/92 *Schindler* [1994] ECLI:EU:C:1994:119, il-punt 58; il-Kawża C-124/97 *Läärä u Oħrajn* [1999] ECLI:EU:C:1999:435, il-punt 33; il-Kawża C-98/14 *Berlington Hungary* [2015] ECLI:EU:C:2015:386, il-punt 58.

([213]) Il-Kawża C-244/06 *Dynamic Medien Vertriebs vs Avides Media* [2008] ECLI:EU:C:2008:85.

([214]) Il-Qorti ammettiet li leġiżlazzjoni "li jkollha bħala objettiv li tikkontrolla l-konsum tal-alkoħol sabiex tevita l-effetti dannużi kkawżati lis-saħħa tal-persuni u lis-soċjetà mis-sustanzi alkoħoliċi u għalhekk tfittex li tiġġieled kontra l-abbuż tal-alkoħol, twieġeb għall-preokkupazzjonijiet ta' saħħa pubblika u ta' ordni pubbliku rikonoxxuti mill-Artikolu [36 tat-TFUE]" – il-Kawża C-434/04 *Ahokainen u Leppik* [2006] ECLI:EU:C:2006:609, il-punt 28; Ara wkoll il-Kawża C-170/04 *Rosengren u Oħrajn* [2007] ECLI:EU:C:2007:313, il-punt 40; il-Kawża C-198/14 *Visnapuu* [2015] ECLI:EU:C:2015:751, il-punt 116.

([215]) Il-Kawża 7/78 *R vs Thompson* [1978] ECLI:EU:C:1978:209.

([216]) Il-Kawża 72/83 *Campus Oil* [1984] ECLI:EU:C:1984:256.

([217]) Il-Kawża C-648/18 Hidroelectrica [2020] ECLI:EU:C:2020:723, il-punt 36

Il-Qorti aċċettat ukoll il-ġustifikazzjoni minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika f'każijiet li jinvolvu l-kummerċ ta' merkanzija strateġikament sensittiva ([218]), peress li "…ir-riskju ta' tfixkil serju fir-relazzjonijiet barranin jew għall-koeżistenza paċifika ta' nazzjonijiet jista' jaffettwa s-sigurtà ta' Stat Membru". F'dawn il-każijiet, il-Qorti ddikjarat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 36 tat-TFUE jkopri kemm is-sigurtà interna (eż. id-detezzjoni tal-kriminalità u l-prevenzjoni u l-irregolar tat-traffiku) kif ukoll is-sigurtà esterna ([219]).

7.1.2. *Protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti (il-prinċipju ta' prekawzjoni)*

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "s-saħħa u l-ħajja tal-bniedem jikklassifikaw fl-ewwel post fost il-beni jew l-interessi protetti mill-Artikolu [36] u huwa f'idejn l-Istati Membri, fil-limiti imposti mit-Trattat, li jiddeċiedu liema grad ta' protezzjoni biħsiebhom jiżguraw, u b'mod partikolari kemm għandhom ikunu stretti l-kontrolli li jridu jitwettqu" ([220]). Fl-istess deċiżjoni, il-Qorti ddikjarat li r-regoli jew il-prattiki nazzjonali ma jaqgħux taħt l-eċċezzjoni speċifikata fl-Artikolu 36 tat-TFUE jekk is-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin ikunu jistgħu jiġu protetti b'mod effettiv b'miżuri li jkunu inqas restrittivi għall-kummerċ intra-UE ([221]).

Il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti hija l-iktar ġustifikazzjoni popolari li l-Istati Membri jużaw biex jiġġustifikaw l-ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija. Filwaqt li l-Istati Membri jitħallielhom ċertu grad ta' diskrezzjoni ([222]), iridu jiġu osservati xi regoli prinċipali. Irid jintwera li l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti toħloq riskju serju u reali għas-saħħa pubblika ([223]). Dan irid ikollu bażi tajba, u l-Istati Membri jridu jipprovdu kull evidenza, *data* (teknika, xjentifika, statistika, nutrizzjonali) u informazzjoni rilevanti oħra ([224]). Il-protezzjoni tas-saħħa ma tistax tiġi invokata jekk l-iskop reali tal-miżura jkun li tipproteġi s-suq domestiku, anke jekk fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni jkun f'idejn Stat Membru li jiddeċiedi dwar il-livell ta' protezzjoni. Il-miżuri adottati jridu jkunu proporzjonati wkoll, jiġifieri jiġu ristretti għal dak li jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-għan leġittimu tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika ([225]).

**Applikazzjoni tal-"prinċipju ta' prekawzjoni"**: Għalkemm kien inkluż forsi impliċitament f'ġurisprudenza preċedenti, il-prinċipju ta' prekawzjoni ġie rikonoxxut b'mod espliċitu mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel darba fil-Kawża *National Farmers Union* ([226]). Il-Qorti ddikjarat, "fejn ikun hemm inċertezza dwar l-eżistenza jew il-firxa ta' drittijiet għas-saħħa tal-bniedem, l-istituzzjoni tista' tieħu miżuri protettivi mingħajr ma jkollha għalfejn tistenna sakemm ir-realtà u s-serjetà ta' dawk ir-riskji jsiru kompletament evidenti". Il-prinċipju jiddefinixxi ċ-ċirkostanzi li fihom leġiżlatur, nazzjonali, tal-UE jew internazzjonali, jista' jadotta miżuri biex jipproteġi lill-konsumaturi mir-riskji għas-saħħa li, minħabba l-inċertezzi tal-istat preżenti tar-riċerka xjentifika, possibbilment huma assoċjati ma' prodott jew ma' servizz.

B'mod ġenerali, meta l-Istati Membri jkunu jixtiequ jżommu jew jintroduċu miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa skont l-Artikolu 36 tat-TFUE, l-oneru tal-provi tal-ħtieġa ta' tali miżuri jaqa' fuqhom ([227]). Dan huwa wkoll il-każ f'sitwazzjonijiet fejn ikun ikkonċernat il-prinċipju ta' prekawzjoni ([228]). Fid-deċiżjonijiet tagħha, il-Qorti enfasizzat li r-riskji reali jeħtieġ li jintwerew fid-dawl tal-iktar riżultati reċenti tar-riċerka xjentifika internazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod

([218]) Il-Kawża C-367/89 *Proċedimenti kriminali kontra Aimé Richardt u Les Accessoires Scientifiques SNC* [1991] ECLI:EU:C:1991:376.
([219]) *Ibid*.
([220]) Il-Kawża 104/75 *De Peijper* [1976] ECLI:EU:C:1976:67.
([221]) Ara wkoll il-Kawża C-333/14 *Scottish Whiskey Association* [2015] ECLI:EU:C:2015:845, il-punt 59.
([222]) Il-Kawża C-198/14 *Visnapuu* [2015] ECLI:EU:C:2015:751, il-punt 118; il-Kawża C-108/09 *Ker-Optika* [2010] ECLI:EU:C:2010:725, il-punt 58.
([223]) Il-Kawża C-270/02 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2004] ECLI:EU:C:2004:78, il-punt 22; il-Kawża C-319/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2007] ECLI:EU:C:2007:678, il-punt 88; il-Kawża C-421/09 *Humanplasma GmbH vs L-Awstrija* [2010] ECLI:EU:C:2010:760, il-punt 34.
([224]) Il-Kawża C-270/02 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2004] ECLI:EU:C:2004:78; il-Kawża C-319/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2007] ECLI:EU:C:2007:678; il-Kawża C-148/15 *Deutsche Parkinson Vereinigung* [2016] ECLI:EU:C:2016:776, il-punti 36, 40;
([225]) il-Kawża C-108/09 *Ker-Optika* [2010] ECLI:EU:C:2010:725, il-punt 35.
([226]) Il-Kawża C-157/96 *National Farmers Union* [1998] ECLI:EU:C:1998:191, il-punt 63.
([227]) Ara pereżempju l-Kawża 227/82 *Van Bennekom* [1983] ECLI:EU:C:1983:354, il-punt 40, u l-Kawża 178/84 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Reinheitsgebot)* [1987] ECLI:EU:C:1987:126, il-punt 46.
([228]) Il-Kawża C-41/02 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2004] ECLI:EU:C:2004:762, il-punt 47; il-Kawża C-192/01 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2003] ECLI:EU:C:2003:492, il-punt 46; il-Kawża C-24/00 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2004] ECLI:EU:C:2004:70, il-punt 53.

konsistenti li l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju dettaljata qabel jieħdu miżuri ta' prekawzjoni skont l-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE ([229]). Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn juru rabta definita bejn l-evidenza u r-riskju ([230]). Jekk l-inċertezza xjentifika dwar ir-riskji tippersisti u tkun ġiet stabbilita, il-Qorti tħalli lill-Istati Membri jew lill-istituzzjonijiet rilevanti marġni wiesa' ta' flessibbiltà sabiex jiddeċiedu dwar liema miżuri ta' protezzjoni għandhom jieħdu ([231]). Fil-Kawża C-446/08 *Solgar Vitamin's*, li tikkonċerna l-iffissar ta' ammonti massimi ta' vitamini jew ta' minerali li jintużaw fil-manifattura ta' supplimenti tal-ikel, il-Qorti kkonfermat li l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jistennew sakemm il-gravità u r-realtà ta' dawk ir-riskji jintwerew b'mod sħiħ ([232]). Madankollu, il-miżuri ma jistgħux ikunu bbażati fuq "kunsiderazzjonijiet purament ipotetiċi" ([233]), kif ikkonfermat fil-Kawża C-672/15 *Noria Distribution*, li kkunsidrat ukoll il-limiti massimi sikuri ta' vitamini u ta' minerali fil-manifattura ta' supplimenti tal-ikel ([234]).

### 7.1.3. *Protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku*

Id-dmir ta' Stat Membru li jipproteġi l-patrimonju u l-wirt nazzjonali tiegħu jista' jiġġustifika miżuri li joħolqu ostakoli għall-importazzjonijiet jew għall-esportazzjonijiet.

L-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet differenti fuq l-esportazzjoni ta' antikitajiet u ta' artefatti kulturali oħra u dawn jistgħu jitqiesu bħala ġustifikati skont l-Artikolu 36 tat-TFUE.

Fil-Kawża *LIBRO*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-protezzjoni tad-diversità kulturali "inġenerali ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li taqa' taħt il-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku skont it-tifsira tal-Artikolu 36 tat-TFUE" ([235]).

### 7.1.4. *Protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali*

L-Artikolu 36 tat-TFUE jirreferi għall-"protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali" bħala raġuni ta' ġustifikazzjoni għar-restrizzjoni fuq l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet jew il-merkanzija fi tranżitu. "Proprjetà industrijali u kummerċjali" ġeneralment tirreferi għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali (PI) bħal privattivi, trade marks, disinji, drittijiet tal-awtur u indikazzjonijiet ġeografiċi ([236]).

Fil-ġurisprudenza oriġinali tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE żviluppat għadd ta' prinċipji li kienu importanti għad-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga fil-livell nazzjonali, iżda wkoll biex twitti t-triq lejn l-armonizzazzjoni u l-unifikazzjoni tad-drittijiet tal-PI fil-livell tal-UE (id-diskussjoni dwar dan tmur lil hinn mill-ambitu ta' dan il-kapitolu).

L-ewwel prinċipju huwa li t-Trattat ma jaffettwax l-*eżistenza* tad-drittijiet tal-PI mogħtija skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-akkwiżizzjoni, it-trasferiment u l-estinzjoni ta' drittijiet bħal dawn hija legali. Madankollu, dan il-prinċipju ma japplikax meta jkun hemm element ta' diskriminazzjoni fir-regoli nazzjonali ([237]).

It-tieni prinċipju huwa dak tal-*eżawriment tad-drittijiet*. Id-detentur tal-PI jista' jirrestrinġi l-użu, il-manifattura u l-bejgħ tal-prodott protett mill-PI fl-Istat Membru li fih jingħata dan id-dritt. Madankollu, ladarba sid il-PI, hu/hi stess jew bil-kunsens tiegħu/tagħha, ikun/tkun legalment biegħ/biegħet u ddistribwixxa/ddistribwiet il-prodott fl-Istat Membru, id-dritt tal-PI jiġi *eżawrit* fil-fruntiera. Imbagħad, sid id-dritt ma jistax jopponi iktar l-importazzjoni tal-prodott fi kwalunkwe Stat Membru fejn kien ikkummerċjalizzat għall-ewwel darba, biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru importazzjonijiet paralleli minn kwalunkwe post fl-UE.

---

([229]) Il-Kawża C-249/07 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2008] ECLI:EU:C:2008:683, il-punti 50-51; il-Kawża C-41/02 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2004] ECLI:EU:C:2004:762; il-Kawża C-192/01 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2003] ECLI:EU:C:2003:492; il-Kawża C-24/00 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2004] ECLI:EU:C:2004:70.

([230]) Il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-prinċipju ta' prekawzjoni, COM (2000) 1 final.

([231]) Ara l-Kawża C-132/03 *Codacons u Federconsumatori* [2005] ECLI:EU:C:2005:310, il-punt 61, u l-Kawża C-236/01 *Monsanto Agricoltura* [2003] ECLI:EU:C:2003:431, il-punt 111.

([232]) Il-Kawża C-446/08 *Solgar Vitamin's France* [2010] ECLI:EU:C:2010:233, il-punt 67.

([233]) Il-Kawża C-236/01 *Monsanto Agricoltura* [2003] ECLI:EU:C:2003:431, il-punt 106; il-Kawża C-41/02 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2004] ECLI:EU:C:2004:762, il-punt 52; il-Kawża C-192/01 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2003] ECLI:EU:C:2003:492, il-punt 49; il-Kawża C-24/00 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2004] ECLI:EU:C:2004:70, il-punt 56; il-Kawża C-446/08 *Solgar Vitamin's France* [2010] ECLI:EU:C:2010:233, il-punt 67.

([234]) Il-Kawża C-672/15 *Noria Distribution SARL* [2017] ECLI:EU:C:2017:310, il-punt 33.

([235]) Il-Kawża C-531/07 *Fachverband der Buch- und Medienwirtschaft vs LIBRO* [2009] ECLI:EU:C:2009:276, il-punt 32.

([236]) Għal lista ta' IPs speċifiċi ara d-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (2005/295/KE) (ĠU L 94, 13.4.2005, p. 37).

([237]) Il-Kawża C-235/89 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1992] I-777.

L-eżawriment tad-drittijiet huwa maħsub biex jibbilanċja l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali mal-moviment liberu tal-merkanzija. Id-derogi huma permessi biss jekk ikunu ġustifikati għall-iskop ta' salvagwardja tas-*suġġett speċifiku* ta' dik il-proprjetà. Dak il-prinċipju jagħmilha possibbli li jiġu ddeterminati, b'rabta ma' kull kategorija ta' PI, il-kundizzjonijiet li fihom l-eżerċitar tad-dritt ikun permessibbli skont id-dritt tal-Unjoni, anke jekk f'sitwazzjoni transfruntiera dan l-eżerċitar jostakola, mid-definizzjoni tiegħu stess, il-moviment liberu. Il-ġurisprudenza tal-Qorti dwar l-eżawriment tapplika b'mod partikolari għall-privattivi, għat-trade marks, għad-disinji ([238]) u għad-drittijiet tal-awtur ([239]).

Għall-privattivi, pereżempju, il-Qorti aċċettat bħala s-suġġett b'mod partikolari "li tippremja l-isforzi kreattivi tal-inventur, li tiggarantixxi li l-proprjetarju tal-privattiva għandu d-dritt esklużiv li juża invenzjoni bil-ħsieb li jimmanifattura prodotti industrijali u jpoġġihom fiċ-ċirkolazzjoni għall-ewwel darba, jew direttament jew bl-għoti ta' liċenzji lil partijiet terzi, kif ukoll id-dritt li jopponi ksur" ([240]). Imbagħad huwa d-detentur tal-privattiva li għandu jiddeċiedi taħt liema ċirkostanzi jixtieq jikkummerċjalizza l-prodott tiegħu, inkluż l-għażla ta' kummerċjalizzazzjoni fi Stat Membru li fih il-prodott ma jibbenefikax mill-protezzjoni tal-privattiva. Jekk id-detentur tal-privattiva jagħmel dan, għandu jaċċetta l-konsegwenzi tal-għażla tiegħu fir-rigward tal-moviment liberu tal-prodott fis-suq uniku. Il-fatt li l-inventur jitħalla jinvoka privattiva li għandu fi Stat Membru sabiex jipprevjeni l-importazzjoni ta' dak il-prodott liberament ikkummerċjalizzat mill-inventur fi Stat Membru ieħor li fih dak il-prodott ma setax jingħata privattiva, jikkawża kompartimentalizzazzjoni tas-swieq nazzjonali li jmur kontra l-għan tat-Trattat ([241]).

Għat-trade marks, il-Qorti ddeċidiet f'ġurisprudenza konsistenti li s-suġġett speċifiku tagħha huwa b'mod partikolari li tiggarantixxi lill-proprjetarju tat-trade mark li għandu d-dritt li juża dik it-trade mark sabiex iqiegħed prodott fiċ-ċirkolazzjoni għall-ewwel darba. Dan għandu jipproteġi lill-proprjetarju tat-trade mark minn kompetituri li jixtiequ jieħdu vantaġġ mill-istatus u mir-reputazzjoni tat-trade mark billi jbigħu prodotti li jkollhom dik it-trade mark illegalment. Sabiex tiddetermina l-portata eżatta ta' dan id-dritt, il-Qorti qieset li trid tittieħed inkunsiderazzjoni l-funzjoni essenzjali tat-trade mark, jiġifieri li tiggarantixxi l-identità tal-oriġini tal-prodott bit-trade mark għall-konsumatur jew għall-utent finali billi tippermettilhom jiddistingwu mingħajr ebda possibbiltà ta' konfużjoni dak il-prodott mill-prodotti li għandhom oriġini oħra ([242]).

Din il-ġurisprudenza ġiet żviluppata u rfinata b'mod partikolari fil-qasam tal-ippakkjar mill-ġdid ta' prodotti farmaċewtiċi ([243]).

Għandu jitfakkar li l-Qorti tat din il-ġurisprudenza fl-assenza ta' leġiżlazzjoni sekondarja korrispondenti tal-UE. Kif sostniet, "fil-preżenza tal-istat tad-dritt Komunitarju u fin-nuqqas ta' standardizzazzjoni Komunitarja jew armonizzazzjoni tal-liġijiet, id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri li taħthom tingħata tali protezzjoni hija kwistjoni għar-regoli nazzjonali" ([244]). Sadanittant, madankollu, il-leġiżlatur tal-UE adotta sett importanti ta' direttivi u ta' regolamenti dwar il-PI. Il-qafas legali għat-trade marks, pereżempju, ġie armonizzat permezz tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([245]) dwar it-trade mark u ġie unifikat skont ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea ([246]). Teżisti leġiżlazzjoni simili għad-disinji, filwaqt li l-armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali dwar il-privattivi għadha pjuttost frammentata ([247]).

Fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati, il-leġiżlatur tal-UE armonizza b'mod wiesa' l-liġijiet tal-Istati Membri billi ta livell għoli ta' protezzjoni lill-awturi u lil detenturi oħra tad-drittijiet. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra, drittijiet esklużivi li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu ċerti atti ta' sfruttament tal-kontenut tagħhom, b'terminu armonizzat ta' protezzjoni, qafas ta' eċċezzjonijiet u ta' limitazzjonijiet, protezzjoni legali ta' miżuri ta' protezzjoni teknoloġika u

([238]) Ara, pereżempju, il-Kawża 53/87, *Circa u oħrajn vs Renault*, ECLI:EU:1988:472.

([239]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-5/11, *Donner*, ECLI:EU:C:2012:370, il-punti 31-37, b'referenzi għall-ġurisprudenza preċedenti.

([240]) Ara, pereżempju, il-Kawżi Magħquda C-267/95 u C-268/95, *Merck & Co e.a. vs Primecrown Ltd e.a.* ECLI:EU:C:1996:468, il-punt 30, b'referenzi għall-ġurisprudenza preċedenti.

([241]) Ara l-Kawżi Magħquda C-267/95 u C-268/95, *Merck & Co e.a. vs Primecrown Ltd e.a.* ECLI:EU:C:1996:468, il-punt 32, b'referenzi għall-ġurisprudenza preċedenti.

([242]) Ara l-Kawża C-10/89, *SA CNL-SUCAL NV vs HAG GF AG*, ECLI: EU: 1990: 359, il-punt 14, b'referenzi għall-ġurisprudenza preċedenti.

([243]) Għal ħarsa ġenerali tajba tal-ġurisprudenza tal-Qorti ara l-Kawża C-143/00, *Boehringer Ingelheim*, ECLI:EU:C:2002:246.

([244]) Il-Kawża 53/87, *Circa u oħrajn vs Renault*, ECLI:EU:1988:472, il-punt 10.

([245]) Id-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 1). L-Artikolu 15(1).

([246]) Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1).

([247]) Għal ħarsa ġenerali lejn din il-leġiżlazzjoni dwar il-PI ara https://ec.europa.eu/growth/industry/policy/intellectual-property_mt

informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet, il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet u l-infurzar tad-drittijiet. Fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija, id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([248]) tipprovdi lill-awturi d-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tax-xogħlijiet tagħhom. Id-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([249]) tipprovdi lill-artisti, lill-produtturi ta' fonogrammi, lill-produtturi tal-films u lill-organizzazzjonijiet tax-xandir, id-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tal-materjal protett tagħhom. Id-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([250]) tipprevedi wkoll dritt esklużiv għad-distribuzzjoni ta' programmi tal-kompjuter.

It-tliet direttivi dwar id-drittijiet tal-awtur imsemmija hawn fuq jipprevedu wkoll li l-ewwel bejgħ jew trasferiment ieħor tas-sjieda fl-Unjoni ta' kopja tax-xogħol jew ta' materjal protett ieħor mid-detentur tad-dritt jew bil-kunsens tiegħu jeżawrixxu d-dritt ta' distribuzzjoni ta' dik il-kopja fl-Unjoni. Din ir-regola tiżgura l-moviment liberu ta' merkanzija protetta bid-drittijiet tal-awtur fl-Unjoni ladarba tkun tqiegħdet fis-suq mid-detentur tad-dritt jew bil-kunsens tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li dan il-prinċipju japplika fir-rigward ta' kopji tanġibbli ta' xogħlijiet u ta' materjal protett ieħor. Madankollu, fil-każ tal-programmi tal-kompjuter, il-Qorti ċċarat li d-dritt ta' distribuzzjoni ta' kopja ta' programm tal-kompjuter jiġi eżawrit ukoll wara t-tniżżil ta' dik il-kopja mill-internet bil-kunsens tad-detentur tad-dritt, taħt ċerti kundizzjonijiet li jwasslu biex dak it-tniżżil ikun ekwivalenti għal bejgħ tal-kopja tal-programm tal-kompjuter ([251]). Il-Qorti reċentement iddeċidiet li din l-estensjoni tar-regola tal-eżawriment wara t-trażmissjoni online ta' kopji diġitali ma tapplikax fil-każ ta' xogħlijiet għajr programmi tal-kompjuter (eż. kotba elettroniċi) ([252]).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet regoli speċifiċi għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-iskopijiet tal-Artikolu 36 tat-TFUE ([253]).

## 7.2. **Rekwiżiti obbligatorji**

Fis-sentenza *Cassis de Dijon* tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet il-kunċett ta' rekwiżiti obbligatorji bħala lista mhux eżawrjenti ta' interessi protetti fil-qafas tal-Artikolu 34 tat-TFUE. F'din is-sentenza, il-Qorti ddikjarat li dawn ir-rekwiżiti obbligatorji jirrigwardaw b'mod partikolari l-effettività tas-superviżjoni fiskali, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, il-ġustizzja tat-tranżazzjonijiet kummerċjali u d-difiża tal-konsumatur ([254]). It-terminoloġija tal-Qorti sussegwentement inbidlet – illum il-ġurnata, il-Qorti spiss tirreferi għal rekwiżiti prevalenti fl-interess pubbliku jew fl-interess ġenerali minflok rekwiżiti obbligatorji.

Ir-rekwiżiti obbligatorji jistgħu jiġu invokati biex jiġġustifikaw miżuri nazzjonali li jistgħu jxekklu l-kummerċ fis-suq intern u li ma jaqgħux taħt l-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 36 tat-TFUE. Il-valutazzjoni tal-ġustifikazzjoni hija l-istess bħal fl-Artikolu 36 – sabiex ikunu permissibbli, il-miżuri nazzjonali jridu jkunu proporzjonati għall-objettiv li jrid jintlaħaq. Fil-prinċipju, ir-rekwiżiti obbligatorji jistgħu biss jiġġustifikaw miżuri nazzjonali li jkunu applikabbli mingħajr distinzjoni għal merkanzija domestika u għal merkanzija li toriġina minn Stati Membri oħra ([255]). Għalhekk, raġunijiet oħra għajr dawk koperti bl-Artikolu 36 tat-TFUE teorikament ma jistgħux jintużaw biex jiġġustifikaw miżuri diskriminatorji. Filwaqt li l-Qorti sabet modi kif tegħleb din is-separazzjoni mingħajr ma tirrinunzja għall-prattika preċedenti tagħha ([256]), ġie argumentat li tali separazzjoni hija artifiċjali u l-Qorti qed tmur lejn is-simplifikazzjoni billi tittratta r-rekwiżiti obbligatorji bl-istess mod bħall-ġustifikazzjonijiet fl-Artikolu 36 tat-TFUE.

([248]) Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10).

([249]) Id-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 28).

([250]) Id-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16).

([251]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-Kawża C-128/11 *Usedsoft*.

([252]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-Kawża C-263/18 *Tom Kabinet*.

([253]) Il-Kawża C-3/91 *Exportur vs LOR* [1992] Ġabra I-5529, il-punt 37; il-Kawża C-216/01 *Budějovický Budvar* [2003] ECLI:EU:C:2003:618, il-punt 99.

([254]) Il-Kawża 120/78 *Rewe vs Bundesmonopolverwaltung für Branntwein* [1979] ECLI:EU:C:1979:42, il-punt 8.

([255]) Ara, pereżempju, il-Kawżi Magħquda C-1/90 u C-176/90 *Aragonesa de Publicidad Exterior u Publivia vs Departamento de Sanidad y Seguridad Social de Cataluña* [1991] ECLI:EU:C:1991:327, il-punt 13.

([256]) Ara pereżempju l-Kawża C-2/90 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [1992] ECLI:EU:C:1992:310, li fiha l-Qorti ddeċidiet li l-miżura li setgħet titqies bħala diskriminatorja ma kinitx diskriminatorja minħabba n-natura speċjali tas-suġġett tal-każ u, imbagħad, ippermettiet il-ġustifikazzjoni ambjentali. Fil-Kawża C-320/03 *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* [2005] ECLI:EU:C:2005:684, il-Qorti għażlet li tqis miżura bħala applikabbli mingħajr distinzjoni minflok indirettament diskriminatorja.

### 7.2.1. *Protezzjoni tal-ambjent*

Għalkemm il-protezzjoni tal-ambjent ma tissemmiex espressament fl-Artikolu 36 tat-TFUE, din ġiet rikonoxxuta mill-Qorti bħala rekwiżit obbligatorju. Il-Qorti hija tal-fehma li "…il-protezzjoni tal-ambjent hija wieħed mill-objettivi essenzjali [tal-Unjoni], li jista', bħala tali, jiġġustifika ċerti limitazzjonijiet fil-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija" ([257]). Fil-fatt, il-livell għoli ta' protezzjoni ambjentali diġà kien rikonoxxut bħala objettiv fl-interess ġenerali fis-snin 80 u 90 ([258]).

Il-Qorti rrikonoxxiet varjetà ta' miżuri u għanijiet li jaqgħu taħt il-protezzjoni tal-ambjent, inkluż:

— L-iskemi nazzjonali ta' appoġġ għall-elettriku ekoloġiku minħabba li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li huma fost il-kawżi ewlenin tat-tibdil fil-klima li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha wiegħdu li se jiġġieldu ([259]);

— L-impożizzjoni ta' sistema nazzjonali ta' verifika tas-sostenibbiltà għall-bijolikwidi li skontha l-operaturi ekonomiċi kollha involuti fil-katina tal-provvista jkunu marbuta b'ċerti rekwiżiti ([260]);

— Il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali;

Il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali ġie diskuss f'żewġ Kawżi (C-28/09 u C-320/03) rigward miżuri nazzjonali li kellhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi ta' vetturi bil-mutur u d-densità tat-traffiku fit-toroq għall-iskopijiet ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tan-nitroġenu fil-provinċja ta' Tyrol. Miżuri bħal dawn kienu jinkludu projbizzjonijiet settorjali fuq is-sewqan, li kienu jipprojbixxu lit-trakkijiet ta' iktar minn 7,5 tunnellati li jġorru ċertu merkanzija milli jużaw sezzjoni tal-awtostrada A12 fl-Awstrija. Filwaqt li tali miżuri jistgħu, fil-prinċipju, ikunu ġustifikati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali bħala parti mill-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, dawn ma kinux proporzjonati biex jintlaħqu l-objettivi mixtieqa.

— L-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli għall-produzzjoni tal-bijogass;

il-Kawża *E.ON Biofor Sverige* kienet tirrigwarda sistema ta' verifika għas-sostenibbiltà tal-bijogass. Is-sistema fis-seħħ fl-Iżvezja kellha l-effett fattwali li l-bijogass sostenibbli prodott fil-Ġermanja u maħsub għat-trasport lejn l-Iżvezja permezz tan-networks tal-gass Ġermaniżi u Daniżi ma setax jiġi inkluż fis-sistema ta' verifika relatata mas-sostenibbiltà tal-bijogass u lanqas ma seta' jiġi kklassifikat bħala "sostenibbli" ([261]).

Il-Qorti nnutat li l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli għall-produzzjoni tal-bijogass huwa, fil-prinċipju, utli għall-protezzjoni tal-ambjent, peress li tali leġiżlazzjoni hija maħsuba biex tiżgura li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Iddikjarat ukoll li ż-żieda fl-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli tikkostitwixxi wieħed mill-komponenti importanti tal-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex tinżamm konformità mal-impenji tal-UE u dawk internazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u li tali żieda hija wkoll maħsuba biex tipproteġi s-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti ([262]).

— Sistema ta' depożitu u ta' ritorn għall-kontenituri ([263]);

Il-protezzjoni tal-ambjent qed tiġi invokata mill-Istati Membri b'iktar frekwenza minħabba, *inter alia*, l-impenji dwar it-tibdil fil-klima, il-progress xjentifiku u iktar għarfien fost il-pubbliku. Madankollu, il-Qorti kkonfermat li ġustifikazzjonijiet ambjentali u tas-saħħa pubblika mhumiex dejjem suffiċjenti biex ifixklu l-moviment liberu tal-merkanzija. F'diversi każijiet, il-Qorti kkonfermat l-argumenti tal-Kummissjoni li l-miżuri nazzjonali kienu sproporzjonati għall-għan li kellu jintlaħaq jew li kien hemm nuqqas ta' evidenza biex jiġi ppruvat ir-riskju allegat ([264]).

---

([257]) Il-Kawża 302/86 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [1988] ECLI:EU:C:1988:421, il-punt 8.

([258]) Il-Kawża 240/83 *Procureur de la République vs ADBHU* [1985] ECLI:EU:C:1985:59, il-punti 12-13, 15; il-Kawża 302/86 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [1988] ECLI:EU:C:1988:421, il-punti 8-9; il-Kawża C-487/06 *British Aggregates vs Il-Kummissjoni* [2008] ECLI:EU:C:2008:757, il-punt 91.

([259]) Il-Kawża C-573/12 *Ålands Vindkraft* [2014] ECLI:EU:C:2014:2037, il-punt 78.

([260]) Il-Kawża C-242/17 *L.E.G.O.* [2018] ECLI:EU:C:2018:804, il-punt 72.

([261]) Il-Kawża C-549/15 *E.ON Biofor Sverige* [2017] ECLI:EU:C:2017:490, il-punti 74, 80 u 84.

([262]) *Ibid*, il-punti 88-89.

([263]) il-Kawża 302/86 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [1988] ECLI:EU:C:1988:421. Madankollu, kif imsemmi hawn fuq, l-iskemi ta' depożitu huma koperti parzjalment bid-Direttiva 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u bid-Direttiva (UE) 2018/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 150, 14.6.2018, P. 141).

([264]) Ara pereżempju: il-Kawża C-319/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* [2007] ECLI:EU:C:2007:678; il-Kawża C-186/05 *Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja* [2007] ECLI:EU:C:2007:571; il-Kawża C-297/05 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2007] ECLI:EU:C:2007:531; il-Kawża C-254/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [2007] ECLI:EU:C:2007:319; il-Kawża C-432/03 *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* [2005] ECLI:EU:C:2005:669.

Il-protezzjoni tal-ambjent isservi bħala eżempju tajjeb tal-approċċ iktar flessibbli adottat mill-Qorti f'termini ta' kategorizzazzjoni tal-ġustifikazzjonijiet. Il-Qorti rrikonoxxiet f'diversi Kawżi li l-protezzjoni tal-ambjent hija relatata mal-objettivi tal-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti wkoll ([265]). Fil-Kawża *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija*, il-Qorti ddikjarat li mill-Artikolu 174(1) KE (issa l-Artikolu 191 tat-TFUE) kien jidher li l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem hija wieħed mill-objettivi tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent. Barra minn hekk, iddikjarat li dawk l-objettivi huma marbuta mill-qrib, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-tniġġis tal-arja, li l-iskop tagħha huwa li jiġu limitati l-perikli għas-saħħa marbuta mad-deterjorament tal-ambjent. Għalhekk, l-objettiv tal-protezzjoni tas-saħħa diġà huwa inkorporat, fil-prinċipju, fl-objettiv tal-protezzjoni tal-ambjent ([266]).

### 7.2.2. *Protezzjoni tal-konsumatur*

Il-protezzjoni tal-konsumatur hija fost l-iktar ġustifikazzjonijiet invokati b'mod frekwenti. L-informazzjoni li trid tiġi pprovduta għall-konsumaturi tiġi evalwata abbażi tal-"istennija preżunta ta' konsumatur medju normalment informat u raġonevolment attent u għaqli" ([267]). Dan ġie ddikjarat fil-Kawża C-481/12 *Juvelta*, pereżempju, li kienet tikkonċerna l-karatteristiċi distintivi tal-metalli prezzjużi. Il-Qorti nnutat li rekwiżit li jwassal biex importatur iwaħħal timbru bil-karatteristiċi distintivi fuq oġġetti b'metalli prezzjużi li jindikaw li huma fini, fil-prinċipju, huwa ta' natura tali li jiżgura l-protezzjoni effettiva għall-konsumaturi u jippromwovi kummerċ ġust. Madankollu, il-Qorti ddikjarat li Stat Membru ma jistax jeħtieġ li jitwaħħal timbru ġdid bil-karatteristiċi distintivi ma' prodotti importati minn Stat Membru ieħor li fih ikunu ġew ikkummerċjalizzati u ttimbrati legalment bil-karatteristiċi distintivi, fejn l-informazzjoni pprovduta mit-timbru tkun ekwivalenti għal dik preskritta mill-Istat Membru tal-importazzjoni u li tinftiehem mill-konsumaturi ta' dak l-Istat ([268]).

Il-prinċipju sottostanti hu li l-konsumaturi, li jingħataw informazzjoni xierqa b'mod ċar, ikunu jistgħu jagħmlu għażliet għalihom infushom. Il-Qorti ħadet pożizzjoni li tiddikjara li għażla usa' b'differenzi fil-kwalità tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi iktar minn għażla ristretta bi kwalità ogħla bbażata fuq standards nazzjonali ([269]). F'każ ta' riskju serju li l-konsumatur jitqarraq, prodott jista' jiġi pprojbit.

Madankollu, il-linja gwida fil-ġurisprudenza tal-Qorti hi li meta prodotti importati jkunu simili għal dawk domestiċi, it-tikkettar adegwat, li jista' jkun meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ikun biżżejjed biex jipprovdi lill-konsumatur bl-informazzjoni meħtieġa dwar in-natura tal-prodott. L-ebda ġustifikazzjoni minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur mhi ammissibbli għal miżuri restrittivi bla bżonn ([270]).

### 7.2.3. *Rekwiżiti obbligatorji oħra*

Maż-żmien, il-Qorti rrikonoxxiet rekwiżiti obbligatorji oħra li kapaċi jiġġustifikaw l-ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija, bħal:

— **Drittijiet fundamentali:** Fil-Kawża *Schmidberger*, il-Qorti rrikonoxxiet li f'xi każijiet, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali (f'dan il-każ il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-għaqda) trid tiġi rrikonċiljata mal-libertajiet fundamentali stabbiliti fit-Trattat, fejn jiġi bbażat fuq dawk imsemmija l-ewwel bħala ġustifikazzjoni għal restrizzjoni ta' dawn tal-aħħar ([271]).

— **Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol**: Filwaqt li s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jaqgħu taħt l-intestatura tas-saħħa pubblika fl-Artikolu 36 tat-TFUE, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jikkostitwixxi rekwiżit obbligatorju anke fin-nuqqas ta' kwalunkwe kunsiderazzjoni tas-saħħa ([272]).

(265) Il-Kawża C-242/17 *L.E.G.O.* [2018] ECLI:EU:C:2018:804, il-punt 65; il-Kawża C-573/12 *Ålands Vindkraft* [2014] ECLI:EU:C:2014:2037, il-punti 79 u 93.

(266) Il-Kawża C-28/09 *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* [2011], ECLI:EU:C:2011:854, il-punti 121-122; il-Kawża C-67/97 *Bluhme* [1998] ECLI:EU:C:1998:584.

(267) Il-Kawża C-481/12 *Juvelta* [2014] ECLI:EU:C:2014:11, il-punti 23.

(268) Il-Kawża C-481/12 *Juvelta* [2014] ECLI:EU:C:2014:11, il-punti 21-22; il-Kawża 220/81 *Robertson u Oħrajn* [1982] ECLI:EU:C:1982:239, il-punti 11-12.

(269) Il-Kawża C-456/10 *ANETT* [2012] ECLI:EU:C:2012:241, il-punt 54.

(270) Il-Kawża C-448/98 *Guimont* [2000] ECLI:EU:C:2000:663 rigward il-leġiżlazzjoni Franċiża li tirriżerva d-denominazzjoni Emmenthal għal ċertu kategorija ta' ġobon bil-qoxra, il-Kawża 261/81 *Rau vs De Schmedt* [1982] ECLI:EU:C:1982:382 rigward ir-rekwiżit tal-Belġju li l-marġerina tinbiegħ f'għamla ta' kubi.

(271) Il-Kawża C-112/00 *Schmidberger* [2003] ECLI:EU:C:2003:333, il-punt 77.

(272) Fil-Kawża 155/80 *Oebel* [1981] ECLI:EU:C:1981:177, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-projbizzjoni fuq il-ħami billejl kienet deċiżjoni ta' politika ekonomika u soċjali leġittima f'settur manifestament sensittiv.

— **Għanijiet kulturali** ([273]): F'Kawża relatata mal-leġiżlazzjoni Franċiża li kellha l-għan li tħeġġeġ il-ħolqien ta' xogħlijiet ċinematografiċi, il-Qorti dehret li kienet qed tirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-kultura tista', taħt kundizzjonijiet speċifiċi, tikkostitwixxi rekwiżit obbligatorju li jista' jiġġustifika restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet. Barra minn hekk, il-protezzjoni ta' kotba bħala beni kulturali ġiet irrikonoxxuta bħala rekwiżit prevalenti fl-interess pubbliku ([274]).

— **Żamma tad-diversità tal-istampa** ([275]): Wara referenza preliminari rigward il-projbizzjoni tal-Awstrija fuq pubblikazzjonijiet li joffru lill-qarrejja l-opportunità li jieħdu sehem f'logħob għal premjijiet, il-Qorti sostniet li ż-żamma tad-diversità tal-istampa tista' tikkostitwixxi rekwiżit prevalenti fl-interess pubbliku. Innutat li tali diversità tgħin biex tiġi ssalvagwardjata l-libertà tal-espressjoni, kif protetta bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

— **Bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali**: L-għanijiet purament ekonomiċi ma jistgħux jiġġustifikaw ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija. Madankollu, fil-Kawża C-120/95 *Decker*, il-Qorti rrikonoxxiet li r-riskju li jiġi mminat serjament il-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali jista' jikkostitwixxi raġuni prevalenti fl-interess ġenerali li tista' tiġġustifika ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija ([276]).

— **Sikurezza fit-toroq**: F'diversi Kawżi, il-Qorti rrikonoxxiet ukoll li s-sikurezza fit-toroq tikkostitwixxi raġuni prevalenti fl-interess pubbliku li tista' tiġġustifika ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija ([277]).

— **Ġlieda kontra l-kriminalità**: F'Kawża li tikkonċerna projbizzjoni tal-Portugall fuq it-twaħħil ta' film tal-iskurar tal-ħġieġ tal-karozzi ([278]), il-Qorti kkonstatat li l-ġlieda kontra l-kriminalità tista' tikkostitwixxi raġuni prevalenti fl-interess pubbliku li tista' tiġġustifika ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija.

— **Protezzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali**: Fil-Kawża C-219/07, il-Qorti nnutat li l-protezzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali hija objettiv leġittimu fl-interess pubbliku. Iddikjarat ukoll li l-importanza ta' dan l-objettiv hija riflessa fl-adozzjoni mill-Istati Membri tal-Protokoll dwar il-protezzjoni u t-trattament xieraq tal-annimali, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([279]).

— **Promozzjoni u tħeġġiġ tal-użu ta' waħda mil-lingwi uffiċjali ta' Stat Membru**: Il-Qorti sostniet ukoll li l-promozzjoni u t-tħeġġiġ tal-użu ta' lingwa uffiċjali ta' Stat Membru jistgħu jikkostitwixxu objettiv leġittimu li, fil-prinċipju, jista' jiġġustifika restrizzjoni fuq l-obbligi imposti mid-dritt tal-UE ([280]).

Kif imsemmi hawn fuq, il-lista ta' rekwiżiti obbligatorji mhijiex eżawrjenti iżda minflok qed tevolvi kontinwament fil-ġurisprudenza tal-Qorti.

## 7.3. Test tal-proporzjonalità

Sabiex tkun ġustifikata abbażi tal-Artikolu 36 tat-TFUE jew tar-rekwiżiti obbligatorji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżura tal-Istat trid tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità ([281]). Il-prinċipju tal-proporzjonalità jirrikjedi li l-mezzi magħżula mill-Istati Membri jkunu limitati għal dawk li effettivament ikunu xierqa u neċessarji għas-salvagwardja tal-objettiv leġittimu li jrid jintlaħaq ([282]). Fi kliem sempliċi, l-adegwatezza teħtieġ li l-miżura inkwistjoni tkun xierqa sabiex jintlaħaq l-objettiv mixtieq, filwaqt li n-neċessità teħtieġ li l-mezzi magħżula ma jirrestrinġux il-moviment

([273]) Il-Kawżi Magħquda 60/84 u 61/84 *Cinéthèque SA vs Fédération nationale des cinémas français* [1985] ECLI:EU:C:1985:329.

([274]) Il-Kawża C-531/07 *Fachverband der Buch- und Medienwirtschaft* [2009] ECLI:EU:C:2009:276, il-punt 34.

([275]) Il-Kawża C-368/95 *Familiapress* [1997] ECLI:EU:C:1997:325.

([276]) Il-Kawża C-120/95 *Decker* [1998] ECLI:EU:C:1998:167, il-punti 39-40, u l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-Kawża C-148/15 *Deutsche Parkinson Vereinigung* [2016] ECLI:EU:C:2016:394, il-punt 42.

([277]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-54/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja* [2007] ECLI:EU:C:2007:168, il-punt 40, kif ukoll il-ġurisprudenza kkwotata, u l-Kawża C-61/12 *Il-Kummissjoni vs Il-Litwanja* [2014] ECLI:EU:C:2014:172, il-punt 59.

([278]) Il-Kawża C-265/06 *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* [2008] ECLI:EU:C:2008:210, il-punt 38.

([279]) Il-Kawża C-219/07 *Nationale Raad van Dierenkwekers en Liefhebbers u Andibel* [2008] ECLI:EU:C:2008:353, il-punt 27.

([280]) Il-Kawża C-15/15 *New Valmar* [2016] ECLI: EU:C:2016:464, il-punt 50. Ara, f'dan is-sens, il-Kawża 379/87 *Groener vs il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Kumitat għall-Edukazzjoni Vokazzjonali tal-Belt ta' Dublin* [1989] ECLI:EU:C:1989:599, il-punt 19; il-Kawża C-391/09 *Runevič-Vardyn u Wardyn* [2011] ECLI:EU:C:2011:291, il-punt 85, u l-Kawża C-202/11 *Las* [2013] ECLI:EU:C:2013:239, il-punti 25-27.

([281]) Il-Kawża C-390/99 *Canal Satélite Digital* [2002] ECLI:EU:C:2002:34; il-punt 33; il-Kawża C-254/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [2007] ECLI:EU:C:2007:319, il-punt 33 u l-ġurisprudenza kkwotata; il-Kawża C-286/07 *Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu* [2008] ECLI:EU:C:2008:251, il-punt 36.

([282]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-320/03 *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* [2005] ECLI:EU:C:2005:684, il-punt 85, u l-Kawża C-319/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* (Tewm) [2007] ECLI:EU:C:2007:678, il-punt 87 u l-ġurisprudenza kkwotata.

liberu tal-merkanzija iktar minn dak li huwa meħtieġ. F'dan il-kuntest, irid jiġi vvalutat jekk hemmx xi mezz li jkollu effett inqas restrittiv fuq il-kummerċ intra-UE, iżda li xorta waħda jwassal għall-istess riżultat. Għalhekk, element importanti fl-analiżi tal-ġustifikazzjoni pprovduta minn Stat Membru huwa l-eżistenza ta' miżuri alternattivi. F'diversi okkażjonijiet, il-Qorti kkonstatat li l-miżuri tal-Istat ma kinux proporzjonati minħabba l-fatt li kienu disponibbli miżuri alternattivi ([283]).

Pereżempju, fil-Kawżi C-28/09 u C-320/03, il-Qorti ddikjarat li qabel l-adozzjoni ta' miżura tant radikali bħall-projbizzjoni totali tat-traffiku fuq sezzjoni ta' awtostrada li tikkostitwixxi rotta vitali ta' komunikazzjoni bejn ċerti Stati Membri, l-awtoritajiet għandhom id-dmir li jeżaminaw bir-reqqa l-possibbiltà li jużaw miżuri inqas restrittivi għal-libertà tal-moviment, u li jnaqqsuhom biss jekk l-inadegwatezza tagħhom biex jintlaħaq l-objettiv kienet stabbilita b'mod ċar ([284]). Fil-Kawża C-549/15 li tikkonċerna sistema ta' verifika għas-sostenibbiltà tal-bijogass, il-Qorti kkunsidrat li ma ntweriex li l-eċċezzjoni għall-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija kienet meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi kkonċernati. Dan kien dovut għall-fatt li l-awtoritajiet kienu naqsu milli juru b'mod speċifiku l-eżistenza ta' raġuni relatata mal-interess pubbliku u l-proporzjonalità ta' dik il-miżura fir-rigward tal-objettiv li jrid jintlaħaq. Għalhekk, il-miżura inkwistjoni ġiet ikkunsidrata li ma kinitx ġustifikata ([285]).

Fil-Kawża *Scotch Whisky Association*, il-Qorti kkunsidrat li ż-żieda fil-prezz tal-konsum tal-alkoħol sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bniedem permezz tal-impożizzjoni ta' prezz unitarju minimu għall-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku jaf ma kinitx proporzjonata. Dan għaliex kienu disponibbli mezzi inqas restrittivi, bħaż-żieda fid-dazji tas-sisa. Madankollu, il-Qorti ssoktat billi ddikjarat li hija l-qorti tar-rinviju li trid tiddetermina jekk dan tabilħaqq ikunx il-każ, fid-dawl ta' analiżi ddettaljata tal-fatturi rilevanti kollha tal-Kawża li titressaq quddiemha. F'dak ir-rigward, ir-raġunijiet invokati mill-Istat Membru bħala ġustifikazzjoni jridu jkunu akkumpanjati minn provi xierqa jew minn analiżi tal-adegwatezza u tal-proporzjonalità tal-miżura restrittiva adottata, kif ukoll minn evidenza speċifika li ssostni l-argumenti tiegħu ([286]). Il-valutazzjoni tal-proporzjonalità mhijiex limitata għall-valutazzjoni tal-evidenza jew tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tal-miżura adottata biss, iżda ta' dik li tkun disponibbli meta l-qorti nazzjonali tieħu d-deċiżjoni tagħha ([287]).

L-Istat Membru obbligat ukoll li jilħaq l-objettivi ddikjarati b'mod konsistenti u sistematiku ([288]). Jekk Stat Membru jista' juri li l-adozzjoni tal-miżura alternattiva jkollha effett ta' detriment fuq interessi leġittimi oħra, dan jiġi kkunsidrat fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità ([289]). B'hekk, il-valutazzjoni tal-proporzjonalità hija kkaratterizzata minn ibbilanċjar ta' interessi li jikkompetu ma' xulxin fil-kuntest kumplessiv tal-Kawża.

Għandu jiġi nnutat li, fin-nuqqas ta' regoli ta' armonizzazzjoni fil-livell Ewropew, l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu dwar il-livell ta' protezzjoni li biħsiebhom jipprovdu għall-interess leġittimu kkonċernat. F'ċerti oqsma, il-Qorti tat lill-Istati Membri ċertu "marġni ta' diskrezzjoni" rigward il-miżuri adottati u l-livell ta' protezzjoni li riedu jiksbu, li jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom. Naturalment, il-marġni ta' diskrezzjoni huwa pjuttost usa' f'oqsma li huma kkunsidrati bħala iktar sensittivi ([290]).

([283]) Ara l-Kawża 104/75 *De Peijper* [1976] ECLI:EU:C:1976:67; Il-Kawża C-54/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja* [2007] ECLI:EU:C:2007:168, il-punt 46 u C-297/05 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [2007] ECLI:EU:C:2007:53, il-punt 79, fejn il-Qorti tagħti dettalji dwar alternattivi disponibbli għall-miżuri kkontestati.

([284]) Il-Kawża C-28/09 *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* [2011] ECLI:EU:C:2011:854, il-punti 116-117, 140, 150-151, u l-Kawża C-320/03 *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* [2005] ECLI:EU:C:2005:684, il-punti 87, 91.

([285]) Il-Kawża C-549/15 *E.ON Biofor Sverige* [2017] ECLI:EU:C:2017:490, il-punti 85, 88-99.

([286]) Il-Kawża C-333/14 *The Scotch Whisky Association* [2015] ECLI:EU:C:2015:845, il-punti 50 u 54.

([287]) Il-Kawża C-333/14 *Scottish Whiskey Association* [2015] ECLI:EU:C:2015:845, il-punt 65.

([288]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-169/07 *Hartlauer* [2009] ECLI:EU:C:2009:141, il-punt 55, u l-Kawża C-333/14 *The Scotch Whisky Association* [2015] ECLI:EU:C:2015:845, il-punt 37.

([289]) Ara l-Opinjoni tal-AĠ Maduro fil-Kawża C-434/04 *Ahokainen u Leppik* [2006] ECLI:EU:C:2006:609, il-punt 25.

([290]) Dan huwa b'mod partikolari l-każ għall-objettiv ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bniedem li huwa l-iktar importanti fost l-assi jew l-interessi protetti bl-Artikolu 36 tat-TFUE. Dan il-"marġni ta' diskrezzjoni" ġie rikonoxxut ukoll għal miżuri mmotivati mill-ħtieġa li jiġu żgurati l-ordni pubbliku, il-moralità pubblika u s-sigurtà pubblika. Għal eżempji relatati mal-ġustifikazzjoni tas-saħħa pubblika, ara l-Kawża C-322/01 *DocMorris* [2003] ECLI:EU:C:2003:664, il-punt 103 u l-ġurisprudenza kkwotata. Rigward il-ġustifikazzjoni tal-moralità pubblika ara l-Kawżi 34/79 *Henn u Darby* [1979] ECLI:EU:C:1979:295 u C-244/06 *Dynamic Medien* [2008] ECLI:EU:C:2008:85. Rigward il-miżuri b'rabta mal-alkoħol u l-ġustifikazzjoni minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika u ta' ordni pubbliku ara, pereżempju, il-Kawża C-434/04 *Ahokainen u Leppik* [2006] ECLI:EU:C:2006:609. Rigward miżuri kontra l-logħob tal-azzard u ġustifikazzjoni minħabba raġunijiet ta' moralità, ta' ordni u ta' sigurtà pubbliċi, ara l-Kawża C-65/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* [2006] ECLI:EU:C:2006:673; rigward miżuri relatati mal-protezzjoni tal-annimali, ara l-Kawża C-219/07 *Nationale Raad van Dierenkwekers en Liefhebbers u Andibel* [2008] ECLI:EU:C:2008:353.

Minkejja din il-libertà relattiva li jiġi ffissat il-livell ta' protezzjoni li jrid jinkiseb, is-sempliċi fatt li Stat Membru jkun għażel sistema ta' protezzjoni differenti minn dik adottata minn Stat Membru ieħor ma jistax jaffettwa l-valutazzjoni tal-ħtieġa għad-dispożizzjonijiet, u l-proporzjonalità tal-istess dispożizzjonijiet adottati għal dak l-għan ([291]). Dawk id-dispożizzjonijiet iridu jiġu vvalutati biss b'referenza għall-objettivi li jridu jintlaħqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat u l-livell ta' protezzjoni li huma maħsuba li jipprovdu ([292]).

Fid-dawl tan-numru dejjem jiżdied ta' ġustifikazzjonijiet possibbli, il-valutazzjoni tal-proporzjonalità saret fattur essenzjali u spiss determinanti fir-raġunament tal-Qorti ([293]).

## 7.4. Oneru tal-provi

Huwa l-Istat Membru li jsostni li għandu raġuni li tiġġustifika restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-merkanzija sabiex juri speċifikament l-eżistenza ta' raġuni relatata mal-interess pubbliku, il-ħtieġa tar-restrizzjoni u l-proporzjonalità tar-restrizzjoni fir-rigward tal-objettiv li jrid jilħaq ([294]). Kif spjegat iktar 'il fuq, il-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Istat Membru trid tkun akkumpanjata minn evidenza xierqa jew minn analiżi tal-adegwatezza u tal-proporzjonalità tal-miżura restrittiva adottata, kif ukoll minn evidenza preċiża li ssostni l-argumenti tiegħu ([295]). F'dan ir-rigward, sempliċi dikjarazzjoni li l-miżura hija ġustifikata minħabba waħda mir-raġunijiet aċċettati jew minħabba n-nuqqas ta' analiżi ta' alternattivi possibbli mhix se titqies sodisfaċenti ([296]). Madankollu, il-Qorti nnutat li l-oneru tal-provi ma jistax ikun tant estensiv li l-Istat Membru jkun meħtieġ juri, b'mod pożittiv, li l-ebda miżura immaġinabbli oħra ma tista' tippermetti li dak l-objettiv jintlaħaq bl-istess kundizzjonijiet ([297]).

# 8. IR-RELAZZJONI MA' LIBERTAJIET U ARTIKOLI OĦRAJN TAT-TRATTAT RIGWARD IL-MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA

## 8.1. Libertajiet fundamentali

### 8.1.1. *L-Artikolu 45 tat-TFUE – Il-moviment liberu tal-ħaddiema*

L-Artikolu 45 tat-TFUE (ex Artikolu 39 KE) jipprevedi l-moviment liberu tal-ħaddiema fl-UE. Din il-libertà tinvolvi l-abolizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità bejn il-ħaddiema migranti tal-UE u l-ħaddiema nazzjonali fir-rigward tal-aċċess għax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll għal benefiċċji fuq it-taxxa u vantaġġi soċjali. L-Artikolu 45 tat-TFUE jipprojbixxi mhux biss id-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, iżda wkoll ir-regoli nazzjonali, li jkunu applikabbli indipendentement min-nazzjonalità tal-ħaddiem ikkonċernat iżda jimpedixxu l-moviment liberu tiegħu.

Il-problemi relatati mal-moviment tal-oġġetti personali tal-ħaddiema jistgħu teorikament jiġu vvalutati skont l-Artikolu 34 tat-TFUE jew l-Artikolu 45 tat-TFUE. Il-Qorti ttrattat din il-kwistjoni fil-Kawża *Weigel* ([298]), li kienet tikkonċerna t-trasferiment tal-vetturi bil-mutur ta' koppja miżżewġa mill-pajjiż tagħhom stess (il-Ġermanja) lejn l-Istat Membru fejn ir-raġel kien beda jaħdem (l-Awstrija). Meta ġiet biex tirreġistra l-vetturi bil-mutur tagħha fl-Awstrija, il-koppja kellha tħallas ammont eċċessiv ta' taxxa. Il-koppja argumentat li t-taxxa twaqqafhom milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 45 tat-TFUE.

Fil-prinċipju, il-Qorti qablet meta sostniet li "[t-taxxa] x'aktarx li jkollha effett negattiv fuq id-deċiżjoni tal-ħaddiema migranti biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-libertà tal-moviment" ([299]). Madankollu, minħabba raġunijiet oħra, il-Qorti rrifjutat l-argument tal-koppja li t-taxxa kienet tikser l-Artikolu 45 tat-TFUE. Ta' min jinnota li l-Qorti ma weġbitx b'mod espliċitu rigward il-kwistjoni jekk ir-restrizzjonijiet ta' tali tip għandhomx jiġu ttrattati esklużivament skont l-Artikolu 34 tat-TFUE. Barra minn hekk, għad hemm inċertezza dwar is-sitwazzjonijiet li fihom ikun iktar vantaġġuż li jiġi applikat l-Artikolu 45 tat-TFUE minflok l-Artikolu 34 tat-TFUE, meta wieħed iżomm f'moħħu li l-ewwel dispożizzjoni tapplika biss għaċ-ċittadini ta' Stat Membru, billi l-Artikolu 34 tat-TFUE japplika għall-prodotti li ġejjin minn pajjiżi terzi li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-UE.

([291]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-219/07 *Nationale Raad van Dierenkwekers en Liefhebbers u Andibel* [2008] ECLI:EU:C:2008:353, il-punt 31.
([292]) Il-Kawża C-124/97 *Läärä u oħrajn* [1999] ECLI:EU:C:1999:435, il-punt 36.
([293]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-204/12 *Essent Belgium* [2014] ECLI:EU:C:2014:2192, il-punti 96-116.
([294]) Il-Kawża C-14/02 *ATRAL* [2003] ECLI:EU:C:2003:265, il-punt 69,
([295]) *Ibid*, il-punt 69, il-Kawża C-254/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* [2007] ECLI:EU:C:2007:319, il-punt 36.
([296]) Il-Kawża C-265/06 *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* [2008] ECLI:EU:C:2008:210, il-punti 40 sa 47.
([297]) Il-Kawża C-110/05 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [2009] ECLI:EU:C:2009:66, il-punt 66; il-Kawża C-333/14 *Scotch Whiskey Association* [2015] ECLI:EU:C:2015:845, il-punt 55.
([298]) Il-Kawża C-387/01 *Weigel* [2004] ECLI:EU:C:2004:256.
([299]) *Ibid*, il-punt 54.

Għandu jiġi nnutat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, ir-regoli nazzjonali li jeħtieġu r-reġistrazzjoni u/jew it-tassazzjoni ta' vettura tal-kumpanija fl-Istat Membru fejn ikun domiċiljat il-ħaddiem li juża l-vettura, anke jekk l-impjegatur li jkun għamel il-vettura disponibbli għall-ħaddiem ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor u anke jekk il-vettura tintuża essenzjalment fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impjegatur, jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 45 tat-TFUE ([300]). Dan għaliex tali dispożizzjonijiet jista' jkollhom l-effett li jipprevjenu lil ħaddiem milli jibbenefika minn ċerti vantaġġi, bħall-provvista ta' vettura u, fl-aħħar mill-aħħar, jistgħu jiskoraġġuh għalkollox milli jaħdem fi Stat Membru ieħor.

Dan l-aħħar dan ġie kkonfermat fil-Kawża C-420/15, li kienet tikkonċerna proċedimenti kriminali li tressqu kontra ċittadin Taljan mill-awtoritajiet Belġjani talli saq il-vettura bil-mutur tiegħu rreġistrata fl-Italja, abbażi li l-post ta' residenza prinċipali tiegħu kien fil-Belġju. Essenzjalment, il-vettura kienet maħsuba għall-użu fl-Italja u kienet tintuża biss okkażjonalment fil-Belġju sabiex isuq lejn l-Italja u lura. Il-Qorti kkonfermat li l-Artikolu 45 tat-TFUE jrid jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tobbliga lil ħaddiem li jirrisjedi hemmhekk milli jirreġistra vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor, sabiex ikun jista' jsuqha, anke jekk okkażjonalment biss ([301]).

### 8.1.2. *L-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE – Il-libertà tal-istabbiliment u li jiġu pprovduti servizzi*

Il-libertà tal-istabbiliment stipulata fl-Artikolu 49 tat-TFUE (ex Artikolu 43 KE) u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi (transfruntiera) stabbilita fl-Artikolu 56 tat-TFUE (ex Artikolu 49 KE) huma libertajiet fundamentali oħra mnaqqxa fit-Trattat li huma relatati mill-qrib mal-moviment liberu tal-merkanzija. Kemm il-libertà tal-istabbiliment kif ukoll il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jirreferu għal attivitajiet ekonomiċi ta' ħaddiema għal rashom ([302]). Fil-każ tal-istabbiliment, l-attività inkwistjoni titwettaq jew il-kumpanija tkun tissejjes fuq bażi stabbli u kontinwa u jkollha natura indefinita ([303]) b'dimensjoni transfruntiera reali jew sempliċement potenzjali ([304]). B'kuntrast ma' dan, fil-każ ta' servizzi transfruntiera, l-attività titwettaq fuq bażi temporanja jew okkażjonali ([305]) u dejjem b'dimensjoni transfruntiera ċara ([306]).

It-twettiq ta' attività ekonomika ta' ħaddiem għal rasu huwa komuni kemm għal-libertà tal-istabbiliment kif ukoll għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi. Minħabba li din l-attività ekonomika li tikkonsisti fil-provvista ta' servizz (b'kunsiderazzjoni ekonomika ([307])) tista' tinvolvi merkanzija, miżura nazzjonali li taffettwa tali servizz normalment taffettwa wkoll iċ-ċirkolazzjoni tal-merkanzija inkwistjoni. Dan huwa b'mod ċar il-każ fid-distribuzzjoni tal-merkanzija, definita b'mod wiesa' bħala li tkopri t-trasport ([308]) tal-merkanzija, il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ([309]), iżda wkoll f'każ li l-merkanzija tintuża fit-twettiq tal-attività, jew bħala tagħmir jew inkella bħala materjal li jkun parti integrali mis-servizz ipprovdut. Min-naħa l-oħra, huwa ċar li l-moviment liberu tal-merkanzija skont l-Artikolu 34 tat-TFUE jinkludi mhux biss restrizzjonijiet fuq il-karatteristiċi tal-merkanzija, iżda anke restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tagħha u fuq l-użu tagħha. Għalhekk, il-kwistjoni jekk tiġix ivvalutata miżura nazzjonali li jkollha impatt fuq attivitajiet ekonomiċi bħal dawn taħt il-libertà tal-istabbiliment/il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi jew il-moviment liberu tal-merkanzija hija rikorrenti, u jeħtieġ li tiġi vvalutata abbażi ta' każ b'każ. Pereżempju, ir-restrizzjonijiet fuq ir-reklamar (eż. reklami tal-alkoħol ([310])) jistgħu, minn naħa, jaffettwaw is-settur tal-promozzjoni bħala fornituri tas-servizzi, u min-naħa l-oħra, l-effett ta' dawn ir-restrizzjonijiet jista' jkun relatat ma' merkanzija speċifika u mal-possibbiltajiet ta' penetrazzjoni tas-suq, u b'hekk jistgħu joħolqu ostakoli għall-kummerċ fil-prodotti.

Il-Qorti tikkunsidra li t-Trattati ma jistabbilixxu l-ebda ordni ta' prijorità bejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertajiet fundamentali l-oħra ([311]), lanqas fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 57 tat-TFUE li jirreferi għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi bħala li għandha kontenut sussidjarju fid-dawl tal-kontenut ta' libertajiet oħra ([312]). Probabbilment minħabba raġunijiet ta' ekonomija proċedurali, meta miżura nazzjonali tista' taffettwa iktar minn

([300]) Il-Kawża C-232/01 *Van Lent* [2003] ECLI:EU:C:2003:535 u l-Kawża C-464/02 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2005] ECLI:EU:C:2005:546.
([301]) Il-Kawża C-420/15 *U* [2017] ECLI:EU:C:2017:408, il-punti 21-22.
([302]) Għall-kuntrarju tal-attività ta' ħaddiem, b'kuntratt ta' impjieg, regolat mill-moviment liberu tal-ħaddiema – ara l-parti 7.1 iktar 'il fuq – ara l-Kawża C-337/97 *Meeusen* [1999] ECLI:EU:C:1999:284, il-punt 17 u l-Kawża C-413/13 *FNV* [2014] ECLI:EU:C:2014:241, il-punt 37.
([303]) Il-Kawża C-221/89 *Factortame* [1991] ECLI:EU:C:1991:320, il-punt 20.
([304]) Il-Kawża C-384/08 *Attanasio Group* [2010] ECLI:EU:C:2010:133, il-punt 39.
([305]) Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 57 tat-TFUE kif ukoll il-Kawża C-55/94 *Gebhard* [1995] ECLI:EU:C:1995:411, il-punt 39.
([306]) Ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 56 tat-TFUE kif ukoll il-Kawża C-97/98 *Jägerskiöld* [1999] ECLI:EU:C:1999:515, il-punti 43 u 44.
([307]) Normalment b'referenza għar-remunerazzjoni li tkopri sostanzjalment parti mill-kostijiet tal-attività – ara l-Kawża 263/86 *Humbel* [1988] ECLI:EU:C:1988:451, il-punt 17.
([308]) Is-servizzi tat-trasport mhumiex koperti bl-Artikolu 56 tat-TFUE skont l-Artikolu 58(1) tat-TFUE
([309]) Fil-Kawżi Magħquda C-360/15 u C-31/16 *Visser* [2018] ECLI:EU:C:2018:44, il-Qorti ddikjarat b'mod ċar li l-attivitajiet ta' bejgħ bl-imnut huma servizz.
([310]) Il-Kawża C-405/98 *Gourmet International Products* [2001] ECLI:EU:C:2001:135.
([311]) Il-Kawża C-452/04 *Fidium Finanz* [2006] ECLI:EU:C:2006:631, il-punt 32.
([312]) *Ibid.*

libertà fundamentali waħda, il-Qorti spiss eżaminat dik il-miżura fid-dawl ta' libertà fundamentali waħda biss. Għal dan l-iskop, normalment tiddeċiedi liema mil-libertajiet fundamentali tipprevali ([313]). Fi ftit Kawżi eżaminat il-miżura mill-perspettiva taż-żewġ libertajiet fundamentali.

Dan jidher, pereżempju, fil-Kawża C-591/17, *L-Awstrija vs Il-Ġermanja*, li kienet tikkonċerna imposta għall-użu tal-infrastruttura u eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur għal vetturi rreġistrati fil-Ġermanja. Il-Qorti kkonkludiet li l-Ġermanja, bl-introduzzjoni tal-imposta għall-użu tal-infrastruttura għall-vetturi tal-passiġġieri u billi pprovdiet, simultanjament, eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur f'ammont minn tal-inqas ekwivalenti għall-ammont tal-imposta imħallsa, għall-benefiċċju tas-sidien tal-vetturi rreġistrati fil-Ġermanja, naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 18, 34, 56 u 92 tat-TFUE ([314]).

*Miżuri li jkollhom impatt fuq id-distribuzzjoni tal-merkanzija:* Rigward miżuri oħra li jkollhom impatt fuq it-trasport, il-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut tal-merkanzija, jistgħu b'mod simultanju jirrestrinġu kemm il-moviment liberu tal-merkanzija kif ukoll il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' distribuzzjoni. Minn naħa, xi miżuri li jkollhom impatt fuq id-distribuzzjoni għadhom jappartjenu b'mod ċar għad-dominju tal-moviment liberu tal-merkanzija bħal miżuri li jiffokaw fuq l-att ta' importazzjoni/esportazzjoni *per se* (ara t-Taqsima 4.1. iktar 'il fuq).

Miżuri oħra li jkollhom impatt fuq servizzi kummerċjali ta' distribuzzjoni jistgħu, *prima facie*, ikunu preżunti li jiffokaw fuq is-servizz innifsu ta' distribuzzjoni iktar milli fuq il-merkanzija li tkun qed tiġi distribwita. Madankollu, wara valutazzjoni ta' każ b'każ tal-għan u b'mod iktar partikolari tal-impatt tal-miżura, il-miżura tista' titqies li tkun iktar relatata mal-merkanzija, meta tikkonċerna:

— L-iskemi ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjanti (mhux indirizzati speċifikament għall-importaturi/esportaturi) – ara t-Taqsima 4.5. iktar 'il fuq;

— L-obbligi għall-kummerċjanti li jaħtru rappreżentanti jew li jipprovdu faċilitajiet ta' ħżin – ara t-Taqsima 4.2. iktar 'il fuq;

— Il-kontrolli fuq il-prezzijiet u l-obbligi ta' rimborż – ara t-Taqsimiet 4.4. u 4.11. iktar 'il fuq;

— Ir-restrizzjonijiet fuq ir-reklamar – ara t-Taqsima 4.6. iktar 'il fuq.

Hemm ukoll każijiet li fihom ir-rilevanza primarja tal-miżura, f'termini tal-għan u tal-impatt, ma tistax tiġi assenjata faċilment la lill-merkanzija stess u lanqas lis-servizz inkwistjoni. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprojbixxu l-irkant tal-merkanzija f'ċerti ċirkostanzi jistgħu, pereżempju, minn naħa jitqiesu bħala li qed ixekklu l-attività tas-servizz tal-irkantatur (stabbilit jew li jipprovdi servizzi transfruntiera), filwaqt li min-naħa l-oħra jistgħu joħolqu ostakoli għall-bejgħ tal-merkanzija ([315]).

Kriterju utli jidher li huwa l-iskoperta ta' impatt sinifikanti fuq il-fatt li l-prodott ikun disponibbli fis-suq. Rigward is-servizzi ta' distribuzzjoni, il-ġurisprudenza tal-Qorti saret iktar ċara maż-żmien f'dan ir-rigward, peress li ħafna mill-miżuri, jekk mhux kollha, li huma mmirati jew li jħallu impatt fuq id-distribuzzjoni tal-merkanzija għandhom il-potenzjal li jikkwalifikaw bħala "arranġamenti ta' bejgħ" skont il-ġurisprudenza *Keck* (ara t-Taqsima 3.4.2.2. iktar 'il fuq).

*Miżuri li jkollhom impatt fuq l-użu tal-merkanzija*: Fl-aħħar nett, miżuri mmirati u/jew li jkollhom impatt fuq merkanzija speċifikament fir-rigward tal-użu tagħha ħafna drabi jkunu relatati mill-qrib mat-twettiq ta' attività ta' servizz. Għalhekk, il-libertajiet tal-istabbiliment u li jiġu pprovduti servizzi b'mod ġenerali għandhom rwol prominenti fil-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-miżura.

L-ewwel aspett li jrid jiġi kkunsidrat huwa jekk l-attività li timplika l-użu tal-merkanzija hijiex attività ekonomika ta' ħaddiema għal rashom, jiġifieri jekk tikkonsistix fil-provvista ta' servizzi u fit-tqegħid ta' merkanzija fis-suq b'kunsiderazzjoni ekonomika. Jekk le, il-miżura tista' titqies li tirreferi għall-moviment liberu tal-merkanzija inkwistjoni jew li jkollha impatt partikolari fuqu, iżda dik il-miżura ma tkunx tappartjeni għal-libertajiet tal-istabbiliment u li jiġu pprovduti s-servizzi.

([313]) Il-Kawża C-20/03 *Burmanjer* [2005] ECLI:EU:C:2005:307, il-punt 34.

([314]) Il-Kawża C-591/17, *L-Awstrija vs Il-Ġermanja* [2019] ECLI:EU:C:2019:504, il-punt 164. Fid-dawl tas-sentenza *Visser* (il-Kawża C-31/16), il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36) mhuwiex affettwat mis-separazzjoni fina tal-libertajiet skont it-TFUE. Meta kkonkludiet li l-bejgħ bl-imnut għandu jitqies bħala servizz skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar is-Servizzi u li l-kapitolu tad-Direttiva dwar l-istabbiliment għall-fornituri (il-Kapitolu III) japplika għal sitwazzjonijiet interni, il-Qorti ma aċċettatx li d-dritt primarju jirrestrinġi interpretazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi skont it-termini tagħha stess (ara l-punti 92-94 u 107 tas-sentenza).

([315]) Il-Kawża C-239/90 *SCP Boscher* [1991] ECLI:EU:C:1991:180.

Madankollu, jekk l-attività ta' servizz li timplika l-użu tal-merkanzija (f'sens wiesa', inkluż ir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew ir-rimi tal-merkanzija) tkun attività ekonomika ta' ħaddiema għal rashom, allura l-miżura li jkollha impatt fuq l-użu tal-merkanzija tkun rilevanti għal-libertajiet tal-istabbiliment u li jiġu pprovduti s-servizzi.

F'xi każijiet, l-impatt fuq iċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija inkwistjoni ma jkunx ta' importanza sekondarja. Mill-ġdid, hawnhekk kriterju utli jidher li huwa l-iskoperta ta' impatt sinifikanti (minkejja li indirett) fuq li l-prodott ikun disponibbli fis-suq ([316]).

### 8.1.3. *L-Artikoli 63 tat-TFUE et seq. – Il-moviment liberu tal-kapital u tal-pagamenti*

L-Artikoli 63 tat-TFUE *et seq*. (ex Artikoli 56 KE *et seq*.) jirregolaw il-moviment liberu tal-kapital u tal-pagamenti. B'mod partikolari, l-Artikolu 63 tat-TFUE jipprojbixxi l-moviment tal-kapital u tal-pagamenti bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Il-libertà li jiġu mċaqilqa ċerti tipi ta' kapital hija, fil-prattika, prekundizzjoni għall-eżerċizzju effettiv ta' libertajiet oħra ggarantiti bit-TFUE ([317]).

Minkejja l-fatt li l-punti ta' kuntatt mal-moviment liberu tal-merkanzija huma limitati, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ilha żmien twil li għamlitha ċara li l-mezzi ta' pagament ma għandhomx jitqiesu bħala merkanzija ([318]). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE aċċertat li trasferiment ta' assi materjali jrid jitqies bħala moviment tal-kapital skont it-tifsira tal-Artikolu 63(1) tat-TFUE, jew – fejn trasferiment bħal dan jikkostitwixxi pagament konness ma' kummerċ ta' prodotti jew ta' servizzi – pagament skont it-tifsira tal-Artikolu 63(2) tat-TFUE ([319]).

Filwaqt li movimenti transfruntiera tal-kapital jistgħu jinvolvu b'mod regolari l-investiment ta' fondi ([320]), ma jistax jiġi eskluż li f'ċirkostanzi speċifiċi jistgħu jikkonċernaw ukoll trasferimenti *in natura*. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE sostniet li, meta kontribwent ta' Stat Membru jitlob it-tnaqqis għal skopijiet ta' taxxa ta' somma li tirrifletti l-valur ta' donazzjonijiet lil persuni terzi residenti fi Stat Membru ieħor, ma jimpurtax jekk id-donazzjonijiet sottostanti jkunux saru fi flus jew *in natura*. Dawn id-donazzjonijiet jaqgħu taħt l-Artikolu 63 tat-TFUE, anke jekk dawn isiru *in natura* fil-forma ta' oġġetti tal-konsum ta' kuljum ([321]).

Barra minn hekk, il-Qorti ttrattat ukoll kwistjonijiet ta' reġistrazzjoni tal-karozzi mill-perspettiva tal-Artikolu 63 tat-TFUE wkoll ([322]). Għalkemm tipikament ittrattata bħala ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija jekk din il-proċedura tirrestrinġi ċ-ċirkolazzjoni ta' ċerti vetturi minn Stat Membru għal ieħor, il-Qorti għamlet valutazzjoni f'termini tal-moviment liberu tal-kapital fejn vettura tkun ġiet mislufa bla ħlas fi tranżazzjoni transfruntiera bejn ċittadini fi Stati Membri differenti ([323]).

## 8.2. **Artikoli rilevanti oħra tat-Trattat**

### 8.2.1. *L-Artikolu 18 tat-TFUE – In-nondiskriminazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza*

L-Artikolu 18 tat-TFUE (ex Artikolu 12 KE) jipprojbixxi diskriminazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza. Hija ġurisprudenza stabbilita li d-dispożizzjoni hija maħsuba biex tapplika b'mod indipendenti għal sitwazzjonijiet regolati bid-dritt tal-UE fejn ma tkun stabbilita l-ebda regola speċifika dwar in-nondiskriminazzjoni ([324]).

Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza kif imnaqqax fl-Artikolu 18 tat-TFUE jissemma b'mod speċifiku fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat fuq il-moviment liberu tal-persuni, fosthom il-moviment liberu tal-ħaddiema previst skont l-Artikolu 45 tat-TFUE u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 tat-TFUE. Madankollu, fil-

([316]) L-impatt (dirett) tal-miżura fuq l-użu jista' jkun tali li jiddetermina li l-merkanzija li ma tkunx kapaċi tikkonforma ma' tali użu partikolari, għalkemm mibjugħa legalment fis-suq, għandu jkollha d-domanda tagħha ristretta ħafna jew saħansitra eliminata.

([317]) Il-Kawża 203/80 *Casati* [1981] ECLI:EU:C:1981:261, il-punt 8.

([318]) Il-Kawża 7/78 *Thompson* [1978] ECLI:EU:C:1978:209, il-punt 25.

([319]) Il-Kawża C-358/93 *Bordessa u Oħrajn* [1995] ECLI:EU:C:1995:54, il-punti 13-14.

([320]) Għalkemm it-Trattat ma jiddefinixxix it-termini "movimenti tal-kapital" u "pagamenti", hija ġurisprudenza stabbilita li d-Direttiva 88/361/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat (ĠU L 178, 8.7.1988, p. 5), flimkien man-nomenklatura annessa magħha, jistgħu jintużaw sabiex jiddefinixxu x'jikkostitwixxi moviment tal-kapital (il-Kawża C-222/97 *Trummer u Mayer* [1999] ECLI:EU:C:1999:143, il-punti 20 u 21).

([321]) Il-Kawża C-318/07 *Persche*, [2009] ECLI:EU:C:2009:33, il-punti 25 u 30.

([322]) Ara t-Taqsima 4.2.

([323]) Il-Kawża C-583/14 *Nagy* [2015] ECLI:EU:C:2015:737, il-punt 23.

([324]) Il-Kawża C-591/17, *L-Awstrija vs Il-Ġermanja* [2019] ECLI:EU:C:2019:504, il-punt 39; il-Kawża C-296/15 *Medisanus* [2017] EU:C:2017:431.

Kawża *L-Awstrija vs Il-Ġermanja*, il-Qorti kkunsidrat skema ta' finanzjament tal-awtostradi fid-dawl tal-Artikolu 18 kif ukoll fid-dawl tal-Artikoli 34, 56 u 92 tat-TFUE. Fl-aħħar mill-aħħar ġie kkonstatat li l-miżura fiskali nazzjonali Ġermaniża kienet qed tikser dawn l-obbligi kollha tat-Trattat, minħabba li l-piż finanzjarju ta' imposta ġdida skont l-iskema kien jaqa' unikament fuq is-sidien ta' vetturi barranin ([325]).

8.2.2. *L-Artikoli 28 u 30 tat-TFUE – L-unjoni doganali*

Filwaqt li l-Artikolu 34 tat-TFUE jkopri l-ostakoli għall-kummerċ mhux tariffarju, id-dazji u l-ħlasijiet doganali kollha b'effett ekwivalenti huma pprojbiti skont l-Artikoli 28 u 30 tat-TFUE (ex Artikolu 25 KE). Din il-projbizzjoni hija ta' natura ġenerali u assoluta. Tapplika għad-dazji jew għall-ħlasijiet doganali kollha b'effett ekwivalenti fost l-Istati Membri, irrispettivament mill-ammont, mid-deżinjazzjoni, mill-modalità ta' applikazzjoni tagħhom jew mill-iskop u mid-destinazzjoni tad-dħul iġġenerat ([326]).

Għall-kuntrarju tal-Artikolu 34 tat-TFUE, l-Artikoli 28 u 30 tat-TFUE ma jippermettux derogi ([327]). Madankollu, l-imposti għall-ispezzjonijiet imwettqa għall-konformità mal-obbligi imposti mid-dritt tal-UE u l-imposti li jirrappreżentaw pagament proporzjonat għal servizz li jkun ġie pprovdut effettivament ikunu jevitaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 30 tat-TFUE ([328]).

L-Artikoli 28 u 30 tat-TFUE għandhom jiġu distinti mill-projbizzjoni ta' tassazzjoni interna diskriminatorja li tinsab fl-Artikolu 110 tat-TFUE, li tista' tkun soġġetta għal ġustifikazzjonijiet. Għandu jiġi kkunsidrat dejjem li l-Artikoli 30 u 110 tat-TFUE jeskludu lil xulxin ([329]).

L-imposti b'effett ekwivalenti għal dazji doganali skont l-Artikolu 30 tat-TFUE jiġu imposti b'mod unilaterali fuq merkanzija minħabba l-fatt li taqsam fruntiera ([330]). Madankollu, il-miżuri nazzjonali li jintroduċu l-istess imposta fuq merkanzija domestika u merkanzija esportata identika fl-istess stadju ta' kummerċjalizzazzjoni fejn l-avveniment taxxabbli li jwassal għall-imposta jkun identiku, ikunu koperti mill-Artikolu 110 tat-TFUE ([331]). B'mod eċċezzjonali, meta l-piż imġarrab minn prodott nazzjonali jkun kompletament ikkumpensat bil-vantaġġi minn dik l-imposta, tali imposta taqa' taħt l-Artikoli 28 u 30 tat-TFUE ([332]).

Fl-aħħar nett, il-Qorti ċċarat li l-kontribwent għandu jkun jista' jikseb ir-rimborż ta' imposta li tmur kontra l-Artikolu 30 tat-TFUE anke f'sitwazzjoni fejn il-mekkaniżmu ta' pagament għall-imposta kien imfassal fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex l-imposta tingħadda lill-konsumatur ([333]).

8.2.3. *L-Artikolu 37 tat-TFUE – Il-monopolji tal-Istat*

Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 37 tat-TFUE (ex Artikolu 31 KE), "L-Istati Membri għandhom jaġġustaw kwalunkwe monopolju tal-Istat ta' natura kummerċjali sabiex jiżguraw li ma tkun teżisti l-ebda diskriminazzjoni rigward il-kundizzjonijiet ta' provvista jew kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri".

Dan ma jfissirx li l-monopolji jridu jitneħħew, iżda jfisser li jridu jiġu aġġustati b'tali mod li jiġi eliminat l-effett diskriminatorju possibbli tagħhom. B'mod ġenerali, l-Artikolu 37 tat-TFUE japplika f'ċirkostanzi li fihom l-Istat: (1) jagħti drittijiet esklużivi ta' xiri jew ta' bejgħ u b'hekk jippermetti l-kontroll tal-importazzjonijiet jew tal-esportazzjonijiet, u (2) jagħti drittijiet lil impriża tal-Istat, lil istituzzjoni tal-Istat jew, permezz ta' delega, lil organizzazzjoni privata.

---

([325]) Il-Kawża C-591/17 *L-Awstrija vs Il-Ġermanja* [2019] ECLI:EU:C:2019:504, il-punti 162-164.

([326]) Il-Kawża 24/68 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1969] ECLI:EU:C:1969:29, il-punt 7; il-Kawża C-441/98 *Michailidis* [2000] ECLI:EU:C:2000:479, il-punt 15; il-Kawża C-313/05 *Brzeziński* [2007] ECLI:EU:C:2007:33, il-punt 22, il-Kawża C-254/13 *Orgacom* [2014] ECLI:EU:C:2014:2251, il-punt 23; il-Kawża C-65/16 *Istanbul Logistik* [2017] ECLI:EU:C:2017:770, il-punt 39.

([327]) Il-Kawża C-173/05 *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, [2007], ECLI:EU:C:2007:362, il-punt 42, il-Kawża C-65/16 *Istanbul Logistik*, [2017] ECLI:EU:C:2017:770, il-punt 40, il-Kawża C-305/17, *FENS* [2018] ECLI:EU:C:2018:986, il-punt 53.

([328]) Il-Kawżi Magħquda C-149/91 u C-150/91, *Sanders Adour u Guyomarc'h Orthez Nutrition animale*, [1992] ECLI:EU:C:1992:261, il-punt 17, il-Kawża C-72/03 *Carbonati Apuani* [2004] ECLI:EU:C:2004:506, il-punt 31, u l-Kawża C-39/17 *Lubrizol* [2018] ECLI:EU:C:2018:438, il-punt 26.

([329]) Il-Kawża C-39/17 *Lubrizol* [2018] ECLI:EU:C:2018:438, il-punt 25.

([330]) Il-Kawża 24/68 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1969] ECLI:EU:C:1969:29, il-punt 14; il-Kawża C-441/98 *Michailidis* [2000] ECLI:EU:C:2000:479, il-punt 15, il-Kawża C-313/05 *Brzeziński* [2007] ECLI:EU:C:2007:33, il-punt 22, il-Kawża C-254/13 *Orgacom*, ECLI:EU:C:2014:2251, il-punt 23, il-Kawża C-65/16 *Istanbul Logistik* ECLI:EU:C:2017:770, il-punt 39.

([331]) Il-Kawża C-254/13 *Orgacom* [2014] ECLI:C:2014:2251, il-punt 29.

([332]) Il-Kawża C-28/96 *Fricarnes* [1997] ECLI:EU:C:1997:412, il-punti 24 u 25. Il-Kawża C-76/17 *Petrotel-Lukoil u Georgescu* [2018] ECLI:EU:C:2018:139, il-punt 24.

([333]) Il-Kawża C-76/17 *Petrotel-Lukoil u Georgescu* [2018] ECLI:EU:C:2018:139, il-punt 39.

L-Artikolu 37 tat-TFUE għandu effett dirett u japplika biss għall-merkanzija (għalhekk, ma jkoprix il-moviment liberu tas-servizzi jew tal-kapital ([334])). Barra minn hekk, id-dispożizzjoni tat-Trattat tikkonċerna attivitajiet intrinsikament konnessi man-negozju speċifiku tal-monopolju u, għalhekk, hija irrilevanti għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li ma għandhomx din il-konnessjoni. Dan l-approċċ jissuġġerixxi li l-Artikolu 37 tat-TFUE jikkostitwixxi *lex specialis* fil-konfront tad-dispożizzjoni ġenerali tal-Artikolu 34 tat-TFUE. Fil-Kawża *Franzén* li tikkonċerna l-monopolju fl-Iżvezja tal-bejgħ bl-imnut tal-alkoħol, il-Qorti sostniet li “regoli relatati mal-eżistenza u mal-operat tal-monopolju” ([335]) jaqgħu taħt l-Artikolu 37 tat-TFUE, filwaqt li “dispożizzjonijiet oħra tal-leġiżlazzjoni domestika li huma separabbli mill-operat tal-monopolju, għalkemm għandhom effett fuqu, iridu jiġu eżaminati b’referenza għall-[Artikolu 34 tat-TFUE]” ([336]).

Fil-Kawża *Hanner* relatata mal-monopolju fl-Iżvezja tal-bejgħ bl-imnut ta’ prodotti farmaċewtiċi, il-Qorti argumentat li l-Artikolu 37 tat-TFUE “huwa intiż għall-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija, bl-eċċezzjoni madankollu tal-effetti restrittivi fuq il-kummerċ li huma inerenti fl-eżistenza tal-monopolji kkonċernati” ([337]). Sussegwentement, il-Qorti spjegat fil-Kawża *Rosengren* li “Filwaqt li […] l-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali taffettwa l-moviment liberu tal-merkanzija fil-Komunità Ewropea, din ma tirregolax, bħala tali, l-eżerċitar, minn dan il-monopolju [il-bejgħ bl-imnut tal-alkoħol fl-Iżvezja], ta’ dan id-dritt ta’ esklużività għall-bejgħ bl-imnut tax-xarbiet alkoħoliċi fit-territorju Żvediż. Dik il-miżura, li għaldaqstant ma tirrigwardax l-eżerċitar minn dan il-monopolju tal-funzjoni speċifika tiegħu, ma tistax, għaldaqstant, titqies li hija relattiva għall-eżistenza stess ta’ dak il-monopolju” ([338]).

Din il-linja ta’ raġunament ġiet ripetuta f’ġurisprudenza iktar reċenti, bħal fil-Kawża *ANETT*, li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi projbizzjonijiet fuq il-bejjiegħa bl-imnut tat-tabakk milli jimportaw prodotti tat-tabakk minn Stati Membri oħra. L-ewwel nett, il-Qorti ddikjarat li l-Artikolu 37 tat-TFUE huwa applikabbli jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tirrigwarda l-operat ta’ monopolju ta’ natura kummerċjali u ġġib magħha restrizzjonijiet fuq il-kummerċ li jkunu inerenti għall-eżistenza ta’ tali monopolju. It-tieni, iddikjarat li r-regoli dwar l-eżistenza u l-operat ta’ monopolju jridu jiġu eżaminati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tat-TFUE, li huma applikabbli speċifikament għall-eżerċitar tad-drittijiet esklużivi tal-monopolju. Min-naħa tagħhom, id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni domestika, li huma separabbli mill-operat tal-monopolju għalkemm għandhom effett fuqu, iridu jiġu eżaminati fid-dawl tal-Artikolu 34 tat-TFUE ([339]).

Fil-Kawża *ANETT*, il-Qorti sostniet li minħabba li l-iskop speċifiku tal-monopolju inkwistjoni kien li jirriżerva d-dritt esklużiv tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-bejgħ bl-imnut lil bejjiegħa bl-imnut awtorizzati, il-projbizzjoni affettwat il-moviment liberu tal-merkanzija u ma kinitx tirregola l-eżerċitar tad-dritt esklużiv relatat mal-monopolju. Tali projbizzjoni ġiet ikkunsidrata separabbli mill-operat tal-monopolju, minħabba li kienet relatata mhux mal-arranġamenti ta’ bejgħ għall-bejgħ bl-imnut ta’ prodotti tat-tabakk, iżda mas-suq upstream ta’ tali prodotti. Bl-istess mod, il-projbizzjoni la kellha fil-mira n-network ta’ bejgħ tal-monopolju u lanqas il-kummerċjalizzazzjoni jew ir-reklamar tal-prodotti distribwiti minnu. Il-Qorti kkonkludiet li peress li l-miżura nazzjonali ma setgħetx titqies bħala regola b’rabta mal-eżistenza jew mal-operat tal-monopolju, l-Artikolu 37 tat-TFUE ma kienx rilevanti għall-iskopijiet li jiġi ddeterminat jekk tali projbizzjoni kinitx kompatibbli mad-dritt tal-UE ([340]).

Fil-Kawża *Visnapuu*, il-Qorti vvalutat jekk il-liċenzja tal-bejgħ bl-imnut meħtieġa għall-importazzjoni ta’ xorb alkoħoliku bl-għan tal-bejgħ bl-imnut tiegħu lil konsumaturi residenti fil-Finlandja tridx tiġi evalwata fid-dawl tal-Artikolu 34 tat-TFUE jew fid-dawl tal-Artikolu 37 tat-TFUE. Skont il-Gvern Finlandiż, is-sistema ta’ monopolju għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-Artikolu 37 tat-TFUE u l-iskema tal-għoti ta’ liċenzji fid-dawl tal-Artikolu 34 tat-TFUE. Il-Qorti qablet u ddikjarat li l-iskemi tal-għoti ta’ liċenzji ma jirregolawx l-operat tal-monopolju jew l-eżerċitar tad-drittijiet esklużivi tiegħu, peress li dawn jipprevedu li persuni debitament awtorizzati jistgħu jinvolvu ruħhom fil-bejgħ bl-imnut ta’ ċerti kategoriji ta’ xorb alkoħoliku. Għaldaqstant, dawk l-iskemi tal-għoti ta’ liċenzji huma separabbli mill-operat tal-monopolju u jridu jiġu eżaminati fid-dawl tal-Artikolu 34 tat-TFUE ([341]). F’konformità mal-Kawża *Franzén*, il-Qorti fakkret li l-Artikolu 37 tat-TFUE jirrikjedi li l-monopolju jkun organizzat b’tali mod li jeskludi kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom tiġi akkwistata u kkummerċjalizzata l-merkanzija, sabiex il-kummerċ ta’ merkanzija minn Stati Membri oħra ma jitpoġġiex fi żvantaġġ u sabiex ma jkunx hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri ([342]).

([334]) Il-Kawża 155/73 *Sacchi* [1974] ECLI:EU:C:1974:40.
([335]) Il-Kawża C-189/95 *Franzén* [1997] ECLI:EU:C:1997:504, il-punt 35.
([336]) Il-Kawża C-189/95 *Franzén* [1997] ECLI:EU:C:1997:504, il-punt 36.
([337]) Il-Kawża C-438/02 *Hanner* [2005] ECLI:EU:C:2005:332, il-punt 35.
([338]) Il-Kawża C-170/04 *Rosengren* [2007] ECLI:EU:C:2007:313, il-punti 21-22; ara wkoll il-Kawża C-186/05 *Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja* [2007] ECLI:EU:C:2007:571.
([339]) Il-Kawża C-456/10 *ANETT* [2012] ECLI:EU:C:2012:241, il-punti 21-23.
([340]) Il-Kawża C-456/10 *ANETT* [2012] ECLI:EU:C:2012:241, il-punti 25-31.
([341]) Il-Kawża C-198/14 *Visnapuu* [2015] ECLI:EU:C:2015:751, il-punti 90-91.
([342]) Il-Kawża C-198/14 *Visnapuu* [2015] ECLI:EU:C:2015:751, il-punt 95.

Fid-dawl tal-ġurisprudenza, il-Qorti jidher li għażlet li tikkunsidra li l-Artikoli 34 u 37 tat-TFUE jeskludu lil xulxin. Fil-każ li l-miżura nazzjonali inkwistjoni ma tikkonċernax l-eżerċitar tal-iskop speċifiku tal-monopolju, din ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 37 tat-TFUE u trid tiġi vvalutata skont l-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE.

Min-naħa l-oħra, jista' jiġi argumentat ukoll li hemm xi sovrapożizzjoni bejn l-Artikolu 37 tat-TFUE u artikoli oħra tat-Trattat. Il-Qorti sostniet f'każijiet ta' ksur rigward monopolji nazzjonali differenti tal-elettriku u tal-gass ([343]) li applikazzjoni konġunta tal-Artikoli 37 u 34 tat-TFUE tabilħaqq hija possibbli. Tali approċċ ikun ifisser li miżura relatata ma' monopolju tal-Istat l-ewwel ikollha tiġi eżaminata skont l-Artikolu 37 tat-TFUE. Jekk il-miżura titqies diskriminatorja, l-eżami skont l-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE ma jibqax meħtieġ iktar. Għall-kuntrarju, jekk jiġi konkluż li l-miżura mhijiex diskriminatorja skont l-Artikolu 37 tat-TFUE, ikun meħtieġ li tiġi eżaminata skont id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-moviment liberu tal-merkanzija.

### 8.2.4. *L-Artikolu 107 tat-TFUE – L-għajnuniet mill-Istat*

L-Artikolu 107 tat-TFUE (ex Artikolu 87 KE) jipprevedi li kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew li thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti, hija inkompatibbli mas-suq intern, jekk din taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

F'dan ir-rigward ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-Artikoli 34-36 tat-TFUE għandhom skop komuni, jiġifieri li jiżguraw il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Istati Membri f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ([344]). Madankollu, peress li l-punt fokali tagħhom huwa differenti, il-kwalifika ta' miżura tal-Istat bħala għajnuna mill-Istat ma tipprekludix b'mod awtomatiku l-iskrutinju ta' skema ta' għajnuna fir-rigward ta' regoli oħra tal-UE, bħall-Artikoli 34-36 tat-TFUE ([345]). Fil-kawża storika *Il-Kummissjoni vs Franza* ([346]), pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE eżaminat il-legalità ta' miżura li tat eżenzjonijiet mit-taxxa lill-pubblikaturi tal-gazzetti bil-kundizzjoni li d-dokumenti jkunu stampati fi Franza. Filwaqt li l-Kummissjoni argumentat li din kienet tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 34 tat-TFUE, il-Gvern Franċiż argumenta li l-miżura kellha tiġi kkunsidrata skont l-Artikolu 107 tat-TFUE, peress li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa ma setgħux jiġu sseparati mill-iskema ta' għajnuna ġenerali għall-industrija tal-gazzetti. Il-Qorti, filwaqt li nnutat li Franza ma kinitx innotifikat l-għajnuna f'konformità mal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, ħarġet id-dikjarazzjoni ta' prinċipju li ġejja "*is-sempliċi fatt li miżura nazzjonali tista' possibbilment tiġi ddefinita bħala għajnuna [...] mhuwiex raġuni adegwata għall-eżenzjoni tagħha*" skont id-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija ([347]). Barra minn hekk, fid-deċiżjoni preliminari ta' *PreussenElektra* ([348]), il-Qorti kkonstatat li l-miżura nazzjonali relatata mal-provvista tal-elettriku reġjonali setgħet tkun kapaċi – minn tal-inqas potenzjalment – li xxekkel il-kummerċ intrakomunitarju. Madankollu, peress li l-miżura kellha l-għan li tipproteġi l-ambjent billi tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, ma ġietx ikkunsidrata li tmur kontra l-moviment liberu tal-merkanzija.

Fl-istess ħin, is-sempliċi fatt li miżura ta' għajnuna mill-Istat bħala tali taffettwa l-kummerċ intra-UE fih innifsu mhuwiex biżżejjed biex il-miżura tikkwalifika simultanjament bħala miżura b'effett ekwivalenti skont l-Artikolu 34 tat-TFUE. Minflok, il-Qorti tiddistingwi bejn aspetti li huma minsuġin mal-objettiv tal-għajnuna u aspetti li jistgħu jiġu sseparati minn kundizzjonijiet u minn azzjonijiet li, għalkemm jifformaw parti mill-iskema ta' għajnuna, jistgħu jitqiesu li ma jkunux meħtieġa għall-ksib tal-iskop tal-għajnuna jew għall-funzjonament tajjeb tagħha ([349]). Dawn l-aspetti tal-aħħar biss huma koperti bl-Artikoli 34-36 tat-TFUE. Kif iddikjarat il-Qorti Ġenerali fil-Kawża *Castelnou Energía, SL* ([350]) "il-fatt li sistema ta' għajnuniet ipprovduta mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat tista', sempliċiment minħabba li hija ta' benefiċċju għal ċerti impriżi jew prodotti nazzjonali, tfixkel, tal-inqas b'mod indirett, l-importazzjoni ta' prodotti simili jew kompetituri li ġejjin minn Stati Membri oħra, mhuwiex fih innifsu biżżejjed biex iqiegħed għajnuna fl-istess livell bħal miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tat-TFUE".

([343]) Il-Kawża C-159/94 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1997] ECLI:EU:C:1997:501, il-punt 41; il-Kawża C-158/94 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1997] ECLI:EU:C:1997:500, il-punt 33; il-Kawża C-157/94 *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands* [1997] ECLI:EU:C:1997:499, il-punt 24.
([344]) Il-Kawża 103/84 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1986] ECLI:EU:C:1986:229, il-punt 19.
([345]) Il-Kawża C-234/99 *Nygård* [2002] ECLI:EU:C:2002:244, il-punt 56; il-Kawża 351/88 *Laboratori Bruneau* [1991] ECLI:EU:C:1991:304, il-punt 7.
([346]) Il-Kawża 18/84 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1985] ECLI:EU:C:1985:175.
([347]) Il-Kawża 21/88 *Du Pont de Nemours Italiana Spa* [1990] ECLI:EU:C:1990:121; il-Kawża 351/88 *Laboratori Bruneau Srl* [1991] ECLI:EU:C:1991:304; il-Kawża C-156/98 *Il-Ġermanja* [2000] ECLI:EU:C:2000:467, il-punt 78, u l-Kawża C-114/00 *Spanja vs Il-Kummissjoni* [2002] ECLI:EU:C:2002:508, il-punt 104.
([348]) Il-Kawża C-379/98 *PreussenElektra* [2001] ECLI:EU:C:2001:160.
([349]) Il-Kawża 74/76 *Ianelli* [1977] ECLI:EU:C:1977:51, il-punt 17.
([350]) Il-Kawża T-57/11 *Castelnou Energía vs il-Kummissjoni* [2014] ECLI:UE: T:2014:1021, il-punt 196.

Mill-ġurisprudenza huwa ċar ukoll li qorti nazzjonali għandha l-kompetenza li tivvaluta jekk skema ta' għajnuna tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li għandhom effett dirett għajr dawk relatati mal-għajnuniet mill-Istat (eż. l-Artikoli 34 sa 36 tat-TFUE; l-Artikolu 63 tat-TFUE ([351])), jekk id-dispożizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu evalwati separatament u ma jkunux neċessarji għall-ksib tal-objettiv jew għall-funzjonament tal-iskema ta' għajnuna biss. ([352]) Konsegwentement, l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE jipprekludu lil qorti nazzjonali milli twettaq evalwazzjoni ta' miżura tal-Istat skont dispożizzjonijiet oħra b'effett dirett, sa fejn din tal-aħħar tkun marbuta mal-funzjonament u mal-għan tal-miżura inkwistjoni.

8.2.5. *L-Artikolu 110 tat-TFUE – Id-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa*

L-Artikolu 110 tat-TFUE (ex Artikolu 90 KE) jissupplimenta d-dispożizzjonijiet dwar it-tneħħija tad-dazji doganali u l-imposti b'effett ekwivalenti. L-għan tiegħu huwa li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Istati Membri f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni billi jelimina kull forma ta' protezzjoni li tista' tirriżulta mill-applikazzjoni ta' tassazzjoni interna li tiddiskrimina kontra prodotti minn Stati Membri oħra ([353]). Fir-rigward tal-Artikolu 34 tat-TFUE, l-Artikolu 110 huwa kkunsidrat bħala *lex specialis*, li jfisser li każijiet koperti bl-Artikolu 110 jeskludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE. Dan kien il-każ fis-sentenza *Kawala* ([354]), fejn il-Qorti ddeċidiet li ħlas għar-reġistrazzjoni għal vetturi użati importati, li huwa ta' natura fiskali, jaqa' taħt l-Artikolu 110 tat-TFUE u li, għalhekk, l-Artikolu 34 tat-TFUE mhuwiex applikabbli. Madankollu, ta' min ifakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita, l-Istati Membri jridu jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom fil-qasam tat-tassazzjoni diretta b'mod li jkun kompatibbli mad-dritt tal-UE u, b'mod partikolari, mal-libertajiet fundamentali ggarantiti bit-Trattat ([355]).

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 tat-TFUE jipprojbixxi lill-Istati Membri kollha milli jimponu fuq il-prodotti tal-Istati Membri l-oħra tassazzjoni interna ogħla minn dik imposta fuq prodotti domestiċi simili. Din id-dispożizzjoni tinkiser meta t-taxxa imposta fuq prodott importat u dik imposta fuq prodott domestiku simili jiġu kkalkolati b'mod differenti abbażi ta' kriterji differenti li jwasslu, anke jekk f'ċerti każijiet biss, għal tassazzjoni ogħla imposta fuq il-prodott importat.

Il-Qorti ddefiniet prodotti simili bħala dawk li jkollhom karatteristiċi simili u li jissodisfaw l-istess ħtiġijiet mill-perspettiva tal-konsumaturi, filwaqt li t-test mhuwiex jekk humiex strettament identiċi iżda jekk l-użu tagħhom huwiex simili u komparabbli. Fil-Kawża *Il-Kummissjoni vs Franza* ([356]), il-Qorti kkunsidrat li s-sigaretti tat-tabakk skur u ċar jistgħu jitqiesu bħala prodotti simili.

Diffikultajiet prattiċi ma jistgħux jintużaw biex jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' tassazzjoni interna li tiddiskrimina kontra prodotti minn Stati Membri oħra ([357]).

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 110 tat-TFUE huwa intiż li jipprevjeni kwalunkwe forma ta' protezzjoniżmu fiskali indirett li taffettwa prodotti minn Stati Membri oħra li, għalkemm mhux simili għall-merkanzija domestika, xorta waħda jikkompetu magħha f'ċertu każijiet. It-tassazzjoni ogħla ta' prodotti minn Stati Membri oħra meta mqabbla ma' merkanzija domestika kompetitriċi hija pprojbita meta tkun tali li jkollha l-effett, fuq is-suq inkwistjoni, li tnaqqas il-konsum potenzjali ta' prodotti importati għall-vantaġġ ta' prodotti domestiċi kompetituri. Fil-Kawża *Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja* ([358]), il-Qorti kkunsidrat li l-inbejjed fil-kategorija intermedja (prinċipalment importati) kellhom numru suffiċjenti ta' karatteristiċi komuni ma' birer qawwijin (prinċipalment domestiċi) biex jitqiesu bħala li jinsabu f'kompetizzjoni ma' birer qawwijin. Madankollu, il-Qorti kkunsidrat f'din il-Kawża li ma kien hemm l-ebda prova li d-differenza fit-trattament tat-taxxa ta' dawk iż-żewġ prodotti setgħet tinfluwenza l-imġiba tal-konsumatur fis-settur ikkonċernat (l-ebda effett protettiv).

F'każijiet fejn imposta tiġi imposta fuq prodotti domestiċi u importati u d-dħul ikun maħsub biex jiffinanzja attivitajiet li jkunu ta' benefiċċju biss għall-prodotti domestiċi, u b'hekk jikkumpensa parzjalment ([359]) il-piż tat-taxxa mġarrab minn din il-merkanzija tal-aħħar, tali imposta tikkostitwixxi tassazzjoni diskriminatorja pprojbita skont l-Artikolu 110 tat-TFUE ([360]).

([351]) Il-Kawża C-598/17 *A-Fonds* [2019] ECLI:EU:C:2019:352.
([352]) *Ibid*, il-punt 47. F'dak is-sens, ara wkoll il-Kawża C-234/99 *Nygård* [2002] ECLI:C:2002:244, il-punt 57.
([353]) Il-Kawża C-91/18 *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* [2019] ECLI:EU:C:2019:600, il-punt 52.
([354]) Il-Kawża C-134/07 *Piotr Kawala vs Gmina Miasta Jaworzna* [2007] ECLI:EU:C:2007:770.
([355]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-591/17 *L-Awstrija vs Il-Ġermanja* [2019] ECLI:EU:C:2019:504, il-punt 56 u l-ġurisprudenza kkwotata.
([356]) Il-Kawża C-302/00 *Il-Kummissjoni vs Franza* [2002] ECLI:EU:C:2002:123.
([357]) Il-Kawża C-221/06 *Stadtgemeinde Frohnleiten* [2007] ECLI:EU:C2007:185, il-punt 70.
([358]) Il-Kawża C-167/05, *Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja* [2008] ECLI:EU:C:2008:202.
([359]) F'każ ta' kkumpensar sħiħ, dik l-imposta tikkostitwixxi imposta b'effett ekwivalenti għal dazju doganali, li tmur kontra l-Artikoli 28 u 30 tat-TFUE.
([360]) Il-Kawża C-76/17 *Petrotel-Lukoil* [2018] ECLI:EU:C:2018:139, il-punti 22-25.

### 8.2.6. *L-Artikolu 351 tat-TFUE*

L-Artikolu 351 tat-TFUE (ex Artikolu 307 KE) jirreferi għad-drittijiet u għall-obbligi skont id-dritt internazzjonali li l-Istati Membri daħlu għalihom qabel l-1958, jew qabel id-data tal-adeżjoni tagħhom, ma' pajjiż terz wieħed jew iktar. Ir-regola hija li dawn id-drittijiet u l-obbligi ma għandhomx jiġu affettwati mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

— Il-ftehim internazzjonali **jrid jirrikjedi u mhux sempliċement jippermetti** lill-Istat Membru jadotta miżura li hija inkompatibbli ma' obbligu ta' dak l-Istat Membru skont id-dritt tal-Unjoni. Fir-rigward tal-Artikolu 34 tat-TFUE, il-Qorti, fil-Kawża C-324/93 ([361]), immappjat il-limiti tal-possibbiltajiet tal-Istati Membri għall-adozzjoni ta' miżuri li jmorru kontra l-obbligi tagħhom skont dak l-Artikolu. Il-problema kienet tikkonċerna r-rifjut tal-għoti ta' liċenzja għall-importazzjoni ta' diamorfina (droga narkotika soġġetta għall-Konvenzjoni Unika tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi) fir-Renju Unit. Il-Qorti ddeċidiet li l-fatt li miżura "setgħet ġiet adottata skont ftehim internazzjonali li kien jeżisti qabel it-Trattat jew l-adeżjoni minn Stat Membru u li l-Istat Membru jżomm il-miżura skont l-Artikolu [351], minkejja l-fatt li tikkostitwixxi ostakolu, ma joħroġhiex mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu [34], billi l-Artikolu [351] japplika biss jekk il-ftehim ikun jimponi fuq Stat Membru obbligu li jkun inkompatibbli mat-Trattat".

  Il-konklużjoni hija li l-Istati Membri jridu jżommu lura milli jadottaw miżuri li jmorru kontra d-dritt tal-UE, b'mod partikolari r-regoli dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, meta l-ftehimiet internazzjonali li jkunu firmatarji għalihom ma jkunux jeħtieġu li jadottaw tali miżuri.

— Il-ftehim ma jikkontestax il-prinċipji li jiffurmaw parti mill-pedamenti stess tal-ordni legali tal-Unjoni.

## 9. L-INFURZAR TAL-ARTIKOLI 34 U 35 TAT-TFUE

### 9.1. Effett dirett – infurzar privat

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34 tat-TFUE hija "obbligatorja u espliċita u l-implimentazzjoni tagħha ma teħtieġ l-ebda intervent sussegwenti mill-Istati Membri jew mill-istituzzjonijiet [tal-Unjoni]". Għalhekk, l-Artikolu 34 tat-TFUE għandu "effett dirett u joħloq drittijiet individwali li l-qrati nazzjonali jridu jipproteġu" ([362]).

Iktar tard il-Qorti ddeċidiet li l-Artikolu 35 tat-TFUE għandu wkoll effett dirett u li d-dispożizzjonijiet tiegħu huma wkoll "direttament applikabbli" u "jikkonferixxu fuq l-individwi drittijiet li l-qrati tal-Istati Membri jridu jipproteġu" ([363]).

L-individwi jistgħu jinvokaw il-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija u d-dritt għalih billi jressqu kawża quddiem qorti nazzjonali. Din tal-aħħar tista' tirrifjuta li tapplika kwalunkwe regola nazzjonali li hi tikkunsidra li tmur kontra l-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE. Il-qrati nazzjonali jista' jkollhom ukoll jevalwaw sa liema punt ostakolu għall-importazzjonijiet jew għall-esportazzjonijiet jista' jkun ġustifikat f'termini ta' rekwiżiti obbligatorji jew objettivi ta' interess pubbliku elenkati fl-Artikolu 36 tat-TFUE.

### 9.2. SOLVIT

SOLVIT huwa network (www.europa.eu/solvit) li għandu l-għan li jsolvi l-problemi kkawżati mill-applikazzjoni ħażina tad-dritt tas-suq intern mill-awtoritajiet pubbliċi ([364]). Għal dan l-iskop, l-Istati Membri kollha taż-ŻEE stabbilew iċ-ċentri SOLVIT tagħhom stess, li jikkomunikaw direttament permezz ta' bażi tad-*data* online. Iċ-ċentri SOLVIT huma parti mill-amministrazzjoni nazzjonali u huma ddedikati biex jipprovdu soluzzjonijiet għall-problemi kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji fi żmien perjodu ta' għaxar ġimgħat. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2001 ([365]) approvata mill-Kunsill tistabbilixxi r-regoli ta' proċedura fil-qafas ta' SOLVIT. Il-Kummissjoni Ewropea tissorvelja n-network u, jekk ikun meħtieġ, tgħin biex titħaffef ir-riżoluzzjoni tal-ilmenti. Fl-2018, SOLVIT ittratta iktar minn 2 000 każ b'rata ta' riżoluzzjoni f'dik is-sena ta' 90 %.

([361]) Il-Kawża C-324/93 *Ir-Reġina vs Is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Interni, ex parte Evans Medical u Macfarlan Smith* [1995] ECLI:EU:C:1995:84.

([362]) Il-Kawża 74/76 *Iannelli vs Meroni* [1977] ECLI:EU:C:1977:51.

([363]) Il-Kawża 83/78 *Pigs Marketing Board vs Redmond* [1978] ECLI:EU:C:1978:214.

([364]) Informazzjoni addizzjonali fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Pjan ta' Azzjoni dwar ir-rinfurzar ta' SOLVIT (COM (2017) 255) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prinċipji li jirregolaw SOLVIT (C(2013) 5869).

([365]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2001 fuq prinċipji għall-użu ta' "SOLVIT" – in-Network għas-Soluzzjoni ta' Problemi fis-Suq Intern (C(2001) 3901) (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 79).

Barra minn hekk, iddaħħlet proċedura ġdida għas-soluzzjoni ta' problemi b'rabta ma' SOLVIT permezz tar-Regolament (UE) 2019/515 dwar ir-rikonoxximent reċiproku. L-Artikolu 8 tar-Regolament jistabbilixxi proċedura li tapplika għal każijiet fejn l-awtoritajiet nazzjonali jkunu ħarġu deċiżjoni amministrattiva. Huwa possibbli li ċ-ċentru SOLVIT involut f'din il-proċedura jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-kompatibbiltà ta' deċiżjoni amministrattiva u li toħroġ opinjoni. Din il-proċedura tinvolvi skadenzi itwal mill-proċedura SOLVIT tas-soltu.

## 9.3. Proċeduri ta' ksur skont l-Artikoli 258 u 260 tat-TFUE

### 9.3.1. *Proċedura ta' ksur*

Fir-rwol tagħha ta' "gwardjan tat-Trattat", il-Kummissjoni tista', filwaqt li taġixxi fuq ilment jew fuq inizjattiva tagħha stess, tibda proċeduri ta' ksur kontra Stat Membru li jitqies li naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu fir-rigward tad-dritt tal-UE.

L-Artikolu 258 tat-TFUE (ex Artikolu 226 KE) jipprevedi stadji formali tal-proċedura ta' ksur. L-ewwel stadju huwa li tintbagħat Ittra ta' Intimazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat, fejn jintalab jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu sa data speċifikata, normalment fi żmien xahrejn.

Fid-dawl tat-tweġiba jew tal-assenza tagħha, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tindirizza Opinjoni Motivata lill-Istat Membru. L-Opinjoni Motivata tistabbilixxi għaliex il-Kummissjoni tikkunsidra li seħħ ksur tad-dritt tal-UE, u tappella biex l-Istat Membru jikkonforma mad-dritt tal-UE sa data speċifikata, normalment fi żmien xahrejn. Jekk l-Istat Membru jonqos milli jikkonforma mad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE sabiex tikseb dikjarazzjoni li jkun inkiser id-dritt tal-UE.

L-Ittra ta' Intimazzjoni u l-Opinjoni Motivata maħruġa mill-Kummissjoni jiddelimitaw is-suġġett tal-kawża, sabiex wara dan ma jkunx jista' jiġi estiż. Konsegwentement, l-Opinjoni Motivata u l-proċeduri mressqa mill-Kummissjoni jridu jkunu bbażati fuq l-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fl-ittra ta' intimazzjoni li tibda l-proċedura prekontenzjuża ([366]).

Fejn il-Qorti tikkonstata fid-deċiżjoni finali tagħha dwar il-kwistjoni li jkun inkiser id-dritt tal-UE, l-Istat Membru kkonċernat ikun meħtieġ jieħu l-miżuri neċessarji biex jikkonforma mas-sentenza. Jekk il-ksur jippersisti, il-Kummissjoni tista' terġa' tressaq il-każ quddiem il-Qorti u titlob l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji (ħlas ta' somma f'daqqa u pagamenti ta' penali ta' kuljum). Il-proċedura għat-tieni tressiq quddiem il-Qorti hija stabbilita fl-Artikolu 260(2) tat-TFUE. Skont din il-proċedura u diment li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma mas-sentenza tal-Qorti, il-Kummissjoni (1) tibgħat ittra lill-Istat Membru dwar l-obbligu tiegħu li jikkonforma; (2) imbagħad tibgħat Ittra ta' Intimazzjoni u finalment (3) tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti (it-tieni tressiq quddiem il-Qorti). Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ikkonforma mal-ewwel sentenza tagħha, tista' timponi sanzjonijiet finanzjarji. Dawn is-sanzjonijiet finanzjarji huma maħsuba biex ikollhom effett ta' deterrent u biex iħeġġu lill-Istati Membri jikkonformaw mad-dritt tal-UE malajr kemm jista' jkun ([367]).

### 9.3.2. *Ilmenti*

Kull min iqis li miżura minn Stat Membru tmur kontra l-Artikoli 34-36 tat-TFUE jista' jressaq ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea. Fil-fatt, proporzjon kbir mill-proċeduri ta' ksur relatati mal-moviment liberu tal-merkanzija jinbdew mill-Kummissjoni wara li jkun sarilha lment. Komunikazzjonijiet suċċessivi tal-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet mal-ilmentatur rigward ksur tad-dritt tal-UE ([368]) jistabbilixxu r-regoli dwar l-immaniġġar tal-ilmenti.

---

([366]) Il-Kawża C-457/07 *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* [2009] ECLI:EU:C:2009:531, il-punt 55.

([367]) Għal iktar informazzjoni dwar il-proċedura ta' ksur u l-metodu għall-kalkolu tas-sanzjonijiet finanzjarji, ara: https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/applying-eu-law/infringement-procedure_mt.

([368]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mal-ilmentatur rigward ksur tad-dritt Komunitarju (COM(2002) 141 final). Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew — L-aġġornament tal-immaniġġar tar-relazzjonijiet mal-ilmentatur rigward l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (COM(2012) 154 final). Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Id-dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar (C(2016)8600), (ĠU C 18, 19.1.2017, p. 10).

L-ilmenti jitressqu bl-użu tal-formola standard għall-ilmenti. Il-formola għall-ilmenti hija disponibbli mill-Kummissjoni fuq talba jew online mis-sit web Europa ([369]). L-ilmenti jridu jitressqu online, jew bil-miktub b'ittra lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fl-indirizz "1049 Brussell, Il-Belġju" jew għandhom jsiru f'wieħed mill-uffiċċji tal-Kummissjoni fl-Istati Membri. Il-formola standard għall-ilmenti tista' titressaq online jew tintbagħat bil-posta bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE.

Il-Kummissjoni tibgħat konferma inizjali lill-ilmentatur li rċeviet l-ilment fi żmien 15-il jum tax-xogħol. Fi żmien xahar minn din il-konferma, il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk l-ilment li tressaq għandux jiġi rreġistrat.

Filwaqt li l-ilmentatur mhuwiex parti formali għal kwalunkwe proċedura mibdija kontra Stat Membru, ta' min jinnota li jgawdi minn xi drittijiet amministrattivi importanti:

— Il-Kummissjoni ma tiżvelax l-identità tiegħu sakemm ma jkunx qabel b'mod espliċitu mal-iżvelar.

— Il-Kummissjoni se taħdem biex tieħu deċiżjoni dwar is-sustanza (jew biex tiftaħ il-proċeduri ta' ksur jew biex tagħlaq il-każ) fi żmien tnax-il xahar mir-reġistrazzjoni tal-ilment.

— Il-Kummissjoni żżomm lill-ilmentatur informat dwar il-passi ewlenin fil-proċess. Dan jiġi nnotifikat bil-quddiem mis-servizz rilevanti tal-Kummissjoni jekk tkun qed tippjana li tagħlaq il-każ, u b'hekk ikun jista' jirreaġixxi billi jipprovdi fatti jew elementi ġodda.

— Jekk, wara investigazzjoni, il-Kummissjoni tqis li tabilħaqq jista' jkun hemm ksur tad-dritt tal-UE, tista' tiddeċiedi li tiftaħ proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE.

Bħala gwardjan tat-Trattat, il-Kummissjoni hija viġilanti ħafna biex tiżgura l-konformità ġenerali mad-dritt tal-UE u biex timmonitorja l-osservanza tal-Istati Membri mar-regoli u mal-obbligi stabbiliti fit-Trattat jew fil-leġiżlazzjoni sekondarja. Madankollu, minħabba raġunijiet differenti, proċeduri legali bħal proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE mhux dejjem jistgħu jipprovdu l-aħjar mezzi disponibbli biex tiġi indirizzata kwistjoni partikolari. Għalhekk huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni, anke jekk hija impenjata għalkollox fir-rwol tagħha ta' superviżjoni tal-osservanza tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri, tgawdi minn marġni wiesa' ta' diskrezzjoni dwar jekk tiftaħx proċeduri ta' ksur jew le ([370]).

## 10. L-ISTRUMENTI RELATATI TAD-DRITT SEKONDARJU

### 10.1. Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika ([371])

Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tobbliga lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-kontropartijiet tagħhom dwar kwalunkwe abbozz ta' regolamenti tekniċi relatati mal-merkanzija jew mas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni qabel ma jiġu adottati. Il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u t-Turkija jinnotifikaw ukoll ir-regolamenti tekniċi tagħhom skont is-Sistema ta' Informazzjoni dwar ir-Regolamentazzjoni Teknika (TRIS).

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri joperaw permezz ta' sistema ta' kontroll preventiv. Matul il-perjodi ta' sospensjoni, l-Istati Membri jridu jżommu lura milli jadottaw l-abbozzi ta' regolamenti nnotifikati tagħhom għal minn tal-inqas tliet xhur waqt li jkunu qed jiġu eżaminati. Matul dan il-perjodu, tista' ssir diskussjoni bilaterali mal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Jekk jinstab li l-abbozz ta' regolament jikser id-dritt tas-suq intern tal-UE, il-perjodu ta' sospensjoni jista' jiġi estiż sa sitt xhur. Estensjoni sa 18-il xahar tista' tiġi imposta wkoll permezz ta' deċiżjoni ta' mblukkar jekk il-Kunsill jadotta pożizzjoni dwar l-istess kwistjoni koperta mill-abbozz ta' regolament innotifikat ([372]).

([369]) https://ec.europa.eu/assets/sg/report-a-breach/complaints_mt/; https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/complaints-about-breaches-eu-law/how-make-complaint-eu-level_mt#submitting-a-complaint-online

([370]) Il-Kawża 200/88 *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* [1990] ECLI:EU:C:1990:346; Ordni fil-Kawża T-47/96 [1996] ECLI:EU:C:1996:164, il-punt 42; ara wkoll l-Ordni fil-Kawża T-177/05 *Il-Finlandja vs Il-Kummissjoni* tad-9 ta' Jannar 2006, il-punti 37-40.

([371]) ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1.

([372]) Ara l-Artikoli 5-6 tad-Direttiva.

Għalhekk, il-proċedura telimina kwalunkwe ostakolu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern saħansitra qabel ma jfeġġ, u b'hekk tiġi evitata azzjoni retroattiva, li dejjem hija iktar ta' piż.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenzi *CIA Security* u *Unilever* ([373])), kwalunkwe regolament tekniku li ma kienx ġie nnotifikat fl-istadju tal-abbozz jew li kien ġie adottat matul il-perjodu ta' sospensjoni obbligatorju ma jistax jiġi applikat u għalhekk infurzat mit-tribunali nazzjonali kontra individwi. Dan ġie sussegwentement ikkonfermat mill-Qorti ([374]).

## 10.2. **Ir-Regolament (UE) 2019/515 – Ir-Regolament dwar ir-"Rikonoxximent Reċiproku"**

Fl-2008, il-leġiżlatur tal-UE adotta r-Regolament (KE) Nru 764/2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor. L-objettiv ewlieni ta' dan ir-Regolament kien li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-awtoritajiet nazzjonali u tan-negozji meta dawn tal-ewwel ikollhom l-intenzjoni li jirrifjutaw l-aċċess għas-suq ta' prodott ikkummerċjalizzat legalment fi Stat Membru ieħor. Ir-Regolament poġġa l-oneru tal-provi fuq l-awtoritajiet nazzjonali li jkollhom l-intenzjoni li jiċħdu l-aċċess għas-suq, u jeħtieġ li jindikaw ir-raġuni teknika jew xjentifika għall-intenzjoni tagħhom li jiċħdu l-aċċess tal-prodott għas-suq nazzjonali. L-operatur ekonomiku ngħata l-opportunità li jiddefendi l-każ tiegħu u jippreżenta argumenti sodi lill-awtoritajiet kompetenti.

Ir-Regolament stabbilixxa wkoll "Punti ta' Kuntatt tal-Prodott" f'kull Stat Membru, li jipprovdu informazzjoni dwar ir-regoli tekniċi dwar il-prodotti u l-implimentazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għall-intrapriżi u għall-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra.

Mid-19 ta' April 2020, ir-Regolament (UE) 2019/515 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kkummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor ħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008.

Ir-Regolament (UE) 2019/515 għandu l-għan li jtejjeb iċ-ċertezza tad-dritt għan-negozji u għall-awtoritajiet nazzjonali. Jintroduċi d-dikjarazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku (awtodikjarazzjoni) biex l-operaturi ekonomiċi juru li l-merkanzija kienet ikkummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor, jistabbilixxi proċedura ġdida għas-soluzzjoni ta' problemi li tibni fuq SOLVIT, jipprevedi kooperazzjoni amministrattiva iktar mill-qrib u għodda tal-IT komuni biex jittejbu l-komunikazzjoni, il-kooperazzjoni u l-fiduċja fost l-awtoritajiet nazzjonali.

Dokument ta' gwida separat jispjega f'iktar dettall ir-Regolament (UE) 2019/515.

## 10.3. **Ir-Regolament (KE) Nru 2679/98 – Ir-Regolament "dwar il-frawli"**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri ([375]) jipprevedi proċeduri speċjali biex jiġu indirizzati l-ostakoli serji għall-moviment liberu tal-merkanzija fost l-Istati Membri li jikkawżaw telf kbir għall-individwi affettwati u li jeħtieġu azzjoni immedjata. Dawk l-ostakoli jistgħu, pereżempju, ikunu r-riżultat ta' passività tal-awtoritajiet nazzjonali quddiem azzjoni vjolenti minn individwi jew imblokkar mhux vjolenti tal-fruntieri, jew azzjoni minn Stat Membru, bħal bojkott istituzzjonalizzat ta' prodotti importati.

Ir-Regolament jipprevedi proċedura ta' allert u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Ifakkar ukoll lill-Istati Membri fl-obbligu tagħhom li jadottaw miżuri neċessarji u proporzjonati biex jiżguraw il-moviment liberu tal-merkanzija u biex jinformaw lill-Kummissjoni dwar dan, u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tibgħat notifika lill-Istat Membru kkonċernat li fiha titlob li dawk il-miżuri jiġu adottati fi skadenza stretta ħafna ([376]).

---

([373]) Il-Kawża C-194/94 *CIA Security* [1996] ECLI:EU:C:1996:172; il-Kawża C-443/98 *Unilever* [2000] ECLI:EU:C:2000:496.

([374]) Il-Kawża C-20/05 *Schwibbert* [2007] ECLI:EU:C:2007:652; il-Kawża C-390/18 *Airbnb Ireland* [2019] ECLI:EU:C:2019:1112.

([375]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri, ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8-9.

([376]) Għal iktar informazzjoni, ara https://ec.europa.eu/growth/single-market/barriers-to-trade/physical_mt u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2019) 371 final.

*ANNESS*

# APPLIKAZZJONI TERRITORJALI

## Territorji msemmija fl-Artikolu 52(1) tat-TUE li għalihom japplika l-Artikolu 34 tat-TFUE, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

*It-territorju tas-27 Stati Membri tal-UE fosthom:*

**Il-Gżejjer Åland** (provinċja awtonoma tal-Finlandja).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(4) tat-TFUE (ex Artikolu 299(5) KE).

**Il-Gżejjer Azores** (reġjun awtonomu tal-Portugall). Magħmula minn São Miguel, Pico, Terceira, São Jorge, Faial, Flores, Santa Maria, Graciosa, Corvo.

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(1) tat-TFUE (ex Artikolu 299(2) KE).

**Il-Gżejjer Kanarji** (komunità awtonoma ta' Spanja). Magħmula minn Tenerife, Fuerteventura, Gran Canaria, Lanzarote, La Palma, La Gomera, El Hierro.

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(1) tat-TFUE (ex Artikolu 299(2) KE).

**Il-Guyana Franċiża** (reġjun extra-Ewropew ta' Franza).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(1) tat-TFUE (ex Artikolu 299(2) KE).

**Guadeloupe** (reġjun extra-Ewropew ta' Franza).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(1) tat-TFUE (ex Artikolu 299(2) KE).

**Madeira** (reġjun awtonomu tal-Portugall). Magħmula minn Madeira, Porto Santo, il-Gżejjer Desertas, il-Gżejjer Savage.

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(1) tat-TFUE (ex Artikolu 299(2) KE).

**Martinique** (reġjun extra-Ewropew ta' Franza).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(1) tat-TFUE (ex Artikolu 299(2) KE).

**Mayotte** (reġjun extra-Ewropew ta' Franza).

Bażi Ġuridika: Artikolu 355(1) TFUE.

**Réunion** (reġjun extra-Ewropew ta' Franza).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(1) tat-TFUE (ex Artikolu 299(2) KE).

**Saint-Martin** (Kollettività extra-Ewropea ta' Franza)

Bażi Ġuridika: Artikolu 355(1) TFUE.

*Territorji b'rabtiet ma' Stati Membri tal-UE li għalihom ma japplikax l-Artikolu 34 tat-TFUE:*

**Aruba** (Pajjiż Kostitwenti tan-Netherlands).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(2) tat-TFUE (ex Artikolu 299(3) KE).

**Ceuta u Melilla** (Bliet Awtonomi taħt is-Sovranità Spanjola).

Bażi Ġuridika: Minħabba l-formulazzjoni tal-Artikoli 24 u 25 tal-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja għall-UE ([1]), għalkemm l-Artikolu 34 tat-TFUE probabbilment japplika għal merkanzija li tidħol f'dawn it-territorji mill-bqija tal-UE, ma jidhirx li japplikaw għal merkanzija li toriġina minn Ceuta u Melilla li tidħol fil-bqija tal-UE. Għalhekk ma jidhirx li l-Artikolu 34 tat-TFUE jestendi għal merkanzija li toriġina minn Ceuta u Melilla.

([1]) ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23.

**Il-Gżejjer Faeroe** (provinċja awtonoma tad-Danimarka).

Għalkemm id-Danimarka hija responsabbli għar-relazzjonijiet esterni tat-18-il gżira li jifformaw dan it-territorju, hija żżomm grad għoli ta' awtogovernanza u t-TFUE jiddikjara espressament li dawn il-gżejjer jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni territorjali tiegħu.

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(5)(a) tat-TFUE (ex Artikolu 299(6)(a) KE).

**Il-Polineżja Franċiża** (Kollettività Extra-Ewropea ta' Franza).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(2) tat-TFUE (ex Artikolu 299(3) KE).

**It-territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika** (Territorju Extra-Ewropew ta' Franza).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(2) tat-TFUE (ex Artikolu 299(3) KE).

**L-Antilli Olandiżi** (Pajjiż Kostitwenti tan-Netherlands). Magħmula minn Bonaire, Curaçao, Saba, Sint Eustatius u Sint Maarten.

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(2) tat-TFUE (ex Artikolu 299(3) KE).

**New Caledonia u d-Dipendenzi tagħha** (Kollettività *sui generis* ta' Franza). Inkluża gżira ewlenija (*Grande Terre*), il-Gżejjer Loyalty u diversi gżejjer iżgħar.

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(2) tat-TFUE (ex Artikolu 299(3) KE).

**Saint Pierre u Miquelon** (Kollettività Extra-Ewropea ta' Franza).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(2) tat-TFUE (ex Artikolu 299(3) KE).

**Saint Barthélemy** (Kollettività Extra-Ewropea ta' Franza)

Bażi Ġuridika: Artikolu 355(2) TFUE.

**Il-Gżejjer Wallis u Futuna** (Kollettività Extra-Ewropea Franċiża).

Bażi Ġuridika: L-Artikolu 355(2) tat-TFUE (ex Artikolu 299(3) KE).

Finalment, il-pajjiżi membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT